# 2018-153 REV 4

**REV. 3 ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija fid-19 ta' Novembru 2019**
**REV. 4 ġiet adottata permezz ta' deċiżjoni tal-ED fl-10 ta' Frar 2020**

**DOKUMENT UNIKU TA' PROGRAMMAR 2020-2022**

| | |
|---|---|
| Mingħand | Id-Direttur Eżekuttiv |
| Lil | Bord tat-Tmexxija |
| Dok. Preċ. | |
| Suġġett | Dokument Uniku ta' Programmar tal-eu-LISA 2020-2022 |

# Dokument Uniku ta' Programmar tal-eu-LISA

2020-2022

# Werrej

**Daħla** 7

**Abbrevjazzjonijiet u akronimi** ........ 8

**Dikjarazzjoni tal-missjoni** ........ 11

**Taqsima I Kuntest ġenerali** ........ 13

**Taqsima II Programmar pluriennali 2020-2022** ........ 15

1. Objettivi pluriennali ........ 15

1.1. Għanijiet strateġiċi 2018-2022 ........ 15

1.2. L-objettivi pluriennali strateġiċi 2020-2022 ........ 16

2. Programm pluriennali 2020-2022 ........ 25

*2.1.1. It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti* ........ 25

*2.1.2. It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni* ........ 29

*2.1.3. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda* ........ 30

*2.1.4. Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju* ........ 32

*2.1.5. Attivitajiet ta' appoġġ għan-negozju ewlieni* ........ 33

*2.1.6. Governanza korporattiva* ........ 35

*2.1.7. Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni* ........ 37

*2.1.8. Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà* ........ 39

*2.1.9. Servizzi korporattivi* ........ 39

*2.1.10. Ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani* ........ 41

*2.1.11. Protezzjoni tad-data* ........ 42

3. Prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għas-snin 2020-2022 ........ 44

3.1 *Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali.* ........ 44

*3.1.1 Ħarsa ġenerali lejn il-persunal għall-2018 u għall-2019* ........ 44

*3.1.2 Infiq għall-2018* ........ 45

3.2 *L-ipprogrammar tar-riżorsi għas-snin 2020-2022* ........ 47

*3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji* ........ 47

*3.2.2 Riżorsi umani* ........ 47

Taqsima III Programm ta' Ħidma għas-Sena 2020 ........ 55

1. Sommarju eżekuttiv ........ 55

2. Attivitajiet fl-2020 ........ 62

2.1. Attivitajiet operattivi taż-żamma tal-istatus quo ........ 62

2.1.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1 ........ 62

*2.1.1.1. Manutenzjoni tal-Eurodac* ........ 62

*2.1.1.2. Manutenzjoni ta' DubliNet* ..... 63

*2.1.1.3. Manutenzjoni tal-VIS/BMS* ..... 64

*2.1.1.4. Manutenzjoni tas-SIS* ..... 65

*2.1.1.5. Manutenzjoni tal-AFIS tas-SIS* ..... 66

*2.1.1.6. Appoġġ tas-SIS għall-Istati Membri* ..... 66

*2.1.1.7. Appoġġ tat-tieni livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi ewlenin tan-negozju* ..... 67

*2.1.1.8. Evoluzzjonijiet mhux ippjanati tas-SIS (inkluż l-implimentazzjoni ta' parallelizzazzjoni tad-DCCs, studju dwar algoritmu u/jew teknoloġiji tat-tqabbil aħjar)* ..... 68

*2.1.1.9. Appoġġ tal-ewwel livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi - Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA* ..... 69

*2.1.1.10. Manutenzjoni tas-CSI* ..... 70

*2.1.1.11. Koordinazzjoni operattiva/koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' kuljum tas-sistema u kompiti kondiviżi* ..... 70

*2.1.1.12. Attivitajiet ta' ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet* ..... 71

*2.1.1.13. Ġestjoni tal-liċenzji* ..... 72

*2.1.1.14. Ġestjoni tal-operat ta' kuljum tal-Unità Ċentrali/tal-Unità Ċentrali ta' Backup (CU/BCU)* ..... 73

*2.1.1.15. Provvista tas-servizzi ta' network* ..... 73

*2.1.1.16. It-tmexxija operattiva regolari tal-kuntratti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwiżizzjoni, tiġdid, ġestjoni tal-kuntratti)* ..... 75

*2.1.1.17. Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-eżerċizzji tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju* ..... 76

*2.1.1.18. It-twassil tas-servizz tas-sigurtà u tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni għas-sistemi ewlenin tan-negozju* ..... 77

*2.1.1.19. Implimentazzjoni tal-pjan ta' taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija* ..... 78

2.1.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2 ..... 79

*2.1.2.1. Titjib fil-Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjonijiet* ..... 79

2.1.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3 ..... 80

2.1.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4 ..... 80

*2.1.4.1. Servizzi ta' titjib fis-servizz u rieżamijiet tal-proċessi kontinwi* ..... 81

*2.1.4.2. Tmexxija tal-proċessi tal-qafas tal-ITSM u rapportar regolari tal-eu-LISA* ..... 81

*2.1.4.3. Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA dwar l-operazzjonijiet (taħriġ tekniku) u ġestjoni tal-għarfien* 82

2.2. Attivitajiet ta' proġett operattiv ..... 84

2.2.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1 ..... 84

*2.2.1.1. Implimentazzjoni ta' qafas legali ġdid tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)* ..... 84

*2.2.1.2. Deċiżjoni ta' ritorn tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)* ..... 85

2.2.1.3. *Tkabbir fil-bażi ta' data tal-BMS (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 86

2.2.1.4. *Aġġornament ġdid tal-magna tat-tiftix u ta' Oracle għas-SIS, it-titjib tad-disponibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 87

2.2.1.5. *Implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 88

2.2.1.6. *Riformulazzjoni tal-Eurodac – implimentazzjoni tar-rikonoxximent tal-wiċċ fil-Eurodac ibbażata fuq l-eżiti ta' studju* ........ 90

2.2.1.7. *Estensjoni tal-ambjent ta' ttestjar (TST) għal 100 % tal-ambjent ta' qabel il-produzzjoni (PPE) (Fażi 1) (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 91

2.2.1.8. *SIS - Tmexxija tas-servizz ta' backup tas-sistema ċentrali għal-Libreriji tat-Tejps Virtwali* ........ 92

2.2.1.9. *Tmexxija tal-Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (PPE) tas-SIS minn Ġewwa l-Muntanja (ITM) għal Barra mill-Muntajna (OTM)* ........ 93

2.2.1.10. *Modulu/interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessjoni tas-SIS għall-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS* ........ 95

2.2.1.11. *Konformità tal-Eurodac mas-servizzi tas-CSI/CSS* ........ 96

2.2.1.12. *Emendi tar-Regolament VIS (tħejjija għall-implimentazzjoni)* ........ 98

2.2.1.13. *Implimentazzjoni tal-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 98

2.2.1.14. *Implimentazzjoni tal-ABIS għas-SIS (rikonoxximent tal-wiċċ)* ........ 99

2.2.1.15. *Kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' riorganizzazzjoni taċ-ċentru tad-data (DC)* ........ 100

2.2.1.16. *Integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, b'mod li jkunu koperti s-sistemi kollha li qed jitħaddmu* ........ 101

2.2.1.17. *Perimetru tan-network unifikat fuq żona wiesgħa – studju u disinn (kontinwazzjoni mill-2019)* 102

2.2.1.18. *Tmexxija tal-konnessjonijiet tad-WAN tas-sistemi ċentrali* ........ 104

2.2.1.19. *ETIAS - interkonnessjoni mal-Interpol u mal-Frontex* ........ 104

2.2.1.20. *Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid* ........ 105

2.2.1.21. *Implimentazzjoni tad-WAN tal-ETIAS* ........ 106

2.2.1.22. *Sistema Awtomatizzata ta' Dublin (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 107

2.2.1.23. *Implimentazzjoni tal-EES (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 108

2.2.1.24. *L-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 110

2.2.1.25. *Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (kontinwazzjoni mill-2019)* ........ 111

2.2.1.26. *L-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE* ........ 112

2.2.1.27. *Repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-manutenzjoni tal-istatistika u l-allinjament mar-rekwiżiti legali għall-interoperabbiltà* ........ 114

2.2.1.28. *Eżerċizzju kombinat ta' rkupru minn diżastri għas-SIS, għall-VIS u għall-Eurodac* ........ 115

2.2.1.29. *Implimentazzjoni tal-Fażi 4 tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni tas-Sigurtà: disinn u implimentazzjoni tal-awtentikazzjoni b'fatturi multipli għan-network tal-EUWS* ........ 117

2.2.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2 ..... 118

*2.2.2.1. Integrazzjoni tal-Ġestjoni tal-Assi mal-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni (kontinwazzjoni mill-2019)* ..... 118

2.2.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3 ..... 119

2.2.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4 ..... 120

2.3. Attivitajiet orizzontali ..... 120

2.3.1. Governanza korporattiva u bini ta' kapaċità ..... 120

2.3.2. Appoġġ eżekuttiv u relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ..... 122

2.3.3. Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà ..... 124

2.3.4. Ġestjoni tar-riżorsi umani ..... 125

*2.3.5. Protezzjoni tad-data* ..... 127

*2.3.6. Servizzi korporattivi* ..... 128

*2.3.7. L-estensjoni tal-bini operattiv fi Strasburgu sabiex jospita l-proġetti attwali u futuri* ..... 130

*2.3.8. Attivitajiet ta' sigurtà orizzontali* ..... 133

*2.3.9. Attivitajiet tal-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO)* ..... 135

*2.3.10. L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali* ..... 136

Anness I: Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività 2020-2022 ..... 138

Anness II: Riżorsi finanzjarji 2020-2022 ..... 158

Anness III: Riżorsi umani – popolazzjoni tal-persunal ..... 163

Anness IV: Riżorsi umani ..... 167

Anness V: Binjiet ..... 179

Anness VI: Privileġġi u immunitajiet ..... 182

Anness VII: Evalwazzjonijiet ..... 184

Anness VIII: Riskji fl-2020 ..... 186

Anness IX: Pjan ta' akkwist għall-2020 ..... 189

Anness X: Organigramma 2018-2020 ..... 191

Anness XI: FLS standard ..... 195

Anness XII: Indikaturi tal-livell ta' servizz komuni ..... 196

# Daħla

L-għan tad-Dokument Uniku ta' Programmar 2020-2022 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) huwa li jiggwida u jintegra l-isforzi tal-Aġenzija fl-2020, kif ukoll li jipprovdi perspettiva aktar fit-tul – sal-2022 – tal-attivitajiet u tal-proġetti ppjanati għall-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha. Dan tfassal sabiex jallinja r-riżorsi finanzjarji u umani mal-attivitajiet legalment vinkolanti li jirriżultaw mir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija u mal-għanijiet u mal-objettivi strateġiċi stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija.

Għall-2020, l-Aġenzija stabbilixxiet żewġ oqsma ta' prijorità għolja:

**Prijoritajiet ewlenin tan-negozju:**

- iż-żamma ta' prestazzjoni u ta' disponibbiltà ta' livell għoli fis-sistemi;
- l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-riformulazzjoni għas-sistemi ewlenin tan-negozju;
- l-iżvilupp ta' sistemi ġodda;
- l-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà[1];
- it-twettiq tat-tieni fażi tar-rikostruzzjoni tas-sit fi Strasburgu, inkluż iċ-ċentru tad-*data*.

**Prijoritajiet organizzazzjonali orizzontali:**

- iż-żieda tal-valur miżjud tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-Aġenzija u l-iżgurar ta' azzjonijiet korrettivi u ta' titjib sistematiċi u effettivi fil-qasam tal-konformità[2];
- it-tisħiħ, l-iżvilupp u l-inkorporazzjoni tal-qafas strateġiku tal-kontinwità tan-negozju fin-nisġa organizzazzjonali;
- l-iżvilupp tal-ambjent u tal-kultura tat-tagħlim, l-iżvilupp tar-rwol tal-HR fis-sħubijiet tan-negozju u t-tisħiħ tal-iżvilupp u taż-żamma tal-persunal;
- it-tkomplija tal-introduzzjoni tal-mudell ta' kompetenza sabiex jiġi żgurat li "n-nies it-tajba jkunu fl-impjieg it-tajjeb";
- il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara t-tibdil, it-tkabbir u t-trasformazzjoni.

L-objettiv primarju ta' dan id-dokument uniku ta' programmar jinqasam fi tnejn: l-ewwel nett, se jipprovdi lill-persunal tal-eu-LISA bi gwida dwar il-prijoritajiet tal-Aġenzija u jassisti lid-diversi dipartimenti, unitajiet u setturi fl-ippjanar ta' ħidmiethom, b'kunsiderazzjoni tar-Regolament rivedut li stabbilixxa l-Aġenzija[3]; it-tieni, se jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija b'garanzija viżibbli li l-eu-LISA tieħu approċċ strutturat u konsistenti għall-implimentazzjoni tal-mandat tagħha. Bħala objettiv sekondarju, id-dokument ser iservi bħala bażi għad-deċiżjonijiet ta' finanzjament għall-attivitajiet tal-Aġenzija fil-perjodu ta' programmazzjoni.

---

1 Regolament (UE) 2019/817 u Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-135.

2 Konformità mar-rekwiżiti tal-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF).

3 Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

# Abbrevjazzjonijiet u akronimi

| | |
|---|---|
| AFIS | Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' |
| AG | Grupp Konsultattiv |
| AK | Aġent Kuntrattwali |
| AT | Aġent Temporanju |
| BCU | Unità Ċentrali ta' Backup – ċentru ta' backup f'St. Johann im Pongau |
| BMS | Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika |
| CAF | Qafas Komuni ta' Valutazzjoni |
| CBS | Sistemi ewlenin tan-negozju operati mill-eu-LISA |
| CIR | Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità |
| CRRS | Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika |
| CS | Sistema Ċentrali |
| CSD | Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi |
| CSI | Infrastruttura Kondiviża Komuni |
| CSS | Servizzi Kondiviżi Komuni |
| CSU | Unità tas-Servizzi Korporattivi |
| CU | Unità Ċentrali – iċ-ċentru tad-*data* ewlieni fi Strasburgu |
| DAS | Sistema Awtomatizzata ta' Dublin |
| DC | Ċentru tad-*Data* |
| DCC | Verifika tal-Konsistenza tad-*Data* |
| DĠ DIGIT | Direttorat Ġenerali għall-Informatika |
| DP | Protezzjoni tad-*Data* |
| DubliNet | Netwerk ta' Komunikazzjoni għall-Eurodac |
| EASO | Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil |
| ECRIS-TCN | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi |
| EES | Sistema ta' Dħul/Ħruġ |
| ENS | Espert Nazzjonali Sekondat |
| EPMO | Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża |
| ESP | Portal Ewropew tat-Tiftix |
| ETIAS | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar |
| eu-LISA | Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja |
| Eurojust | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali |
| Europol | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi |
| EUWS | Stazzjon tax-Xogħol tal-Utent Finali |
| FG | Grupp ta' Funzjonijiet |
| FLS | Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz |
| FPU | Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti |
| Frontex | Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta |
| FTE | Ekwivalenti għall-Full-Time |
| FwC | Kuntratt Qafas |
| ĠAI | Ġustizzja u Affarijiet Interni |
| ĠU | Ġurnal Uffiċjali |
| GCD | Dipartiment ta' Koordinazzjoni Ġenerali |
| GCU | Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet |
| HQ | Kwartieri Ġenerali |

| | |
|---|---|
| HRU | Unità tar-Riżorsi Umani |
| IA | Valutazzjoni tal-Impatt |
| IAC | Kapaċità tal-Awditjar Intern |
| IAS | Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea |
| ICD | Dokument ta' Kontroll tal-Interfaċċa |
| ICF | Qafas ta' Kontroll Intern |
| ICT | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| IMU | Unità ta' Ġestjoni tal-Infrastruttura |
| ITIL | Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| ITM | Fil-Muntanja (japplika għat-tagħmir tal-BCU) |
| ITSM | Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| KPI | Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni |
| LO | Uffiċjal ta' Kollegament |
| Manwal HR | Riżorsi Umani |
| MB | Bord tat-Tmexxija |
| MC | Kumitat ta' Tmexxija tal-eu-LISA |
| MID | Detettur ta' Identitajiet Multipli |
| MtQ | Memorandum ta' Qbil |
| MWO | Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali |
| NIST | Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija |
| NTE | Ambjent tat-Test Ġdid |
| OD | Dipartiment tal-Operazzjonijiet |
| OTM | Barra mill-Muntanja (japplika għat-tagħmir tal-BCU) |
| PKI | Infrastruttura taċ-Ċavetta Pubblika |
| PPE | Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (pjattaforma) |
| PPU | Unità għat-Twettiq tal-Programmi u tal-Proġetti |
| PRD | Pjattaforma tal-Produzzjoni |
| PSU | Unità tal-Ippjanar u tal-Istandards |
| sBMS | Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku |
| SEC | Unità tas-Sigurtà |
| SIRENE | Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali |
| SIS | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| SN | Sistemi Nazzjonali |
| SOU | Unità tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi |
| SPD | Dokument uniku ta' programmar |
| SYSPER | Sistema ta' informazzjoni meqjusa li tkopri l-ħtiġijiet kollha li jikkonċernaw it-trattament tal-informazzjoni għall-ġestjoni tar-Riżorsi Umani mill-Kummissjoni |
| TESTA | Servizzi Trans-Ewropej sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet |
| TESTA-ng | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida |
| TST | Ambjent ta' Ttestjar |
| TTU | Unità tat-Testijiet u tat-Tranżizzjoni |
| UE | Unjoni Ewropea |
| ULM | Mudell ta' Liċenzji Illimitati: kuntratt bejn il-Kummissjoni u Oracle għal użu illimitat ta' ċerti liċenzji ta' Oracle. |
| UPD | Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* |
| VIS | Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża |

| | |
|---|---|
| VIS Mail | Mekkaniżmu ta' komunikazzjoni – jippermetti t-trażmissjoni ta' messaġġi bejn l-Istati Membri bl-użu tal-infrastruttura tan-network tal-VIS |
| WAN | Network fuq Żona Wiesgħa |

# Dikjarazzjoni tal-missjoni[4]

**Il-mandat tagħna**

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ġiet stabbilita fl-2011 bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 u saret operattiva fl-1 ta' Diċembru 2012. L-Aġenzija ġiet stabbilita sabiex tipprovdi soluzzjoni fit-tul għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira attwali u futuri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-livell tal-UE. Fil-11 ta' Diċembru 2018, regolament ġdid – ir-Regolament (UE) Nru 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 – daħal fis-seħħ u espanda l-mandat tal-Aġenzija. Dan il-mandat il-ġdid isaħħaħ il-kapaċità tal-Aġenzija li ttejjeb u tiżviluppa sistemi ta' informazzjoni għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni Ewropej, u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Bħalissa l-eu-LISA tmexxi l-Bażi tad-*Data* Dattiloskopika Ewropea tal-Asil (Eurodac), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS). Dawn is-sistemi huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel taż-żona Schengen. Fil-fruntieri esterni tal-UE, dawn is-sistemi tal-IT huma strumentali sabiex jipprovdu l-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri u jiżguraw l-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-asil u l-viżi. Fiż-żona Schengen, id-disponibbiltà ta' dawn is-sistemi hija kruċjali sabiex tiġi ggarantita l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija qed tiżviluppa wkoll is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[5], is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)[6], is-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN)[7] u l-komponenti l-ġodda li ser isawru l-qafas għall-interoperabbiltà tas-sistemi fdati lill-Aġenzija, skont ir-regolamenti tal-interoperabbiltà[8].

**Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin tagħna**

Il-missjoni tal-Aġenzija hija bbażata fuq il-mandat legali tagħha u tiffoka fuq li ***żżid kontinwament il-valur lill-Istati Membri, billi tappoġġa, permezz tat-teknoloġija, l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sigura***.

Din il-missjoni titwettaq permezz tal-viżjoni tal-Aġenzija, jiġifieri li ***tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti lill-partijiet ikkonċernati, li tikseb il-fiduċja tagħhom billi tallinja kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li jevolvu tal-Istati Membri u li tkabbar l-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza*** fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI).

---

4 Fil-progress u fl-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija hawn taħt, l-eu-LISA se tirrispetta d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Fl-esplorazzjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, se tingħata kunsiderazzjoni speċjali għall-protezzjoni tad-*data* mid-disinn, kif imsemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680

5 Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20-82.

6 Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-71 u r-Regolament (UE) 2018/1241, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-73.

7 Regolament (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1-26.

8 Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-135.

Il-missjoni u l-viżjoni tal-Aġenzija jissarrfu f'attivitajiet operazzjonali permezz tal-valuri ewlenin tal-eu-LISA, li jixprunaw u jirfdu l-attivitajiet operazzjonali kollha u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija. Dawn il-valuri huma:

- **Responsabilità**: l-iskjerament ta' qafas ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kosteffiċjenti;
- **Trasparenza**: komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involviment tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex tiġi ddefinita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija;
- **Eċċellenza**: billi jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali, il-persuni u l-proċessi xierqa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fis-servizz lill-Istati Membri;
- **Kontinwità**: l-iżgurar li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, mill-għarfien u mill-investimenti magħmula mill-Istati Membri u li tkompli tiżviluppa l-kompetenzi u l-għarfien tagħha;
- **Ħidma f'tim**: li tfittex li tagħti setgħa lil kull membru individwali fit-tim sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u mill-esperjenza tiegħu, sabiex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess tal-Aġenzija;
- **Attenzjoni lejn il-klijent:** l-iżgurar li l-Aġenzija tkun allinjata dejjem mal-ħtiġijiet u mad-domanda tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

# Taqsima I Kuntest ġenerali

Fl-2020 u fis-snin li ġejjin, l-UE se tkompli tiffaċċja żewġ sfidi:

- Li tibqa' miftuħa, billi hija parti minn dinja globalizzata u interkonnessa fejn il-mobbiltà internazzjonali hija mistennija tkompli tikber. Aktar u aktar nies ser iħarsu lejn l-Ewropa bħala post li jżuru, fejn jistudjaw, jaħdmu jew ifittxu protezzjoni. Barra minn hekk, l-UE se taffaċċja l-konsegwenzi tal-instabbiltà kontinwa fil-viċinat immedjat tagħha, tat-tibdiliet demografiċi rapidi u tas-soċjetajiet li qed isiru dejjem aktar diversi.
- Li tibqa' sigura u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha. It-teknoloġija evolviet b'pass estremament għoli fl-aħħar snin, tant li ħolqot opportunitajiet ġodda għat-tkabbir ekonomiku u fundamentalment ittrasformat il-ħajja ta' kuljum tan-nies. Madankollu, dawn it-tibdiliet żiedu b'mod drammatiku wkoll in-numru ta' sfidi ġodda għas-sigurtà: il-każijiet taċ-ċiberkriminalità qed jiżdiedu b'mod rapidu; it-terroriżmu għadu theddida kbira għas-sigurtà; u l-kriminalità organizzata transkonfinali qed tieħu forom ġodda.

Sabiex tindirizza dawn l-isfidi, il-Kummissjoni Ewropea ddefinixxiet 10 oqsma ta' politika bħala prijoritajiet. B'kont meħud tal-mandat tal-eu-LISA, l-Aġenzija hija impenjata li tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-oqsma li ġejjin:

- il-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali, b'enfasi speċifika fuq l-*Unjoni tas-Sigurtà u l-kooperazzjoni ġudizzjarja*;
- il-migrazzjoni, b'enfasi speċifika fuq *is-salvataġġ tal-ħajjiet u s-sigurtà fil-fruntieri esterni* u *politika komuni b'saħħitha dwar l-asil*.

Sabiex twassal ir-riżultati mistennija miċ-ċittadini tal-UE fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna, l-UE ser ikollha tikkonsolida l-politiki ta' suċċess u l-kisbiet tagħha fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni u tikkomplementahom b'inizjattivi ġodda rilevanti.

Fl-istess ħin, it-trasformazzjoni diġitali kontinwa tal-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni ser tkompli u saħansitra taċċellera fis-snin li ġejjin. Għalhekk, jenħtieġ li l-UE tesplora aktar il-kapaċitajiet tat-teknoloġija bl-għan li tappoġġja u tikkontribwixxi għat-twettiq tal-prijoritajiet stabbiliti.

Konsegwentement, ir-rwol tal-eu-LISA u l-importanza tagħha għall-Istati Membri u għall-UE kollha kemm hi ser ikomplu jikbru. L-Aġenzija se tkun wieħed mill-kontributuri l-aktar importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki rilevanti tal-ĠAI mmirati sabiex isaħħu l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Għaldaqstant, l-eu-LISA se taffaċċja l-isfida strateġika doppja tagħha stess. Min-naħa waħda, mill-2020 'l hemm, l-Aġenzija ser ikollha tibqa' ffokata fuq l-operazzjonijiet ewlenin tagħha (jiġifieri l-ġestjoni operazzjonali u l-manutenzjoni tas-sistemi eżistenti). Min-naħa l-oħra, ser ikollha tkompli żżid il-kontribut tagħha għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni, billi tikkapitalizza fuq l-għarfien, l-esperjenza u l-kapaċitajiet tagħha fil-qasam tal-ġestjoni tas-sistemi u tas-servizzi tal-IT fuq skala kbira bl-iżvilupp ta' sistemi ġodda bħall-EES u l-ETIAS u permezz tal-mandat tagħha.

F'dan l-ambjent li qed jinbidel, l-eu-LISA, bħala kontributur importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki fil-qasam tal-ĠAI, se tkompli twettaq il-missjoni tagħha. L-Aġenzija se tkompli tiġġestixxi s-sistemi fdati lilha, filwaqt li tiżgura d-disponibbiltà u s-sigurtà tagħhom mingħajr interruzzjoni. L-Aġenzija se tkompli wkoll bl-isforzi tagħha fl-iżvilupp ta' sistemi ġodda: l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà.

Huma mistennija wkoll żviluppi kbar fi ħdan is-sistemi eżistenti ġestiti mill-Aġenzija, jiġifieri s-SIS, l-Eurodac u l-VIS. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen [9] imsaħħa daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Diċembru 2018. Għalhekk, fl-

---

[9] Regolament (UE) 2018/1860 u r-Regolament (UE) 2018/1861, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-55; ir-Regolament (UE) 2018/1682, ĠU L 279, 9.11.2018, p. 13-14; ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p 1-23; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63-84.

2020, l-Aġenzija se tkun qed taħdem fuq l-implimentazzjoni tat-tibdiliet meħtieġa fis-SIS li jirriżultaw mir-regoli l-ġodda. Dan il-proċess ser ikollu jiġi ffinalizzat sa tmiem l-2021, f'konformità mar-rekwiżiti legali. Fir-rigward tar-Regolament dwar ir-riformulazzjoni tal-Eurodac, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-benefiċċji tal-adozzjoni ta' din il-proposta bħala waħda mill-ħames proposti taħt is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li dalwaqt se jintlaħaq ftehim dwarhom[10]. L-eu-LISA lesta li tibda taħdem fuq l-iżvilupp tat-tibdiliet meħtieġa fil-Eurodac, li jirriżultaw mill-bażi ġuridika l-ġdida tagħha, hekk kif tidħol fis-seħħ. Fis-16 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni introduċiet proposta sabiex tirrevedi l-istrumenti legali li jirregolaw il-VIS. Il-ħidma fuq il-proposta leġiżlattiva għadha għaddejja fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill, u l-pożizzjoni ta' negozjar tal-Kunsill dwar proposta sabiex jiġi emendat ir-Regolament VIS ġiet maqbula fit-19 ta' Diċembru 2018. Huwa mistenni li bażi ġuridika ġdida għall-VIS se tidħol fis-seħħ fl-2020 u mbagħad l-Aġenzija se tibda taħdem fuq l-iżviluppi meħtieġa fis-sistema.

Sabiex jiġu indirizzati b'mod adegwat ir-riskji taċ-ċibersigurtà li jaffaċċjaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-ġestjoni tal-Aġenzija, l-Aġenzija se tkompli ssegwi l-approċċ proattiv tagħha f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-aġenziji rilevanti tal-ĠAI. Il-fokus tal-Aġenzija ser ikun li ssaħħaħ u tiżviluppa l-arkitettura u l-proċeduri ġenerali taċ-ċibersigurtà tas-sistemi taħt il-ġestjoni operazzjonali tagħha permezz ta' monitoraġġ proattiv u bi tweġiba għar-riskji potenzjali.

L-Aġenzija se tkompli wkoll tagħti s-servizzi xierqa lill-partijiet ikkonċernati tagħha, skont l-istandards għoljin li stabbilixxiet s'issa. Fir-rigward tal-kwalità tad-*data*, l-eu-LISA se tkompli tipprovdi appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri u ttejjeb il-kapaċità tagħha għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u ta' indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data*, f'konformità ma' dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-istrumenti legali rilevanti. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà fil-qasam tal-ĠAI, l-eu-LISA se tiżviluppa repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika. Rapporti komprensivi, inkluż dwar il-kapaċità ta' personalizzazzjoni, se jiġu pprovduti lill-partijiet ikkonċernati dwar l-użu tas-sistema u l-istatistika, f'konformità mar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà.

L-eu-LISA se tkompli wkoll tipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira lill-Istati Membri, u testendi l-ambitu tax-xogħol f'dan il-qasam sabiex tkopri s-sistemi l-ġodda u l-komponenti tal-interoperabbiltà kif meħtieġ. Dawn l-isforzi se jiġu appoġġati permezz ta' pjattaforma ta' tagħlim elettroniku moderna, sigura u affidabbli tagħha.

L-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-arranġamenti ta' ħidma eżistenti mal-aġenziji tal-ĠAI u se tesplora l-possibbiltajiet għal oħrajn ġodda bħala parti mill-mandat il-ġdid tagħha. F'dan ir-rigward, se tiġi ppreservata l-kooperazzjoni effettiva mal-Istati Membri u mal-Pajjiżi Assoċjati, bħala partijiet ikkonċernati ewlenin. L-Aġenzija se tkompli żżomm relazzjonijiet mill-qrib u effettivi mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-aġenziji tal-ĠAI. Aġenziji oħra tal-UE se jibqgħu wkoll sħab importanti għall-eu-LISA. Jekk ikun hemm bżonn, u f'konformità mal-istrumenti legali, jistgħu jiġu stabbiliti wkoll arranġamenti ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Fl-aħħar nett, l-2020 se tkun sena ta' sfida kbira għall-eu-LISA minn perspettiva interna. L-għadd ta' persunal fl-Aġenzija ser ikompli jikber b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, din se tkun l-ewwel sena wara t-tlestija tal-programm ta' trasformazzjoni tal-Aġenzija "eu-LISA 2.0" u t-tnedija tal-istruttura organizzazzjonali l-ġdida. Barra minn hekk, huwa mistenni li fit-tieni nofs tal-2020 jiġi ffirmat il-kuntratt għat-twettiq tat-tieni estensjoni tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu. Dawn kollha jirrappreżentaw passi sinifikanti fl-evoluzzjoni tal-Aġenzija.

[10] Il-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha: progress skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM (2018) 798 final (4.12.18).

# Taqsima II Programmar pluriennali 2020-2022

# 1. Objettivi pluriennali[11]

## 1.1. Għanijiet strateġiċi 2018-2022

L-għanijiet strateġiċi għall-Aġenzija, kif deskritti hawn taħt, jirriflettu l-mandat tal-Aġenzija waqt li qed jinkiteb dan id-dokument u l-prijoritajiet tagħha kif definiti permezz ta' djalogu mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Dawn l-għanijiet ġew ikkonfermati mill-ġdid fl-istrateġija fit-tul aġġornata tal-Aġenzija adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017.

L-għanijiet sejrin jiġu mmonitorjati regolarment u jkunu soġġetti għal rieżamijiet u għal irfinar regolari tul it-terminu tal-istrateġija sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-organizzazzjoni u tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

L-istrateġija aġġornata fit-tul tal-Aġenzija tistabbilixxi erba' għanijiet strateġiċi, jiġifieri:

- **Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE**
- **Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE**
- **Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE**
- **Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE**

Dawn l-għanijiet strateġiċi jiġu disaggregati aktar f'objettivi pluriennali fit-taqsima li jmiss.

---

11 Din it-taqsima hija żviluppata f'konformità mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017.

## 1.2. L-objettivi pluriennali strateġiċi 2020-2022

Sa mit-twaqqif tagħha, l-eu-LISA żviluppat bla heda approċċ ta' ppjanar li jippermetti lill-organizzazzjoni tissimplifika l-isforzi tagħha sabiex twettaq il-missjoni tagħha u tissodisfa l-viżjoni tagħha. Fl-2017, l-Aġenzija aġġornat l-istrateġija fit-tul tagħha, billi stabbilixxiet l-għanijiet strateġiċi u l-objettivi strateġiċi rispettvi għall-perjodu 2018-2022. Id-dokument jistabbilixxi d-direzzjoni għall-iżvilupp tal-Aġenzija fil-perjodu ta' ħames snin li jmiss. Sabiex tilħaq dawn l-għanijiet strateġiċi, l-Aġenzija ppreparat opinjoni pluriennali għall-2018-2022, li tqassam l-għanijiet strateġiċi f'objettivi strateġiċi u torbothom ma' indikaturi tal-prestazzjoni korporattiva.

Ir-relazzjoni bejn l-għanijiet strateġiċi, l-objettivi strateġiċi u l-indikaturi tal-prestazzjoni korporattiva tidher fit-tabelli ta' hawn taħt.

*Tabella 1: Għanijiet strateġiċi, indikaturi tal-kisbiet*

| Għan strateġiku | Indikaturi tal-kisba |
|---|---|
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | Għadd ta' nuqqasijiet kritiċi identifikati waqt l-ittestjar tas-sigurtà |
| | Il-perċentwal (%) ta' riskji għas-sigurtà identifikati indirizzati permezz ta' kontrolli tas-sigurtà |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac |
| | Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac |
| | Id-disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (għas-sistemi SIS II u VIS) |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-SIS |
| | Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-SIS |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS/BMS |
| | Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali VIS/BMS |
| | Il-Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz tas-Sistemi tal-Istati Membri |

| Għan strateġiku | Indikaturi tal-kisba |
| --- | --- |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | Il-proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi għar-riżorsi operattivi |
| | Il-kors ta' taħriġ tal-eu-LISA – is-sodisfazzjon tal-parteċipanti esterni |
| | Il-ġestjoni tal-proġetti: valutazzjoni tal-proġetti kkompletati kontra l-parametri definiti tal-kwalità/ispiża/ħin |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | Sodisfazzjon tal-klijenti: % ta' klijenti tal-Istati Membri sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mill-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | Il-proporzjon (%) ta' attivitajiet identifikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali li huma ssodisfati jew skont l-iskeda |
| | Ir-rata ta' kanċellazzjoni (%) tal-approprjazzjonijiet ta' pagament |
| | Ir-rata (%) ta' impenji baġitarji implimentati |
| | Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti |
| | Il-proporzjon (%) ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji |
| | Il-perċentwal (%) ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati |
| | Il-konformità tal-akkwist mal-Pjan ta' Akkwist u ta' Akkwiżizzjoni tal-Aġenzija |
| | Il-ġestjoni tal-proġetti tal-akkwisti: % tal-proġetti ta' akkwist ewlenin skont l-iskeda |
| | Numru medju ta' metri kwadri ta' spazju tal-uffiċċju għal kull FTE (Ekwivalenti ta' Ingaġġ Full-Time) ($m^2$) |
| | Il-perċentwal (%) ta' jiem ta' assenza ċċertifikata vs mhux iċċertifikata mix-xogħol matul il-perjodu tar-rapportar |
| | Il-perċentwal (%) annwali tad-dawran tal-persunal |

| Għan strateġiku | Indikaturi tal-kisba |
|---|---|
| | Indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal |
| | Livell ta' involviment tal-persunal |
| | Il-viżibbiltà tal-eu-LISA bbażata fuq il-web |

*Tabella 2: Elementi tal-objettivi strateġiċi, għall-perjodu 2018–2022*

| Għan strateġiku | Objettiv strateġiku | Element tal-objettiv strateġiku |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.1 Tagħti soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | 1.1.1 Tiġġestixxi b'mod effettiv u effiċjenti s-sistemi kollha fdati lill-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.1 Tagħti soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | 1.1.2 L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha fdati lill-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.1 Tagħti soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | 1.1.3 Tikkonsolida u tottimizza l-infrastruttura tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.2 Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | 1.2.1 Timxi minn analiżi tad-*data* ex-post (statistika) għal analitika |

| Għan strateġiku | Objettiv strateġiku | Element tal-objettiv strateġiku |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.2. Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | 1.2.2 Tiżviluppa u timplimenta sistemi ġodda/addizzjonali, jekk ikun hekk stabbilit mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.2 Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | 1.2.3 Iżżid il-viżibbiltà tal-prestazzjoni korporattiva u tal-prestazzjoni tas-sistemi tal-Aġenzija għall-partijiet ikkonċernati kollha |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.2. Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | 1.2.4 Tagħti tagħrif xieraq dwar is-sistemi għall-Istati Membri u għal partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.3. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | 1.3.1 Ittejjeb, tittestja u tirfina l-proċeduri ta' rkupru minn diżastri u l-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tal-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE | 1.3. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | 1.3.2 Issaħħaħ u tevolvi l-qafas taċ-ċibersigurtà u tal-IT tal-Aġenzija għas-sistemi u għan-networks ta' komunikazzjoni tagħha |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva | 2.1.1 Twettaq l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-provvisti li toffri l-aġilità meħtieġa sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet u servizzi tal-ICT kosteffettivi |

| Għan strateġiku | Objettiv strateġiku | Element tal-objettiv strateġiku |
|---|---|---|
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva | 2.1.2 Ittejjeb kontinwament il-proċessi, l-għodod, ir-rapportar u l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-bejjiegħa fi ħdan l-Aġenzija |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva | 2.1.3 Timmonitorja l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u tfittex kontinwament l-ottimizzazzjoni tal-Kost Totali tas-Sjieda |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva | 2.1.4 L-evoluzzjoni tal-mudell operattiv tal-Aġenzija lejn il-konformità mal-istandards tal-industrija għall-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT (ITSM/ITIL) |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva | 2.1.5 Timplimenta b'mod sistematiku l-istandards, il-proċessi u l-prattiki tal-ġestjoni tal-proġetti adottati |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni | 2.2.1 Tiżviluppa u timplimenta portafoll ta' servizzi xieraq |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni | 2.2.2 Tadatta l-mudell tas-servizz standard tal-Aġenzija kif xieraq |

| Għan strateġiku | Objettiv strateġiku | Element tal-objettiv strateġiku |
|---|---|---|
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni | 2.2.3 Tikkondividi l-aħjar prattiki u servizzi ma' aġenziji oħrajn, b'attenzjoni partikolari fuq il-qasam tal-ICT |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni | 2.2.4. Tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ġodda u ttejjeb dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati |
| Għan strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE | 2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni | 2.2.5. Jiġi żviluppat u implimentat sett ta' servizzi tal-IT standard tal-industrija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.1. Tidentifika soluzzjonijiet ġodda sabiex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju | 3.1.1 Issegwi l-iżviluppi fir-riċerka u fl-innovazzjoni |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.1. Tidentifika soluzzjonijiet ġodda sabiex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju | 3.1.2 Riċerka ulterjuri fl-għodod ta' monitoraġġ u ta' involviment sabiex tkun tista' ssir l-integrazzjoni rapida tal-aspetti rilevanti tar-riċerka fil-proċessi tan-negozju tal-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.1. Tidentifika soluzzjonijiet ġodda sabiex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju | 3.1.3 Tkabbar l-għarfien tan-negozju fi ħdan l-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.2. Tkun konsulent fdat u faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija | 3.2.1 Tfittex sinerġiji ma' atturi tal-ICT oħrajn fis-settur pubbliku u f'dak privat b'appoġġ għall-iskambju tar-riċerka u l-innovazzjoni |

| Għan strateġiku | Objettiv strateġiku | Element tal-objettiv strateġiku |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.2. Tkun konsulent fdat u faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija | 3.2.2 Tipprovdi pariri lill-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet relateti mal-mandat u mal-attivitajiet tal-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.2. Tkun konsulent fdat u faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija | 3.2.3 Tevolvi u żżomm ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.3. Tesplora u timplimenta l-arkitettura tal-interoperabbiltà u l-effetti tagħha fuq l-NS u s-CS, u l-mudell operattiv tal-Aġenzija | 3.3.1 Tistabbilixxi l-kapaċitajiet tal-arkitettura tal-intrapriżi fl-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE | 3.3. Tesplora u timplimenta l-arkitettura tal-interoperabbiltà u l-effetti tagħha fuq l-NS u s-CS, u l-mudell operattiv tal-Aġenzija | 3.3.2 Tiżviluppa mudell ta' arkitettura tal-intrapriżi konsistenti għall-qasam tal-ĠAI u għall-oqsma relatati |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.1. Tiżgura l-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali | 4.1.1 Tikkonforma b'mod sħiħ u fil-ħin mal-obbligi statutorji kollha ta' rapportar |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.1. Tiżgura l-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali | 4.1.2 Tiżviluppa u ssaħħaħ kontinwament il-ġestjoni, il-proċeduri u l-prattiki baġitarji, finanzjarji u tal-akkwisti tal-Aġenzija f'konformità mal-atti legali rilevanti u mal-prinċipji tal-ġestjoni tal-prestazzjoni |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.1. Tiżgura l-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali | 4.1.3 Timmonitorja kontinwament u tirrieżamina u taġġorna regolarment il-qafas ta' kontroll intern |

| **Għan strateġiku** | **Objettiv strateġiku** | **Element tal-objettiv strateġiku** |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.1. Tiżgura l-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali | 4.1.4 Tiżgura l-konformità sistematika mar-rekwiżiti tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-*data* |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.2. Tallinja kontinwament l-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, mal-proċessi u mal-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | 4.2.1 Iżżomm u tħaddem qafas ta' governanza sod u adattiv, inklużi proċessi u proċeduri li jsegwu l-aħjar prattiki u standards tal-industrija |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.2. Tallinja kontinwament l-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, mal-proċessi u mal-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | 4.2.2 Tidentifika l-kapaċitajiet u l-proċessi ewlenin li jeħtieġu aġġustament u timplimenta l-bidliet meħtieġa sabiex ittejjeb il-prestazzjoni b'mod sistematiku u li jista' jitkejjel |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.2. Tallinja kontinwament l-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, mal-proċessi u mal-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | 4.2.3 Timplimenta u tiġġestixxi s-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-Aġenzija |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.2. Tallinja kontinwament l-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, mal-proċessi u mal-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | 4.2.4 Tivvaluta sistematikament l-allinjament bejn l-objettivi tan-negozju eżistenti jew ġodda u l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-kapaċitajiet sabiex jintlaħqu tali objettivi |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | 4.3.1 Tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-membri tal-persunal kollha |

| Għan strateġiku | Objettiv strateġiku | Element tal-objettiv strateġiku |
|---|---|---|
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | 4.3.2 Tidentifika, tattira, tiżviluppa u żżomm l-impjegati mogħnija bit-talenti u tiżgura l-iżvilupp professjonali tagħhom |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | 4.3.3 Tfassal u timplimenta qafas ta' ġestjoni tal-għarfien |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | 4.3.4 Tiżviluppa l-funzjoni tal-HR lejn sħubijiet tan-negozju sabiex tappoġġja aħjar il-ħtiġijiet tal-persunal u l-objettivi tal-organizzazzjoni |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.4. Tiżviluppa u żżomm immaġini pożittiva lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha | 4.4.1 Tippromwovi u żżomm immaġini pożittiva tal-Aġenzija permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni interna u esterna effettiva |
| Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE | 4.4. Tiżviluppa u żżomm immaġini pożittiva lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha | 4.4.2 Iżżomm il-viżibbiltà u l-kredibbiltà tal-ħidma u tal-kontribut tal-Aġenzija għall-UE fost il-partijiet ikkonċernati esterni |

# 2. Programm pluriennali 2020-2022[12]

Din it-taqsima tiddeskrivi l-oqsma ta' azzjoni speċifiċi li jridu jiġu indirizzati fil-perjodu 2020-2022 b'appoġġ tal-kisba tal-għanijiet u tal-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA. L-oqsma ta' azzjoni strateġika għandhom l-għan li jappoġġjaw u jiżguraw il-koeżjoni bejn, min-naħa waħda, il-funzjonijiet tan-negozju fdati lill-Aġenzija mir-regolament li jistabbilixxiha u l-attivitajiet orizzontali mwettqa sabiex jappoġġjaw in-negozju ewlieni u, min-naħa l-oħra, l-ambizzjonijiet strateġiċi tal-organizzazzjoni. Huma għandhom l-għan ukoll li jipprovdu faċilitazzjoni, gwida u appoġġ għall-ippjanar tal-attivitajiet u l-azzjonijiet prattiċi li jagħtu r-riżultati mixtieqa. Għalhekk, l-Aġenzija tista' tkun fiduċjuża li l-azzjonijiet kollha tagħha jkunu konformi mar-rekwiżiti statutorji u ser iwasslu għall-kisba tal-viżjoni tagħha u għall-issodisfar tal-missjoni tagħha. L-intenzjoni tal-organizzazzjoni hija li tabbozza d-dokumenti uniċi ta' programmar tagħha b'tali mod li jkunu jirriflettu l-loġika u l-kamp ta' applikazzjoni ddefiniti fl-istrateġija fit-tul.

### *2.1.1. It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti*

L-eu-LISA se tiżgura disponibbiltà għolja kontinwa tas-sistemi fdati lilha lill-Istati Membri permezz ta' tmexxija operattiva robusta u ta' kwalità għolja 24/7. Din se tinkiseb permezz ta' monitoraġġ kostanti, ġestjoni tal-inċidenti u interazzjoni mal-Istati Membri. It-tmexxija u l-manutenzjoni effiċjenti taċ-ċentru tad-*data* ta' backup u tas-sit tekniku ta' backup se jiġu żgurati bl-istess mod.

**Attivitajiet ġenerali relatati mas-sistemi**

Fl-2020-2022, l-eu-LISA għandha l-għan li tkompli ttejjeb l-effiċjenza tat-tmexxija operattiva tagħha tas-sistemi fdati lill-Aġenzija. L-inizjattivi ewlenin f'dan ir-rigward ser ikunu:

- Ċentralizzazzjoni tal-liċenzjar ta' Oracle;
- Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti għas-sistemi ewlenin kollha tan-negozju, bl-għan li jiġu allinjati t-tipi u l-kategoriji tal-ġenerazzjoni tal-avvenimenti mal-kuntratturi;
- L-eu-LISA se tkompli tidentifika u tuża sinerġiji fl-infrastruttura u fis-servizzi, bl-implimentazzjoni ta' soluzzjoni integrata għall-għodod eżistenti kollha ta' monitoraġġ tas-sistemi ewlenin tan-negozju fuq il-bażi tal-proċess rilevanti ta' ġestjoni tal-avvenimenti u b'rispett sħiħ tal-qafas leġiżlattiv applikabbli ta' dawk is-sistemi. Il-monitoraġġ integrat se jikkontribwixxi għal aktar żieda fl-effiċjenza tat-tmexxija operattiva tas-sistemi fdati lill-eu-LISA u se jgħin lill-Aġenzija tilħaq l-objettivi tagħha f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament tat-twaqqif;
- Aktar awtomatizzazzjoni u titjib fil-kejl u fir-rapportar, sabiex ikun żgurat rapportar f'ħin reali kif ukoll rapportar fil-waqt, fuq il-bażi taċ-ċiklu ta' titjib kontinwu;
- Integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi b'ġestjoni tal-konfigurazzjoni;
- Armonizzazzjoni ulterjuri tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-*data* tal-eu-LISA bl-issoktar tal-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi komuni b'mod supplimentari għal infrastruttura kondiviża komuni (CSI). L-eu-LISA se tagħmel ukoll sforz sabiex torganizza mill-ġdid iċ-ċentri tad-*data* tagħha bl-għan li tospita s-CSI (diġà implimentata matul is-snin preċedenti) kif suppost.
- Fl-aħħar nett, ser issir enfasi akbar fuq l-allinjament tal-proċessi u tal-arranġamenti kuntrattwali tal-MWOs differenti mad-dispożizzjonijiet u mal-istandards tas-servizzi kondiviżi.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija ser ikollha tħejji għall-integrazzjoni tas-sistemi eżistenti (SIS, VIS, Eurodac, EES u ETIAS ladarba jiġu żviluppati) fl-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà.

---

[12] Din it-taqsima tħejjiet f'konformità mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017.

L-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa tagħha għas-sistemi ġestiti minnha billi tistandardizza u tottimizza l-arkitettura tal-portafoll tal-kuntratti tal-MWO tagħha. Il-benefiċċji se jinkludu (iżda jistgħu ma jkunux limitati għal):

- L-allinjament tad-durata tal-kuntratti tal-MWO ġestiti mill-Aġenzija;
- L-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll unifikata fir-rigward tal-kuntratturi;
- L-implimentazzjoni ta' metrika tal-prestazzjoni unifikata għall-kuntratturi kollha;
- L-allinjament tal-għadd u tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kuntratti mal-arkitettura tas-sistemi (preżenti u futuri) ġestiti mill-eu-LISA.

**SIS**

Bħala riżultat tas-suċċess tal-operazzjonijiet kurrenti u fid-dawl tal-isfidi attwali u tal-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà interna tal-UE, jenħtieġ li s-SIS tgħaddi minn għadd ta' evoluzzjonijiet meħtieġa, kemm mill-perspettiva teknika kif ukoll minn dik tan-negozju.

Minn perspettiva teknika, fis-snin li ġejjin, is-SIS ser ikollha tevolvi sabiex tiżgura li tiġi implimentata b'mod xieraq kapaċità addizzjonali għal twissijiet u għal domandi sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' prestazzjoni estremament esiġenti. Dan ser ikun jeħtieġ l-implimentazzjoni ta' magna tat-tiftix tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku (ibbażata fuq teknoloġija ta' tiftix elastika u ż-żieda tal-infrastruttura addizzjonali korrispondenti), li se ttejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċità globali iżda wkoll, fuq kollox, se ttejjeb id-disponibbiltà tat-tiftix alfanumeriku.

Evoluzzjonijiet tekniċi oħra se jiffokaw fuq it-titjib tal-funzjonalità tal-verifiki tal-kwalità tad-*data*.

Fi tmiem l-2018, ġie adottat il-qafas legali aġġornat tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, li jkopri b'mod partikolari l-oqsma li ġejjin:

- koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali;
- verifiki fil-fruntieri;
- ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali.

Minn perspettiva ta' negozju, l-Aġenzija trid timplimenta kategoriji addizzjonali ta' allerti, ta' oqsma u ta' funzjonalitajiet oħra (inkluż rikonoxximent bijometriku tal-wiċċ, DNA), li ser iżid b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet kurrenti tas-SIS. Il-bażijiet ġuridiċi l-ġodda għandhom ukoll l-għan li jżidu d-disponibbiltà tas-SIS għall-utenti finali, iż-żieda tal-kontroll tal-kwalità tad-*data* u l-monitoraġġ tal-istatistika u aċċess usa' għall-utenti mill-Istati Membri u għall-utenti istituzzjonali tal-UE. Jenħtieġ li l-AFIS tas-SIS titnieda bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha sa tmiem l-2020 skont ir-rekwiżiti l-ġodda.

L-Aġenzija se tkompli wkoll twettaq il-kompiti meħtieġa sabiex timplimenta r-reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn u l-projbizzjonijiet fuq id-dħul fis-SIS, u b'hekk ittejjeb il-kapaċitajiet tas-SIS li tappoġġja l-politika ta' ritorn u l-isforzi ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-UE.

Id-dati ta' skadenza regolatorji għall-implimentazzjoni (tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha) iridu jiġu rrispettati. Dan jimplika li jenħtieġ li l-ħidma kollha tiġi ffinalizzata sal-2021.

L-Aġenzija se tibda wkoll timplimenta l-interkonnessjoni mal-ETIAS, bl-użu ta' modulu ta' interkonnessjoni ġeneriku u, purament fid-dominju tal-infrastruttura, se tmexxi s-servizz ta' backup tas-sistemi ewlenin għal-libreriji ta' tejps virtwali u l-ambjent ta' qabel il-produzzjoni (PPE) fil-BCU minn ġewwa l-muntanja għal barra l-muntanja.

**Eurodac**

Is-sistema Eurodac se tkompli tevolvi teknikament, inkluż f'termini tal-kapaċità tagħha, sabiex tinżamm allinjata mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri b'rabta mal-ġestjoni tal-flussi migratorji.

Ladarba jidħol fis-seħħ ir-regolament il-ġdid, jenħtieġ li l-evoluzzjoni tal-Eurodac tinkludi:

- L-estensjoni tat-tfittxija u l-ħażna għall-kategoriji kollha ta' *data* (persuni li qegħdin ifittxu l-asil, ċittadini ta' pajjiżi terzi illegalment preżenti fit-territorju tal-UE, ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda illegalment qegħdin jaqsmu l-fruntieri tal-UE);
- Il-ħolqien ta' kategoriji ġodda ta' *data* għall-immaniġġjar tal-persuni ammessi taħt skemi ta' risistemazzjoni;
- It-tnaqqis tal-età tat-teħid tal-marki tas-swaba' għal 6 snin (meta mqabbla mal-età ta' 14-il sena fir-regolament eżistenti) sabiex jinżamm rekord tal-wasliet ta' minorenni, tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u tal-movimenti sekondarji;
- L-estensjoni tal-mudell tad-*data* sabiex tiġi koperta *data* bijografika personali addizzjonali;
- Il-ħżin ta' kopji ta' passaporti u ta' tipi oħra ta' dokumenti ta' identità;
- L-estensjoni tal-perjodu taż-żamma tad-*data*;
- Tfittxijiet alfanumeriċi għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi;
- Introduzzjoni tal-immaġnijiet tal-wiċċ: għall-ewwel l-immaġnijiet tal-wiċċ se jinħażnu u jintbagħtu lura lill-Istati Membri bħala parti mis-settijiet tar-riżultati tat-tfittxijiet. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' studju li għandu jinbeda wara l-adozzjoni tar-Riformulazzjoni, se tibda l-implimentazzjoni tal-kapaċitajiet ta' rikonoxximent tal-wiċċ fis-sistema, bħala parti mill-iżviluppi tas-Sistema Kondiviża ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS).

Minbarra l-evoluzzjonijiet tal-Eurodac imsemmija hawn fuq, u sabiex jiġu appoġġati t-tibdiliet introdotti fir-Riformulazzjoni tal-Eurodac, se jiġi implimentat aġġornament ieħor tal-kapaċità tas-sistema sabiex tlaħħaq mal-impatt tat-tibdiliet funzjonali fil-volum tal-ħżin u tat-tranżazzjonijiet tas-sistema.

Minbarra dawn it-tibdiliet, u sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-interoperabbiltà, l-arkitettura tal-Eurodac trid tiġi mmodifikata b'mod sinifikanti. It-tħejjijiet għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac, li se jinbdew qabel, se jiżguraw li l-Eurodac tkun lesta teknikament, matul il-perjodu 2020–2022, sabiex:

- tikkonforma mar-rekwiżiti ta' konnettività tal-ETIAS (wara li jiġu konklużi l-emendi konsegwenti neċessarji)[13];
- Tiġi konnessa/integrata mal-sBMS, li se timplimenta wkoll il-kapaċitajiet ta' rikonoxximent tal-wiċċ previsti fir-Riformulazzjoni tal-Eurodac;
- Tiġi konnessa/integrata mal-komponenti l-oħra tal-interoperabbiltà, bħar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) u d-Detettur ta' Identitajiet Multipli (MID).

L-eu-LISA, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati tal-proġett tal-Format tal-Messaġġi Unifikati (UMF), diġà bdiet taħdem bl-estensjoni tal-istandard tal-UMF għal finijiet tal-asil. Fl-iżviluppi kollha tal-Eurodac, se jintuża l-istandard tal-UMF estiż (jew notazzjoni favorevoli għall-UMF f'każ li l-istandard ma jkunx għadu ġie estiż kompletament għal finijiet tal-asil).

Sa fejn ikun possibbli, l-evoluzzjonijiet tal-Eurodac jiġu ġestiti b'mod kuntrattwali permezz tal-MWO tal-Eurodac il-ġdida, li ilha fis-seħħ sa mill-bidu tal-2018[14]. F'każ li d-dispożizzjonijiet relatati mar-Riformulazzjoni tal-Eurodac, mal-interoperabbiltà, mal-konnessjoni mal-ETIAS u mal-integrazzjoni mas-Sistema Awtomatizzata ta' Dublin (DAS) jirrikjedu implimentazzjoni aktar bikrija u/jew tfassil inġinieristiku mill-ġdid possibbli tal-Eurodac, se tinbeda proċedura ta' akkwist ġdida sabiex tittratta dan il-kamp ta' applikazzjoni usa',

[13] Peress li din l-evoluzzjoni jista' jkollha impatt enormi fuq il-volum tat-tranżazzjonijiet tas-sistema u fuq il-kapaċità tagħha li tipproċessa t-tranżazzjonijiet li jidħlu fi ħdan il-livelli ta' prestazzjoni miftiehma, hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt sabiex jiġi vvalutat sa fejn ikun meħtieġ it-tibdil fl-arkitettura/it-tfassil inġineristiku mill-ġdid tal-Eurodac. Din il-valutazzjoni tal-impatt se tiddetermina wkoll ir-riżorsi (umani u baġitarji) meħtieġa għall-implimentazzjoni.

[14] Fin-nuqqas tal-qafas legali fiż-żmien tal-abbozzar, il-baġit meħtieġ għall-implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac mhuwiex inkluż fil-limitu massimu kuntrattwali tal-MWO tal-Eurodac, li ser ikollu jiġi rivedut kif meħtieġ (soġġett għad-disponibbiltà tal-limitu massimu tal-kuntratt).

peress li l-baġit u l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-MWO kurrenti mhux ser ikunu biżżejjed sabiex ikopru dawk it-tibdiliet il-ġodda.

Fir-rigward tas-Sistema Awtomatizzata ta' Dublin (DAS), skont l-eżitu tan-negozjati dwar ir-riforma ta' Dublin, l-eu-LISA se twettaq kwalunkwe segwitu rilevanti[15]. Fir-rigward tad-DubliNet, ir-Regolament il-ġdid dwar l-eu-LISA jinkludi dispożizzjoni sabiex tiġi fformalizzata r-responsabbiltà eżistenti tal-eu-LISA (skont il-ftehim dwar il-livell ta' servizz tal-31 ta' Lulju 2014) għal DubliNet. Bi qbil/f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, minbarra s-servizzi ta' manutenzjoni, l-evoluzzjonijiet possibbli ta' DubliNet se jiġu vvalutati u implimentati, bħal, pereżempju, it-tibdil tal-formoli PDF predefiniti għal formoli online awtomatizzati/XML. Il-kollaborazzjoni mal-EASO se tkompli permezz tan-network tal-Unitajiet ta' Dublin tal-EASO.

**VIS/BMS**

Għall-perjodu 2020-2022, l-eu-LISA se tkompli tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tal-VIS u tal-BMS permezz ta' manutenzjoni regolari u komprensiva, billi tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà ma' sistemi oħra, u żżomm il-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS u tal-BMS allinjata mar-rekwiżiti tan-negozju. Soġġetta għal emenda tar-Regolament VIS, l-eu-LISA ser ikollha bżonn timplimenta evoluzzjonijiet sostanzjali fis-sistema. It-tibdiliet proposti se jippermettu:

- Verifiki tal-isfond aktar bir-reqqa dwar l-applikanti għal viża u l-għeluq ta' lakuni ta' informazzjoni dwar is-sigurtà permezz ta' skambju aħjar ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri;
- Interoperabbiltà sħiħa ma' bażijiet ta' *data* oħra fl-UE kollha;
- Skrutinju ta' qabel l-ivvjaġġar permezz tal-introduzzjoni ta' linja bażi ta' sigurtà minima għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) (permezz tal-introduzzjoni ta' kontrolli obbligatorji u awtomatiċi għal vjaġġaturi eżentati mill-viża u li jeħtieġu viża) li jeħtieġu awtorizzazzjoni ta' qabel l-ivvjaġġar sabiex iżuru ż-żona Schengen.

Dan ikompli jiffaċilita l-qsim tal-fruntieri għat-TCNs, peress li jssaħħaħ il-fiduċja li TCN jissodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex jidħol fiż-żona Schengen. Hija mistennija l-awtomatizzazzjoni tal-proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' notifika, flimkien ma' kontrolli tal-kwalità tad-*data*, statistika u rapportar imtejba, u kontrolli bijometriċi b'teknoloġija ta' rikonoxximent tal-wiċċ. Dan jiffaċilita wkoll il-qsim tal-fruntieri għad-detenturi ta' permessi ta' residenza u ta' viżi nazzjonali, permezz tal-istess prinċipji: ċentralizzazzjoni tad-*data*, disponibbiltà tad-*data* għaż-żona Schengen sħiħa u fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Il-miżuri li għandhom jiġu implimentati jinkludu kontrolli ta' sigurtà msaħħa fil-bażijiet ta' *data* kollha, *data* u skambju ta' informazzjoni aħjar, proċeduri ta' ritorn aktar effiċjenti u kapaċità msaħħa għall-prevenzjoni tal-kriminalità u għall-prosekuzzjoni. Dawn l-attivitajiet ser iġibu tibdiliet fis-sistema ċentrali kif ukoll għall-utenti finali tas-sistemi (l-Istati Membri u l-Europol).

Barra minn hekk, sabiex tittejjeb aktar il-kwalità tas-servizz għall-utenti tal-VIS u, għalhekk, jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament dwar il-VIS, se jiġi implimentat mekkaniżmu ta' kontroll tal-fluss bejn il-VIS u l-BMS sabiex jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tal-produzzjoni u sabiex ikun hemm ġestjoni aħjar tal-varjazzjonijiet tat-traffiku. Dan se jiġi implimentat bl-allokazzjoni tat-tagħbija dinamika u bil-kontroll tal-fluss tal-VIS[16]. Xi komponenti ewlenin tal-VIS se jiġu migrati fis-CSI.

**Żviluppi oħrajn**

L-evoluzzjonijiet li jirriżultaw minn regolamenti ta' interoperabbiltà ser iwasslu għal sinerġiji fost sistemi ewlenin tan-negozju. Għalhekk, l-eu-LISA se tiżviluppa aktar servizzi trażversali, bil-ħsieb li ssaħħaħ l-azzjonijiet kurrenti tagħha u tiżviluppa sistemi għat-titjib tal-kwalità tad-*data* u tal-funzjonijiet ta' rapportar. B'hekk, is-sistemi

[15] Fil-mument li qed jinkiteb dan id-dokument, in-negozjati rilevanti għadhom għaddejjin. Studju li sar mill-Kummissjoni indika sinerġiji sinifikanti bejn id-DAS u l-Eurodac, u l-possibbiltà li ż-żewġ sistemi jiġu interkonnessi. Dan jista' jkollu impatt sinifikanti u jbiddel l-approċċ meħud kemm għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac kif ukoll għall-iżvilupp tad-DAS, mal-approvazzjoni tal-proposti legali.

[16] L-allokazzjoni tat-tagħbija dinamika u l-kontroll tal-fluss tal-VIS huma miżuri ta' kumpens f'każ li struttura attiva-attiva għall-VIS ma tkunx teknikament fattibbli.

eżistenti tal-IT fuq skala kbira ser jittejbu billi jiżdiedu l-aċċessibbiltà tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni tal-użu u l-kwalità tad-*data*.

Sabiex tkun żgurata evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi, l-Aġenzija qed tippjana li tħejji s-CSI għall-virtwalizzazzjoni tas-CBS differenti fil-perjodu 2020-2022. Sadanittant, l-Aġenzija se tmexxi parti mill-infrastruttura tas-CBS fis-CSI implimentata diġà. Matul l-istess perjodu, is-CSI se tevolvi minn "Infrastruttura bħala Servizz" (IAAS) għal "Pjattaforma bħala Servizz" (PAAS). Din l-evoluzzjoni se tiddependi mill-iżvilupp ta' katalogu komuni tas-servizzi kondiviżi tal-eu-LISA, li għandu l-għan li jipprovdi servizzi tekniċi kondiviżi u standardizzati li għandhom jintużaw mis-CBS eżistenti u l-ġdid fi ħdan il-limiti tar-rekwiżiti legali għas-segregazzjoni u għas-separazzjoni tad-*data* u tal-flussi tad-*data*. Għal dan l-għan, l-Aġenzija għandha l-ħsieb li tuża paradigmi ġodda ta' arkitetturi ddefiniti b'software għall-komputazzjoni, għall-ħżin u għan-networks f'approċċ ippruvat sabiex tinżamm l-integrità tas-sistemi minn perspettiva legali.

### 2.1.2. It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

L-infrastrutturi tal-komunikazzjoni attwali tal-VIS u tas-SIS huma mħaddma taħt il-kuntratt qafas ta' TESTA-ng II li huwa proprjetà tad-DĠ DIGIT. Dan il-kuntratt qafas jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2020. Qabel l-iskadenza ta' dan il-kuntratt qafas, f'kollaborazzjoni mill-qrib mad-DĠ DIGIT, l-Aġenzija se tivvaluta l-għażliet possibbli sabiex tinkiseb kontinwità fit-twassil ta' infrastrutturi tal-komunikazzjoni tal-VIS u tas-SIS. Mal-firma tal-kuntratt qafas għan-network pan-Ewropew il-ġdid mid-DĠ DIGIT, l-Aġenzija se tniedi azzjonijiet preparatorji speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura l-ġdida tal-komunikazzjoni u l-migrazzjoni tas-CBS.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se taħdem fuq it-tħejjija tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u n-networks lokali għall-EES u għall-ETIAS, inkluż titjib tan-network u konnessjonijiet ġodda bħas-servizz web tal-EES. L-EES se tuża l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS eżistenti. Għalhekk, l-Aġenzija biħsiebha żżomm il-fornitur kurrenti tan-network għall-VIS sakemm tiġi konkluża l-implimentazzjoni tal-EES, u b'hekk tnaqqas ir-riskji relatati mal-implimentazzjoni tal-EES u tibbenefika mill-aħħar investimenti li saru fin-network eżistenti tal-VIS. Jekk dan ma jkunx possibbli, ikollu jinbena b'mod urġenti network ġdid fjamant għall-VIS u għall-EES, u potenzjalment għas-SIS ukoll, li joħloq riskji sinifikanti għall-operazzjonijiet tal-VIS u tas-SIS u għall-bidu tal-operat tal-EES. Wara dan biss tista' tibda l-migrazzjoni tan-network tal-VIS/EES lejn in-network pan-Ewropew il-ġdid, sabiex jiġi evitat kwalunkwe effett negattiv fuq l-implimentazzjoni tal-EES. Madankollu, dan ifisser li għal perjodu ta' żmien l-Aġenzija ser ikollha tħaddem in-network TESTA-ng eżistenti b'mod parallel u fl-istess ħin ser ikollha tmexxi n-networks l-oħra lejn in-network pan-Ewropew il-ġdid.

Skont ir-regolament tal-ETIAS, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-ETIAS, sa fejn ikun teknikament possibbli, se tikkondividi u tuża mill-ġdid il-komponenti tal-hardware u tas-software tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-EES. L-attivitajiet mistennija jinkludu l-istabbiliment ta' konnessjonijiet ġodda mal-Istati Membri, mal-pubbliku ġenerali, mal-partijiet ikkonċernati tan-negozju (trasportaturi), mal-Frontex u mal-Interpol u mas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti rilevanti bħall-Eurodac u s-SIS.

Barra minn hekk, l-Aġenzija biħsiebha tkompli taħdem sabiex iżżid l-effettività, il-kapaċità tan-network u s-sigurtà tal-konnessjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tagħha mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni permezz ta' attivitajiet tal-perimetru ta' żona wiesgħa (UWAN), u tkompli bil-proġett tal-istudju u tad-disinn mibdi fl-2019, inkluża l-integrazzjoni tas-soluzzjoni tal-istatistika ta' network avvanzat u l-implimentazzjoni tal-funzjonalità analitika tan-network.

Il-kompiti relatati mat-tmexxija operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni ser ikomplu jiġu fdati lil fornituri terzi tas-settur privat taħt ir-responsabbiltà u s-superviżjoni mill-qrib tal-Aġenzija. Tali fornituri tan-networks ser ikomplu jkunu marbuta bil-miżuri ta' sigurtà stabbiliti fl-istrumenti legali tas-sistemi u fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni relatati man-networks tas-SIS u tal-VIS, u mhux ser ikollhom aċċess bi kwalunkwe

mezz għal kwalunkwe *data* operazzjonali maħżuna fis-sistemi jew ittrasferita permezz tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni.

Bħala parti mill-attivitajiet operattivi tagħha, l-eu-LISA se tkompli tissorvelja [17] l-utilizzazzjoni tal-konnessjonijiet tan-network tagħha u tieħu l-azzjoni xierqa sabiex tiżgura li tali konnessjonijiet tan-network ikollhom kapaċità suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Aġenzija.

L-Aġenzija qed tippjana wkoll li tuża aktar is-soluzzjoni implimentata ta' statistika avvanzata tan-network u tespandiha b'mod gradwali sabiex tkopri n-networks ta' ċentri tad-*data*. Dan ser iżid b'mod sinifikanti l-għarfien tal-eu-LISA dwar il-flussi tad-*data* u se jippermettilha twettaq analiżi fuq in-network ta' ċentri tad-*data*, u tippermetti ġestjoni tan-network u tal-kapaċità aktar proattiva u preċiża, individwazzjoni ta' soluzzjoni aktar veloċi għall-inċidenti, u superviżjoni aħjar tal-interfaċċi bejn is-sistemi differenti.

### *2.1.3. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda*

**EES**

L-Aġenzija hija responsabbli mill-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha relatati mal-iżvilupp, mal-implimentazzjoni u mat-tmexxija operattiva tal-EES, kif ukoll għall-konnessjoni tal-infrastrutturi tal-fruntieri tal-Istati Membri magħha. Dan ser isir permezz tal-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI), li hija identika fl-Istati Membri kollha peress li hija bbażata fuq speċifikazzjonijiet tekniċi komuni. L-eu-LISA mhux biss se tiżviluppa din l-interfaċċa, iżda se tikkoordina wkoll l-integrazzjoni tal-NUI fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri. Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha tospita l-interfaċċa esterna l-oħra tal-EES – is-Servizz tal-Web (WS) – li għandu jipprovdi servizzi lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jivverifikaw it-tul tas-soġġorn awtorizzat tagħhom. Id-WS se jaħdem ukoll bħala portal għat-trasportaturi sabiex jivverifikaw jekk ċittadin ta' pajjiż terz b'viża għal perjodu qasir maħruġa għal dħul wieħed jew għal dħul darbtejn ikunx diġà laħaq in-numru ta' drabi ta' dħul awtorizzati b'dik il-viża. Kemm l-NUI kif ukoll id-WS huma tipi ġodda ta' servizzi li l-eu-LISA qatt għadha ma offriet.

Fis-17 ta' Mejju 2019, l-eu-LISA nediet il-kuntratt qafas għall-iżvilupp tas-sistema tal-EES. L-offerta ntrebħet minn konsorzju ta' tliet kumpaniji: IBM Belgium, Atos Belgium u Leonardo. Il-ħidma fuq l-iżvilupp tas-sistema tal-EES bdiet u se tkompli sal-2022.

Il-proċess tal-offerta tal-BMS tal-EES, li jinkludi r-rekwiżiti għall-komponent tal-interoperabbiltà tal-sBMS, se jiġi ffinalizzat fl-2020. Għalhekk, l-iżvilupp tal-sBMS se jibda fl-2020 u se jkompli fl-2021.

Bħala parti mill-implimentazzjoni tar-regolament tal-EES, l-Aġenzija se tiżviluppa l-interoperabbiltà tal-EES mal-VIS. Din l-attività, li nbdiet fl-2019, se tkompli sal-2022.

**ETIAS**

L-Aġenzija hija responsabbli mill-iżvilupp tekniku u mill-implimentazzjoni tal-ETIAS, inklużi l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS, l-NUI u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni.

Il-proġett ta' żvilupp tal-ETIAS għamel progress skont l-iskeda fl-2019, u beda bil-fażi preparatorja u bl-ippjanar ta' livell għoli. Il-proċedura tal-offerti hija mistennija titlesta matul l-ewwel trimestru tal-2020. Wara l-allokazzjoni tal-kuntratt, se jibda l-iżvilupp tal-ETIAS u dan huwa ppjanat li jitlesta sal-2022. Imbagħad issir il-fażi tal-ittestjar mal-Istati Membri, u l-ETIAS hija mistennija ssir operattiva sal-ewwel nofs tal-2023. L- "emendi konsegwenzjali" tal-ETIAS, [18] żewġ proposti tal-Kummissjoni li x'aktarx jiġu adottati sal-2020, se jipprovdu strumenti legali addizzjonali li jappoġġaw lill-Aġenzija fl-iżvilupp tal-ETIAS.

**ECRIS-TCN**

Ir-Regolament (UE) 2019/816 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-

---

[17] Bl-użu tal-eżiti tal-proġett dwar l-Istatistika Avvanzata tan-Network mibdi fl-2018.
[18] COM (2019) 3 finali u COM (2019) 4 finali.

pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li daħal fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019. Skont dan ir-regolament, l-eu-LISA hija responsabbli mill-iżvilupp u mit-tmexxija operattiva tal-ECRIS-TCN. Is-sistema l-ġdida se tippermetti lill-Istati Membri jitolbu informazzjoni dettaljata dwar il-kundanna permezz tas-sistema ECRIS direttament mill-Istati Membri identifikati l-oħrajn. Il-kompiti li għandhom jitwettqu mill-eu-LISA huma tnejn: li tiżviluppa s-sistema ECRIS-TCN il-ġdida, li tinkludi ġestjoni tal-proġett, segwitu għall-iżvilupp u attivitajiet ta' kontroll u assigurazzjoni tal-kwalità; u mbagħad li twettaq it-tmexxija operattiva u l-manutenzjoni tas-sistema. L-implimentazzjoni kurrenti ta' referenza tal-ECRIS użata mill-Istati Membri kollha ħlief għal erba' Stati Membri se tiġi aġġornata sabiex tiġi interkonnessa mal-ECRIS-TCN.

**Interoperabbiltà tas-sistemi**

Ir-regolamenti dwar l-interoperabbiltà daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019. Il-komponenti l-ġodda tal-interoperabbiltà ddefiniti fir-regolamenti se jippermettu lill-gwardji tal-fruntiera, lill-uffiċjali tal-pulizija u lill-uffiċjali tal-viża u tal-immigrazzjoni jużaw informazzjoni aktar malajr, aktar affidabbli u aktar kompleta dwar it-theddidiet għas-sigurtà. L-implimentazzjoni ta' dawn il-komponenti, b'mod speċifiku l-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), is-Servizz kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS), ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR), id-Detettur ta' Identitajiet Multipli (MID) u r-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS) se tkun teħtieġ sforzi sinifikanti f'termini ta' disinn, ta' żvilupp, ta' ttestjar u ta' implimentazzjoni. Huma meħtieġa wkoll tibdiliet fis-sistemi eżistenti peress li d-*data* bijografika u bijometrika se tiġi trasferita fis-CIR maħluq ġdid, il-mudelli bijometriċi se jitmexxew għall-sBMS il-ġdid, u jeħtieġ li l-MID irid jinbena bħala sistema awtomatika ta' twissija li tidentifika identitajiet frawdolenti multipli.

Barra minn hekk, mekkaniżmi tranżazzjonali ġodda jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġu akkomodati t-tranżazzjonijiet kollha permezz tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija, u jeħtieġ li tiżdied il-kapaċità tas-sistemi eżistenti (b'mod partikolari s-SIS). Il-bażi ġuridika ta' kull sistema eżistenti ġiet emendata jew se tiġi emendata sabiex tirrifletti r-rekwiżiti tal-interoperabilità. Ser ikunu meħtieġa wkoll sforzi estensivi ta' integrazzjoni, filwaqt li jsiru tibdiliet konkomitanti kif meħtieġ fis-sistemi eżistenti kif ukoll f'dawk li qed jiġu żviluppati sabiex il-komponenti tal-interoperabbiltà jkunu jistgħu joperaw.

L-eu-LISA qed tippjana li tiffinalizza l-iżvilupp tal-sBMS fl-2021 u li tibda bil-migrazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi eżistenti tal-VIS, tas-SIS u tal-Eurodac fl-2022.

Barra minn hekk, bħala strateġija teknika ġenerali u sabiex jiġu akkomodati u ttrattati l-komponenti l-ġodda tal-interoperabbiltà u t-tibdiliet fis-sistemi eżistenti, jeħtieġ li jiġu stabbiliti diversi żviluppi fundamentali. Dawn se jinkludu l-implimentazzjoni ta' infrastruttura kkonsolidata u virtwalizzata, proċessi ta' eżekuzzjoni ssimplifikati (xprunati mill-awtomatizzazzjoni), għodda ta' monitoraġġ standardizzata (għall-kontroll aħjar tal-komponenti) u proċessi ta' sigurtà mtejba.

**Sistema Awtomatizzata ta' Dublin**

Il-kriżi migratorja esponiet nuqqasijiet strutturali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u tal-politika Ewropea dwar il-migrazzjoni. Bħala parti mill-isforzi sabiex tistabbilixxi l-għodod bil-għan li timmaniġġja aħjar il-flussi migratorji fuq perjodi medji u twal, u f'konformità mal-approċċ stabbilit fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-proposta għar-Riforma ta' Dublin (proposta ta' Dublin "IV") tintroduċi sistema ġdida – DAS – għall-allokazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE abbażi ta' gwida għat-tqassim. Is-sistema awtomatizzata l-ġdida tista' tiġi żviluppata, soġġetta għall-adozzjoni tal-qafas legali, għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha, għall-monitoraġġ ta' kull sehem tal-Istati Membri fl-applikazzjonijiet kollha u għad-distribuzzjoni (mill-ġdid) tal-applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE kollha. Minħabba d-dewmien sabiex jintlaħaq ftehim politiku dwar Dublin IV, huwa mistenni li l-eu-LISA jaf tibda l-proċess ta' żvilupp tas-sistema fl-2020. L-EASO ser ikun ikkonsultat fil-proċess ta' żvilupp tad-DAS.

### *2.1.4. Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju*

Sabiex jintlaħaq l-objettiv strateġiku ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-informazzjoni tal-Aġenzija, fil-perjodu 2020-2022, l-Aġenzija se tkompli twettaq attivitajiet relatati mal-approċċ strateġiku għal konsolidazzjoni ulterjuri tal-governanza tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju tal-eu-LISA. L-għan aħħari tal-istrateġija ta' sigurtà u ta' kontinwità huwa li tiżgura li l-eu-LISA żżomm l-ogħla livelli ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju sabiex tikkonforma mal-mandat tagħha.

L-attivitajiet tal-funzjoni tas-sigurtà protettiva ser ikomplu jiffokaw fuq il-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' kuljum tas-servizzi tas-sigurtà fiżika fil-protezzjoni tal-persunal, tal-faċilitajiet u tas-siti.

L-aspett tas-sigurtà operazzjonali tas-saħħa u tas-sikurezza ser ikun ukoll parti mill-attivitajiet operazzjonali ta' kuljum tal-Unità tas-Sigurtà, filwaqt li jiġi żgurat ambjent tax-xogħol tajjeb fil-bini tal-eu-LISA. Se jiġi żviluppat qafas ta' emerġenza aġġornat, inkluż taħriġ perjodiku u eżerċizzji bl-involviment tal-persunal kollu.

Il-funzjoni ta' sigurtà protettiva se taħdem ukoll fuq l-irfinar u l-ittestjar kontinwi tal-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju u ta' rkupru minn diżastri tal-Aġenzija permezz tal-implimentazzjoni, it-tħaddim, it-titjib u l-evoluzzjoni kontinwa tal-approċċ minn tarf sa tarf kif deskritt fl-Istrateġija riveduta ta' Sigurtà u ta' Kontinwità 2019-2022[19]. L-Aġenzija se tkompli l-eżerċizzji annwali tagħha ta' kontinwità tan-negozju u ta' rkupru minn diżastri. Fl-2020, se jiġi organizzat eżerċizzju kombinat ta' rkupru minn diżastri flimkien mal-Istati Membri għas-SIS, għall-VIS u għall-Eurodac.

L-Aġenzija se tkompli tipprovdi ħidma ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà strateġika lill-partijiet ikkonċernati permezz tan-Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà[20], li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki, ta' pariri u ta' gwida fost l-esperti tas-sigurtà. Dan sar il-forum għall-koordinazzjoni fi kwistjonijiet ta' sigurtà bejn l-eu-LISA, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE fil-qasam tal-ĠAI, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. L-Aġenzija tipparteċipa wkoll f'fora f'oqsma oħra u fi gruppi ta' ħidma dwar iċ-ċibersigurtà, sabiex tikkondividi l-esperjenzi u żżid il-livell ta' għarfien f'dan il-qasam importanti.

L-eu-LISA se tkompli tipparteċipa fil-gruppi ta' ħidma interaġenzjali dwar il-kontinwità tan-negozju/tal-irkupru minn diżastri, b'enfasi fuq ir-reżiljenza organizzazzjonali sabiex jiġu pprovduti servizzi mingħajr interruzzjoni lill-Istati Membri.

Il-funzjoni tal-garanzija u s-sigurtà tal-informazzjoni ser iżżomm żewġ oqsma ta' ħidma ewlenin fil-perjodu tal-ippjanar. L-ewwel qasam ta' ħidma jikkonċerna l-provvista ta' kuljum tas-servizz tal-garanzija u tas-sigurtà tal-informazzjoni. Dan jipprevedi l-eżekuzzjoni ta' proċessi operattivi ta' servizzi ta' informazzjoni, bħar-regolazzjoni, il-valutazzjoni, il-garanzija, il-protezzjoni, il-monitoraġġ, ir-rispons u l-irkupru (abbażi tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni ISO 27001), sabiex jinżamm livell għoli ta' garanzija u ta' sigurtà tal-informazzjoni għas-sistemi kollha fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija. It-tieni qasam ta' ħidma jkopri l-iżvilupp u l-evoluzzjoni tal-arkitettura tas-sigurtà teknika f'konformità mal-pjan direzzjonali deskritt fl-istrateġija teknoloġika tal-Aġenzija sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi fuq skala kbira għal inċidenti tas-sigurtà u għal attakki ċibernetiċi.

L-istrateġija teknoloġika tal-Aġenzija tipprevedi sitwazzjoni fil-mira għas-servizz ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni, bi programm komprensiv taċ-ċibersigurtà bbażat fuq:

- Arkitettura standardizzata tas-sigurtà, li tuża l-kontrolli tas-sigurtà l-aktar rilevanti, avvanzati u effettivi għall-protezzjoni kontra t-theddid, fuq il-bażi ta' prattika tajba aċċettata, bħall-Kontrolli tas-Sigurtà Kritika tas-CIS (Ċentru għas-Sigurtà tal-Internet). L-enfasi hija fuq il-punti bażiċi, bħall-

19 Għandha tiġi adottata mill-Bord tat-Tmexxija fit-19 ta' Novembru 2019

20 Network informali ta' esperti tas-sigurtà li jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju, filwaqt li jagħtu pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Gruppi Konsultattivi, jekk jintalbu.

"patching" u l-"whitelisting" tal-applikazzjonijiet, il-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet tekniċi, il-ġestjoni privileġġata, il-ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet;

- Monitoraġġ u analitika kontinwi sabiex jipprovdu intuwizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji u li tista' tittieħed azzjoni dwarhom sabiex tkompli tittejjeb is-sitwazzjoni tas-sigurtà (eż. analitika tal-imġiba tas-sistema);
- Il-fiduċja u s-sigurtà tal-komunikazzjoni aktar b'saħħitha permezz tal-iżvilupp ta' Infrastruttura taċ-Ċavetta Pubblika (PKI) interna;
- Matul l-2020-2022, l-Unità tas-Sigurtà tal-eu-LISA se tkun inkarigata mill-ġestjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni u tal-Avvenimenti (SIEM) li se tkun integrata fi ħdan l-Infrastruttura Kondiviża Komuni, flimkien ma' PKI b'saħħitha u robusta għall-użu ddistribwit ta' ċertifikati diġitali bl-għan ta' infurzar tal-ġestjoni tal-identità.

### 2.1.5. Attivitajiet ta' appoġġ għan-negozju ewlieni

**Rapportar statutorju għas-sistemi**

Fil-perjodu 2020-2022, l-Aġenzija biħsiebha tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-ġestjoni u r-rapportar statutorju (kif previsti fil-bażijiet ġuridiċi attwali għal kull sistema ġestita minnha). B'mod partikolari, hija ser tkompli tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar:

- Il-pubblikazzjoni kull sena ta' statistika tas-SIS skont l-Artikolu 66(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjonijiet paralleli fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006;
- Is-sottomissjoni tar-rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS, inkluża s-sigurtà, kull sentejn (fl-2021) skont l-Artikolu 46(8) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjonijiet paralleli fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006;
- Is-sottomissjoni tar-rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS, inkluż dwar is-sigurtà, kull sentejn (fl-2020 u fl-2022) skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI;
- Is-sottomissjoni ta' rapport annwali dwar l-attività tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inkluż dwar il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha, kull sena, skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;
- Il-pubblikazzjoni tal-istatistika tal-Eurodac, kull sena, skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;
- Malli tkun qed topera l-EES, il-pubblikazzjoni tal-istatistika dwar l-EES kull trimestru skont l-Artikolu 63(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-rapport annwali skont l-Artikolu 63(5);
- Malli tkun qed topera l-ETIAS, il-pubblikazzjoni tal-istatistika dwar l-ETIAS kull trimestru skont l-Artikolu 84(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240 u r-rapport annwali skont l-Artikolu 84(5).

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkompli tiżgura li l-lista tal-awtoritajiet kompetenti awtorizzati li jfittxu direttament id-*data* li tinsab fis-SIS, flimkien mal-lista tal-Uffiċċji Nazzjonali tas-SIS u mal-Uffiċċji SIRENE nazzjonali (skont l-Artikolu 31(8) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-dispożizzjonijiet paralleli fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/JHA) jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali (ĠU) tal-UE fuq bażi annwali. L-Aġenzija se tippubblika l-lista aġġornata tal-awtoritajiet maħtura fuq is-sit web tagħha kull sena, billi tispeċifika l-unitajiet eżatti li jkollhom aċċess għad-*data* rreġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

Skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226, tliet xhur wara li l-EES tkun bdiet topera, l-eu-LISA se tippubblika lista konsolidata tal-awtoritajiet kompetenti – skont in-notifiki tal-Istati Membri – fil-ĠU tal-UE.

Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, tliet xhur wara li l-ETIAS tkun bdiet topera, l-eu-LISA se tippubblika lista kkonsolidata tal-awtoritajiet kompetenti li jkollhom aċċess għas-sistema tal-ETIAS - skont in-notifiki tal-Istati Membri - fil-ĠU tal-UE.

**Għoti ta’ taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija**

L-eu-LISA se tkompli tipprovdi sessjonijiet ta’ taħriġ ta’ livell għoli mfassla apposta dwar l-użu tekniku tas-sistemi kollha taħt il-mandat tagħha (inklużi s-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà) mal-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti. Il-kooperazzjoni diġà siewja mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Aġenziji tal-ĠAI u mal-Istati Membri se tkompli permezz tal-ħolqien ta’ inizjattivi ta’ taħriġ konġunti addizzjonali. Se tiġi implimentata inizjattiva ta’ taħriġ konġunti bejn l-eu-LISA, is-CEPOL, il-Frontex (u l-FRA, kif ikun xieraq) għal programm ta’ taħriġ speċifiku għall-Istati Membri dwar l-EES u l-ETIAS. L-aspetti tekniċi ta’ qabel it-tnedija u, wara d-dħul fis-seħħ, tal-fażi ta’ integrazzjoni ta’ wara t-tnedija, ser ikunu l-fokus prinċipali ta’ dan il-programm ta’ taħriġ. Se jiġu żviluppati programmi ta’ taħriġ simili għall-ETIAS u għall-komponenti l-ġodda tal-interoperabbiltà.

Il-kontenut tal-portafoll ta’ taħriġ tal-eu-LISA li jindirizza s-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES u l-ETIAS se jiġi mmonitorjat mill-qrib sabiex jiġi żgurat li jkun imfassal fi kwalunkwe ħin għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Fil-perjodu 2020-2022, ser issir enfasi speċjali wkoll fuq l-istabbiliment u t-tisħiħ sussegwenti tal-portafoll ta’ taħriġ relatat mal-ECRIS-TCN u mal-interoperabbiltà. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha ser ikunu involuti fil-proċess tal-ħolqien ta’ dawn il-portafolli speċifiċi ta’ taħriġ. L-Aġenzija se tkompli wkoll tipprovdi appoġġ qawwi lill-Istati Membri (eż. SIS għal Ċipru, VIS għall-Bulgarija, għar-Rumanija, u għall-Kroazja) u/jew korpi tal-UE li se jibdew jużaw is-sistemi diġà fis-seħħ. Għal dan l-għan, se jiġu stabbiliti programmi ta’ taħriġ għal persuni ġodda mfassla apposta bħala pass meħtieġ sabiex jinkiseb stat ta’ tħejjija teknika sħiħa għall-integrazzjoni ta’ dawn is-sistemi.

Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta’ taħriġ tal-membri tal-grupp tal-eu-LISA, speċjalment dawk li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta’ sistemi ġodda, il-qafas ta’ taħriġ (Programm ta’ Taħriġ dwar l-Iżvilupp għall-Operaturi tal-IT) attwalment applikat u l-mekkaniżmu ta’ ċertifikazzjoni relattiv se jiġu aġġornati.

Fl-aħħar nett, għall-perjodu 2020-2022, il-komponent tat-tagħlim elettroniku tal-eu-LISA se jissaħħaħ aktar wara l-aġġornamenti kollha fil-qasam tat-tagħlim elettroniku u l-ġestjoni tas-sistemi ta’ tagħlim online. L-għażla tal-materjali ta’ tagħlim elettroniku u tal-prodotti għat-taħriġ se tissaħħaħ sabiex tirrifletti l-ħtiġijiet ta’ taħriġ tal-Istati Membri fir-rigward ta’ żviluppi eżistenti u futuri.

**Riċerka teknoloġika**

F’konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament il-ġdid li jistabbilixxi l-Aġenzija, l-implimentazzjoni ta’ partijiet tal-programm qafas għar-riċerka u għall-innovazzjoni (Orizzont 2020, u mill-2021 ’il quddiem Orizzont Ewropa) li huma relatati ma’ sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja tista’ tiġi fdata lill-Aġenzija jekk il-Kummissjoni tiddelega s-setgħat rilevanti lill-eu-LISA. Sal-2020 jenħtieġ li l-Aġenzija tkun stabbilixxiet il-kapaċitajiet sabiex tinvolvi ruħha f’ħidma bħal din, u tista’ tiġi ppjanata l-ġestjoni ta’ xi stadji tal-implimentazzjoni tal-proġett, bl-involviment tal-Istati Membri u ta’ Aġenziji tal-ĠAI oħrajn fejn xieraq.

Minħabba li se jiġu żviluppati u/jew implimentati diversi sistemi ġodda u (fil-każ tal-interoperabilità) komponenti tekniċi fil-perjodu mill-2020 sal-2022, ser isiru sforzi speċifiċi sabiex jiġu identifikati l-aħħar żviluppi relatati fir-riċerka u fit-teknoloġija li jistgħu jiġu inkorporati fi proġetti ffokati fuq l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda. Il-funzjoni ta’ monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija se tagħmel sforz partikolari sabiex twassal is-sejbiet lill-persunal intern u lil dawk involuti fil-proġetti ta’ disinn, ta’ żvilupp u ta’ implimentazzjoni, b’mod partikolari permezz tal-provvista ta’ rapporti ta’ monitoraġġ u ta’ għoti ta’ tagħrif tekniku. Barra minn hekk, il-monitoraġġ tar-riċerka se jipprovdi ftit mill-għarfien u mill-intuwizzjoni fil-fond li l-Aġenzija se tkun teħtieġ fl-azzjonijiet tagħha msemmija qabel bħala sieħba u affidabbli għal politiki rilevanti li jappartjenu għat-tmexxija operattiva ta’ sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja.

Is-sensibilizzazzjoni esterna se tkompli tkun element importanti fl-attivitajiet ta’ riċerka. Il-prattika ta’ rapportar biannwali dwar l-eżiti tal-monitoraġġ tat-teknoloġija lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u, fejn jikkonċerna l-ipproċessar ta’ *data* personali, lill-EDPS, se tkompli f’konformità mar-rekwiżiti leġislattivi (li

jirrikjedu li dan isir tal-anqas darba fis-sena), u mal-MtQ mal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari billi jiġi pprovdut kontribut tekniku rilevanti għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda.

### 2.1.6. Governanza korporattiva

**Tikber bħala ċentru ta' eċċellenza**

Sabiex tkompli tallinja l-operazzjonijiet tagħha mal-aħjar prattiki tal-industrija, l-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-mudell tas-servizzi u tal-proċessi tagħha abbażi tal-adozzjoni tal-aħjar prattiki tal-ITIL/ITSM. Għalhekk, l-eu-LISA se tkun tista' tidentifika u timplimenta attivitajiet sabiex ittejjeb il-kwalità tas-servizz u l-effiċjenza u l-effettività tal-mudell stabbilit tal-proċessi u tas-servizzi tal-ITSM. Dan ser itejjeb l-integrazzjoni tal-proċessi[21] b'mod sinifikanti, kif ukoll il-kosteffettività tat-twassil tas-servizzi tal-IT mingħajr is-sagrifikar tas-sodisfazzjon tal-klijenti. Minbarra l-proċessi ta' twassil tas-servizzi, il-proċessi ta' riżoluzzjoni u l-proċessi ta' kontroll, l-Aġenzija se tiżviluppa u timplimenta l-proċessi meħtieġa tar-relazzjonijiet, jiġifieri:

- Il-ġestjoni tad-domanda;
- Il-ġestjoni tar-relazzjonijiet tan-negozju;
- Il-ġestjoni tal-bejjiegħa.

Dan ser iwassal għal allinjament ferm aħjar tar-rekwiżiti u tal-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati, u ser ikompli jtejjeb is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati. Billi tuża l-prinċipji ta' proċess ta' titjib kontinwu tas-servizz, l-eu-LISA se tfittex ukoll opportunitajiet sabiex tkompli tawtomatizza u tirrazzjonalizza l-proċessi, fejn possibbli, billi tibbenifika mill-għodda integrata tal-ITSM u mill-passaġġ issoktat tagħha lejn l-għodod ta' monitoraġġ. Minbarra dan, il-fokus tat-tisħiħ tal-mudell integrat tal-proċessi u tas-servizzi tal-Aġenzija se jinxteħet fuq il-provvista ta' kontroll kontinwu ħafna aktar effiċjenti u effettiv, kif ukoll fuq opportunitajiet għal titjib kontinwu tas-servizzi kollha tal-eu-LISA.

L-implimentazzjoni ppjanata tal-proċess ta' ġestjoni tal-għarfien se tiftaħ ukoll opportunitajiet addizzjonali għat-tisħiħ ulterjuri tal-bażi ta' *data* interna dwar l-artefatti tal-għarfien tal-eu-LISA u tal-artefatti tal-għarfien tal-utenti tal-Istati Membri. Il-fokus se jinxteħet ukoll fuq l-integrazzjoni tal-mudell tal-proċessi tal-ITSM mal-proċess stabbilit ta' ġestjoni tal-proġetti, sabiex tkun tista' tkompli tiġi standardizzata u kkontrollata b'mod aktar effiċjenti t-tranżizzjoni għall-operazzjonijiet.

B'mod parallel, l-Aġenzija se tfittex li ddaħħal fis-seħħ sistema mtejba b'mod sinifikanti ta' kejl tal-proċessi u tas-servizzi permezz tal-istabbiliment tas-siġra tal-kejl tas-servizzi tal-Aġenzija u bl-awtomatizzazzjoni tar-rapportar dwar il-KPIs u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz/operazzjonali rispettivi. Sabiex tkun aktar effiċjenti fl-operazzjonijiet tagħha, l-Aġenzija se tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-użu xierqa tal-bażi ta' *data* tal-għarfien u l-kondiviżjoni tal-għarfien fost il-partijiet ikkonċernati. Titjib sinifikanti addizzjonali tal-proċess ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni u tal-ġestjoni tal-assi se jiggarantixxi kontroll aktar effettiv tal-kost totali tas-sjieda. Dawn l-attivitajiet ippjanati kollha ser ikunu bbażati fuq il-proċess kontinwu ta' titjib tas-servizz b'mod effiċjenti.

L-Aġenzija ser ittejjeb l-għodod eżistenti sabiex tindirizza aktar il-proċessi fis-seħħ, u b'hekk twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom kif ukoll il-livelli ta' integrazzjoni. L-eu-LISA se tintroduċi wkoll għodod speċifiċi (disponibbli fis-suq) sabiex tappoġġja l-awtomatizzazzjoni tal-fażijiet jew tal-oqsma differenti involuti fiċ-ċiklu tal-iżvilupp tas-servizz, billi tallinjahom mal-aqwa prattiki tal-ITSM bħall-ġbir tar-rekwiżiti, l-analiżi u t-tfassil tar-rekwiżiti, il-kontroll tal-verżjonijiet, l-ittestjar tas-software, l-integrazzjoni ulterjuri tal-proċessi, eċċ.

L-eu-LISA se tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha għall-ippjanar u għall-implimentazzjoni tal-proġetti u tal-programmi tagħha, billi tissimplifika l-proċess tal-ġestjoni tal-proġetti/programmi tagħha u billi tiżviluppa għodod eżistenti li jappoġġjawha. L-Aġenzija se tkompli wkoll tiżviluppa u ssaħħaħ l-EPMO tagħha.

21 L-integrazzjoni tal-proċessi hija waħda mill-aħjar prattiki ewlenin tal-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT.

**Qafas ta' governanza korporattiva**

Fil-perjodu 2020-2022, il-fokus primarju tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija jibqa' li tipprovdi elementi ta' governanza korporattiva bħall-ġestjoni tar-riskju korporattiv, il-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-KPIs korporattivi, u li tagħti parir legali sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti statutorji u l-ħtiġijiet tan-negozju rilevanti. Fil-qasam tal-ġestjoni tal-konformità, l-Aġenzija għandha l-għan li timplimenta l-qafas ta' kontroll intern adottat fl-2019, li jsegwi mill-qrib il-kunċett aġġornat u l-aħjar prattiki diġà stabbiliti fil-Kummissjoni.

Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha l-għan li tibni kapaċitajiet effettivi ta' ġestjoni tal-portafoll u l-aħjar prattiki sabiex tappoġġja l-konformità, filwaqt li ttejjeb it-twettiq tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA. Jenħtieġ li l-maniġment eżekuttiv ikun kapaċi jiddefinixxi u jinforza struttura ta' governanza li tipprovdi kontrolli effettivi, responsabbiltà u ġestjoni tar-riskju. Billi jtejjeb il-politiki, il-proċeduri u l-għodod, jenħtieġ li l-EPMO joffri lill-organizzazzjoni perspettiva bbilanċjata tal-operazzjonijiet billi jipprovdi ħakma akbar fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni tal-proġetti u tal-portafolli u fl-istess ħin jiżgura l-konformità mar-regolamenti finanzjarji tal-Aġenzija għal evalwazzjonijiet ex ante u retrospettivi, b'mod partikolari f'dawn:

- L-involviment strateġiku kontinwu;
- L-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' investimenti speċifiċi u tal-eżiti mistennija tan-negozju;
- L-allinjament tal-programmi u tal-proġetti li jirriżultaw mal-għanijiet strateġiċi oriġinali;
- Il-kisba tal-benefiċċji sabiex jiġi kkonfermat li nkiseb il-valur u li dan jista' jiġi kkwantifikat.

**Ġestjoni tal-kwalità korporattiva**

Fil-qasam tal-ġestjoni tal-kwalità korporattiva, fl-2020 l-eu-LISA se timplimenta azzjoni ta' segwitu għall-ewwel eżerċizzju ta' ġestjoni tal-kwalità korporattiva mwettaq mill-2017-2019. Abbażi tal-metodoloġija tal-Qafas ta' Valutazzjoni Komuni (CAF), u b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda u tal-aħjar prattiki mill-eżerċizzju preċedenti, l-Aġenzija se tassenja r-riżorsi meħtieġa u twettaq eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni fl-2020 sabiex tidentifika oqsma potenzjali ta' titjib fir-rigward tal-livelli ta' kwalità applikati fil-proċessi u fir-riżultati tal-eu-LISA. L-eżiti maqbula tal-attivitajiet tal-2020 se jiġu inkorporati bħala miżuri ddedikati fil-pjan ta' titjib tal-kwalità tal-eu-LISA-, u implimentati fis-snin 2021-2022 kif previst.

L-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ il-kapaċità ta' ġestjoni tal-kwalità tal-programmi u tal-proġetti tagħha billi tagħti mandat lill-EPMO sabiex jiżviluppa, jintroduċi u jżomm qafas ġenerali għall-ġestjoni tal-kwalità tal-programmi u tal-proġetti (PPQM). Il-qafas tal-PPQM ser ikopri l-proċessi ewlenin kollha taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dixxiplina tal-ġestjoni tal-kwalità, jiġifieri l-ippjanar tal-kwalità, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-kontroll tal-kwalità, f'konformità mal-aħjar prattiki enfasizzati fil-"Project Management Body of Knowledge (PMBoK) Guide", fi "PRINCE2 Methodology", f'"The Capability Maturity Model Integration (CMMI)", u f'"The Standard for Program Management".

Barra minn hekk, l-eu-LISA ser ittejjeb il-qafas ta' governanza tagħha billi temenda u taġġorna l-pjan direzzjonali ta' governanza tal-ITIL/ITSM tagħha, abbażi ta' qafas tal-aħjar prattiki għall-adozzjoni ta' approċċ ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT, skont ir-rekwiżiti partikolari u ġodda tal-partijiet ikkonċernati. Għall-perjodu 2020-2022, l-aġġornamenti kontinwi fis-servizzi u fil-proċessi tal-Aġenzija se jibqgħu kompitu importanti wkoll sabiex jinżammu l-effiċjenza u l-effettività tal-eu-LISA fit-twassil tas-servizzi tagħha.

**Ippjanar u rapportar statutorju korporattiv**

Ir-rendiment tal-kapaċitajiet imsemmija hawn fuq ser ikun inkorporat u marbut maċ-ċiklu tal-ippjanar u tar-rapportar ġenerali tal-Aġenzija, li se jappoġġja b'mod trasparenti lill-Aġenzija u lill-partijiet ikkonċernati tagħha fit-twassil tar-riżultati skont ir-rekwiżiti u l-aspettattivi. Il-produzzjoni u r-rapportar kontinwi ta' tali informazzjoni dwar il-ġestjoni, abbażi ta' elementi tal-governanza korporattiva, ser ikomplu jgħinu lid-Direttur Eżekuttiv fil-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-organizzazzjoni, u se jappoġġjaw lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Gruppi Konsultattivi fir-rwoli tagħhom ta' "sfida u appoġġ" lid-Direttur Eżekuttiv.

L-enfasi tal-ippjanar operazzjonali se tkun li jiġi pprovdut approċċ strutturat u komprensiv għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet annwali f'konformità mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, u fuq it-titjib tal-ippjanar tal-kompiti interni u tar-riżorsi tad-diversi unitajiet u setturi. Se titwettaq evalwazzjoni ex ante tal-attivitajiet b'impatt sostanzjali abbażi tad-deċiżjoni rilevanti tal-Bord tat-Tmexxija u tar-regoli applikabbli sabiex jiġi żgurat l-użu xieraq tar-riżorsi. L-Aġenzija se tkompli taġġorna l-applikazzjoni tagħha għall-ippjanar u għar-rapportar annwali. Barra minn hekk, ser isir rieżami regolari tal-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul. L-Aġenzija se tkompli tinforma lill-partijiet ikkonċernati tagħha u lill-pubbliku ġenerali dwar il-prestazzjoni tagħha billi tippubblika r-rapporti interim tagħha, kif meħtieġ mir-Regolament il-ġdid li jistabbilixxiha.

**Awditjar intern**

Il-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv sejrin ikomplu jistrieħu fuq il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-Aġenzija għal garanzija indipendenti u oġġettiva u għarfien dwar l-effettività u l-effiċjenza tal-governanza, il-ġestjoni tar-riskji u l-proċessi ta' kontroll intern. B'dan il-mod, l-IAC għandha l-għan li tiffaċilita l-kisba tal-għanijiet u l-objettivi strateġiċi annwali u pluriennali tal-eu-LISA.

L-eu-LISA se tkompli tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni Ewropea, billi tospita l-missjonijiet ta' awditjar tagħhom u tieħu l-miżuri sabiex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw, kif xieraq. L-IAC se tibqa' l-koordinatur f'dan il-qasam.

L-IAC se tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' awditi ppjanati mill-IAS fit-tieni Pjan Strateġiku għall-Awditjar Intern tal-Aġenzija u se tiżgura t-twettiq regolari ta' awditi tal-IT sabiex tkopri s-sigurtà tal-IT, l-operazzjonijiet u l-ġestjoni tal-proġetti tal-Aġenzija. Sabiex tipprovdi għall-aħjar kapaċità u kompetenza tat-timijiet tal-awditjar tagħha, l-IAC se testernalizza awditi jew proċeduri tal-awditjar partikolari jew billi tuża kuntratt qafas eżistenti jew inkella billi tagħti bidu għal proċeduri ta' akkwist ġodda.

L-IAC ser iżżomm l-ogħla livell ta' maturità (5 – Ottimizzat) u se tkompli tirrapporta dwar ir-riżultati tal-Programm tagħha ta' Garanzija u ta' Titjib tal-Kwalità (QAS).

L-eu-LISA se tkompli tuża l-IAC bħala katalist għat-titjib tal-effettività u tal-effiċjenza tagħha billi tipprovdi għarfien u rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq analiżijiet u valutazzjonijiet tad-*data* u tal-proċessi.

### *2.1.7. Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni*

**Ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Sabiex trawwem il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet u mal-korpi tal-UE, l-eu-LISA se taġixxi bħala sieħba u konsulenta fdata u affidabbli dwar suġġetti li jappartjenu għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

F'dan il-kuntest, l-Aġenzija ser issegwi mill-qrib u ssostni l-ħidma tal-gruppi rilevanti tal-Kunsill li jindirizzaw il-proposti legali, l-inizjattivi operazzjonali u materji oħrajn rilevanti għall-Aġenzija, u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (Kumitat LIBE) tal-Parlament Ewropew, meta tiġi mistiedna tagħmel dan. L-enfasi ewlenija se tinxteħet fuq l-iżgurar li l-għarfien u l-għarfien espert tal-eu-LISA fit-tmexxija ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira jservu bħala bażi għal teħid ta' deċiżjonijiet infurmat sewwa u bbażat fuq il-fatti. Għal dan l-għan, l-Aġenzija se tkompli tipprovdi l-għarfien espert tekniku tagħha u tikkondividi l-għarfien tagħha mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE.

L-eu-LISA se żżomm ir-relazzjonijiet mill-qrib u kostruttivi tagħha mal-Kummissjoni Ewropea u se teżamina l-iżvilupp ulterjuri tas-sħubija eżistenti. F'dan ir-rigward, se jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni sħaħ tal-Memorandum ta' Qbil aġġornat bejn l-eu-LISA u d-DĠ HOME, ladarba jiġi adottat[22]. L-għanijiet ġenerali se

[22] Sakemm jintlaħaq ftehim reċiproku dwar il-MtQ aġġornat, japplika l-MtQ preċedenti li ġie konkluż fl-2014.

jinkludu l-koordinazzjoni reċiproka tal-azzjonijiet, l-appoġġ ta' inizjattivi legali ġodda, il-ħolqien ta' sinerġiji u d-djalogu regolari.

Se tinżamm ukoll kooperazzjoni effettiva u mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Pajjiżi Assoċjati bħala l-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-eu-LISA f'termini tal-attivitajiet u tas-servizzi tal-Aġenzija. L-Aġenzija se tfittex li tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom tagħha mal-Konsulenti tal-ĠAI sabiex tiżgura li l-attivitajiet tagħha jibqgħu trasparenti għall-Istati Membri.

L-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni esterna mfassla apposta se tkun element importanti ta' din il-ħidma. L-għoti ta' appoġġ tekniku lill-Istati Membri jista' jkun previst ukoll fid-dawl tal-kompiti l-ġodda stipulati fl-Artikolu 16 tar-Regolament rivedut tal-Aġenzija. Wara dan, fl-2020 l-Aġenzija tista' tintalab tipprovdi pariri lill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjonijiet tas-sistema nazzjonali mas-sistemi ċentrali. L-eu-LISA tista' wkoll tkun fdata minn grupp ta' tal-anqas ħames Stati Membri sabiex jiżviluppaw, jiġġestixxu jew jospitaw komponent tal-IT komuni li jgħinhom fl-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-obbligi li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni dwar is-sistemi deċentralizzati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. L-Aġenzija se tiġi fdata b'dawn il-kompiti biss wara l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni u soġġett għal deċiżjoni pożittiva mill-Bord tat-Tmexxija. L-Istati Membri rikjedenti se jafdaw lill-Aġenzija b'kompiti bħal dawn permezz ta' ftehim ta' delega li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għad-delega tal-kompiti, il-kalkolu tal-ispejjeż kollha rilevanti u l-metodu tal-fatturazzjoni. L-ispejjeż rilevanti kollha ser ikunu koperti mill-Istati Membri parteċipanti.

L-aġenziji tal-UE se jibqgħu grupp importanti ta' partijiet ikkonċernati u ta' sħab tal-eu-LISA. L-eu-LISA se tkompli timplimenta l-arranġamenti ta' ħidma konklużi ma' diversi aġenziji tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni bħas-CEPOL, il-Frontex, l-EASO, l-FRA, l-Europol u l-Eurojust. L-eu-LISA se tkompli l-parteċipazzjoni proattiva tagħha fin-network tal-Aġenziji tal-ĠAI u fin-network usa' ta' aġenziji deċentralizzati. Barra minn hekk, l-eu-LISA se taħdem sabiex tikkonsolida l-kooperazzjoni tagħha mal-ENISA abbażi tal-arranġament ta' ħidma mill-2018.

L-Aġenzija tista' tfittex ukoll li tiżviluppa l-kondiviżjoni tas-servizzi ma' Aġenziji oħrajn fl-ispirtu tal-Approċċ komuni [23] u wara l-adozzjoni tal-mandat rivedut tagħha (jiġifieri l-Artikolu 41(4) Kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, mal-korpi, mal-uffiċċji u mal-aġenziji tal-Unjoni). L-allinjament mal-portafoll ta' servizzi tal-Aġenzija sejjer jiżgura li tali kondiviżjoni tas-servizzi jsir b'mod effiċjenti u simplifikat u ma jkollu l-ebda impatt fuq l-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija.

Se jittieħdu aktar passi sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-akkademiċi, mal-entitajiet ta' riċerka u mal-industrija fl-Ewropa u fid-dinja kollha. Bla dubju ta' xejn ser ikun hemm opportunitajiet mill-implimentazzjoni possibbli mill-Aġenzija tal-partijiet tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni relatati ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-Aġenzija se tagħmel sforzi konsistenti sabiex tmexxi l-isforzi ta' riċerka lejn eżiti li minnhom jibbenefikaw il-ħidma tagħha u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Il-kuntatti mill-qrib stabbiliti permezz ta' din il-ħidma se jiżguraw l-adozzjoni rapida tal-għarfien dettaljat li jeħtieġ li jiġi inkorporat fil-ħidma għall-evoluzzjoni tas-sistemi. Ġeneralment, dan se jgħin sabiex jissaħħaħ l-għarfien espert tal-Aġenzija f'termini tal-iżvilupp tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u ġodda fl-Ewropa u sabiex jittejjeb il-forniment tas-servizzi lill-utenti finali. L-għan ta' dawn l-attivitajiet jibqa' li jappoġġjaw lill-Aġenzija fit-twettiq tal-mandat u l-kompiti tagħha, kif ukoll fl-iżvilupp tal-immaġini tagħha bħala Aġenzija Ewropea miftuħa, affidabbli u effiċjenti.

**Komunikazzjoni**

[23] Anness għad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tat-23 ta' Lulju 2012, il-paragrafu 23. Disponibbli fuq: https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_mt.pdf

L-objettivi, l-għanijiet u l-messaġġi tal-komunikazzjoni esterna tal-2020 tal-eu-LISA ser ikunu assoċjati direttament mal-objettivi strateġiċi ġenerali tal-Aġenzija għall-2018-2022. L-inizjattivi ta' komunikazzjoni ser jappoġġaw il-bini ta' reputazzjoni pożittiva tal-eu-LISA bħala kontributur affidabbli u fdat għall-implimentazzjoni ta' politiki fil-qasam tal-ġustizzja, is-sigurtà u l-libertà, b'mandat estiż ta' responsabbiltajiet fuq sistemi tal-IT fuq skala kbira preċedenti u ġodda taħt il-mandat tagħha.

Fl-2020, l-eu-LISA se tibda l-proċess ta' reviżjoni tal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Esterna u ta' Informazzjoni tagħha għall-2017-2020 għall-perjodu ta' ħames snin li jmiss, billi tifformalizza l-qafas ta' komunikazzjoni u l-prinċipji mġedda sabiex tenfasizza l-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-kompiti tal-eu-LISA minħabba l-mandat il-ġdid tagħha. Il-Komunikazzjoni esterna se tiffoka fuq il-provvista ta' informazzjoni aġġornata, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-għoti minnufih ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u ċara lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati kif meħtieġ mill-bażi ġuridika. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni se jitwettqu f'konformità mal-pjanijiet rilevanti ta' komunikazzjoni u ta' disseminazzjoni adottati mill-Bord tat-Tmexxija. L-Aġenzija se tkompli tiżviluppa, timmodernizza u tippromwovi l-għodod ewlenin ta' komunikazzjoni pubblika tagħha – is-sit web tal-eu-LISA u l-pjattaformi ta' komunikazzjoni online – relatati mas-sistemi l-ġodda taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija.

L-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ il-komunikazzjoni interna bl-għan li ttejjeb l-iskambju tal-informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien bejn l-aġenziji u tiffaċilita l-involviment u l-impenn tan-numru dejjem akbar ta' impjegati. Il-Komunikazzjoni interna fl-2020 se tiffoka fuq l-aħbarijiet organizzazzjonali, operazzjonali, amministrattivi u ta' ispirazzjoni u l-informazzjoni permezz ta' mezzi interni online modernizzati, u se tintroduċi formati ġodda sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bidirezzjonali bejn il-maniġment u l-persunal. Il-komunikazzjoni interna se tiġi ġestita skont l-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Interna tal-eu-LISA għall-2016-2020 u se jiġi fformalizzat aġġornament tal-istrateġija għall-ħames snin li jmiss.

### *2.1.8. Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà*

L-Aġenzija se tkompli tikkonsolida l-proċessi tagħha li jirregolaw l-użu tar-riżorsi billi tirfina l-akkwist, il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja u l-ġestjoni tal-assi, filwaqt li tapplika l-prinċipji baġitarji u kontabilistiċi aċċettati b'mod ġenerali tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi stabbiliti mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, u mill-kontabilist tal-eu-LISA għall-istandards li jippermettu devjazzjonijiet motivati. Il-qasam finanzjarju għandu l-għan li jtejjeb b'mod kostanti l-kapaċitajiet tiegħu ta' rapportar u ta' analiżi sabiex jiżgura teħid ta' deċiżjonijiet u rapportar finanzjarju ġusti, trasparenti u affidabbli.

Żviluppi maġġuri f'dan il-qasam għall-perjodu se jinkludu:

- Il-ħolqien ta' mudelli ta' miri ta' nfiq għall-ġestjoni ta' proġetti, billi l-istadji importanti għall-ħlas jintrabtu ma' riżultati tanġibbli tal-proġetti, sabiex tiżdied il-preċiżjoni fil-previżjoni tal-konsum tal-approprjazzjonijiet ta' pagament;
- L-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċità ta' ġestjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija, abbażi tal-Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività[24];
- L-adattament tal-mudell tal-akkwist għall-mudell ta' provvista adottat mill-Aġenzija permezz tal-istrateġija ddedikata, speċjalment fir-rigward tal-iżvilupp, tal-manutenzjoni u tal-modifiki tas-sistemi li jkunu qed jiġu ġestiti;
- L-iżvilupp ulterjuri tal-użu tal-e-Prior suite (Fatturazzjoni Elettronika u Akkwist Elettroniku) ġestita mill-Kummissjoni Ewropea.

### *2.1.9. Servizzi korporattivi*

[24] Jenħtieġ li l-ABB jiġi implimentat bis-sħiħ sa tmiem l-2020.

**Ġestjoni tal-faċilitajiet**

Minħabba l-volum akbar ta' xogħol u ż-żieda fl-għadd ta' persunal meħtieġ sabiex jaħdem fuq il-post, fl-2014 ġie ffirmat kuntratt ta' kostruzzjoni għat-tisħiħ tas-sit tekniku fi Strasburgu, u wara dan ġie eżegwit il-proġett ta' rikostruzzjoni (l-ewwel proġett ta' bini).

Sa mill-ewwel proġett ta' bini, żviluppi sinifikanti fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni ħolqu domanda ġdida għall-kapaċitajiet operazzjonali tal-eu-LISA. Dawn l-iżviluppi xeħtu dubji dwar il-kapaċità tal-ispazju għall-uffiċċji operazzjonali tal-Aġenzija sabiex ilaħħaq ma' din id-domanda u l-ħtieġa ta' espansjoni taċ-ċentru tad-*data* fis-sit tekniku fi Strasburgu.

Wara diskussjoni komprensiva f'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA rrikonoxxa l-ħtieġa għal estensjoni ulterjuri tal-ispazju għall-uffiċċji u l-ħtieġa għal espansjoni taċ-ċentru tad-*data* fis-sit operazzjonali fi Strasburgu.

Il-motivazzjonijiet għal din l-estensjoni ulterjuri huma kif ġej:

- Il-mandat estiż tal-eu-LISA fir-rigward tas-sistemi l-ġodda li se jiġu fdati lill-Aġenzija u s-servizzi ġodda li ser ikunu disponibbli għall-Istati Membri, li jeħtieġu kapaċità taċ-ċentru tad-*data* akbar minn dik li teżisti bħalissa jew li setgħet kienet prevista fl-2015, meta tfassal l-ewwel proġett ta' bini.
- Is-sistemi eżistenti ġestiti mill-Aġenzija diġà għaddejjin jew se jgħaddu minn żviluppi sostanzjali. Il-Komunikazzjoni dwar is-"Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà" mill-Kummissjoni Ewropea diġà indirizzat dawn il-ħtiġijiet u d-domandi li dejjem qed jikbru għal integrazzjoni u għal sinerġiji bejn is-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u dawk futuri. Hija nediet proċess ta' tfassil mill-ġdid strutturali u ta' titjib tal-arkitettura eżistenti tal-informazzjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni, filwaqt li tiżgura l-konformità mad-drittijiet fundamentali. Tistabbilixxi wkoll numru ta' azzjonijiet li jtejbu l-funzjonalitajiet, iżidu u jtejbu l-interoperabbiltà, u l-benefiċċji ġenerali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti għall-Istati Membri u għaċ-ċittadini tal-UE.
- Iż-żieda sinifikanti fl-għadd tal-persunal (kemm intern kif ukoll estern) marbut mas-sistemi u mal-kompiti l-ġodda assenjati lill-Aġenzija mhijiex kompatibbli mad-daqs tas-sit tekniku. Minbarra l-persunal statutorju, l-Aġenzija tipprovdi spazju tax-xogħol lil diversi kuntratturi li l-preżenza tagħhom hija meħtieġa għat-tħaddim ta' kuljum tas-sistemi. Il-preżenza tal-kuntratturi saħansitra tiżdied matul l-hekk imsejjaħ l-eqqel ħin ripetittiv (darbtejn jew 3 darbiet fis-sena), meta jitnedew verżjonijiet maġġuri ġodda tas-software jew evoluzzjonijiet tas-sistemi. Iż-żieda finali fin-numru ta' persuni li jaħdmu fis-sit se tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet operattivi tal-Aġenzija u tal-effiċjenza finanzjarja. Għalhekk, stima ta' livell għoli twassal għall-konklużjoni li l-eu-LISA jenħtieġ li tiżgura li jkun hemm sa **443- 463** spazju tax-xogħol fis-sit tekniku fi Strasburgu.

L-Aġenzija introduċiet l-istima tal-baġit meħtieġ għal dan il-proġett fil-proposta tal-QFP li ġiet ikkomunikata lid-DĠ HOME fil-5 ta' April 2018. Abbażi tal-esperjenza miksuba fl-ewwel proġett ta' estensjoni, l-Aġenzija tkun teħtieġ għadd ta' karigi temporanji fil-pjan ta' stabbiliment sabiex tiżgura ġestjoni effiċjenti tal-proġetti u tissodisfa l-obbligi legali imposti mid-dritt Franċiż fuq l-awtorità kontraenti.

Meta jitqiesu l-fatturi kollha ta' hawn fuq, l-eu-LISA kienet kapaċi tagħmel l-ewwel stima ta' livell għoli tal-erja tas-superfiċje addizzjonali meħtieġa tal-bini, li bħalissa hija stmata għal 7 524 metru kwadru. Madankollu, l-Aġenzija tinsab fil-proċess li twettaq stimi ulterjuri tal-kapaċità u kkummissjonat valutazzjoni indipendenti tal-impatt u analiżi kost-benefiċċji fuq is-soluzzjonijiet tekniċi li jistgħu jeħtieġu duplikazzjoni tas-sistemi jew tal-komponenti tas-sistemi (soluzzjonijiet attivi/attivi), kif meħtieġ mir-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA u r-regolamenti l-ġodda tas-SIS. Dan se jipprovdi stima aktar preċiża tar-rekwiżiti ta' spazju għaċ-ċentru tad-*data* l-ġdid, u tal-ispejjeż assoċjati. Il-Kummissjoni ser ikollha tiġi kkonsultata u l-Bord tat-Tmexxija ser ikollu joħroġ deċiżjoni pożittiva dwar dawn is-soluzzjonijiet tekniċi qabel ma tintbagħat notifika dettaljata dwar it-tieni estensjoni lill-Awtorità Baġitarja. It-twettiq tal-proġett issir rilevanti għall-baġit tal-2021.

F'Tallinn, jekk ikun meħtieġ ser isir titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol minn perspettiva funzjonali, flimkien max-xogħlijiet ta' manutenzjoni regolari meħtieġa skont l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija. Barra minn hekk, fl-2020 se jiġi stabbilit Kuntratt ta' Qafas ġdid għall-provvista ta' manutenzjoni korrettiva, preventiva u għall-iżvilupp fil-bini ta' Strasburgu.

Ser isir sforz sostanzjali ulterjuri sabiex jiġu implimentati diversi miżuri ambjentali bħaċ-ċertifikazzjoni u l-kalkolu tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) u sabiex titnaqqas il-marka tal-karbonju. Bil-kooperazzjoni ta' diversi entitajiet tal-eu-LISA, is-saħħa u s-sikurezza ser jingħataw prijorità għolja fis-siti kollha permezz tal-implimentazzjoni ta' kuljum tal-azzjonijiet u tal-miżuri preventivi rilevanti. Barra minn hekk, fil-bidu tal-2021, l-uffiċċju ta' kollegament tal-Aġenzija fi Brussell se jiġi rilokat għall-bini tal-uffiċċji ta' kollegament konġunt flimkien ma' aġenziji oħrajn tal-ĠAI. Għandha tiġi stabbilita wkoll katina tal-loġistika u l-provvisti ddedikata għall-uffiċċju ta' kollegament.

**Servizzi tal-IT korporattivi**

Il-prijoritajiet ewlenin ser ikunu l-implimentazzjoni ta' kuntratt qafas sabiex tinkiseb il-manutenzjoni regolari tas-sistemi u tal-infrastruttura korporattivi tal-IT, f'Tallinn, fi Strasburgu u fl-uffiċċju ta' kollegament fi Brussell, kif ukoll il-provvista ta' servizzi desk tal-ICT. B'mod parallel, se tkompli firxa ta' diversi inizjattivi sabiex jinkiseb titjib fl-arkitettura korporattiva tan-netwerk tal-IT, tas-sistemi, tal-virtwalizzazzjoni u tal-ħżin tal-Aġenzija. Barra minn hekk, l-adattament u l-modernizzazzjoni tal-applikazzjonijiet korporattivi tal-IT, jiġifieri l-pjattaformi ta' kollaborazzjoni, l-għodod ta' komunikazzjoni u ta' ġestjoni tal-proġetti, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-produzzjoni sħaħ tal-proġetti pilota tal-Kummissjoni ARES u SYSPER għad-Dokument u għall-ġestjoni tar-riżorsi umani li kienu nbdew fis-snin preċedenti, ser ikomplu.

Huwa previst li soluzzjoni mtejba ta' rkupru mid-diżastri se tinkiseb sa tmiem l-2020.

Is-sostituzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura korporattiva tal-IT tal-Aġenzija wara perjodu ta' ħames snin għall-biċċa l-kbira tal-komponenti se jitwettqu fl-2021, wara strateġija dwar l-infrastruttura u l-cloud li se tiġi żviluppata fl-2020. Barra minn hekk, l-enfasi se tkun fuq il-forniment ta' kapaċitajiet ta' komunikazzjoni aċċellerati, aktar sikuri u aktar mgħaġġla fir-rigward tal-komunikazzjoni bl-email, bit-telefon, bl-internet u bil-web, kif ukoll fuq it-twassil ta' Aġenzija li kemm jista' jkun ma tagħmilx użu mill-karti billi tawtomatizza għadd ta' servizzi fil-katalogu tas-Servizzi Korporattivi.

**Ġestjoni tal-informazzjoni**

Sabiex tinħoloq Sistema ta' Ġestjoni tad-Dokumenti li tiffunzjona b'mod sħiħ fl-2021, kif ukoll sabiex jitjieb l-indirizzar tal-informazzjoni kollha fl-Aġenzija, ġie stabbilit programm ta' ġestjoni tad-dokumenti. Dan jinkludi rieżami tal-politiki eżistenti kollha, kif ukoll il-ħolqien ta' politiki ġodda ta' Ġestjoni ta' Dokumenti u ta' Rekords. Il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki se jiżguraw li s-Sistema l-ġdida ta' Ġestjoni tad-Dokumenti tindirizza l-ħtiġijiet tal-Aġenzija u tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji kollha.

### *2.1.10. Ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani*

L-attivitajiet fil-qasam tal-HR, bħall-istabbiliment ta' drittijiet u ta' intitolamenti, il-pagi u l-pagamenti, il-liv u l-proċessi ta' valutazzjoni u ta' riklassifikazzjoni, se jitwettqu b'mod preċiż u puntwali. L-għodod tal-IT rilevanti għall-HR se jiġu żviluppati u implimentati wkoll. Fl-aħħar nett, l-attivitajiet ta' tagħlim u ta' żvilupp se jiġu eżegwiti sabiex jappoġġjaw il-kultura ta' tagħlim fl-Aġenzija.

Għas-snin 2020-2022, l-Aġenzija identifikat l-attivitajiet ewlenin relatati mal-isfidi prijoritarji kollha affaċċjati fit-tkabbir u fl-evoluzzjoni tal-azzjonijiet organizzazzjonali u ta' kuljum tan-negozju fil-ġestjoni tar-riżorsi umani:

**L-attivitajiet standard (żamma tal-istatus quo) ta' ġestjoni tar-riżorsi umani f'termini tal-istruttura, tal-proċessi u tal-prattiki organizzazzjonali mwettqa f'konformità mar-regoli u mad-deċiżjonijiet rilevanti**

L-għan primarju rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani huwa li jiġi żgurat li r-riżorsi adegwati jkunu disponibbli matul dan il-perjodu ta' tkabbir u li l-Aġenzija tkun ippreparata għall-isfida tal-għadd dejjem jiżdied ta' persunal. Billi l-eu-LISA qiegħda tistenna żieda fl-għadd ta' persunal fis-snin li ġejjin minħabba mandat li qed jespandi, il-piż amministrattiv tal-ġestjoni tar-riżorsi umani se jiżdied kważi bid-doppju. L-ammont ta' xogħol addizzjonali jrid jiġi assorbit primarjament permezz tal-ottimizzazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza amministrattiva. Matul dan iż-żmien, huwa kritiku wkoll li r-Regolamenti tal-Persunal u r-regoli ta' implimentazzjoni jiġu osservati mill-Aġenzija b'mod ġenerali u b'mod partikolari mill-unità tar-riżorsi umani u tat-taħriġ. Jenħtieġ li l-Politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza tkompli tiġi żviluppata u konkluża kif ippjanat. Fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-impjegati kollha tal-eu-LISA, l-attenzjoni se tibqa' fuq ir-reklutaġġ, l-integrazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-membri tal-persunal ġodda fl-organizzazzjoni sabiex ikunu jistgħu jimpenjaw ruħhom b'mod adegwat fil-ħidma u jilħqu l-objettivi stabbiliti mill-Aġenzija.

**Il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara l-bidla, it-tkabbir u t-trasformazzjoni**

Fl-2020, l-eu-LISA se tkompli tirrekluta impjegati addizzjonali sabiex jiġu allokati lill-Aġenzija skont ir-Regolament tat-twaqqif rivedut u għall-fażi li jmiss tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-ETIAS. Fl-istess ħin, l-istruttura tal-organizzazzjoni tista' tinbidel, sitwazzjoni li jkollha tiġi mmaniġġjata b'mod flessibbli. L-inklużjoni, l-integrazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-persunal il-ġdid ser ikunu fiċ-ċentru tal-ġestjoni tar-riżorsi umani matul dawn is-snin.

**L-iżvilupp ulterjuri tal-ambjent u tal-kultura tat-tagħlim, l-iżvilupp tar-rwol tal-HR fis-sħubijiet tan-negozju u t-tisħiħ tal-iżvilupp u taż-żamma tal-persunal**

L-HR ser ittejjeb is-servizzi tagħha billi tipprovdi amministrazzjoni effiċjenti, tappoġġa proċessi ġodda ta' reklutaġġ tal-persunal bl-użu tal-għodda elettronika u timplimenta għodod oħra tal-IT tal-HR, bħal moduli bażiċi ta' SYSPER u l-iżvilupp ta' moduli fakultattivi bħala parti mill-approċċ tal-eu-LISA fir-rigward tal-awtomatizzazzjoni ta' dmirijiet amministrattivi ripetittivi bl-użu ta' għodod moderni tal-IT. L-HR se tkompli tappoġġja l-kultura tat-tagħlim fl-Aġenzija permezz ta' attivitajiet ta' tagħlim informali mtejba bl-ambjent fiżiku u bir-rwol attiv tal-membri tal-persunal fil-kondiviżjoni tal-għarfien, fl-għoti ta' feedback u ta' appoġġ.

**It-tkomplija tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kompetenza sabiex jiġi żgurat li "n-nies it-tajba jkunu fil-kariga t-tajba"**

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas tal-kompetenzi ser ikomplu fl-oqsma tar-reklutaġġ, tal-iżvilupp tal-persunal u tat-taħriġ. Il-programm ta' tmexxija għall-maniġers kollha se jitkompla, u l-evalwazzjonijiet ta' 360 grad għall-maniġers ser ikunu marbuta mal-Qafas ta' Kompetenza.

**Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku intern għall-persunal) u ġestjoni tal-għarfien**

L-Aġenzija se tkompli tipprovdi korsijiet relatati mal-operazzjonijiet u mas-sistemi lill-persunal tal-eu-LISA sabiex dan ikun jista' jaħdem aħjar u joffri servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija. Il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Ġestjoni tal-Għarfien se jiżguraw li jinkiseb l-għarfien u se jippermetti lill-eu-LISA tikber bħala ċentru ta' għarfien espert u ta' għarfien.

### *2.1.11. Protezzjoni tad-data*

Sabiex tiġi żgurata konformità stretta mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-*data*, jeħtieġ li l-eu-LISA tiżgura l-

kontinwità tal-implimentazzjoni tar-Regolament 2018/1725 li jħassar ir-Regolament 45/2001[25]. Dan ser ikun jeħtieġ li jiġu kkonsolidati l-kunċetti u li jiġu emendati regoli interni eżistenti/jiġu adottati regoli interni ġodda.

Il-mixja lejn approċċ ta' valutazzjoni tar-riskju tal-privatezza se toħloq sfidi għall-UPD tal-Aġenzija, għall-maniġers tal-proġetti u għall-kontrolluri, prinċipalment minħabba r-rekwiżit li jsiru Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* u jiġu implimentati kontrolli sabiex jitnaqqsu r-riskji identifikati. L-UPD se jappoġġa din il-bidla kulturali, u jservi bħala traduttur bejn ir-rekwiżiti legali u l-lingwaġġ tekniku.

L-eu-LISA hija kompletament konxja tar-riskju li l-operazzjonijiet ta' pproċessar b'*data* personali jġibu għas-suġġetti tad-*data*; għalhekk, dawn l-operazzjonijiet irid ikollhom l-ogħla livell limitu ta' protezzjoni. L-aktar impenn b'saħħtu possibbli sabiex id-*data* tinżamm f'ambjent sikur huwa obbligatorju sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-protezzjoni tad-*data*.

L-Aġenzija se żżomm kultura ta' sensibilizzazzjoni billi tipprovdi taħriġ lill-persunal u lill-partijiet ikkonċernati esterni dwar kif jipproċessaw *data* personali skont l-istandards tal-istrumenti legali tal-protezzjoni tad-*data*. Għal dan, ser ikun hemm bżonn li jitħejjew xi gwidi bi struzzjonijiet u kunsiderazzjonijiet speċifiċi li josservaw l-aħjar prattiki u l-istandards ta' organizzazzjonijiet simili, u gwida mill-komunità tal-protezzjoni tad-*data*.

L-eu-LISA qed tippjana li tindirizza l-isfidi miġjuba mir-Regolament il-ġdid flimkien mas-sistemi l-ġodda fdati lill-Aġenzija, u l-ħtieġa prevalenti li "tagħmel aktar b'anqas", billi tidentifika l-prijoritajiet u tiżviluppa strateġija li tippermettilha twettaq l-impenn tagħha fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*.

Il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* riflessi fir-rekwiżiti ta' privatezza fid-disinn ser jibqgħu prevalenti u ser iservu bħala evidenza għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u għaċ-ċittadini tal-impenn li ħadet l-eu-LISA sabiex tirrispetta d-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari l-protezzjoni tad-*data*.

Il-kooperazzjoni mal-EDPS se tkompli bħala prijorità u element ewlieni għar-responsabbiltà.

---

[25] Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

# 3. Prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għas-snin 2020-2022

## 3.1 *Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali.*

### 3.1.1 *Ħarsa ġenerali lejn il-persunal għall-2018 u għall-2019*

Il-popolazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA tikkonsisti minn aġenti temporanji[26] (AT), aġenti kuntrattwali (AK) u esperti nazzjonali sekondati (ENS).

Fl-2018, l-għadd totali ta' membri tal-persunal AT awtorizzati taħt il-baġit tal-Unjoni kien ugwali għal 136 kariga għall-aġenti temporanji fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija, inklużi 42 kariga għall-grupp ta' funzjonijiet AST u 94 kariga għall-grupp ta' funzjonijiet AD. Fl-2018, il-pjan ta' stabbiliment tnaqqas b'żewġ karigi meta mqabbla mal-2017 u fl-istess ħin żdied bi 23 kariga TA, mogħtija għas-sistemi ġodda/evoluti: L-EES, ir-Riformulazzjoni tal-Eurodac u l-ETIAS.

Il-baġit adottat għall-2018 awtorizza 41 kariga għall-aġenti kuntrattwali u disa' karigi għall-esperti nazzjonali sekondati. It-Tabella 3 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-persunal fl-2018.

Tabella 3 – Ħarsa ġenerali lejn il-persunal fl-2018

| Qasam ta' attività | Awtorizzati fl-2018 | | | Sitwazzjoni attwali tal-2018 fil-31.12.2018 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AT | AK | ENS | AT | AK | ENS |
| Pjan ta' stabbiliment/karigi awtorizzati | 113 | 27 | 9 | 108 | 31 | 9 |
| LFS dwar l-iżvilupp tal-EES | 14 | | | 14 | | |
| LFS dwar il-Eurodac (mhux adottata) | 2 | | | 0 | | |
| ETIAS | 7 | 10 | | 0 | 0 | |
| Proposti dwar is-SIS | | 4 | | | 0 | |
| FTEs totali | 136 | 41 | 9 | 122 | 31 | 9 |

Id-dawran tal-persunal fl-2018 laħaq l-4.94 % (8 persuni sal-31.12.2018), iżda ma qabiżx il-KPI fil-mira ta' 5 %.

Fl-2019, hija mistennija żieda fil-persunal minħabba s-sistemi l-ġodda ppjanati u l-mandat estiż tal-Aġenzija. Il-pjan ta' stabbiliment u l-baġit adottat għall-2019 awtorizzaw 172 kariga għal aġenti temporanji, 88 kariga għal aġenti kuntrattwali u 11-il kariga għal esperti nazzjonali sekondati. Fl-2018, l-awtorità baġitarja ma approvatx talba għal persunal addizzjonali meħtieġa għal xi attivitajiet ippjanati għall-2019.

It-Tabella 4 tippreżenta s-sitwazzjoni wara l-adozzjoni tal-baġit tal-2019.

[26] Dawn huma karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija. L-eu-LISA ma għandhiex karigi ta' uffiċjali fil-pjan ta' stabbiliment tagħha.

Tabella 4 – Ħarsa ġenerali lejn il-persunal fl-2019

| Qasam ta' attività | Talba tal-eu-LISA fl-2019 | | | Awtorizzati fl-2019 | | | differenza | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | AT | AK | ENS | AT | AK | ENS | AT | AK | ENS |
| Pjan ta' stabbiliment/karigi awtorizzati | 113 | 30 | 9 | 113 | 27 | 9 | | -3 | |
| PD għall-2019 - talba għal persunal addizzjonali | | 25 | | | | | | -25 | |
| LFS dwar l-iżvilupp tal-EES | 14 | | | 14 | | | | | |
| LFS dwar il-Eurodac[27] | 2 | | | 2 | | | | | |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija /fil-fruntieri | | 3 | | | 3 | | | | |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar ir-ritorn | | 1 | | | 1 | | | | |
| LFS dwar l-ETIAS | 7 | 12.5 | | 7 | 12.5 | | | | |
| LFS dwar l-ECRIS-TCN | | 5 | | | 5 | | | | |
| LFS dwar l-ER rivedut - reviżjoni tal-persunal | 21 | 27 | 2 | 21 | 27 | 2 | | | |
| ER rivedut — kariga addizzjonali għal Viċi Direttur Eżekuttiv (DED)[28] | 1 | | | | | | -1 | | |
| LFS dwar l-Interoperabbiltà (ir-reklutaġġ progressiv ta' persunal matul is-snin 2019-2023) | 14.5 | 12.5 | | 15[29] | 12.5 | | 0.5 | | |
| **FTEs totali** | **172.5** | **116** | **11** | **172** | **88** | **11** | **-0.5** | **-28** | |

L-ippjanar għas-snin 2020-2022, b'deskrizzjoni aktar dettaljata tal-iżviluppi u tal-persunal meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi, huwa pprovdut fil-paragrafu 3.2.2 *Riżorsi Umani, b) Tkabbir tal-kompiti eżistenti*, fejn hija ppreżentata perspettiva ta' 3 snin. L-evoluzzjoni tal-kwota tal-persunal hija deskritta f'aktar dettall fit-tabelli fl-Anness III.

### 3.1.2 Infiq għall-2018

Fl-2018, l-eu-LISA ġestit baġit ta' EUR 202.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 93.6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mis-sussidju tal-UE, li minnhom dawn li ġejjin huma soġġetti għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika:

| **Kompiti ġodda soġġetti għal bażi ġuridika ġdida*** | **Nefqa mistennija (f'miljuni ta' EUR)** |
|---|---|
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tal-Eurodac | 12.138 |
| LFS dwar l-Allokazzjoni ta' Dublin | 0.983 |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri | 13.103 |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar ir-ritorn | 2.590 |
| LFS dwar l-ETIAS | 26.763 |
| **Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida** | **55.577** |

* L-estimi jinkludu n-nefqa amministrattiva, li se tiġi allokata skont in-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, "nefqa tal-persunal", u fit-Titolu 2, "nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat".

Il-baġit tal-Aġenzija għall-2018 kien jinkludi approprjazzjonijiet:

[27] Soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

[28] L-LFS għar-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA ma pprevediex kariga għall-Viċi Direttur Eżekuttiv (DED). Ġie miżjud mat-test tar-Regolament fi stadju aktar tard fil-proċess ta' adozzjoni. Għalhekk, intalbet kariga addizzjonali għal dan l-iskop. Ma ntlaqgħatx.

[29] Bl-adozzjoni tal-baġit tal-2019, nofs kariga prevista fl-LFS ġiet aġġustata 'il fuq (minn 14.5 għal 15). Fl-2019 qed tintuża sabiex jinbeda l-proċess tal-għażla għad-DED.

a) Għall-iżvilupp tal-EES u tal-ETIAS, li għalihom il-bażi ġuridika ġiet adottata iżda l-użu tal-baġit ma kienx meħtieġ fl-2018, peress li l-akkwisti meħtieġa kienu għadhom għaddejjin jew inkella kienu fil-proċess ta' tħejjija.

b) Għall-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti (il-Eurodac, l-Allokazzjoni ta' Dublin, is-SIS), li għalihom l-użu kien jiddependi mill-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-bażi ġuridika rispettiva;

Barra minn hekk,

c) Il-baġit inizjali għall-2018 ma kienx jirrifletti t-trasferiment tal-baġit għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS, li ngħatat mid-DĠ HOME lill-Aġenzija fit-30 ta' Ġunju 2018.

L-emenda għall-baġit approvata mill-Bord tat-Tmexxija kienet tindirizza l-kwistjonijiet enfasizzati hawn fuq permezz ta':

- Ritorn ta' EUR 74.3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament;
- Riċevuta ta' EUR 1.5 miljun addizzjonali f'approprjazzjonijiet ta' impenn;

| | | | **baġit emendatorju (f'miljuni ta' EUR)** | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu tal-baġit** | **Sistema / Kompitu** | | **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | **Approprjazzjonijiet ta' pagament** |
| **A01** | **Nefqa tal-persunal** | | **-2.186** | **-2.186** |
| | *li minnha* | *ETIAS* | *-1.638* | *-1.638* |
| | | *Riformulazzjoni tal-Eurodac* | *-0.268* | *-0.268* |
| | | *Riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri* | *-0.210* | *-0.210* |
| | | *Riformulazzjoni tas-SIS dwar ir-ritorn* | *-0.070* | *-0.070* |
| **A02** | **Nefqa operazzjonali u infrastrutturali** | | **-1.658** | **-1.658** |
| | *li minnha* | *ETIAS* | -1.658 | -1.658 |
| **B03** | **Nefqa operazzjonali** | | **5.304** | **-70.464** |
| | *li minnha* | *Trasferiment tan-network tal-VIS (approprjazzjonijiet C1)* | *5.304* | *3.803* |
| | | *Riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri* | | *-2.500* |
| | | *Riformulazzjoni tas-SIS dwar ir-ritorn* | | *-1.008* |
| | | *Riformulazzjoni tal-Eurodac* | | *-8.309* |
| | | *Allokazzjoni ta' Dublin* | | *-0.983* |
| | | *Sistema ta' Dħul/Ħruġ* | | *-38.000* |
| | | *ETIAS* | | *-23.467* |
| **Baġit emendatorju totali għall-2018** | | | **1.460** | **-74.308** |

Tabella 5: Tqassim tal-baġit emendatorju għall-2018

L-adozzjoni tardiva tal-proposti legali għall-ETIAS u r-riformulazzjonijiet tas-SIS II fl-aħħar trimestru tal-2018 u l-adozzjoni pendenti tar-riformulazzjoni tal-Eurodac u l-allokazzjoni ta' Dublin jippermettu lill-Aġenzija tittrasferixxi aktar minn EUR 49.2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-2018 għall-2019 permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, sabiex jiġu ppreservati dawn il-fondi bil-għan li jintużaw fis-snin ta' wara[30].

| **Titolu tal-baġit** | **Sistema/Kompitu** | **Riport mhux awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2018 (f'miljuni ta' EUR)** |
|---|---|---|
| B03 Nefqa Operazzjonali | Allokazzjoni ta' Dublin | 0.983 |
| | ETIAS | 20.920 |
| | Riformulazzjoni tal-Eurodac | 11.870 |
| | Riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri | 12.893 |
| | Riformulazzjoni tas-SIS dwar ir-ritorn | 2.520 |
| **B03 Total** | | **49.186** |

L-Aġenzija żammet ir-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit tagħha sa tmiem is-sena 2018:

30 F'konformità mal-Art. 14(3) tar-regolament finanzjarju tal-Aġenzija

- 99.5 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, b'kont meħud tar-riport mhux awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn relatati mal-kompiti l-ġodda;
- 100 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2019.

| Approprjazzjonijiet ta' impenn | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Implimentazzjoni tal-baġit 2018 | | | Implimentazzjoni tal-baġit b'riport permezz ta' deċiżjoni | |
| baġit finali adottat tal-2018 | impenji eżegwiti | % implimentati | riport mhux awtomatiku | % implimentati b'kunsiderazzjoni tar-riport mhux awtomatiku |
| 202.1 | 152 | 75.2 % | 49.2 | 99.5 % |

Għat-tmexxija tal-Aġenzija (it-Titolu 1 u t-Titolu 2), ġie previst 14.3 % tal-baġit adottat finali, li jammonta għal EUR 28.9 miljun, li EUR 17.8 miljun minnhom irreferew għan-nefqa tal-persunal u EUR 11.1-il miljun għan-nefqa operazzjonali u infrastrutturali. Il-baġit operazzjonali totali disponibbli (nefqa taħt it-Titolu 3) ammonta għal EUR 173.2 miljun (85.7 % tal-baġit totali), li EUR 123 miljun minnhom ġew eżegwiti.

## 3.2 L-ipprogrammar tar-riżorsi għas-snin 2020-2022

### 3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji

Matul is-snin li ġejjin, l-Aġenzija se taffaċċja baġit dejjem jiżdied minħabba l-kompiti ġodda assenjati lilha, parzjalment soġġetti għall-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi rispettivi. It-tabella tipprovdi ħarsa ġenerali tal-kompiti l-ġodda, sakemm jiġu adottati l-bażi ġuridika u l-baġit korrispondenti għall-perjodu ta' ppjanar 2020 – 2022.

| Kompiti ġodda soġġetti għal bażi ġuridika ġdida* | Nefqa stmata (f'miljuni ta' EUR) | | |
|---|---|---|---|
| | 2020 | 2021 | 2022 |
| LFS dwar l-Eurodac | 0.268 | 0.318 | 0.333 |
| LFS dwar l-Allokazzjoni ta' Dublin | 0.735 | 0.735 | 0.743 |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tal-VIS | | 17.186 | 30.304 |
| **Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida** | **1.003** | **18.239** | **31.38** |

* L-estimi jinkludu n-nefqa amministrattiva, li se tiġi allokata skont in-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, "nefqa tal-persunal", u fit-Titolu 2, "nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat".

Il-baġit totali meħtieġ fl-2020 għat-twettiq tal-mandat tal-Aġenzija jammonta għal EUR 241.1 miljun, li jaqbeż il-limitu tal-QFP 2015–2020 bi EUR 15-il miljun għat-tranżizzjoni lejn in-network TESTA l-ġdid li inizjalment ma kienx kopert mill-QFP.

L-Anness I jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar in-nefqa operazzjonali skont is-sistema kif prevista fil-PD 2020 u l-ippjanar pluriennali u l-ġustifikazzjoni tal-baġit. L-Anness II fih tqassim tal-baġit skont l-istruttura baġitarja tal-Aġenzija, fejn in-nefqa operazzjonali hija raggruppata għal kull sistema skont il-kapitolu baġitarju. Disaggregazzjoni dettaljata tal-estimi tal-baġit hija pprovduta fl-Anness II.

### 3.2.2 Riżorsi umani

Dan id-dokument uniku ta' programmazzjoni jinkludi l-persunal addizzjonali meħtieġ għas-sistemi l-ġodda kif ippreżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS) rilevanti għar-regolamenti adottati fl-2017, fl-2018 u fl-2019, u għal dawk ippjanati għall-adozzjoni fl-2020. Ma jinkludix it-talba tal-eu-LISA għal persunal addizzjonali minħabba l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2020, li dwarha l-Kummissjoni Ewropea ħarġet opinjoni negattiva [31] fi ħdan il-proċedura għall-adozzjoni tal-abbozz tal-baġit tal-2020. L-ippjanar tal-Aġenzija qies il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea kif deskritta fil-komunikazzjoni tagħha "L-

[31] Statement of estimates of the European Commission for the financial year 2020, SEC(2019)250 – June 2019, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/about_the_european_commission/eu_budget/draft-budget-2020-wd-13-web-1.4_soe.pdf. Inizjalment, l-eu-LISA talbet żewġ karigi AT addizzjonali, 21 kariga AK addizzjonali u żewġ karigi addizzjonali għall-ENS.

ipprogrammar ta' riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020"[32] lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tal-10 ta' Lulju 2013, dwar iċ-ċifri tal-pjan ta' stabbiliment. It-tnaqqis kollu tal-persunal mistenni fil-Komunikazzjoni ġie implimentat sa tmiem l-2018.

L-iżviluppi ser iwasslu sabiex il-pjan ta' stabbiliment jinbidel kif ġej.

*Tabella 6 – Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA – aġenti temporanji*

| **Aġenti temporanji (AT) – bidla fil-pjan ta' stabbiliment** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Status jew proġett** | **Kumment** | **2020** | **2021** | **2022** | **Kumulattivi 2020-2022** |
| Il-Kummissjoni Ewropea (2013) 519-il linja bażi | | 113 | 113 | 113 | 113 |
| Persunal temporanju għall-iżvilupp tal-EES | Fis-seħħ mill-2018 | 14 | 14 | 14 | 14 |
| Persunal temporanju addizzjonali għall-iżvilupp tal-EES[33] | Skont l-opinjoni tal-KE is-17.5-il kariga previsti inizjalment se jiġu aġġustati 'l fuq għal 18. | 18 | 18 | 18 | 18 |
| Persunal temporanju addizzjonali għall-iżvilupp tal-ETIAS | Fis-seħħ mill-2019 | 7 | 7 | 7 | 7 |
| Persunal temporanju addizzjonali għar-riformulazzjoni tal-Eurodac – COM (2016) 272 – soġġett għall-adozzjoni tal-istrument legali | Inkluż fil-pjan ta' stabbiliment tal-2017 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Persunal temporanju addizzjonali minħabba tibdil fir-Regolament ta' stabbiliment | 21 fis-seħħ mill-2019 | 23 | 23 | 23 | 23 |
| Persunal temporanju addizzjonali għall-interoperabilità tas-sistemi (reklutaġġ progressiv ta' persunal matul is-snin 2019-2027) | Huma mistennija 15-il kariga fl-2019 | 25 | 31.5 | 31.5 | 31.5 |
| Persunal temporanju addizzjonali għar-riformulazzjoni tal-VIS – soġġett għall-adozzjoni tal-istrument legali – COM (2018) 302 final | | 0 | 4 | 6 | 6 |
| **TOTAL (inkluż il-persunal soġġett għall-adozzjoni tal-istrumenti legali):** | | **202** | **212.5** | **214.5** | **214.5** |

L-aġenti kuntrattwali (AK) mhumiex parti mill-pjan ta' stabbiliment, iżda jibqgħu rilevanti kemm minn perspettiva baġitarja kif ukoll minn dik tal-ippjanar tal-forza tax-xogħol. Għadd kbir ta' persunal AK għandu rwol kruċjali fl-operat tal-Aġenzija. Huwa previst li xi wħud minn dawn il-karigi se jippermettu l-għoti tal-kuntratti ta' impjieg għal żmien indefinit, jew li l-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jiżdied fil-futur sabiex jassorbi parti kbira mill-impjiegi rispettivi fil-futur.

L-iżviluppi msemmija hawn fuq għandhom jirriżultaw fiż-żieda li ġejja fil-persunal għall-karigi ta' AK.

*Tabella 7 – Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA – Aġenti kuntrattwali*

| **Aġenti kuntrattwali (AK) – evoluzzjoni 2020-2022** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Status jew proġett** | **Kumment** | **2020** | **2021** | **2022** | **Kumulattivi 2020-2022** |

[32] COM(2013) 519 finali. Din tipprevedi li tnaqqis fil-persunal (aġenti temporanji) jirriżulta fil-livelli ta' persunal li ġejjin: 120 fl-2015 segwiti minn 118 fl-2016, 115 fl-2017 u 113 fis-snin 2018-2020.

[33] Mill-2017 żdiedu 14-il kariga fil-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA għall-iżvilupp ta' din is-sistema. In-numru ta' karigi għall-2020 u għas-snin sussegwenti għandu jiġi vvalutat mill-ġdid matul it-tħejjija tal-abbozz tal-baġit tal-UE għall-2020, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi għall-operat tas-sistema 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa. Ġew ippjanati riżorsi finanzjarji għal 17.5-il kariga addizzjonali. Dan huwa rifless fiż-żieda fl-għadd ta' karigi fit-Tabella 12 - *Ħarsa ġenerali globali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA fis-snin 2020-2022*, fl-aħħar ta' dan il-kapitolu.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Linja bażi – iddefinita fl-LFS għar-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA | | 30 | 30 | 30 | 30 |
| Aġenti kuntrattwali addizzjonali ddefiniti fl-LFS għar-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA | | 27 | 27 | 27 | 27 |
| Aġenti kuntrattwali addizzjonali għall-iżvilupp tal-ETIAS | 10 karigi mistennija mill-2019 | 25 | 35 | 35 | 35 |
| Aġenti kuntrattwali addizzjonali għal qafas legali ġdid ta' SIS dwar il-fruntieri/il-pulizija/ir-ritorn | Mistennija mill-2019 | 4 | 4 | 4 | 4 |
| Aġenti kuntrattwali addizzjonali għall-iżvilupp tal-ECRIS-TCN | Mistennija mill-2019 | 5 | 5 | 5 | 5 |
| Aġenti kuntrattwali addizzjonali għall-interoperabbiltà tas-sistemi | 12.5 karigi mistennija mill-2019 | 20 | 26.5 | 36.5 | 36.5 |
| Aġenti kuntrattwali addizzjonali għar-riformulazzjoni tal-VIS – soġġetti għall-adozzjoni tal-istrument legali | | 0 | 5 | 7 | 7 |
| **TOTAL (inkluż il-persunal soġġett għall-adozzjoni tal-istrumenti legali)** | | **111** | **132.5** | **144.5** | **144.5** |

L-eu-LISA ser ikollha bżonn iżżid in-numru ta' ENS awtorizzati sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, u b'mod partikolari sabiex issaħħaħ l-EPMO kif ukoll l-Uffiċċju ta' Kollegament. Talba għal dawn il-karigi ġiet ittrasferita għad-dokument uniku ta' programmar 2021-2023.

*Tabella 8 — Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA – Esperti Nazzjonali Sekondati*

| **Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS) – 2020-2022** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Status jew proġett** | **Kumment** | **2020** | **2021** | **2022** | **Kumulattivi 2020-2022** |
| Is-sitwazzjoni fl-2017 meħuda bħala linja bażi | | 9 | 9 | 9 | 9 |
| Karigi ta' SNE addizzjonali ddefiniti fl-LFS għar-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA | Mistennija fl-2019 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| **TOTAL** | | **11** | **11** | **11** | **11** |

**Il-prospettiva tar-riżorsi matul is-snin 2020-2022**

Il-fokus prinċipali, fir-rigward tar-riżorsi umani tal-eu-LISA, ser ikompli jkun fuq l-ikkombinar ta' approċċ regolari u flessibbli lejn ir-riżorsi umani interni bl-esternalizzazzjoni kull fejn din iġġib valur miżjud fir-rigward tal-kisba tal-objettivi tal-Aġenzija fis-snin 2020-2022.

L-informazzjoni numerika għall-ippjanar tar-riżorsi umani tal-Aġenzija hija ppreżentata fit-Tabelli 17 u 18 fl-Anness III, li jipprovdu l-pjan tal-persunal għad-durata tal-pjan pluriennali: 2020-2022, filwaqt li dan il-kapitolu jiddeskrivi l-ħtiġijiet tal-persunal tal-Aġenzija f'aktar dettall.

**a) Kompiti ġodda**

L-Aġenzija qed tħejji sabiex tieħu r-responsabbiltà mill-iżvilupp u mit-tmexxija operattiva tas-sistemi l-ġodda, soġġetta għall-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti, li jinkludu l-emendi rilevanti tar-Regolament li jistabbilixxiha, u għall-implimentazzjoni tar-Regolament fundatur rivedut.

Wara l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti għall-ETIAS f'Settembru 2018, il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA ra żieda ta' seba' karigi għal aġenti temporanji. Il-ħidma ta' tħejjija dwar ir-reklutaġġ (l-għażla tal-kandidati addattati u l-istabbiliment tal-listi ta' riżerva) tnediet u twettqet fl-2018. Huma ppjanati aġenti kuntrattwali addizzjonali għall-ETIAS, li jirriżultaw f'total ta' 25 kariga ta' AK fl-2020, u 35 kariga fis-snin 2021 u 2022, li primarjament huma allokati għall-appoġġ tal-helpdesk (24/7) u li ħamsa minnhom huma għall-operaturi li jissorveljaw is-Sistema Ċentrali (24/7).

Wara l-adozzjoni tar-regolament dwar l-ECRIS-TCN, ħames karigi għal aġenti kuntrattwali ġew allokati lill-eu-LISA. Il-kompiti ewlenin mistennija li jitwettqu mill-Aġenzija matul il-fażi ta' implimentazzjoni huma l-ġestjoni

tal-proġetti, is-segwitu għall-iżvilupp, u l-garanzija tal-kwalità u l-ittestjar tas-sistema.

Wara l-adozzjoni tar-regolament dwar l-interoperabbiltà, ser ikunu meħtieġa karigi addizzjonali ta' aġenti temporanji u kuntrattwali fis-snin 2019-2027. It-tabelli ta' hawn taħt jippreżentaw ħarsa ġenerali lejn il-profili u ċ-ċifri fis-snin 2020-2022, skont il-proposta tal-Kummissjoni.

*Tabella 9 – L-interoperabbiltà bejn il-karigi tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-perjodu 2020-2022 – Aġenti temporanji*

| Dipartiment | Profil | Grupp ta' funzjonijiet[34] | 2020 | 2021 | 2022 | Kumulattivi 2020-2022 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| OD | PM - Maniġer tal-Programmi (Kap tal-Unità) | AD9 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| OD | PM - Maniġer tal-Proġetti | AD6 | 0 | 1 | 1 | 1 |
| OD | Uffiċjal tal-Proġetti | AD6 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| OD | PM - ESP | AD6 | 1 | 1 | 0.5 | 0.5 |
| OD | PM - BMS kondiviża[35] | AD6 | 0.5 | 0.5 | 1 | 1 |
| OD | PM - CIR | AD6 | 0.5 | 1 | 1 | 1 |
| CSD | Ġestjoni finanzjarja | AD5 | 0 | 1 | 1 | 1 |
| CSD | Ippjanar u kontroll baġitarju | AD5 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSD | Ġestjoni tal-akkwisti/kuntratti | AD5 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| OD | Esperti Tekniċi - BMS Kondiviża | AD5 | 3 | 5 | 5 | 5 |
| OD | Esperti Tekniċi – CIR | AD5 | 5 | 5 | 5 | 5 |
| OD | Esperti Tekniċi – Sigurtà | AD5 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| OD | Esperti Tekniċi – MID | AD5 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| OD | Esperti Tekniċi – Arkitetti | AD5 | 2 | 3 | 3 | 3 |
| OD | Ittestjar – ESP | AD5 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| OD | Ittestjar – BMS kondiviża | AD5 | 2 | 3 | 3 | 3 |
| CGD | Taħriġ | AD5 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| | **TOTAL** | | **25** | **31.5** | **31.5** | **31.5** |

*Tabella 10 – L-interoperabbiltà bejn il-karigi tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-perjodu 2020-2022 – Aġenti kuntrattwali*

| Dipartiment | Profil | Grupp ta' funzjonijiet[36] | 2020 | 2021 | 2022 | Kumulattivi 2020-2022 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| OD | PM - CRRS PM | FG IV | 0.5 | 0 | 0 | 0.5 |
| OD | PM - MID | FG IV | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 |

34 Proposta tal-HRU.
35 Din il-kariga teħtieġ aktar kjarifika fir-rigward tal-kuntratt, minħabba li huwa impossibbli li jiġi offrut kuntratt ta' nofs il-ħin għal aġenti temporanji kif indikat fil-proposta għall-2020 u għall-2021.
36 Proposta tal-HRU.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| OD | Uffiċjal tal-Programm/Proġett | FG IV | 2 | 2 | 2 | 2 |
| OD | PM - Garanzija tal-Kwalità | FG IV | 2 | 3 | 3 | 3 |
| OD | Esperti Tekniċi - CRRS | FG III | 3 | 3 | 3 | 3 |
| OD | Esperti Tekniċi - ESP | FG III | 4 | 4 | 4 | 4 |
| OD | Ittestjar - CRRS | FG III | 1 | 1 | 0.5 | 0.5 |
| OD | Ittestjar - CIR | FG III | 1 | 2 | 2.5 | 2.5 |
| OD | Ittestjar - MID | FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |
| OD | Monitoraġġ tas-sistema - Komuni (24/7) | FG III | 5 | 10 | 20 | 20 |
| | **TOTAL** | | **20** | **26.5** | **36.5** | **37** |

Dawn in-numri jilħqu l-quċċata tagħhom fl-2022 u mbagħad jibdew jonqsu bil-mod fis-snin ta' wara, li ser ikun rifless fid-dokumenti uniċi ta' programmar li jmiss. Jenħtieġ li jiġi nnotat li xi karigi li ġew allokati 0.5 FTEs għal aktar minn sena waħda ser ikunu jeħtieġu kunsiderazzjoni bir-reqqa sabiex isir ippjanar għall-kompetenzi adatti u sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali li jikkonċernaw il-kuntratti ta' impjieg. Iċ-ċifri li jaffettwaw il-pjan ta' stabbiliment huma miżjuda fit-Tabella 18 fl-Anness III.

Is-suċċess fl-iżgurar tar-riżorsi umani għal dan il-proġett se jiddependi mid-deċiżjoni li tissaħħaħ l-Unità tar-Riżorsi Umani tal-Aġenzija tal-anqas nofs sena bil-quddiem bil-profili ta' reklutaġġ u ta' amministrazzjoni tal-persunal.

**b) It-tkabbir tal-kompiti eżistenti**

Bl-adozzjoni tar-Regolament fundatur rieżaminat, il-kompiti tal-Aġenzija żdiedu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Għalhekk, persunal addizzjonali se jingħaqad mal-eu-LISA sabiex isaħħaħ il-kapaċità tagħha li twettaq il-kompiti l-ġodda. B'kollox, ġew previsti 52 kariga ġdida fir-rigward ta' dan l-iżvilupp (23 (24[37]) aġent temporanju, 27 aġent kuntrattwali u żewġ karigi ta' ENS sal-2020). Il-profili tagħhom diġà kienu elenkati fil-PD 2019-2021

Il-ħidma fuq l-EES se tikkonkludi l-fażi ta' żvilupp u tgħaddi għall-fażi operazzjonali tal-proġett. Ir-regolamenti EES jinkludu żieda ulterjuri fil-baġit għan-numru tal-persunal mill-2020. In-numru ta' karigi għall-2020 u għas-snin sussegwenti se jiġi vvalutat mill-ġdid waqt it-tħejjija tal-abbozz tal-baġit tal-UE għall-2020 [38], b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi għat-tħaddim tas-sistema 24 siegħa kuljum. Ċifra globali (32 kariga[39] fl-2020) għal dan l-għan hija inkluża fit-*Tabella 8 – Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA – Aġenti Temporanji* u l-profili tal-impjiegi huma proposti fit-tabella hawn taħt.

---

[37] 23 kariga huma previsti fil-proposta tal-Kummissjoni. Kariga fil-grad-AD13 għall-Viċi Direttur Eżekuttiv kienet inkluża fil-pjan ta' stabbiliment għall-2019 bis-saħħa tal-posponiment tar-reklutaġġ ta' kariga waħda għall-interoperabbiltà tas-sistemi ppjanati fl-2019 sal-2020. Madankollu dan irid jiġi kkumpensat. Għalhekk, aħna indikajna 24 kariga skont ir-Regolament il-ġdid sabiex jirriflettu dan l-iżvilupp.

[38] "Studju Tekniku dwar Fruntieri Intelliġenti – Analiżi tal-Kostijiet. *Rapport finali mill-PCW, Ottubru 2014*" fit-Tabella 8, p. 24-25, jindika li huma meħtieġa 31.5 FTE għall-fażi tal-operat tal-EES, jiġifieri għal dawn: il-ġestjoni tas-sistema 0.5 FTE, l-appoġġ tal-kuntrattur FTE 1, l-appoġġ tal-helpdesk tal-ewwel linja 10 FTEs, l-appoġġ tal-helpdesk tat-tieni linja 10 FTEs u l-operaturi li jimmonitorjaw is-sistema ċentrali 10 FTEs. L-ammont allokat fil-proposta tal-Kummissjoni jkopri 31.5 karigi b'kollox. Għalhekk, l-ippjanar għall-fażi tal-iżvilupp tal-proġett jenħtieġ li jiġi diskuss aktar.

[39] 31.5 kariga skont il-proposta inizjali ġew aġġustati 'l fuq għal 32 kariga fi Statement of estimates of the European Commission for the financial year 2020, SEC(2019)250 – June 2019 disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/about_the_european_commission/eu_budget/draft-budget-2020-wd-13-web-1.4_soe.pdf.

*Tabella 11 – Tbassir ta' karigi addizzjonali għall-fażi operattiva tal-EES*

| Unità | Profil | Grupp ta' funzjonijiet | 2020 | 2021 | 2022 | Kumulattivi 2020-2022 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Għad irid jiġi deċiż | Amministratur tas-Sistema | AD5 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Għad irid jiġi deċiż | Sostenn operazzjonali amministrattiv | AST3 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Għad irid jiġi deċiż | Operaturi tal-Helpdesk | AST3 | 9 | 9 | 9 | 9 |
| Għad irid jiġi deċiż | Appoġġ għall-Applikazzjonijiet tal-Produzzjoni | AD5 | 6 | 6 | 6 | 6 |
| **TOTAL** | **7 AD5, 10 AST3** | | **18** | **18** | **18** | **18** |

L-ebda ċifra tal-persunal mhi prevista għas-Sistema Awtomatizzata ta' Dublin fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva fil-proposta ta' riformulazzjoni ta' Dublin. Ħarsa ġenerali globali lejn il-persunal meħtieġ għal kull proġett jew dokument uniku ta' programmar hija ppreżentata fit-Tabella 12.

*Tabella 12 – Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA fil-perjodu 2020-2022*

| | 2020 | | | | 2021 | | | | 2022 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Elementi** | **AT** | **AK** | **ENS** | **Kollha** | **AT** | **AK** | **ENS** | **Kollha** | **AT** | **AK** | **ENS** | **Kollha** |
| Persunal TA tal-linja bażi (pjan stm. bi tnaqqis) - COM (2013) 519 finali | 113 | | 9 | **122** | 113 | | 9 | **122** | 113 | | 9 | **122** |
| Persunal AK tal-linja bażi - LFS għar-Regolament rivedut tal-eu-LISA | | 30 | | **30** | | 30 | | **30** | | 30 | | **30** |
| LFS għar-Regolament rivedut tal-eu-LISA – persunal addizzjonali | 23 | 27 | 2 | **52** | 23 | 27 | 2 | **52** | 23 | 27 | 2 | **52** |
| LFS dwar l-EES (l-iżvilupp) | 14 | | | **14** | 14 | | | **14** | 14 | | | **14** |
| LFS dwar l-EES (operazzjonijiet) | 18 | | | **18** | 18 | | | **18** | 18 | | | **18** |
| LFS dwar il-Eurodac | 2 | | | **2** | 2 | | | **2** | 2 | | | **2** |
| LFS dwar l-ETIAS | 7 | 25 | | **32** | 7 | 35 | | **42** | 7 | 35 | | **42** |
| LFS dwar is-SIS Fruntieri/LE u r-ritorni | | 4 | | **4** | | 4 | | **4** | | 4 | | **4** |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LFS dwar l-interoperabbiltà | 25 | 20 | | **45** | 31.5 | 26.5 | | **58** | 31.5 | 36.5 | | **68** |
| LFS dwar l-ECRIS-TCN | | 5 | | **5** | | 5 | | **5** | | 5 | | **5** |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tal-VIS | 0 | 0 | | **0** | 4 | 5 | | **9** | 6 | 7 | | **13** |
| | | | | | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **202** | **111** | **11** | **324** | **212.5** | **132.5** | **11** | **356** | **214.5** | **144.5** | **11** | **370** |

### c) It-titjib fl-effiċjenza

L-objettivi ta' politika għandhom jintlaħqu wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-limitazzjonijiet li jaffettwaw il-baġit u r-riżorsi umani disponibbli tal-eu-LISA għall-kompiti mwettqa bħalissa flimkien mal-kompiti addizzjonali li jridu jittieħdu mill-Aġenzija fil-ġejjieni. Għalkemm huwa inevitabbli li kull membru tal-persunal ser ikompli jerfa' sehem mill-ammont ta' xogħol addizzjonali, għandhom jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-oħrajn li jindirizzaw il-kwistjoni ta' diskrepanza bejn ir-riżorsi umani disponibbli u l-objettivi tal-Aġenzija. Matul dawn l-aħħar 4 snin, l-eu-LISA użat fornituri ta' servizzi esterni sabiex tkopri d-diskrepanza identifikata fil-profili tal-IT u dawk amministrattivi. Fl-2017, l-effiċjenza ta' din is-soluzzjoni ġiet analizzata, li rriżultat fl-inklużjoni ta' 27 mill-45 kariga li l-eu-LISA identifikat għall-internalizzazzjoni f'karigi addizzjonali għall-aġenti kuntrattwali fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tal-proposta għar-Regolament fundatur il-ġdid tal-2018. Għalhekk, huwa mistenni li jkun hemm xi effiċjenza meta tiġi konkluża l-internalizzazzjoni tal-profili intra-muros (ta' kuntratturi fuq il-post). Is-sostituzzjoni tal-profili esternalizzati rilevanti b'aġenti kuntrattwali jenħtieġ li tippermetti wkoll sabiex l-Aġenzija tiffranka xi spejjeż[40]. Din tkun toħloq ukoll operazzjonijiet aktar effettivi minħabba li jiġu applikati l-istess politiki tal-persunal u tas-sigurtà, li jnaqqsu jew isolvu kwistjonijiet u riskji organizzazzjonali billi jagħtu drittijiet ta' aċċess rilevanti, jeżerċitaw kontroll intern, jipprovdu jew inkella jiżguraw għarfien espert, eċċ. Madankollu, l-Aġenzija se tkompli tuża kuntratt qafas għal servizzi ta' appoġġ estern peress li dan wera li kien effettiv fil-kisba tal-objettivi fuq terminu qasir għal ċerti kompiti.

Ir-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali mogħti lill-eu-LISA fl-2019 u fl-2020 permezz tal-adozzjoni tar-Regolamenti l-ġodda fl-aħħar tal-2018 kien ta' sfida minħabba l-kamp ta' applikazzjoni (l-għadd ta' karigi u l-profili speċifiċi), it-twaqqit u l-involviment tar-riżorsi umani eżistenti tal-Aġenzija. Xi titjib fl-effiċjenza huwa mistenni fl-2020 u l-2021, meta ser ikun possibbli li jintużaw il-listi ta' riżerva maħluqa matul il-proċeduri tal-għażla mwettqa fl-2019 sabiex jimtlew il-karigi mogħtija fl-2020 u fl-2021.

Jenħtieġ li aktar fit-tul isir xi titjib ulterjuri fl-effiċjenza hekk kif tibda l-ħidma fuq l-awtomatizzazzjoni u, fejn possibbli, is-simplifikazzjoni tal-proċessi interni, speċjalment kompiti amministrattivi bħar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol tal-persunal tal-Aġenzija jew il-ġestjoni tad-dokumenti, eċċ. Madankollu, l-esperjenza turi li l-adattament jew l-iżvilupp tas-soluzzjonijiet tal-IT jeħtieġ sforzi akbar sabiex jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u sabiex jiġu ttestjati s-soluzzjonijiet proposti. Għalhekk, għall-fażi tal-iżvilupp tal-għodod tal-IT, huwa meħtieġ xi appoġġ addizzjonali għar-riżorsi umani u l-effiċjenzi mistennija se jinkisbu sentejn jew tliet snin wara li s-soluzzjonijiet jiġu implimentati bis-sħiħ.

### d) Prijoritajiet negattivi/tnaqqis tal-kompiti eżistenti

M'hemm l-ebda prijorità negattiva prevista mill-Aġenzija fil-futur qrib. Madankollu, fiż-żmien tal-abbozzar ta'

40 Il-kost tas-servizzi esterni tqies li huwa aktar minn 30 % ogħla mill-kost tal-aġenti kuntrattwali fil-grupp ta' funzjoni II jew III.

dan id-dokument, ma jistax jiġi eskluż li l-assorbiment tal-kompiti addizzjonali ta' prijorità għolja allokati lill-Aġenzija jista' potenzjalment jirriżulta fil-ħtieġa li jiġu rieżaminati l-attivitajiet ippjanati fil-PD 2019-2021, speċjalment fil-każ ta' nuqqas ta' forniment tar-riżorsi kollha meħtieġa jew ta' dewmien f'dan, kemm jekk ikunu riżorsi finanzjarji kif ukoll jekk ikunu riżorsi umani.

**e) Skjerament mill-ġdid tar-riżorsi fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji**

Jekk dawn il-limitazzjonijiet jaffettwaw il-baġit tal-eu-LISA, tiġi kkunsidrata prijoritizzazzjoni tal-kompiti. Pereżempju, il-membri tal-persunal involuti fil-fażi tal-iżvilupp tal-EES jistgħu jiġu skjerati mill-ġdid jew għall-iżvilupp tas-sistema l-ġdida jew inkella għall-fażi operattiva tal-EES, skont il-kompitu u l-profili meħtieġa għat-twettiq tagħhom.

Ittieħdu ħafna inizjattivi sabiex jissaħħu u jkomplu javvanzaw l-operazzjonijiet tal-Aġenzija. Dik ewlenija kienet il-bidla fl-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija, li kellha l-għan li tagħmel l-iżvilupp tal-organizzazzjoni sostenibbli fis-snin li ġejjin. Din il-bidla rriżultat mhux biss fil-ħolqien ta' taqsimiet, ta' unitajiet jew ta' dipartimenti ġodda sabiex jakkomodaw il-persunal addizzjonali mogħti lill-eu-LISA fl-2019 u fl-2020. Appellat ukoll għal rieżami tal-impjiegi u tal-profili u tal-kompetenzi fis-seħħ u tal-kompetenzi meħtieġa meta mqabbla man-numru ta' karigi u ta' profili li ngħataw lill-eu-LISA. It-talbiet għal persunal addizzjonali ġew ukoll minn tibdiliet organizzattivi, b'mod partikolari għal profili orizzontali, li ma kinux approvati fl-2018, fl-2019 u fl-2020 matul il-proċess ta' adozzjoni tal-estimi baġitarji għal dawk is-snin, u b'hekk inħolqu diksrepanzi fir-riżorsi f'ċerti oqsma.

***Konklużjoni dwar il-bidla fir-riżorsi meta mqabbla mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2014-2020***

Kif intqal hawn fuq, fl-ippjanar tar-riżorsi umani tagħha, l-Aġenzija qieset il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea deskritta fil-Komunikazzjoni "L-ipprogrammar ta' riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020" [41] lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u inkludiet in-numru ta' persunal f'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni fil-pjan ta' stabbiliment tagħha għas-snin li ġejjin. It-tnaqqis jikkorrispondi għal 5 % tal-persunal (ugwali għal sitt karigi) u kariga waħda għall-grupp tal-iskjerament tal-Aġenziji Ewropej. F'dan il-kuntest, il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA naqas minn 120 kariga fl-2015 għal 113-il kariga fl-2018.

Dawn il-bidliet fil-pjan ta' stabbiliment u fir-riżorsi umani tal-eu-LISA matul is-snin, inkluża l-prospettiva għall-perjodu 2018-2020, huma riflessi fit-Tabelli 17 u 18 fl-Anness III.

[41] COM (2013) 519 finali.

# Taqsima III Programm ta' Ħidma għas-Sena 2020

## 1. Sommarju eżekuttiv

Din it-taqsima telabora fuq l-attivitajiet (operazzjonali u orizzontali) li l-Aġenzija biħsiebha timplimenta fl-2020. Huma bbażati fuq il-kuntest politiku u operazzjonali deskritt hawn fuq u fuq prijoritajiet interni maqbula għall-2020.

### *It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

FL-2020, l-eu-LISA se tibqa' ffokata fuq il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi inkarigati lilha; se jibqa' jingħata appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell 24 siegħa kuljum sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi lill-Istati Membri. L-isforzi se jiffokaw ukoll fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI) għas-sistemi, u t-tmexxija operattiva tagħha. L-Aġenzija se tkompli ssegwi l-proċess ta' ġestjoni tat-tibdil adottat f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri sabiex timplimenta l-bidliet meħtieġa fis-sistemi.

Sabiex tiżgura servizz bla interruzzjoni, l-Aġenzija se tkompli topera, tiġġestixxi u żżomm iċ-ċentru tad-*data* ta' backup u s-sit tekniku ta' backup f'St. Johann im Pongau.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 relatati mat-tmexxija operattiva spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet operattivi tal-istatus quo
    - 2.1.1.1 Manutenzjoni tal-Eurodac
    - 2.1.1.2 Manutenzjoni ta' DubliNet
    - 2.1.1.3 Manutenzjoni tal-VIS/BMS
    - 2.1.1.4 Manutenzjoni tas-SIS
    - 2.1.1.5 Manutenzjoni tal-AFIS tas-SIS
    - 2.1.1.6 Appoġġ tas-SIS lill-Istati Membri
    - 2.1.1.7 Appoġġ tat-tieni livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi ewlenin tan-negozju
    - 2.1.1.8 Evoluzzjonijiet mhux ippjanati tas-SIS (inkluż l-implimentazzjoni ta' parallelizzazzjoni tad-DCCs, studju dwar algoritmu u/jew teknoloġiji tat-tqabbil aħjar)
    - 2.1.1.9 Appoġġ tal-ewwel livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi - Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA
    - 2.1.1.10 Manutenzjoni tas-CSI
    - 2.1.1.11 Koordinazzjoni operattiva/koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' kuljum tas-sistema u kompiti kondiviżi
    - 2.1.1.12 Attivitajiet ta' ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet
    - 2.1.1.13 Ġestjoni tal-liċenzji
    - 2.1.2.1 Titjib fil-Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjonijiet
    - 2.1.1.14 Ġestjoni tal-operat ta' kuljum tal-Unità Ċentrali/tal-Unità Ċentrali ta' Backup (CU/BCU)

Fl-2020, is-sistemi se jevolvu l-aktar sabiex jirriflettu r-rekwiżiti l-ġodda kollha li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-istrumenti legali riveduti li jirregolaw is-sistemi, l-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-interoperabbiltà, u sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mis-CSI.

Il-proġetti li bdew fis-snin ta' qabel ser ikomplu: iż-żieda fil-bażi ta' *data* tal-BMS, it-titjib fl-ambjent tat-test, l-interoperabbiltà bejn il-VIS u l-EES. Se jinbdew proġetti ġodda importanti oħra relatati mal-VIS, bħal evoluzzjonijiet tal-VIS li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-ETIAS u l-bażi ġuridika ġdida tal-VIS, soġġetta għall-adozzjoni tagħha. L-implimentazzjoni tar-rekwiżit tar-riformulazzjoni tal-Eurodac tista' tibda fl-2020 jekk ir-regolament jiġi adottat. Minbarra t-tibdiliet funzjonali, aktar titjib fil-kapaċità jsir kif meħtieġ sabiex ilaħħaq mal-impatt tat-tibdiliet funzjonali fis-sistema u fir-rekwiżiti li jirriżultaw minn regolamenti dwar l-interoperabbiltà.

L-Eurodac se teħtieġ ukoll li tevolvi sabiex tidħol f'interkonnessjoni mal-ETIAS skont il-bażi ġuridika tal-ETIAS. Peress li din l-evoluzzjoni jista' jkollha impatt enormi fuq il-volum tat-tranżazzjonijiet tas-sistema u fuq il-kapaċità tagħha li tipproċessa t-tranżazzjonijiet li jidħlu fi ħdan il-livelli ta' prestazzjoni miftiehma, għandha ssir valutazzjoni tal-impatt minn qabel sabiex jiġu vvalutati l-fattibbiltà ta' din l-implimentazzjoni fi ħdan l-arkitettura eżistenti tal-Eurodac jew kemm ikun meħtieġ it-tibdil fl-arkitettura/it-tfassil inġineristiku mill-ġdid tal-Eurodac. Din il-valutazzjoni tal-impatt se tiddetermina wkoll ir-riżorsi (umani u baġitarji) meħtieġa għall-implimentazzjoni. Finalment, l-Eurodac se tevolvi sabiex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet u mal-istandards tas-servizzi kondiviżi (ibbażati fuq l-eżiti tal-proġett li għaddej ta' Servizzi Komuni Kondiviżi).

Il-possibbiltà ta' evoluzzjonijiet tekniċi aktar limitati li jirriżultaw minn emerġenzi operazzjonali (proġetti mhux ippjanati li jirriżultaw minn perkorsi ta' manutenzjoni korrettiva/adattiva) jew wara tibdiliet fix-xejriet tal-użu hija mistennija sabiex jiġu żgurati operazzjonijiet stabbli u l-provvista kontinwa ta' servizzi. L-aġġornament tal-magna tat-tiftix u tal-kapaċità ġenerali tas-SIS se jiġi ffinalizzat. L-iżviluppi meħtieġa mir-regolament riformulat dwar is-SIS ser ikomplu bl-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tas-SIS u bil-proġetti dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn, u se jinbdew it-tfassil/l-implimentazzjoni tal-ABIS (rikonoxximent tal-wiċċ) tas-SIS. Barra minn hekk, is-SIS ser tiġi żviluppata f'termini ta' espansjoni tal-kapaċitajiet tagħha ta' interkonnessjoni ma' sistemi oħra (bħall-ETIAS). L-ambjent ta' qabel il-produzzjoni tas-SIS (PPE) se jitmexxa barra mill-muntanja fis-sit tekniku ta' backup sabiex jitħalla aktar spazju għall-ambjent tal-produzzjoni. Is-servizz ta' backup tas-sistema ewlenija se jitmexxa wkoll għal-libreriji ta' tejps virtwali u l-funzjonalità tad-DCC se tittejjeb ukoll.

Ser ikomplu l-attivitajiet li jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistemi skont il-qafas legali l-ġdid.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet ta' proġett operattiv
  - 2.2.1.1 Implimentazzjoni ta' qafas legali ġdid tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)[42]
  - 2.2.1.2 Deċiżjoni dwar ir-Ritorn tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)
  - 2.2.1.3 Tkabbir fil-bażi ta' *data* tal-BMS (kontinwazzjoni mill-2019)
  - 2.2.1.4 Aġġornament ġdid tal-Magna tat-Tiftix u ta' Oracle għas-SIS, it-titjib tad-disponibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni (kontinwazzjoni mill-2019)
  - 2.2.1.5 Implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac (sakemm tiġi adottata l-leġiżlazzjoni)
  - 2.2.1.6 Riformulazzjoni tal-Eurodac – implimentazzjoni tar-rikonoxximent tal-wiċċ fil-Eurodac ibbażata fuq l-eżiti ta' studju

[42] Soġġetta għal emendi leġiżlattivi

- 2.2.1.7 Estensjoni tal-ambjent ta' ttestjar (TST) għal 100 % tal-ambjent ta' qabel il-produzzjoni (PPE) (Fażi 1) (kontinwazzjoni mill-2019)
- 2.2.1.8 SIS - Tmexxija tas-servizz ta' backup tas-sistema ċentrali għal-Libreriji tat-Tejps Virtwali
- 2.2.1.9 Tmexxija tal-Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (PPE) tas-SIS minn Ġewwa l-Muntanja (ITM) għal Barra mill-Muntajna (OTM)
- 2.2.1.10 Modulu/interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessjoni tas-SIS għall-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS
- 2.2.1.11 Konformità tal-Eurodac mas-servizzi tas-CSI/CSS
- 2.2.1.12 Emendi għar-Regolament tal-VIS (sakemm tiġi adottata l-leġiżlazzjoni riformulata tal-VIS)
- 2.2.1.13 Implimentazzjoni tal-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS (Kontinwazzjoni mill-2019)
- 2.2.1.14 Implimentazzjoni tal-ABIS għas-SIS (Rikonoxximent tal-Wiċċ)
- 2.2.1.15 Kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' riorganizzazzjoni taċ-ċentru tad-*data*
- 2.2.1.16 Integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, b'mod li jkunu koperti s-sistemi kollha li qed jitħaddmu
- 2.2.2.1 Integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi mal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni (kontinwazzjoni mill-2019)

## *It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

L-objettiv primarju tal-Aġenzija għat-tmexxija operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju ser ikun li tiġi żgurata d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tagħhom. Fl-2020, huwa mistenni li d-DĠ DIGIT jiffirma kuntratt qafas ġdid għan-network sigur pan-Ewropew. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija ser ikollha timplimenta l-attivitajiet meħtieġa sabiex tibda t-tranżizzjoni min-network TESTA-ng preżenti għan-network sigur il-ġdid. Barra minn hekk, matul is-sena ser ikomplu jitwettqu proġetti bħall-studju u d-disinn tal-perimetru tan-Network Unifikat fuq Żona Wiesgħa u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-EES. Barra minn hekk, se jitnieda n-network fuq żona wiesgħa tal-ETIAS, u se tiġi stabbilita l-interkonnessjoni mal-Interpol u mal-Frontex. Il-punti ta' konnessjoni tad-WAN tas-sistema ċentrali fis-CU se jiġu rilokati sabiex jiġi ottimizzat l-użu tal-ispazju taċ-ċentru tad-*data*.

B'hekk, l-attivitajiet tan-network tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet operattivi tal-istatus quo
    - 2.1.1.15 Provvista tas-servizzi ta' network
    - 2.1.1.16 It-tmexxija operattiva regolari tal-kuntratti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwiżizzjoni, tiġdid, ġestjoni tal-kuntratti)
- Attivitajiet ta' proġett operattiv
    - 2.2.1.17 Perimetru tan-network unifikat fuq żona wiesgħa – studju u disinn (kontinwazzjoni mill-2019)
    - 2.2.1.18 Tmexxija tal-konnessjonijiet tad-WAN tas-sistemi ċentrali
    - 2.2.1.19 ETIAS - interkonnessjoni mal-Interpol u mal-Frontex
    - 2.2.1.20 Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid

- 2.2.1.21 Implimentazzjoni tad-WAN tal-ETIAS

## *L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda*

Fl-2020, l-Aġenzija se tkompli bl-iżvilupp tal-EES, tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN u tal-komponenti tal-interoperabbiltà. Sakemm tiġi adottata l-leġiżlazzjoni, l-Aġenzija se tibda l-iżvilupp tad-DAS.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet ta' proġett operattiv
    - 2.2.1.22 Implimentazzjoni tas-Sistema Awtomatizzata ta' Dublin (sakemm tiġi adottata l-leġiżlazzjoni)
    - 2.2.1.23 Implimentazzjoni tal-EES (kontinwazzjoni mill-2019)
    - 2.2.1.24 Implimentazzjoni tal-ETIAS (kontinwazzjoni mill-2019)
    - 2.2.1.25 Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (kontinwazzjoni mill-2019)
    - 2.2.1.26 Implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-interoperabbiltà
    - 2.2.1.27 Repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-manutenzjoni tal-istatistika u l-allinjament mar-rekwiżiti legali għall-interoperabbiltà

## *Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju*

Fir-rigward tas-sigurtà, l-Aġenzija se tkompli l-implimentazzjoni tal-Fażi 4 tal-infrastruttura komuni ta' sigurtà kondiviża, inklużi d-disinn u l-implimentazzjoni ta' awtentikazzjoni b'diversi fatturi għan-network EUWS (Stazzjon ta' Ħidma tal-Utent Finali). L-eu-LISA se topera, tippjana u tiżviluppa l-partijiet ta' kontinwità tan-negozju/l-irkupru minn diżastri/ir-rispons għal emerġenzi tal-istrateġija dwar il-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità u se topera, tippjana u tiżviluppa l-elementi ta' protezzjoni tagħha. Fl-2020, l-Aġenzija se tkompli twettaq eżerċizzji ta' rkupru minn diżastri, u tipprovdi operazzjonijiet taċ-ċibersigurtà u servizzi ta' assigurazzjoni għas-sistemi tan-negozju mħaddma minnha.

Is-sigurtà fiżika tas-siti ġodda f'Tallinn u fi Strasburgu se titjieb bl-implimentazzjoni ta' kontrolli addizzjonali sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.7 Attivitajiet ta' sigurtà orizzontali
- Attivitajiet operattivi tal-istatus quo
    - 2.1.1.17 Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jiġu mill-eżerċizzji tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju
    - 2.1.1.18 It-twassil tas-servizz tas-sigurtà u tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni għas-sistemi ewlenin tan-negozju
- Attivitajiet ta' proġett operattiv
    - 2.2.1.28 Eżerċizzju kombinat ta' rkupru minn diżastri għas-SIS, għall-VIS u għall-Eurodac
    - 2.2.1.29 Implimentazzjoni tal-Fażi 4 tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni tas-Sigurtà: disinn u implimentazzjoni tal-awtentikazzjoni b'fatturi multipli għan-network tal-EUWS

## *Attivitajiet ta' appoġġ għan-negozju ewlieni*

Ir-rapportar statutorju ser ikompli f'konformità mal-atti legali rilevanti.

Matul l-2020, se jiġi implimentat il-Pjan Direzzjonali għall-Monitoraġġ tar-Riċerka u t-Teknoloġija u l-librerija tal-eu-LISA se tiġi aġġornata b'titoli ġodda.

L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ ta' kwalità għolja mfassla apposta għall-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi ġestiti minnha.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.1 Governanza korporattiva u bini ta' kapaċitajiet
- Attivitajiet operattivi tal-istatus quo
    - 2.1.1.19 Implimentazzjoni tal-pjan ta' taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija

## *Governanza korporattiva*

Sabiex tappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tal-eu-LISA bħala Ċentru ta' Eċċellenza, l-Aġenzija se tiżviluppa bla heda u tmantni l-qafas operazzjonali u l-mudell ta' governanza interna tagħha.

Bħala element rilevanti tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija, ir-reġistru ta' kontroll intern tal-eu-LISA se jiġi aġġornat, u se jitwettqu eżerċizzji ta' monitoraġġ regolari sabiex titkejjel il-konformità mal-istandards ta' kontroll intern applikati. L-Aġenzija se tikkoordina, tħejji u tiffaċilita l-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija u tal-AGs.

L-Aġenzija se tipprovdi r-riżorsi meħtieġa sabiex tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward tal-produzzjoni tad-Dokumenti Uniċi ta' Programmar tagħha u tar-Rapport ta' Attività Annwali Kkonsolidat. Rapporti oħra se jiġu pprovduti wkoll jekk ikunu meħtieġa skont il-bażi ġuridika, jew ad hoc.

L-isforzi fir-rigward tal-awditjar intern huma ffokati fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Awditjar Annwali.

L-EPMO tal-Aġenzija ser ikompli jsaħħaħ il-kapaċitajiet tiegħu li jappoġġa lill-maniġers tal-proġetti/programmi fl-organizzazzjoni u li jipprovdi servizzi ta' assigurazzjoni relatati mal-proġetti u mal-programmi billi jimmatura l-proċess tal-ġestjoni tal-proġetti, iżomm u jevolvi l-għodod li jappoġġaw l-attività tagħha, u jibni mekkaniżmi marbuta mill-qrib mal-governanza tal-Aġenzija. Ser ikompli wkoll iwettaq evalwazzjonijiet ex ante.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.1 Governanza korporattiva u bini ta' kapaċitajiet
    - 2.3.9 Attivitajiet tal-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO)
    - 2.3.10 Implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali
- Attivitajiet operattivi tal-istatus quo
    - 2.1.4.1 Servizzi ta' titjib fis-servizz u rieżamijiet tal-proċessi kontinwi
    - 2.1.4.2 Tmexxija tal-proċessi tal-qafas tal-ITSM u rapportar regolari tal-eu-LISA

## *Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni*

Is-sħubiji ma' istituzzjonijiet u ma' aġenziji tal-UE – b'mod partikolari dawk fil-qasam tal-ĠAI – u ma' korpi oħra tal-UE ser ikomplu. Il-fokus prinċipali ta' din il-kollaborazzjoni ser ikun fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda, u l-evoluzzjoni ta' sistemi eżistenti. L-Aġenzija se tipprovdi l-għarfien espert tekniku tagħha lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-ĠAI kkonċernati.

L-Aġenzija se tkompli tissorvelja l-iżviluppi rilevanti fil-ĠAI. L-eu-LISA tibqa' lesta li tikkontribwixxi l-għarfien tagħha u tipprovdi assistenza fi kwalunkwe studju u riċerka dwar is-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-

ĠAI, jekk dan ikun delegat mill-Kummissjoni. L-isforzi ewlenin fil-komunikazzjoni korporattiva ser iduru madwar l-aġġornament ta' dokumenti ta' qafas strateġiku għal komunikazzjoni interna u esterna u aktar modernizzazzjoni tal-kanali ta' komunikazzjoni online, sabiex il-pjanijiet ta' azzjoni ta' komunikazzjoni esterna u interna annwali jiġu eżegwiti b'mod effiċjenti.

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.1 Governanza korporattiva u bini ta' kapaċitajiet
    - 2.3.2 Appoġġ eżekuttiv u relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

## *Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà*

Fl-2020, l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' akkwist u ta' akkwiżizzjoni u l-provvista puntwali ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-akkwist u finanzjarja ser ikunu l-prijorità ewlenija f'dan il-qasam ta' azzjoni strateġika.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.3 Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà

## *Faċilitajiet u servizzi korporattivi*

L-Aġenzija diġà mxiet lejn il-kwartieri ġenerali l-ġodda tagħha f'Tallinn u s-sit tekniku estiż tagħha fi Strasburgu. Fi Strasburgu, it-tieni estensjoni tal-bini tekniku, sabiex jiġu ospitati proġetti attwali u futuri, ser ikollu jitnieda, soġġett għan-notifika mill-Bord tat-Tmexxija lill-awtorità baġitarja tal-proġett rilevanti u għall-approvazzjoni ta' din tal-aħħar.

Fir-rigward tas-servizzi tal-IT korporattivi, l-Aġenzija sejra żżomm u tevolvi l-arkitettura tan-network korporattiv, l-arkitettura tas-sistemi u tal-ħażna, l-applikazzjonijiet korporattivi u l-ospitar tas-sit web tagħha. Ser issir evoluzzjoni wkoll tal-ambjenti tat-tagħlim elettroniku.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
    - 2.3.6 Servizzi korporattivi
    - 2.3.7 L-estensjoni tal-bini operattiv fi Strasburgu sabiex jospita l-proġetti attwali u futuri

## *Ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani*

Fl-2020, l-Aġenzija se tiffoka fuq ħames oqsma tal-ġestjoni tar-riżorsi umani:

- L-attivitajiet standard (żamma tal-istatus quo) ta' ġestjoni tar-riżorsi umani f'termini tal-istruttura, tal-proċessi u tal-prattiki organizzazzjonali mwettqa f'konformità mar-regoli u mad-deċiżjonijiet rilevanti;
- Il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara l-bidla, it-tkabbir u t-trasformazzjoni;
- L-iżvilupp ulterjuri tal-ambjent u tal-kultura tat-tagħlim, l-iżvilupp tal-funzjoni tal-HR lejn is-sħubijiet tan-negozju u t-tisħiħ tal-iżvilupp u taż-żamma tal-persunal;
- It-tkomplija tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kompetenza sabiex jiġi żgurat li "n-nies it-tajba jkunu fil-kariga t-tajba";
- Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku) u ġestjoni tal-għarfien.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
  - 2.3.4 Ġestjoni tar-riżorsi umani
- Attivitajiet operattivi taż-żamma tal-istatus quo
  - 2.1.4.3 Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal) u ġestjoni tal-għarfien

## *Protezzjoni tad-data*

Se jiġi abbozzat ir-Rapport ta' Ħidma Annwali 2020 dwar il-protezzjoni tad-*data*, u l-istatus intermedju dwar il-konformità tal-protezzjoni tad-*data* se jiġi rrapportat lill-MB. Għandhom jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-frekwenza tas-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar is-suġġett (inkluża waħda speċjali fil-jum iddedikat għall-protezzjoni tad-*data*) bil-għan li jiġu indirizzati l-bidliet li jirriżultaw mir-Regolament imħassar 45/2001, filwaqt li ser isir l-Istħarriġ Annwali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2020 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
  - 2.3.5 Protezzjoni tad-*data*

# 2. Attivitajiet fl-2020

## 2.1. Attivitajiet operattivi taż-żamma tal-istatus quo

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet operattivi kollha tan-negozju operattiv ewlieni tal-Aġenzija li jitwettqu fuq bażi ta' kuljum.

### 2.1.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

*It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

#### *2.1.1.1. Manutenzjoni tal-Eurodac*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

L-attività tinkludi:

- Monitoraġġ kontinwu tal-operazzjonijiet tas-sistema u tal-komponenti tagħha (monitoraġġ tal-istatus operattiv tas-sistema ċentrali tal-Eurodac u l-konnettività u l-operazzjonijiet tal-utenti);
- Komunikazzjoni/interazzjoni mal-komunità ta' utenti finali sabiex jittejbu u jiġu stabbilizzati l-operazzjonijiet u l-għoti ta' appoġġ għall-utenti;
- L-għoti ta' appoġġ fit-tielet livell/ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet operattivi, issodisfar tat-talbiet;
- L-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operattivi sabiex jappoġġjaw l-għanijiet imsemmija hawn fuq;
- Il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u taħt appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, "patching", eċċ., bħala parti mill-manutenzjoni adattiva);
- L-implimentazzjoni ta' aġġornamenti tekniċi u interventi urġenti li jiġu minn manutenzjoni korrettiva u emerġenzi operattivi;
- L-attivitajiet li ġejjin diġà huma ppjanati bħala parti mill-manutenzjoni korrettiva u adattiva:
  - Ser tittejjeb is-soluzzjoni standardizzata għat-trażmissjoni tal-immaġnijiet tal-marki tas-swaba' (FIT) tal-punti ta' aċċess nazzjonali (NAP);
  - Se jitwettaq il-proġett ta' patching u ta' dokumentazzjoni tas-sigurtà tal-Eurodac, sabiex jiġi evitat li jkun hemm ksur tas-sigurtà u vulnerabilitajiet fis-sistema.
- Il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-għanijiet imsemmija hawn fuq

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju u mal-FLS miftiehma.

**SFIDI EWLENIN**

- Żieda f'daqqa fit-traffiku tal-Eurodac (minħabba sitwazzjoni ta' kriżi) tista' żżid ir-riskju ta' instabbiltà u ta' pressjoni fuq ir-riżorsi (riżorsi umani, użu ta' ambjenti tekniċi, limitazzjonijiet ta' ħin) minħabba miżuri ta' mitigazzjoni tekniċi imprevedibbli;

- Il-kwistjonijiet ta' disponibbiltà ta' spazju fiċ-ċentru tad-*data* jistgħu jħallu impatt fuq it-tħaddim bla xkiel (eż. tisħin żejjed fl-ixkafef minħabba nuqqas ta' spazju addizzjonali, diffikultajiet sabiex tiżdied l-infrastruttura fil-każ ta' ħruġ, eż. minħabba pressjonijiet tal-kapaċità).

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Iż-żamma tal-Eurodac fl-aħjar kundizzjoni ta' tħaddim | 1. L-Eurodac topera kif meħtieġ (operazzjonijiet stabbli skont l-FLS) 2. L-Eurodac hija kontinwament koperta mill-appoġġ tekniku garantit mill-fornituri tagħha | L-Istati Membri jirċievu servizzi affidabbli u mhux interrotti tal-Eurodac | Konformità mal-FLS dwar l-Eurodac u mal-KPIs Korporattivi relatati mal-Eurodac | FLS dwar l-Eurodac standard u speċifiku ssodisfat kompletament | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema (abbażi tal-għodod operattivi u l-istatistika tal-FLS iġġenerata) | PSU |

## 2.1.1.2. *Manutenzjoni ta' DubliNet*

### AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

L-attività tinkludi:

- Monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' DubliNet;
- Ġenerazzjoni ta' ċertifikati ta' kriptaġġ għall-Istati Membri (attività rikorrenti għall-SM kollha mal-iskadenza taċ-ċertifikati);
- Komunikazzjoni/interazzjoni mal-komunità tal-utenti finali, bl-għan li jiġu żgurati operazzjonijiet bla xkiel u li jingħata appoġġ fil-każ ta' kwistjonijiet;
- Komunikazzjoni ma' fornituri ta' partijiet terzi għall-finijiet ta' individwazzjoni ta' soluzzjoni (eż. TESTA);
- It-teħid ta' miżuri tekniċi urġenti/it-twettiq tal-aġġornamenti meħtieġa f'każ ta' kwistjonijiet jew sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet operattivi.

### VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju.

### SFIDI EWLENIN

In-nuqqas ta' kontroll sħiħ fuq il-komponenti ta' DubliNet (eż. mail relay) jista' jintroduċi dewmien fuq l-appoġġ ipprovdut lill-Istati Membri.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-iżgurar tal-operat bla xkiel ta' DubliNet għall-Istati Membri | DubliNet topera kif meħtieġ (operazzjonijiet stabbli skont l-FLS) | L-Istati Membri jirċievu servizzi affidabbli u mhux interrotti ta' DubliNet | Konformità mal-FLS operattiv dwar DubliNet | L-FLS dwar DubliNet issodisfat kompletament | Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni | PSU |

### 2.1.1.3. *Manutenzjoni tal-VIS/BMS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Il-garanzija tal-kwalità u t-twassil tar-riżultati kuntrattwali mill-MWO FwC. L-iżgurar tal-kontinwità tas-servizzi ta' manutenzjoni matul il-FwC taħt:

- Manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tat-tibdiliet;
- Manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex il-VMS/BMS tibqa' kontinwament konformi mal-aktar teknoloġiji avvanzati u tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' appoġġ għall-manifatturi jew għall-edituri tal-komponenti;
- Manutenzjoni perfettiva: it-titjib, abbażi tal-għarfien espert tekniku u l-bidliet għall-aħjar identifikati, tal-komponenti tal-VIS/BMS sabiex ikunu jistgħu jaħdmu bl-aħjar mod possibbli;
- Manutenzjoni preventiva: it-twettiq ta' bidliet fil-VIS/BMS abbażi ta' osservazzjonijiet operattivi sabiex jiġi evitat li sors potenzjali identifikat ta' kwistjoni jimmaterjalizza f'inċident.

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija sejra tipprovdi lill-Istati Membri b'VIS/BMS li taħdem f'konformità mal-qafas leġiżlattiv tal-VIS/BMS u mal-FLS miftiehem.

**SFIDI EWLENIN**

L-iżgurar li l-bidliet fil-VIS/BMS meħtieġa skont l-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati kif suppost fil-pjan direzzjonali globali tal-VIS/BMS, u jiġu skjerati b'mod puntwali sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-qafas leġiżlattiv tal-VIS/BMS u mal-FLS miftiehem.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-VIS/BMS tkun skont ir-rekwiżiti dwar id-disponibbiltà/il-prestazzjoni u li l-avvenimenti jiġu ġestiti skont l-ITSM u l-FLS mal-utenti finali. Bil-manutenzjoni adattiva, l-iżgurar li l-VIS/BMS tkun koperta bl-appoġġ tal-manifatturi. | Il-prestazzjoni tas-sistema VIS/BMS skont il-FLS. | Il-VIS/BMS taġixxi skont ir-rekwiżiti u l-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq jiġu ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz mal-utenti finali. | Konformità mal-FLS dwar il-VIS/BMS | L-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-VIS/BMS li jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz, it-titjib antiċipat u l-inċidenti evitati. (Jekk jogħġbok ara l-Anness XI) | Rapporti perjodiċi tat-tħaddim u l-manutenzjoni, inklużi FLS u Rapporti ta' Servizz ta' Kull Xahar | PSU |

### 2.1.1.4. Manutenzjoni tas-SIS

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet, ġestjoni tar-rilaxxi;
- Manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex is-SIS tibqa' kontinwament konformi mat-teknoloġiji l-aktar avvanzati u tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' appoġġ għall-manifatturi jew għall-edituri tal-komponenti; l-implimentazzjoni għandha titwettaq bħala evoluzzjonijiet
- L-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operattivi sabiex jappoġġjaw l-għanijiet imsemmija hawn fuq;
- Il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u taħt appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, "patching", eċċ.);
- Il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-għanijiet imsemmija hawn fuq.

**VALUR MIŻJUD**

Sistema ċentrali tas-SIS disponibbli 24 siegħa kuljum skont il-FLS.

**SFIDI EWLENIN**

Teknoloġija bijometrika ġdida tista' tkun sfida għar-riżoluzzjoni tal-problemi u tal-inċidenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-iżgurar tad-disponibbiltà tas-sistema 24 siegħa kuljum | C.SIS tas-SIS disponibbli 24 siegħa kuljum skont il-FLS (disponibbiltà, prestazzjoni, eċċ.) | Sistema tas-SIS disponibbli u skont il-FLS fl-2020 | Konformità mal-FLS dwar is-SIS u mal-KPIs Korporattivi relatati mas-SIS | FLS standard u speċifiku dwar is-SIS issodisfat kompletament (Jekk jogħġbok ara l-Anness XI) | *Data* interna ta' SIS<br>*Data* tal-uffiċċju ta' servizz<br>appoġġ tat-tieni livell *data* disponibbli tal-eu-LISA<br>Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni | PSU |

### 2.1.1.5. *Manutenzjoni tal-AFIS tas-SIS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet, ġestjoni tar-rilaxxi;
- Manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex l-AFIS tas-SIS tibqa' kontinwament konformi mat-teknoloġiji l-aktar avvanzati u tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' appoġġ għall-manifatturi jew għall-edituri tal-komponenti; l-implimentazzjoni għandha titwettaq bħala evoluzzjonijiet;
- L-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operattivi sabiex jappoġġjaw l-għanijiet imsemmija hawn fuq;
- Il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u taħt appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, "patching", eċċ.);
- Il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-għanijiet imsemmija hawn fuq.

**VALUR MIŻJUD**

AFIS tas-SIS disponibbli 24 siegħa kuljum skont il-FLS.

**SFIDI EWLENIN**

Teknoloġija bijometrika ġdida tista' tkun sfida għar-riżoluzzjoni tal-problemi u tal-inċidenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-iżgurar tad-disponibbiltà tas-sistema 24 siegħa kuljum | AFIS tas-SIS disponibbli 24 siegħa kuljum skont il-FLS (disponibbiltà, prestazzjoni) | Sistema tal-AFIS tas-SIS disponibbli u skont il-FLS fl-2020 | Konformità mal-FLS dwar is-SIS | FLS standard u speċifiku dwar is-SIS issodisfat kompletament (Jekk jogħġbok ara l-Anness XI) | *Data* interna ta' SIS<br>*Data* tal-uffiċċju ta' servizz<br>Appoġġ tat-tieni livell *data* disponibbli tal-eu-LISA | PSU |

### 2.1.1.6. *Appoġġ tas-SIS għall-Istati Membri*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- L-għoti ta' appoġġ kontinwu lill-Istati Membri matul il-proċess ta' kwalifika tas-sistemi nazzjonali individwali tagħhom;

- It-twettiq ta' kampanji ta' testijiet u ta' kwalifika.

**VALUR MIŻJUD**

- Il-funzjonament xieraq tas-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri;
- B'mod ġenerali, l-operat tal-Istati Membri ma jkunx affettwat minn problemi fis-sistemi ta' Stati Membri oħrajn;
- Konformità mal-ICD u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tas-sistemi nazzjonali.

**SFIDI EWLENIN**

- Kumplessità akbar li tirriżulta mit-teknoloġija bijometrika introdotta fis-sistema;
- Kumplessità akbar li tirriżulta mill-inizjattivi ta' interoperabbiltà;
- Sovrapożizzjoni ma' attivitajiet oħrajn tal-proġett.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-iżgurar li s-sistemi nazzjonali huma lesti joperaw mas-sistema ċentrali | Rapporti ta' ttestjar għal partijiet ikkonċernati differenti li jikkonfermaw li l-Istati Membri huma lesti li joperaw bis-SIS ewlenija | L-għoti kif suppost ta' appoġġ għas-sistemi nazzjonali | Il-kwalità u l-ħin tal-integrazzjoni tal-Istati Membri<br>Konformità mal-pjan ta' ttestjar tal-Istati Membri | L-ebda devjazzjoni mill-pjan ta' ttestjar tas-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri | *Data* tas-SIS<br>*Data* operattiva u tal-ittestjar<br>Informazzjoni minn Stati Membri ġodda (jekk ikun hemm) | TTU |

### *2.1.1.7. Appoġġ tat-tieni livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi ewlenin tan-negozju*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Appoġġ tat-tieni livell 24 siegħa kuljum (applikazzjonijiet u bażijiet ta' *data*) għat-tmexxija operattiva tas-sistemi ewlenin tan-negozju kollha, inklużi l-ġestjoni tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-problemi, il-ġestjoni tal-bidliet u tar-rilaxxi (l-iskjerament ta' talbiet għal tibdil u ta' rilaxxi) u l-appoġġ tekniku għall-proġetti.

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri bl-applikazzjonijiet li jaħdmu f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom. L-attivitajiet ta' manutenzjoni jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistemi tkun skont il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, it-titjib antiċipat u l-inċidenti evitati.

**SFIDI EWLENIN**

L-iżgurar li t-tibdiliet meħtieġa fl-applikazzjoni skont l-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati b'mod xieraq fil-pjan direzzjonali globali u jiġu skjerati puntwalment sabiex

il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-ħtiġijiet tan-negozju.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-iżgurar ta' ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-applikazzjonijiet tal-livell 2 24 siegħa kuljum mingħajr interruzzjonijiet u ta' kwalità **għolja** tas-CBS | Ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-applikazzjonijiet tal-livell 2, 24 siegħa kuljum mingħajr interruzzjonijiet u ta' kwalità **għolja** tas-CBS | Is-CBS u l-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli tal-applikazzjonijiet, inklużi bażijiet ta' *data* | Konformità mal-FLS operazzjonali tal-applikazzjonijiet | L-attivitajiet ta' manutenzjoni jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-FLS, it-titjib antiċipat u l-inċidenti evitati. | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS | SOU |

### *2.1.1.8. Evoluzzjonijiet mhux ippjanati tas-SIS (inkluż l-implimentazzjoni ta' parallelizzazzjoni tad-DCCs, studju dwar algoritmu u/jew teknoloġiji tat-tqabbil aħjar)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Skont it-tibdil partikolari mitlub, din l-attività se tinkludi:

- Implimentazzjoni tal-parallelizzazzjoni tad-DCCs;
- Studju dwar algoritmu u/jew teknoloġija ta' tqabbil aħjar;
- Azzjonijiet/kompiti oħra ad hoc li jirriżultaw minn dan.

**VALUR MIŻJUD**

Kapaċitajiet imtejba tas-SIS fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll fil-fruntieri permezz tal-funzjonalitajiet addizzjonali identifikati.

**SFIDI EWLENIN**

Ir-riskju inerenti f'attivitajiet mhux ippjanati; impatt fuq l-ippjanar ġenerali.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill- | L-iżgurar li l-evoluzzjonijiet kollha meħtieġa li ma jkunux ippjanati tas-sistema | Is-SIS se timplimenta tibdiliet kif iddefiniti mill-komunità tal-partijiet ikkonċernati | Rilaxx ġdid tas-sistema ċentrali tas-SIS | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

| partijiet ikkonċernati skont il-mandat | jiġu indirizzati b'mod sistematiku u xieraq | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

## 2.1.1.9. *Appoġġ tal-ewwel livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi - Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

It-tmexxija operattiva tal-ewwel livell 24 siegħa kuljum tal-VIS/BMS, tas-SIS, tal-Eurodac, inklużi:

- Komunikazzjoni effettiva lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħrajn;
- Il-ġestjoni tad-dokumentazzjoni operattiva mal-Istati Membri;
- Il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-avvenimenti;
- Il-parteċipazzjoni fil-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-inċidenti skont il-politika tal-eu-LISA dwar il-ġestjoni tal-inċidenti;
- L-indirizzar ta' talbiet standard skont il-politika tal-eu-LISA dwar l-issodisfar tat-talbiet;
- It-twassil f'waqtu tar-rapporti miftiehma skont il-Politika tal-eu-LISA dwar il-Ġestjoni fil-Livell ta' Servizz;
- Il-kontributi regolari għall-ġestjoni tal-għarfien, kif ukoll għall-bażi ta' *data* tal-għarfien.

**VALUR MIŻJUD**

L-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA jipprovdi s-servizzi meħtieġa għall-appoġġ tas-sistemi ewlenin tan-negozju għall-Istati Membri u għal partijiet ikkonċernati oħrajn.

**SFIDI EWLENIN**

L-iżgurar li s-servizzi jiġu pprovduti skont ir-regoli u r-rekwiżiti tas-sistemi tan-negozju, kif ukoll skont l-aspettattivi tal-klijenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Iż-żamma u t-titjib kontinwu tal-attivitajiet ta' appoġġ ta' kuljum u s-sodisfazzjon tal-klijenti | L-appoġġ effiċjenti u effettiv tal-ewwel livell għas-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA u komunikazzjoni affidabbli għall-klijenti u għall-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA | L-utenti tas-sistemi kummerċjali ewlenin u tal-Istati Membri jirċievu servizzi effiċjenti u affidabbli bħala l-ewwel livell ta' appoġġ u ta' komunikazzjoni permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni miftiehma | Indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz;<br><br>Stħarriġ Annwali dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti | Għall-indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz: aktar minn 80 %<br><br>Għall-istħarriġ Annwali dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti: aktar minn 80 % | Ir-rapporti rispettivi dwar l-indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz<br><br>Stħarriġ Annwali dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti | SOU |

## 2.1.1.10. *Manutenzjoni tas-CSI*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Segwitu regolari tal-programm tas-CSI;
- Segwitu regolari, inkluż aġġornament tal-istatus tal-oġġetti tal-konfigurazzjoni permezz ta' inċident/problema/tibdil u ġestjoni tat-talbiet.
- L-applikazzjoni ta' "patching" tekniku u tas-sigurtà;
- Implimentazzjoni tal-manutenzjoni korrettiva;

**VALUR MIŻJUD**

- Id-disponibbiltà tal-infrastruttura tas-CSI ssodisfata skont il-FLS;
- L-attivitajiet relatati mas-servizzi kondiviżi (jiġifieri għodod għas-sigurtà tal-applikazzjonijiet, monitoraġġ komuni, eċċ), akkwistati barra mill-kuntratti ta' CBS, jinżammu jew jiġu appoġġjati permezz ta' MWO unika.

**SFIDI EWLENIN**

Kuntrattur ġdid fjamant għas-CSI mingħajr esperjenza fis-CBS tal-eu-LISA.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-identifikazzjoni proattiva tas-CIs kollha li jaslu fi tmiem il-perjodu ta' appoġġ; Żamma tas-CIs kollha taħt l-appoġġ xieraq għall-bejjiegħa | Il-manutenzjoni kontinwa tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni skont l-inventarju tal-infrastruttura u l-katalogu tas-servizzi tas-CSI | Manutenzjoni obbligatorja fi ħdan is-CSI tal-FwC, inkluża l-ġestjoni tal-programmi | Konformità mal-FLS dwar il-manutenzjoni<br>L-indikaturi tal-prestazzjoni tal-CBS | 100 % | Il-kejl tal-KPI permezz tal-Għodda tal-ITSM<br>Monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-CBS | IMU |

## 2.1.1.11. *Koordinazzjoni operattiva/koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' kuljum tas-sistema u kompiti kondiviżi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Koordinazzjoni tal-attivitajiet operattivi;

- Ġestjoni tat-tibdil;
- Ġestjoni tal-EUWS.

**VALUR MIŻJUD**

L-operazzjonijiet kollha ta' amministrazzjoni tas-sistemi jipprovdu s-servizzi meħtieġa affidabbli u disponibbli (f'konformità mal-FLS) lis-CBS u lis-CSI.

**SFIDI EWLENIN**

L-iżgurar li s-servizzi kollha jiġu pprovduti skont l-aspettattivi tan-negozju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Il-monitoraġġ, l-istruttura u l-monitoraġġ xierqa tas-CBS taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA sabiex tiġi żgurata infrastruttura sigura u affidabbli | Ġestjoni operattiva sigura u affidabbli tas-CBS | Kemm is-CNS kif ukoll l-Istati Membri jirċievu infrastruttura affidabbli f'konformità mal-FLS miftiehma | Konformità mal-FLS dwar is-CBS u s-CSI | L-infrastruttura tas-sistemi kollha għandha tkun disponibbli, f'konformità mas-servizzi u mal-FLS speċifiċi kif iddefiniti fil-Katalogu tas-Servizzi u fil-proċess ta' Ġestjoni fil-Livell ta' Servizz tal-eu-LISA | Rapporti tal-SM9 tal-ITSM | IMU |

### 2.1.1.12. *Attivitajiet ta' ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Il-ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet tas-CBS kollha tinkludi l-koordinazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet kollha relatati mal-fażijiet kollha tal-proċess: ippjanar, bini, ittestjar u validazzjoni, tnedija, rieżami u għeluq. L-attivitajiet jinkludu dawn li ġejjin:

- Id-definizzjoni u l-ftehim dwar il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet;
- L-iżgurar tal-integrità tal-pakketti ta' rilaxxi li jinkludu u l-ittestjar tagħhom;
- L-iżgurar li l-pakketti ta' rilaxxi jistgħu jiġu installati u mreġġa' lura;
- Ir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, tal-problemi u tat-tagħlimiet meħuda u t-teħid ta' azzjonijiet korrettivi;
- L-iżgurar li l-ħiliet u l-għarfien jiġu ttrasferiti għall-operazzjonijiet u għall-utenti.

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija tforni tibdiliet tekniċi u kummerċjali billi timminimizza r-riskji u tipprovdi lill-Istati Membri b'applikazzjonijiet li jaħdmu f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom. Ittejjeb ukoll il-konsistenza fl-approċċ ta' implimentazzjoni għas-Sistemi Ewlenin tan-Negozju kollha.

**SFIDI EWLENIN**

L-iżgurar li t-tibdiliet meħtieġa permezz tal-attivitajiet ta’ manutenzjoni jkunu integrati b’mod xieraq fil-pjan direzzjonali globali u jiġu skjerati puntwalment sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-ħtiġijiet tan-negozju.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta’ verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta’ soluzzjonijiet u ta’ servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-objettivi huma li jiġu ddefiniti u li jintlaħaq qbil dwar il-pjanijiet ta’ rilaxx u ta’ tnedija u li s-servizzi ġodda, modifikati jew irtirati jingħaddu formalment għall-Operazzjonijiet | Ir-rilaxxi ppjanati, iddefiniti, ittestjati u implimentati fil-produzzjoni għas-CBS kollha | Koordinazzjoni u segwitu aħjar tal-attivitajiet kollha relatati mal-ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tnedijiet fil-fażijiet kollha: ippjanar, bini, ittestjar u validazzjoni, tnedija, rieżami u għeluq | It-twettiq tal-pjanijiet ta’ rilaxx<br>L-implimentazzjoni tar-rilaxxi għas-Sistemi Ewlenin tan-Negozju | Pjanijiet ta’ rilaxx maħluqa u maqbula fl-ewwel trimestru<br>Rilaxxi mnedija skont il-pjanijiet ta’ rilaxx | Pjanijiet ta’ rilaxx miftiehma | TTU |

## 2.1.1.13. *Ġestjoni tal-liċenzji*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

L-iżgurar li l-liċenzji użati fl-eu-LISA jiġu ġestiti b’mod ċentrali u li d-dati tal-anniversarju tat-tiġdid tal-appoġġ ikunu allinjati kull meta jkun possibbli.

**VALUR MIŻJUD**

Il-liċenzji ġestiti permezz ta’ kuntratt uniku jibbenefikaw minn prezzijiet innegozjati (jiġifieri, il-kuntratt ta’ ULM ta’ Oracle nnegozjat fil-livell tal-Kummissjoni).
L-allinjament tad-dati ta’ anniversarju tat-tiġdid inaqqas l-għadd ta’ proċeduri ta’ tiġdid.

**SFIDI EWLENIN**

It-tranżizzjoni minn kuntratti multipli għal kuntratt ċentralizzat teħtieġ l-involviment ta’ ħafna kuntratturi li joperaw taħt kundizzjonijiet differenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta’ verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta’ soluzzjonijiet u ta’ servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Segwitu tal-liċenzji differenti użati fl-eu-LISA | Appoġġ kontinwu għal-liċenzji użati mill-eu-LISA (CBS u proġetti kondiviżi) | Il-liċenzji użati fl-eu-LISA huma appoġġati f’konformità mal-FLS meħtieġ mis-CBS differenti. | Ammont ta’ liċenzji li jkollhom il-kuntratt ta’ appoġġ tagħhom ġestit ċentralment | Oracle (50 %)<br>Software ta’ backup (50 %)<br>Linux OS (20 %) | Kuntratti tas-CBS<br>Kuntratt tas-CSI | IMU |

### 2.1.1.14. *Ġestjoni tal-operat ta’ kuljum tal-Unità Ċentrali/tal-Unità Ċentrali ta’ Backup (CU/BCU)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Ġestjoni ta’ kuljum taċ-ċentru tad-*data*;
- Il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet Awstrijaċi;
- Ġestjoni tal-kapaċità.

**VALUR MIŻJUD**

Ċentri tad-*data* li jipprovdu servizz adegwat.

**SFIDI EWLENIN**

- Sistemi mdewma fl-implimentazzjoni tagħhom;
- Ċentri tad-*data* li ma fadlilhomx kapaċità.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta’ verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta’ soluzzjonijiet u ta’ servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Il-manutenzjoni taż-żewġ Ċentri tad-*Data* f’kundizzjoni funzjonali | Il-manutenzjoni kontinwa u s-segwitu tal-kapaċità taż-żewġ Ċentri tad-*Data* (CU u BCU) | Iċ-ċentri tad-*data* (CU u BCU) jaħdmu kif meħtieġ, u b’hekk jipprovdu lill-Aġenzija bil-funzjonalità meħtieġa | Disponibbiltà tar-riżorsi taċ-ċentri tad-*data* (tkessiħ, potenza) | 100 % | Għodod ta’ monitoraġġ | IMU |

## *It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta’ komunikazzjoni*

### 2.1.1.15. *Provvista tas-servizzi ta’ network*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- It-tmexxija operattiva tal-infrastruttura tan-network lokali tas-sistemi ewlenin tan-negozju (Eurodac, SIS, VIS, EES, ETIAS);
- It-tmexxija operattiva tan-network tal-ġestjoni lokali (EUWS);

- It-tmexxija operattiva tat-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS;
- It-tmexxija operattiva tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS;
- It-tmexxija operattiva tas-sistemi ta' VIS Mail;
- It-tmexxija operattiva tas-sistemi ta' SIS Mail;
- L-evoluzzjoni tal-proċessi ta' ġestjoni tan-network;
- L-evoluzzjoni tal-arkitettura tan-network.

Attivitajiet relatati ma' TESTA:

- Is-superviżjoni, li tinkludi l-analiżi u r-rieżami tar-rapporti operattivi, l-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari relatati mal-operazzjonijiet u s-segwitu tal-azzjonijiet mal-fornitur, it-talbiet għal tibdil u l-partijiet tekniċi tal-ordnijiet ta' servizz;
- Il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur: iż-żamma tal-listi ta' kuntatt fl-Istati Membri u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha tan-network li għandhom impatt fuq Stat Membru;
- Il-proposta ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kif mitluba mill-Kummissjoni;
- L-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tat-titjib tas-servizzi tan-networks.

### VALUR MIŻJUD

L-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati jipprovdu s-servizz meħtieġ lis-sistemi ewlenin tan-negozju u lill-Istati Membri.

### SFIDI EWLENIN

L-iżgurar li s-servizzi jiġu pprovduti skont l-aspettattivi tan-negozju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Iż-żamma u l-monitoraġġ tan-networks ġestiti mill-eu-LISA sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-affidabbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni | L-operat ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura u affidabbli u tas-sistemi ta' komunikazzjoni relatati, kif meħtieġ | Is-Sistemi Ewlenin tan-Negozju u l-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni u fis-sistemi ta' komunikazzjoni relatati | Konformità mal-FLS dwar l-infrastruttura tal-komunikazzjoni | L-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sistemi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni (VIS Mail, SIS Mail) ser ikunu disponibbli skont l-FLS speċifiku għas-sistema deskritt fil-Katalogu ta' Servizzi tal-eu-LISA | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistemi u l-FLS | IMU |

### 2.1.1.16. *It-tmexxija operattiva regolari tal-kuntratti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwiżizzjoni, tiġdid, ġestjoni tal-kuntratti)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din hija attività kontinwa li tinbeda wara li l-kuntratti tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni jingħaddu lill-eu-LISA. Dan ikopri:

- L-estensjoni jew it-tiġdid tal-appoġġ dwar il-komponenti ta' SireneMail u ta' VIS mail;
- L-akkwist u t-tiġdid tal-komponenti tat-tieni saff ta' kriptaġġ;
- Il-ġestjoni kuntrattwali ta' kuntratti speċifiċi ta' TESTA-ng għas-servizzi meħtieġa mill-Aġenzija;
- Il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti ta' appoġġ għas-sistemi VIS u SIS Mail;
- Il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti għat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS u tas-SIS;
- L-għoti ta' speċifikazzjonijiet għall-estensjoni ta' kuntratti speċifiċi.

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'infrastruttura ta' komunikazzjoni għas-sistemi f'konformità mal-istrumenti legali u mal-FLS.

**SFIDI EWLENIN**

L-infrastrutturi tal-komunikazzjoni tal-VIS u tas-SIS huma kkuntrattati permezz tal-Kuntratt qafas ta' TESTA-ng II. Dan il-kuntratt qafas jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2020. Is-sejħa għall-offerti għall-ġenerazzjoni li jmiss tan-network qed titħejja mid-DĠ DIGIT. L-iskeda tas-sejħa għall-offerti u r-restrizzjonijiet tan-negozju mhux se jippermettu li l-migrazzjoni tal-VIS/EES/ETIAS u l-Infrastrutturi ta' Komunikazzjoni tas-SIS għall-ġenerazzjoni li jmiss tan-network qabel l-iskadenza tal-Kuntratt qafas ta' TESTA-ng II. Għalhekk, il-kontinwità tas-servizzi pprovduti taħt il-Kuntratt qafas ta' TESTA-ng II ser ikollha tiġi organizzata permezz ta' proċedura nnegozjata. Din il-ħtieġa tirrappreżenta sfida sinifikanti f'termini ta' żmien, ta' kundizzjonijiet u ta' pprezzar.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tkun skont ir-rekwiżiti f'termini tad-disponibbiltà u tal- | Il-manutenzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tiġi ġestita b'tali mod li l-prestazzjoni tas-sistema tkun skont il-FLS u jiġi pprovdut | L-infrastruttura tal-komunikazzjoni taġixxi skont ir-rekwiżiti. L-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif suppost jiġu ġestiti b'mod | Konformità mal-FLS dwar il-komunikazzjoni | Il-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni skont il-FLS, it-titjib antiċipat u l-inċidenti evitati | Rapporti ta' kull xahar dwar il-FLS | IMU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | prestazzjoni. Għal SireneMail u VIS mail, b'mod partikolari, il-komponenti kollha jridu jkunu koperti minn partijiet terzi u minn appoġġ għall-manifattura | appoġġ lill-Istati Membri | f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-FLS | | | | |

*Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju*

### 2.1.1.17. *Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-eżerċizzji tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Rieżami tal-pjanijiet ta' azzjoni b'segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzju;
- Eżekuzzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni;
- Rieżami wara l-implimentazzjoni.

**VALUR MIŻJUD**

L-assigurazzjoni tal-validazzjoni u tat-titjib kontinwu tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju tas-sistemi.

**SFIDI EWLENIN**

Prijoritizzazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi għall-eżerċizzji tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | L-iżgurar tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju tas-sistemi | L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mill-eżerċizzju tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju | L-iżgurar tat-titjib kontinwu tas-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju tas-sistemi | Il-perċentwal tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni | 85 % | Rapporti ta' rieżami wara l-implimentazzjoni | SEC |

### 2.1.1.18. *It-twassil tas-servizz tas-sigurtà u tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni għas-sistemi ewlenin tan-negozju*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

| Ippjana u Ġestixxi | Identifika | Iggarantixxi | Ipproteġi | Skopri | Wieġeb | Irkupra |
|---|---|---|---|---|---|---|
| - Politika, standards u gwida tas-sigurtà;<br>- Arkitettura tas-sigurtà;<br>- Sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar is-sigurtà;<br>- Rapportar u komunikazzjoni; | - Ġestjoni tar-riskji ta' sigurtà;<br>- Immudellar tat-theddid;<br>- Intelliġenza ta' theddid;<br>- Identifikazzjoni tal-assi; | - Valutazzjonijiet u verifiki tas-sigurtà;<br>- Valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u ttestjar tal-penetrazzjoni;<br>- Eżerċizzji taċ-ċibersigurtà u r-Red Team; | - Ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet;<br>- Konfigurazzjoni sigura;<br>- Sigurtà tan-network;<br>- Żvilupp ta' sistema sigura u s-sigurtà tal-applikazzjonijiet;<br>- Sigurtà tal-punt tat-tmiem;<br>- Kriptografija u PKI;<br>- Ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet tekniċi; | - Avveniment ta' sigurtà u monitoraġġ tal-inċidenti; | - Ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà;<br>- Forensika diġitali; | - il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tal-ICT |

**VALUR MIŻJUD**

- Riskji tas-sigurtà ġestiti għal livell aċċettabbli;
- Konformità mar-rekwiżiti legali u kummerċjali;
- Fiduċja akbar tal-partijiet ikkonċernati;
- Żieda fir-reputazzjoni tal-Aġenzija bħala gwardjan affidabbli u sigur ta' informazzjoni sensittiva dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna tal-UE.

**SFIDI EWLENIN**

- Nuqqas ta' prijorità fir-rigward ta' kompiti oħrajn;
- Żieda fil-kumplessità tal-attività tal-proġett li taqbeż il-kapaċità tar-riżorsi.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | Il-provvista tas-Servizz tal-Operazzjonijiet u ta' Assigurazzjoni taċ-Ċibersigurtà f'konformità mar-rekwiżiti u mal-objettivi tas-sigurtà stabbiliti mir-regoli tal-Aġenzija dwar is-sigurtà, li huma allinjati mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/46. | Il-politika tas-sigurtà; ġestjoni tar-riskji tas-sigurtà; pjanijiet tas-sigurtà; sensibilizzazzjoni tas-sigurtà u taħriġ fis-sigurtà, arkitettura tas-sigurtà, valutazzjonijiet u verifiki tas-sigurtà; liċenzji tas-software; ittestjar tas-sigurtà, monitoraġġ tas-sigurtà, ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà, gwida dwar is-sigurtà | L-iżgurar li r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni se jiġu ġestiti għal livell aċċettabbli | (1) perċentwal tal-proċessi u tas-servizzi tan-negozju koperti mill-proċess tal-ġestjoni tar-riskju tal-informazzjoni<br>(2) perċentwal tal-persunal li temm it-taħriġ ta' tagħlim elettroniku dwar is-sensibilizzazzjoni tas-sigurtà<br>(3) perċentwal tal-kontrolli tas-sigurtà implimentati f'kull Pjan tas-Sigurtà tas-Sistema tal-Informazzjoni<br>(4) perċentwal tat-testijiet ta' sigurtà trimestrali mwettqa versus ippjanati | (1) 60 %<br>(2) 75 %<br>(3) 65 %<br>(4) 75 % | Rapporti interni dwar il-valutazzjoni tar-riskji<br>Rapportar tat-tagħlim elettroniku<br>Kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni<br>Rapporti dwar il-valutazzjoni tas-sigurtà | SEC |

*Attivitajiet ewlenin ta' appoġġ għan-negozju (rapportar statutorju għas-sistemi, taħriġ tekniku estern, riċerka teknoloġika, eċċ.)*

### *2.1.1.19. Implimentazzjoni tal-pjan ta' taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

L-organizzazzjoni u l-għoti ta' taħriġ kif previst fil-pjan ta' taħriġ annwali approvat.

**VALUR MIŻJUD**

L-għarfien tekniku tal-Istati Membri dwar is-sistemi jikber, li jwassal għal prestazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri jirċievu taħriġ imfassal apposta dwar l-użu tekniku tas-sistemi.

**SFIDI EWLENIN**

- Id-disponibbiltà tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA sabiex jipprovdu taħriġ u tal-kuntratturi sabiex iħejju u jagħtu korsijiet ta' taħriġ speċifiċi;
- Proġetti paralleli multipli li jinvolvu żviluppi ta' sistema ġdida jimponu esiġenzi eċċessivi taż-żmien fuq l-esperti tal-Istati Membri li jindirizzaw sistemi tal-eu-LISA, li jfisser li jkollhom żmien limitat sabiex jipparteċipaw f'korsijiet ta' taħriġ rilevanti. Dan ikun iwassal għal tnaqqis gradwali fil-kompetenzi fil-livell tal-SM.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | It-titjib u l-applikazzjoni tal-għarfien tal-Istati Membri dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistemi | L-issodisfar tal-kompitu ewlieni tal-Aġenzija skont ir-Regolament li jistabbilixxiha u l-għoti ta' taħriġ tekniku dwar il-funzjonament u l-użu tas-sistemi lill-Istati Membri | Ikun fis-seħħ programm ta' taħriġ dwar is-sistemi mfassal apposta u risponsiv li jissodisfa b'mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. | Rata ta' sodisfazzjon: skala 1-5, 1 l-anqas, 5 l-ogħla (l-iskala hija soġġetta għal tibdil futur) | Medja ta' mhux anqas minn 3 (skali 1-5) | Formoli ta' evalwazzjoni | GCU |

## 2.1.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

### *2.1.2.1. Titjib fil-Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjonijiet*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Bħalissa, l-eu-LISA qed taffaċċja sfidi minn tarf sa tarf:

- it-traċċabbiltà tal-artefatti tal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet;
- il-formalizzazzjoni tal-proċessi taċ-ċiklu ta' ħajja tal-applikazzjonijiet u l-qafas ta' governanza;
- in-nuqqas ta' livell ta' awtomatizzazzjoni meħtieġ għall-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjonijiet.

Dan kien wassal għal diffikultajiet fl-aċċess għall-informazzjoni jew għad-dokumentazzjoni matul il-proċessi ta' żvilupp tal-applikazzjonijiet. Il-pjan għall-introduzzjoni ta' proċess effiċjenti ta' Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja (ALM) u l-użu ta' sett ta' għodod ta' awtomazzjoni ser ikollhom impatt fuq l-unitajiet operazzjonali kollha tal-Aġenzija. Madankollu, is-sitwazzjoni kurrenti li qed tiffaċċja l-Aġenzija, li tiżviluppa diversi sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira (l-ewwel waħda l-EES) fl-istess ħin, teħtieġ approċċ

flessibbli u gradwali għall-implimentazzjoni tal-ALM, u l-kisbiet ta' gwadann rapidu, qabel ma l-implimentazzjoni tkun tista' tiġi estiża għall-aġenżija kollha. L-implimentazzjoni tal-AFM diġà hija ppjanata bħala attività ddedikata fid-Dokument Uniku ta' Programmar 2020-2022 u se tiġi ffinalizzata fl-2021.

L-istudju dwar l-ALM tal-2019 huwa mistenni li jżid l-għarfien dwar il-kapaċità tal-ALM u jiddefinixxi xi elementi ewlenin għall-implimentazzjoni tagħha, bħal proċessi u governanza. Dan ser irawwem l-użu aktar konsistenti u aktar effiċjenti tal-għodod. Se jappoġġa wkoll l-ippjanar tal-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tas-soluzzjonijiet tal-ALM, li tibda fl-2020, li għandha tiġi ffinalizzata fl-2021.

**VALUR MIŻJUD**

- Anqas falliment uman minħabba awtomatizzazzjoni ogħla;
- Irkupru aktar malajr.

**SFIDI EWLENIN**

- Ir-regoli tal-akkwist.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | L-iżgurar tad-disponibbiltà tal-għodod u tal-proċedura sabiex jiġi żgurat mudell ta' twassil kontinwu li jipprovdi aktar flessibbiltà u aġilità | Prodotti, għodod u proċeduri | Twassil aktar malajr tar-rilaxxi | Żmien għas-suq (meta mqabbel mas-sena ta' qabel) | Aktar rilaxxi<br>Tibdiliet aktar malajr<br>Kampanji ta' testijiet aktar mgħaġġla<br>Awtomazzjoni ogħla | Pjan ta' rilaxxi annwali | TTU |

## 2.1.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3

*Mhux applikabbli. Ma hemmx attivitajiet taż-żamma tal-istatus quo għall-Għan Strateġiku 3 ippjanati fl-2020.*

## 2.1.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4

*Governanza korporattiva (Ċentru ta' Eċċellenza, governanza, ippjanar u rapportar statutorju korporattiv, ġestjoni tal-kwalità, awditjar intern, eċċ.)*

### 2.1.4.1. *Servizzi ta' titjib fis-servizz u rieżamijiet tal-proċessi kontinwi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Kull sentejn, ir-rieżamijiet tal-mudell tas-servizzi u tal-proċessi tal-eu-LISA jitwettqu bl-użu ta' mudelli u ta' proċeduri predefiniti, bħala parti mid-dokument ta' politika ta' titjib kontinwu tas-servizz. Il-mudell tas-servizz huwa bbażat fuq il-katalgu ta' servizzi tal-eu-LISA; il-mudell tal-proċessi jkopri l-proċessi kollha tal-ITSM li hemm fis-seħħ. Bħala eżitu potenzjali addizzjonali, it-titjib meħtieġ għall-għodod se jiġi ddefinit u implimentat.

**VALUR MIŻJUD**

- Proċessi aktar effiċjenti u effettivi fis-seħħ, żieda sinifikanti fil-prestazzjoni operazzjonali tal-eu-LISA u l-issodisfar tal-aspettattivi kollha tal-partijiet ikkonċernati;
- Il-minimizzazzjoni tar-riskji relatati mal-kejl tas-servizzi, il-garanzija ta' approċċ pragmatiku u realistiku għall-kejl u għar-rappurtar tas-servizzi;
- It-titjib meħtieġ għall-għodod se jiġi ddefinit u implimentat.

**SFIDI EWLENIN**

- Nuqqas ta' impenn u ta' kontribuzzjonijiet suffiċjenti għar-riżorsi interni;
- Nuqqas ta' kuntratturi esterni għall-ġestjoni tal-proġetti u għat-titjib tal-għodod.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, mal-proċessi u mal-allokazzjoni tar-riżorsi għall-qadi tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | Ir-rieżaminazzjoni u l-aġġornament tal-proċessi tal-ITSM u dawk ipprovduti mis-servizzi tal-eu-LISA | Mudell aġġornat tal-proċessi u tas-servizzi tal-eu-LISA li jindirizza r-rekwiżiti ta' sistemi ġodda, id-domanda għal servizzi ġodda u t-titjib tal-għodod rispettivi | Validazzjoni tat-titjib kontinwu tas-servizz ta' proċessi u ta' servizzi eżistenti pprovduti tal-ITSM, li jservu aħjar lill-partijiet ikkonċernati esterni u interni tal-eu-LISA | KPIs tal-proċess ta' titjib kontinwu tas-servizzi | Il-valuri fil-mira huma parti mid-dokument ta' politika ta' titjib kontinwu tas-servizzi tal-eu-LISA | Rapportar trimestrali dwar il-KPIs tal-proċess | SOU |

### 2.1.4.2. *Tmexxija tal-proċessi tal-qafas tal-ITSM u rapportar regolari tal-eu-LISA*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- It-tmexxija tal-proċess tal-ITSM ta' kuljum, l-użu effiċjenti tar-rwoli ppjanati tal-proċess;
- It-tmexxija tal-proċessi kif xieraq, filwaqt li jiġi kkunsidrat titjib possibbli fid-definizzjoni tal-proċess kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-proċess;

- Ir-rapportar regolari dwar il-KPIs tal-proċess u dwar l-FLS miftiehma;
- Il-monitoraġġ u s-suġġeriment ta' tibdiliet fil-proċessi permezz ta' Titjib Kontinwu tas-Servizz b'appoġġ għaċ-ċiklu tal-ħajja tal-proċess implimentat;
- Il-kunsiderazzjoni u s-suġġeriment ta' titjib possibbli fl-għodda ITSM tal-eu-LISA.

**VALUR MIŻJUD**

- Titjib sinifikanti fit-tħaddim u fil-kontroll tal-proċessi;
- Rapportar imtejjeb bl-użu ta' *data* SM9 online u l-KPI iddefinit għal kull sistema;
- Definizzjoni u implimentazzjoni tal-proċessi l-ġodda meħtieġa bħala parti mill-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA;
- Evoluzzjoni tal-maturità għall-proċessi permezz ta' Titjib Kontinwu tas-Servizz;
- Iż-żamma ta' reġistru b'titjib u b'inizjattivi;
- Effiċjenza ottimizzata permezz tal-ingranaġġ tal-kapaċitajiet tal-għodda tal-ITSM mas-sistemi tal-eu-LISA u l-appoġġ tal-kuntratturi.

**SFIDI EWLENIN**

- Nuqqas ta' prijorità mogħti lill-kompiti;
- Nuqqas ta' kontroll u superviżjoni xierqa tal-proċess.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, mal-proċessi u mal-allokazzjoni tar-riżorsi għall-qadi tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | Iż-żamma, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-proċessi tal-ITSM tal-eu-LISA b'mod xieraq | Il-proċessi tal-ITSM tal-eu-LISA jitmexxew b'mod effiċjenti u effettiv | Is-sistemi ewlenin tan-negozju u l-Istati Membri jirċievu servizzi affidabbli, fuq il-bażi tal-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA | Konformità mal-KPIs tal-proċess | Livelli maqbula tal-KPIs tal-proċess. | Dokumentazzjoni tal-proċessi rispettivi<br>Rapporti dwar il-KPIs | SOU |

*Ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani*

### *2.1.4.3. Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA dwar l-operazzjonijiet (taħriġ tekniku) u ġestjoni tal-għarfien*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Taħriġ organizzat internament (analiżi, disinn, żvilupp, implimentazzjoni, evalwazzjoni, analiżi tal-lakuni, allinjament, segwitu) u kondiviżjoni tal-għarfien;
- Il-ġestjoni tal-għarfien skont il-politika ta' ġestjoni tal-għarfien (li bħalissa qed tiġi abbozzata fiż-żmien tat-tfassil ta' dan id-dokument);
- Il-ħolqien ta' kontenut għat-tagħlim elettroniku;
- L-amministrazzjoni tat-taħriġ;
- L-għoti ta' appoġġ għall-operazzjonijiet u għall-Maniġers tal-Proġetti fl-implimentazzjoni ta' titjib fis-sistemi kurrenti u t-tnedija ta' karatteristiċi u ta' sistemi ġodda;
- It-twaqqif tal-ambjent xieraq li jippermetti li l-persunal jitgħallem u jesperimenta;
- Il-kooperazzjoni mad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet dwar l-ippjanar u t-twettiq ta' sessjonijiet ta' taħriġ tekniku;
- Organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju fl-Istati Membri għall-persunal.

## VALUR MIŻJUD

- Il-membri tal-persunal operattivi tal-eu-LISA ser ikunu jistgħu jwettqu aħjar u joffru servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija;
- Żieda tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati;
- Teħid tar-rwol ta' konsulent fdat u ta' faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija;
- Immaġni pożittiva fost il-partijiet ikkonċernati interni u esterni żviluppata u miżmuma;
- Issoktar tal-qadi ta' rwol bħala impjegatur attraenti, biż-żamma u bl-iżvilupp kontinwu tal-persunal.

## SFIDI EWLENIN

- Riżorsi Umani u għarfien espert insuffiċjenti disponibbli;
- Numru akbar ta' parteċipanti ġodda li jgħaddu mill-programm ta' orjentazzjoni teknika;
- Membri tal-persunal eżistenti li mhumiex jgħaddu mill-proċess ta' ċertifikazzjoni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal | It-tweġib għall-ħtiġijiet ta' taħriġ tekniku; tkabbir bħala ċentru tal-għarfien u żamma tal-eċċellenza operazzjonali; L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda għall-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju; l-iżgurar li l- | Korsijiet għall-OPS u applikazzjonijiet pprovduti lill-persunal; il-ħolqien ta' laboratorju ta' taħriġ; l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-ġestjoni tal-għarfien; l-orjentazzjoni teknika; il-ħolqien ta' proċess ta' ċertifikazzjoni qabel | Il-persunal tal-eu-LISA ser ikun jista' jaħdem aħjar; l-eu-LISA se tiġi rikonoxxuta bħala ċentru tal-għarfien espert u tal-għarfien | 1. Għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ organizzati<br>2. Livell ta' sodisfazzjon ġenerali<br>3. Żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-Bażi ta' *Data* tal-Ġestjoni tal-Għarfien | 1. 50 sessjoni ta' taħriġ organizzati<br>2. Livell ta' sodisfazzjon ogħla minn 85 %<br>3. Tal-anqas 2 sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni organizzati | Rapporti SMART, statistika dwar l-iLearn u rapporti ta' progress tal-Programm ta' Ħidma. | HRU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | għarfien jiġi ppreservat; l-organizzazzjoni tal-attivitajiet wara l-analiżi; l-evalwazzjoni tal-impatt fuq in-negozji; | l-aċċess għas-sistemi ewlenin; l-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju fl-Istati Membri għall-persunal | | 4. 100 % tal-ġodda jkunu segwew programm tekniku ta' orjentazzjoni teknika<br>5. Għadd ta' żjarat ta' studju mwettqa<br>6. Għadd ta' persunal li jgħaddi mill-proċess ta' ċertifikazzjoni | 4. 100 % tal-ġodda segwew il-programm ta' orjentazzjoni teknika fi żmien 3 xhur mindu waslu<br>5. Tal-anqas X[43] għadd ta' żjarat ta' studju organizzati<br>6. 100 % tal-persunal tekniku (li jaħdem direttament fuq is-sistemi) jgħaddi mill-proċess ta' ċertifikazzjoni | | |

## 2.2. Attivitajiet ta' proġett operattiv

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet tan-negozju operattiv ewlieni tal-Aġenzija li jitwettqu fuq il-bażi tal-proġetti individwali. Il-prestazzjoni tal-proġetti tiġi mmonitorjata skont il-metodoloġija ta' ġestjoni tal-proġetti tal-Aġenzija. F'konformità ma' din il-metodoloġija, l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-proġetti miżmuma għar-rapportar korporattiv tal-Aġenzija huma l-kost, l-iskeda u l-kamp ta' applikazzjoni. Għar-rapportar dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni, l-Aġenzija tuża skala ta' klassifikazzjoni tad-dawl tat-traffiku "RAG" (aħmar, ambra/isfar, aħdar). Din l-iskala tindika jekk il-kostijiet, l-iskeda u d-devjazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni humiex fi ħdan it-tolleranzi miftiehma (aħdar), hux qegħdin fir-riskju li joħorġu mit-tolleranzi miftiehma (ambra) jew humiex barra t-tolleranzi miftiehma (aħmar).

### 2.2.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

*It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

#### *2.2.1.1. Implimentazzjoni ta' qafas legali ġdid tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

43 In-numru ta' żjarat ta' studju mhuwiex indikat, se jiddependi mil-limitazzjonijiet fuq il-baġit u r-riżorsi umani.

- Funzjonalitajiet ġodda, regoli tan-negozju, kampijiet tad-*data*, allerti u kategoriji ta' oġġetti skont l-Artikoli 26, 32, 36 u 38 tad-Deċiżjoni dwar is-SIS;
- Kampijiet tad-*data* addizzjonali skont l-Artikolu 24 tar-Regolament dwar is-SIS u għal identifikazzjoni aħjar tal-persuni.
- L-irfinar tas-sistema ċentrali mill-perspettiva tal-kapaċità.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

Fl-2019, l-eu-LISA se tibda bl-iżviluppi relatati mal-qafas legali l-ġdid tas-SIS.

**VALUR MIŻJUD**

Kapaċitajiet imtejba tas-SIS fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll fil-fruntieri permezz tal-funzjonalitajiet addizzjonali identifikati.

**SFIDI EWLENIN**

- Ser ikun hemm bżonn ta' koordinazzjoni mill-qrib tal-partijiet ikkonċernati kollha f'kull stadju ta' dan il-proġett;
- L-Istati Membri ser ikollhom jilħqu l-istadji importanti tal-ICD sa dak iż-żmien stabbilit;
- L-implimentazzjoni, sabiex tippermetti l-operazzjonijiet ta' ttestjar, minħabba li din hija pass ewlieni fit-twettiq tal-proġett.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-għoti ta' kategoriji ġodda ta' allerti fis-SIS, kampijiet tad-*data* addizzjonali, kategoriji ta' oġġetti ġodda u utenti ġodda għas-sistema | Il-proġett sejjer jipprovdi funzjonalitajiet ġodda ddefiniti fil-bażi ġuridika l-ġdida tas-SIS għall-infurzar tal-liġi u għall-kontroll fil-fruntieri | Rilaxx ġdid tas-sistema ċentrali tas-SIS li jinkludi l-funzjonalitajiet ewlenin ġodda tas-SIS identifikati fl-istrument legali riformulat (deċiżjoni ta' ritorn mhux inkluża) | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.2.1.2. *Deċiżjoni ta' ritorn tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Dan il-proġett se jiżviluppa u jimplimenta r-rekwiżiti dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn stabbiliti fl-istrument legali l-ġdid tas-SIS.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

Fl-2019, l-Aġenzija se tibda l-proġett dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn tas-SIS.

**VALUR MIŻJUD**

Kapaċitajiet imtejba tas-SIS dwar il-migrazzjoni u l-infurzar tal-liġi permezz tat-titjib tal-kontroll, tal-istatus u tal-informazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa (li

bħalissa mhumiex ikkontrollati kif suppost).

**SFIDI EWLENIN**

- Ser ikun hemm bżonn ta' koordinazzjoni mill-qrib tal-partijiet ikkonċernati kollha f'kull stadju ta' dan il-proġett;
- L-Istati Membri ser ikollhom jilħqu l-istadji importanti tal-implimentazzjoni tal-ICD sa dak iż-żmien stabbilit;
- In-nuqqas ta' użu ta' għarfien xieraq tan-negozju dwar l-attivitajiet u l-prattiki kurrenti rigward id-deċiżjonijiet ta' ritorn Ewropej se jipperikola l-proġett.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-għoti ta' kategoriji ġodda ta' allert (deċiżjoni ta' ritorn) flimkien mal-funzjonalità relatata | Dan il-proġett se jipprovdi funzjonalità ġdida ta' deċiżjoni ta' ritorn iddefinita fil-bażi ġuridika l-ġdida tas-SIS | Rilaxx ta' Sistema Ċentrali ġdida tas-SIS, inklużi funzjonalitajiet ta' deċiżjoni ta' ritorn. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.2.1.3. *Tkabbir fil-bażi ta' data tal-BMS (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din hija l-aħħar fażi tal-proġett pluriennali ta' espansjoni tal-BMS, tal-PPE u tal-PRD li beda fl-2017 bl-għan li tittejjeb il-kapaċità tal-ħżin tal-BMS minn 60 miljun għal 85 miljun mudell ta' rekords tal-marki tas-swaba'. Iż-żieda tinkludi kemm il-PPE kif ukolli l-PRD fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, billi tibda bil-PPE sabiex tkun tista' tikkwalifika l-bidliet b'suċċess qabel tnedihom għall-PRD. Il-proġett ma jinkludix il-kunsinna ta' bażi ta' *data* ta' sfond miżjuda fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, li tifforma parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett ta' "implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' ttestjar minn tarf sa tarf tal-VIS/BMS" imniedi fl-2017.

Il-parti tal-attivitajiet tekniċi ewlenin fil-proġett tinkludi l-inserzjoni ta' kapaċità ġdida tan-Network taż-Żona tal-Ħażna, xfafar ġodda u għeluq tax-xfafar u l-estensjoni tal-unitajiet ta' tqabbil eżistenti. Il-forniment ta' liċenzji addizzjonali ta' Morpho huwa wkoll waħda mill-attivitajiet ewlenin.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett jinkludi t-tlestija tal-kampanja tal-SST, id-dħul fis-seħħ tal-PPE u l-PRD miżjuda, u l-eżekuzzjoni tal-fażi Finali tal-Aċċettazzjoni tas-Sistema. L-attivitajiet fl-2020 se jiffokaw fuq l-aċċettazzjoni tas-sistema finali u fuq l-attivitajiet ta' għeluq tal-proġett.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

Id-dħul fis-seħħ tas-sistema tal-BMS fuq skala usa' għal 85 miljun mudell ta' rekords tal-marki tas-swaba' huwa ppjanat għal tmiem l-2019.

Qabel ma titkabbar il-BMS, għandhom jitwettqu diversi attivitajiet:

- L-allinjament tal-PPE mal-PRD u l-espansjoni tal-PPE għal 85 M;
- Il-valutazzjoni tas-sigurtà;

- Il-virtwalizzazzjoni kemm tal-PPE kif ukoll tal-PRD;
- Allinjament tal-volum tranżazzjonali bejn il-VIS u l-BMS.

**VALUR MIŻJUD**

L-iżvilupp obbligatorju sabiex tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti tal-ħażna ta' bażi ta' *data* għall-operazzjonijiet tan-negozju tal-produzzjoni. Mingħajr din l-evoluzzjoni, u b'kunsiderazzjoni tal-aħħar previżjonijiet tal-Aġenzija, fl-2019 il-BMS se tkun laħqet il-limitu massimu tal-kapaċità tal-bażi ta' *data* tagħha ta' 60 miljun, li jikkawża impatt enormi fuq in-negozju (l-ebda possibbiltà li jiddaħħlu applikazzjonijiet ġodda għal viża) għall-Istati Membri.

**SFIDI EWLENIN**

Jistgħu jiġu identifikati r-riskji li ġejjin:

- In-nuqqas ta' disponibbiltà tal-PPE għad-durata mitluba;
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' spazju fiċ-ċentru tad-*data* jekk ikunu meħtieġa xkafef ġodda;
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi interni, li jikkawża dewmien għal diversi fażijiet tal-proġett.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-estensjoni tal-kapaċità tal-bażi ta' *data* eżistenti tal-BMS għal 85 miljun mudell ta' rekords tal-marki tas-swaba' | Il-produzzjoni mistennija hija kapaċità aġġornata għall-ħażna tal-bażijiet ta' *data* tal-BMS sabiex tappoġġja sa 85 miljun mudell ta' rekords tal-marki tas-swaba' | Il-kontinwazzjoni xierqa ta' servizz eżistenti pprovdut mill-eu-LISA lill-Istati Membri | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.2.1.4. *Aġġornament ġdid tal-magna tat-tiftix u ta' Oracle għas-SIS, it-titjib tad-disponibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- L-implimentazzjoni ta' magna tat-tiftix tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, inklużi funzjonalitajiet ġodda ta' tiftix;
- Iż-żieda fil-kapaċità ta' domandi;
- L-assenjazzjoni mill-ġdid ta' riżorsi sabiex tiżdied il-kapaċità tal-allerti;
- L-ottimizzazzjoni tal-kapaċità ġenerali.

### KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI

L-implimentazzjoni tal-proġett. Matul l-2020 il-fażi finali ta' aċċettazzjoni tas-sistema jenħtieġ li tkun magħluqa, eżatt wara t-tnedija.

### VALUR MIŻJUD

- Funzjonalitajiet ta' tiftix tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;
- Kapaċità addizzjonali għad-domandi (8 darbiet aktar mid-disinn oriġinali tas-CS tas-SIS);
- Kapaċità addizzjonali għall-allerti.

### SFIDI EWLENIN

- Limitazzjoni tar-riżorsi;
- Kunflitt ma' proġetti oħrajn;
- Test diffiċli ħafna tal-ekwivalenza tal-mistoqsijiet.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Il-kisba ta' funzjonalitajiet ta' tiftix tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u kosteffiċjenti<br><br>Kapaċità addizzjonali fis-Sistema Ċentrali. L-għoti tal-possibbiltà li l-istess magna li tintuża fil-futur qrib fl-Istati Membri | Is-Sistema Ċentrali tas-SIS se timplimenta magna tat-tiftix ġdida għal kapaċità addizzjonali dwar id-domandi u l-allerti<br><br>Dokumentazzjoni assoċjata aġġornata | Funzjonijiet ġodda tat-tiftix tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u effiċjenti tas-Sistema Ċentrali tas-SIS, kapaċità addizzjonali ta' domandi u ta' twissijiet; it-tħejjija ta' modulu tal-magna tat-tiftix għas-Sistemi Nazzjonali | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.5. *Implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac (kontinwazzjoni mill-2019)*

### AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- Aġġornamenti tal-ICD;
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali;
- Il-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-aġġornamenti funzjonali tal-Eurodac skont l-att legali l-ġdid

- Iż-żieda fil-kapaċità tal-bażi ta' *data* u t-throughput tat-tranżazzjoni abbażi ta' monitoraġġ kontinwu tat-traffiku u x-xejriet tal-użu tas-sistema ċentrali, kif ukoll il-projezzjonijiet tat-traffiku minħabba l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni;
- L-ittestjar u l-kwalifika tar-rilaxx ġdid tal-Eurodac fil-PPE;
- It-twettiq ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjerament għall-produzzjoni;
- Il-bidu ta' attivitajiet għall-għeluq tal-proġett u għall-għoti ta' Aċċettazzjoni Finali tas-Sistema;
- Il-konklużjoni tal-istudju dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-iskeda ta' żmien għall-inklużjoni tar-rikonoxximent tal-wiċċ fl-Eurodac
- Modulu/interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessjoni tal-Eurodac għall-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

Jiddependi mill-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom. Minbarra l-konformità mal-politika dwar l-asil u l-qafas il-ġdid ta' Dublin, l-Eurodac se tiffaċilita t-traċċar tal-migrazzjoni illegali u l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ritorn Ewropej.

**SFIDI EWLENIN**

- Il-kumplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-CN u tal-NS jistgħu jintroduċu dewmien fl-ittestjar u fit-tlestija tas-sistema;
- Il-kwistjonijiet tad-disponibbiltà tal-ispazju fiċ-ċentru tad-*data* jistgħu jħallu impatt serju fuq l-implimentazzjoni tal-proġett (ser ikunu meħtieġa infrastruttura ġdida/spazju ta' xkafef, speċjalment għall-aġġornamenti tal-kapaċità);
- In-nuqqas ta' disponibbiltà tar-riżorsi jista' jħalli impatt fuq il-proġett b'mod negattiv;
- Ir-riskju tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ambjenti tekniċi għall-ittestjar, l-iskjerament tar-rilaxx, eċċ., minħabba proġetti paralleli kumplessi;
- Riskju ta' investiment għoli fl-arkitettura eżistenti ddettat mill-bażi ġuridika, filwaqt li d-dispożizzjonijiet dwar l-interoperabbiltà jistgħu jirrikjedu tfassil mill-ġdid tal-arkitettura eżistenti;
- Ir-riskji kuntrattwali bħall-ippjanar baġitarju tal-MWO kurrenti ma qisux ir-Riformulazzjoni (mhux magħrufa f'dan il-punt). Akkwist ġdid jew emendi sinifikanti jistgħu jwasslu għal dewmien.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Sabiex il-Eurodac tiġi allinjata mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Riformulazzjoni tar-Regolament dwari l-Eurodac; sabiex l- | CAT1,2,3 maħżuna u mfittxija, immaġnijiet tal-wiċċ maħżuna & ġbir, *data* bijografika (+IDs) maħżuna & mfittxija, japplikaw | L-Eurodac konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Riformulazzjoni u f'daqs xieraq sabiex tippermetti l-konformità tal-Istati | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Eurodac titfassal bid-daqs xieraq sabiex tkun tiflaħ għat-tagħbija akbar dovuta għall-ħtiġijiet il-ġodda tan-negozju li jirriżultaw mir-riformulazzjoni tal-Eurodac | perjodi ġodda ta' żamma tad-*data*, tnaqqsu l-limiti tal-età, studju dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ, 2 kategoriji ġodda ta' *data*, għoti tal-possibbiltà ta' tiftix alfanumeriku, servizzi tal-NS-Web | Membri mal-bażi ġuridika l-ġdida | | | | |

## *2.2.1.6. Riformulazzjoni tal-Eurodac – implimentazzjoni tar-rikonoxximent tal-wiċċ fil-Eurodac ibbażata fuq l-eżiti ta' studju*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Aġġornamenti tal-ICD;
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali;
- L-implimentazzjoni tal-komponent tal-Eurodac għar-rikonoxximent tal-wiċċ (tibdiliet fis-software u fil-hardware/fl-infrastruttura);
- L-ittestjar u l-kwalifika tar-rilaxx ġdid tal-Eurodac fil-PPE;
- It-twettiq ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjerament għall-produzzjoni;
- L-għoti ta' aċċettazzjoni tas-sistema finali.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

Meta l-bażi ġuridika korrispondenti tiġi approvata, se tibda l-implimentazzjoni u se jiġi konkluż l-istudju li jipprovdi kontribut għall-implimentazzjoni tar-rikonoxximent tal-wiċċ.

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom. Is-sistema se tkun tista' tappoġġja t-tqabbil tal-uċuħ flimkien mat-tqabbil tal-marki tas-swaba', b'hekk tiġi pprovduta evidenza aħjar lill-Istati Membri meta jissodisfaw il-kompiti tagħhom dwar l-asil jew ir-ritorn. Dan se jippermettilhom ukoll jissodisfaw l-obbligi tagħhom meta jkun impossibbli li jintuża t-teħid tal-marki tas-swaba', li wassal għal reġistrazzjonijiet mitlufa u għal livell aktar baxx ta' sigurtà.

**SFIDI EWLENIN**

- Ir-riskju li ma tkunx tista' takkomoda bidla arkitettonika kbira bħal din fl-Eurodac attwali (dan se jintwera mir-riżultati tal-istudju).
- Bidla pjuttost kbira li trid tiġi akkomodata taħt il-kuntratt kurrenti ta' MWO. Akkwist ġdid possibbli jew emenda sinifikanti jistgħu jwasslu għal dewmien;
- Il-kumplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-CN u tal-NS jistgħu jintroduċu dewmien fl-ittestjar u fit-tlestija tas-sistema;
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi jista' jħalli impatt fuq il-proġett b'mod negattiv (jeħtieġ li jiġu approvati FTEs addizzjonali mill-COM u jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ Kuntratt ġdid ta' appoġġ estern);
- Il-kwistjonijiet tad-disponibbiltà tal-ispazju fiċ-ċentru tad-*data* jistgħu jħallu impatt serju fuq l-implimentazzjoni tal-proġett (ser ikunu meħtieġa infrastruttura ġdida/spazju ta' xkafef);
- Ir-riskju tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ambjenti tekniċi għall-ittestjar, għat-tnedija tar-rilaxxi, eċċ., minħabba ħafna proġetti tal-Eurodac kumplessi paralleli;
- Id-deċiżjoni possibbli għal ABIS komuni jew għal tibdiliet arkitettoniċi oħra se tintroduċi kumplessità u pressjoni kbar fuq ir-riżorsi li jridu jiġu ġestiti b'mod parallel.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-allinjament tal-Eurodac mar-rekwiżiti legali ġodda u l-iffaċilitar sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonformaw aħjar mal-politiki rilevanti tal-UE billi jiġu offruti kapaċitajiet tekniċi aktar avvanzati b'ħażna u tfittxija tal-bijometrika multimodali | L-Eurodac aġġornata bħala sistema bijometrika multimodali: ġie introdott komponent ta' rikonoxximent tal-wiċċ sabiex jippermetti t-tqabbil tal-wiċċ flimkien mat-tqabbil tal-marki tas-swaba' | L-Eurodac miġjuba f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali l-ġodda u l-preċiżjoni akbar tat-tqabbil ipprovduta permezz ta' kapaċitajiet bijometriċi multimodali | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.7. *Estensjoni tal-ambjent ta' ttestjar (TST) għal 100 % tal-ambjent ta' qabel il-produzzjoni (PPE) (Fażi 1) (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Sa mid-dħul fis-seħħ tal-VIS, twettqet sensiela ta' evoluzzjonijiet li jikkonċernaw il-bażi ta' *data* u l-kapaċità ta' volumi tranżazzjonali tal-VIS u tal-BMS. Filwaqt li kien hemm evoluzzjoni bil-mod fl-Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni, it-TST tjieb biss bħala parti mill-proġett li għaddej ta' "Tisħiħ tal-infrastruttura ta' ttestjar tal-VIS/BMS" (Programm ta' Ħidma Annwali tal-2016) li permezz tiegħu l-eu-LISA twettaq żieda fil-kapaċità tat-throughput tranżazzjonali tat-TST għal 40 % tal-PRD billi timplimenta ambjent passiv simulat tal-BCU u tmexxih għall-pjattaforma virtwali kondiviża tal-NTE. Dan se jippermetti lill-kuntrattur iwettaq kwalifika mtejba tal-evoluzzjonijiet funzjonali u teknika

futura abbażi ta' ambjent aktar rappreżentattiv minn qabel. Madankollu, dan il-proġett huwa kkunsidrat biss bħala pass intermedju sabiex tintlaħaq il-mira finali, jiġifieri l-ħolqien ta' ambjent ta' TST ugwali għall-PPE f'termini ta' daqs u ta' konfigurazzjoni. Il-kwalifika tal-bidliet imwettqa mill-kuntrattur bħalissa hija attività twila u diffiċli b'diversi ċikli ripetittivi minħabba l-għadd ta' kwistjonijiet ġeneralment skoperti bħala parti mill-proċess tal-ittestjar. Skont il-lezzjonijiet meħuda, porzjon sinifikanti tal-kwistjonijiet huwa dovut għan-nuqqas ta' abbiltà tal-kuntrattur li jwettaq il-kampanji ta' kwalifika tiegħu fl-ambjent ta' ttestjar simili għal dak tal-eu-LISA, li bihom ikollu l-opportunità li jiskopri u jsolvi l-kwistjonijiet ta' prestazzjoni jew konfigurazzjoni fi stadju bikri.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

2018: ambjent ta' ttestjar ġdid C (TEC), li jissostitwixxi t-TST, inħoloq fuq il-pjattaforma kondiviża virtwali tal-NTE, flimkien ma' ambjent simulat ta' ambjent passiv tal-BCU. Il-prestazzjoni tat-TEC hija sa livell ta' 40 % tal-ambjent tal-produzzjoni. Il-kuntrattur tal-MWO jista' jaċċessa mill-bogħod l-ambjent li jippermetti li kwistjonijiet ta' prestazzjoni jew ta' konfigurazzjoni jiġu identifikati u stabbiliti minn stadju bikri tal-kampanji ta' kwalifika; it-TST fiżiku l-antik ġie dekummissjonat.
2019: il-bażi ta' *data* tal-BMS ta' 24 miljun entrata dwar l-istorbju se tkun disponibbli sabiex tintuża fit-TEC għall-kwalifiki tal-BMS.

**VALUR MIŻJUD**

Permezz ta' twassil ta' ambjent simili f'termini ta' daqs, konfigurazzjoni u bażi ta' *data* ta' sfond għal Qabel il-Produzzjoni, l-eu-LISA qiegħda tistenna titjib sinifikanti fil-kwalità pprovduta, tnaqqis fil-ħin tal-kwalifika interna u b'hekk żmien ta' tħejjija aktar mgħaġġel għas-suq fil-każ ta' kwalunkwe evoluzzjoni futura. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, ambjent imtejjeb tat-TST sejjer jottimizza wkoll l-użu ta' FTEs interni meħtieġa għall-proċess tal-verifika tal-prodott.

**SFIDI EWLENIN**

- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' spazju fiċ-ċentru tad-*data* jekk ikunu meħtieġa xkafef ġodda.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi interni, li jikkawża dewmien għal diversi fażijiet tal-proġett.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | It-titjib tal-proċess tal-kwalifika tal-prodott billi l-kuntrattur tal-MWO jiġi pprovdut b'ambjent ta' ttestjar simili għal Qabel il-Produzzjoni | Ambjent tat-TST bl-istess bażi ta' *data* u kapaċità tat-volum tranżazzjonali bħall-PPE | Ambjent tat-test ġdid b'kapaċità simili għal Qabel il-Produzzjoni | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | TTU |

### *2.2.1.8. SIS - Tmexxija tas-servizz ta' backup tas-sistema ċentrali għal-Libreriji tat-Tejps Virtwali*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

SIS – il-mixja tas-servizz ta' backup tas-sistemi ċentrali lejn il-Proġett tal-Librerija tat-Tejps Virtwali se tintegra l-proċeduri ta' backup u ta' restawr korrispondenti mal-Infrastruttura tas-CSI bħala Servizz (IaaS) għal Infrastruttura Kondiviża Komuni ta' Backup. Dan se jippermetti li tintuża l-Oracle Recovery Appliance tas-CSI u li t-tliet Libreriji tat-Tejps attwalment installati kemm fis-CU kif ukoll fil-BCU jiġu dekummissjonati, b'rilaxx ta' marka siewja taċ-ċentru tad-*data* ta' 3 m2 li se tintuża għall-ISS tal-futur u għal proġetti oħra.

**VALUR MIŻJUD**

- Kontribut għall-eliminazzjoni ta' "sajlos" bejn is-Sistemi tal-eu-LISA;
- Tnaqqis ta' 700 % tal-ħin ta' backup u ta' restawr (24.2 Tb/siegħa vs 184 Tb/siegħa);
- Ħżin tad-*data* f'anqas spazju ta' backup;
- L-introduzzjoni ta' teknoloġiji moderni "li jiddupplikaw fi kwalunkwe post" permezz ta' tagħmir fiżiku jew virtwali;
- It-tnaqqis tal-marka taċ-ċentru tad-*data*.

**SFIDI EWLENIN**

Twassil puntwali ta' dokumentazzjoni tal-Istandards tas-CSI u ta' Sistemi ta' Libreriji ta' Tejps Virtwali.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Kontributgħas-Servizzi Kondiviżi Komuni fi ħdan l-eu-LISA billi jiġu pprovduti proċessi aktar veloċi ta' *data* u ta' restawr | Implimentazzjoni tal-proċeduri ta' Backup u ta' Restawr tas-SIS permezz tal-Mudell IaaS tas-CSI | L-eżitu ta' dan il-proġett huwa l-pedament għall-virtwalizzazzjoni u għas-servizzi ta' infrastruttura komuni kondiviżi. Dan huwa kontribut fundamentali għall-eliminazzjoni tal-"approċċ silo" u jirrilaxxa tmexxija operattiva aktar effiċjenti u effettiva | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### *2.2.1.9. Tmexxija tal-Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (PPE) tas-SIS minn Ġewwa l-Muntanja (ITM) għal Barra mill-Muntajna (OTM)*

### AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- Tmexxija tal-PPE tas-SIS minn proġett tal-ITM għal dak tal-OTM, li se tissepara bis-sħiħ il-PRD mill-PPE fil-bini tal-BCU;
- Il-proġett ser ifassal u jwassal PPE distint u se jirriloka s-sistemi rilevanti kollha għall-bini tal-OTM tal-BCU;
- Barra minn hekk, se jiddekummissjona kwalunkwe tagħmir mhux meħtieġ li jinsab fil-bini tal-ITM tal-BCU, u jirrilaxxa marka siewja taċ-ċentru tad-*data* li se tintuża għall-ISS tal-futur u għal proġetti oħra;
- Il-valutazzjoni tas-sigurtà ser issir fil-kuntest tal-proċess ta' ġestjoni tat-tibdil.

### VALUR MIŻJUD

- SIS, PRD u PPE għalihom fil-bini tal-BCU;
- Fl-ITM tal-BCU ser ikunu ospitati biss is-sistemi tal-PRD tal-eu-LISA;
- Fl-OTM tal-BCU ser ikunu ospitati s-sistemi mhux tal-PRD tal-eu-LISA;
- Daqshekk infrastruttura kondiviża bejn is-sistemi tal-PRD u tal-PPE tas-SIS.

### SFIDI EWLENIN

- Perijodu ta' qtugħ tal-PPE tal-BCU għal ġimagħtejn;
- L-OTM tal-BCU mhux biżżejjed sabiex jiġu pprovduti marka taċ-Ċentru tad-*Data* u appoġġ tan-network għas-sistemi tal-PPE tas-SIS.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Allinjament mad-deċiżjoni tal-eu-LISA li jinżammu biss is-sistemi ta' produzzjoni fil-bini BCU ITM tal-BCU | Moviment tal-PPE tas-SIS minn ITM għal OTM għall-bini f'Sankt Johann im Pongau - Salzburg (BCU) | Ir-riżultat tal-proġett huwa s-separazzjoni u t-tmexxija tas-sistemi tal-PPE tas-SIS minn ITM għal OTM fil-Bini tal-BCU. Dan se jirrilaxxa marka siewja taċ-Ċentru tad-*Data* li tista' tintuża għall-espansjoni tal-PRD. Barra minn hekk se jipprovdi sigurtà akbar fis-sistemi tal-eu-LISA | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | TTU |

### *2.2.1.10. Modulu/interfaċċa[44] ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessjoni tas-SIS għall-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett, is-SIS ċentrali se tiġi estiża b'soluzzjoni li tippermetti li jiġu skambjati messaġġi ma' sistemi oħra. Fl-ewwel fażi, is-SIS ċentrali se tiġi estiża b'modulu/interfaċċa ta' interkonnessjoni ġeneriċi u l-Aġenzija se tiġġestixxi u tissorvelja l-istadji li ġejjin tal-proġett: it-talba tal-attività lill-kuntrattur tal-MWO tas-SIS, id-disinn, il-bini, l-implimentazzjoni, l-integrazzjoni, l-ittestjar, it-tnedija u l-aċċettazzjoni tas-sistema finali.

Fit-tieni fażi, il-modulu/l-interfaċċa tal-interkonnessjoni se jiġu ppersonalizzati sabiex jiġu skambjati messaġġi mal-ETIAS; l-attività se tinkludi:

- It-talba tal-attività mingħand il-kuntrattur tal-MWO tas-SIS, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-informazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt imħejjija minn qabel;
- Ir-rieżami tal-ICD tas-SIS sabiex dan jirrifletti l-istruttura tal-messaġġi/tat-tranżazzjonijiet mibgħuta mill-ETIAS u t-tweġibiet mibgħuta lura;
- Il-kooperazzjoni mat-timijiet tal-ETIAS u tas-SIS sabiex jiġi kkoordinat l-allinjament tal-implimentazzjoni u tal-ippjanar tal-proġetti skont ir-rekwiżiti tal-bażi ġuridika;
- Konfigurazzjoni tal-modulu/interfaċċa tal-interkonnessjoni (interkonnettività) bejn is-SIS u l-ETIAS;
- L-irfinar tal-aspetti tal-kapaċità ta' tiftix alfanumeriku tas-Sistema Ċentrali tas-SIS sabiex tinżamm konformità mal-volum meħtieġ ta' tfittxijiet;
- Ittestjar korrispondenti qabel it-tnedija finali għall-produzzjoni;
- Tnedija għall-produzzjoni, attivitajiet ta' għeluq tal-proġetti u aċċettazzjoni finali tas-sistema.

**VALUR MIŻJUD**

- Il-kostijiet futuri tal-interkonnessjoni tas-sistema ċentrali tas-SIS ma' sistemi oħra huma limitati;
- Ġestjoni eħfef tar-riżorsi;
- L-interkonnessjoni operazzjonali bejn is-SIS Ċentrali u l-ETIAS f'konformità mar-rekwiżiti.

**SFIDI EWLENIN**

- Spazju limitat fiċ-ċentru tad-*data* jista' jinfluwenza l-arkitettura tas-soluzzjoni;
- Disponibbiltà limitata tar-riżorsi tal-eu-LISA tista' twassal għal żieda fl-appoġġ estern;
- Id-definizzjonijiet tal-ICD tas-sistemi interni u esterni jistgħu ma jkunux lesti;
- Il-bażi ġuridika tista' tinfluwenza l-possibbiltajiet ta' interkonnessjoni;

[44] L-implimentazzjoni ta' dawn il-modulu/interfaċċa ta' interkonnessjoni se tqis l-IAs korrispondenti fi ħdan l-implimentazzjoni tal-ETIAS u se tqis ukoll l-aspetti tal-interoperabbiltà.

- Il-volum ta' messaġġi skambjati fil-ġejjieni mhuwiex magħruf b'mod preċiż.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Din l-attività għandha l-għan li tagħmilha possibbli li s-sistema ċentrali tas-SIS tkun interkonnessa ma' sistemi interni jew esterni oħrajn (eż. l-ETIAS, il-VIS)<br><br>Li s-sistema ċentrali tas-SIS tiġi aġġornata skont ir-rekwiżiti legali tal-ETIAS billi jkunu jistgħu jsiru tfittxijiet alfanumeriċi tad-*data* personali ta' TCNs irreġistrati fl-ETIAS, wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni | Modulu ta' interkonnessjoni se jistabbilixxi soluzzjoni ta' bus tas-servizzi għall-intrapriżi, li tippermetti l-iskambju ta' *data* ma' sistemi interni jew esterni.<br><br>L-aġġornament tas-SIS sabiex tikkonforma mar-rkewiżiti tal-bażi ġuridika tal-ETIAS: is-Sistema Ċentrali tas-SIS hija konnessa mal-ETIAS u tista' tittratta t-tfittxijiet alfanumeriċi li jkunu ġejjin mill-ETIAS għat-TCNs u t-tweġibiet mibgħuta lil din. | Pjattaforma/interfaċċa tas-sistema ċentrali operattiva tas-SIS għall-interkonnessjoni ma' sistemi oħra fis-seħħ<br><br>Is-SIS hija konformi mad-dispożizzjonijiet legali tal-ETIAS u tippermetti, permezz ta' tfittxijiet awtomatizzati, li ssir valutazzjoni ta' jekk id-dħul tal-applikant fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida (sigurtà, immigrazzjoni illegali eċċ.) | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.11. *Konformità tal-Eurodac mas-servizzi tas-CSI/CSS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Allinjament kontinwu tal-Eurodac mas-servizzi tas-CSI/CSS, malli dawn ikunu lesti u inklużi fil-katalgu tas-CSS;
- L-allinjament se jinkludi (skont il-katalgu li jevolvi tas-CSS) l-użu ta' dawn is-servizzi armonizzati: servizzi tan-network, servizzi ta' monitoraġġ, servizzi tas-sistema operattiva, servizzi tas-sigurtà, servizzi ta' ġestjoni tad-*data*, servizzi ta' lokalizzazzjoni u ta' direttorju, servizzi ta' ġestjoni tas-sistemi tan-networks;
- Il-proġett se jinkludi l-ġestjoni tal-interazzjoni tal-kuntrattur tal-Eurodac mal-kuntrattur(i) tas-CSS, il-ħolqien u l-ġestjoni ta' interfaċċi kuntrattwali permezz ta' ftehimiet fil-livell operattiv, evoluzzjonijiet u aġġornamenti tekniċi tal-Eurodac (it-test tal-aċċettazzjoni fil-fabbrika, il-PPE, l-ambjenti tat-test u tal-produzzjoni), l-ittestjar u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni tal-proġetti, ir-rapportar u s-segwitu.

## VALUR MIŻJUD

- It-tnaqqis tat-TCO assoċjat mal-implimentazzjoni tas-sajlos attwali;
- L-armonizzazzjoni tal-attivitajiet ta' tmexxija operattiva u l-użu aħjar tal-għarfien u tar-riżorsi miksuba;
- Ippjanar aħjar taċ-ċentru tad-*data* u tnaqqis tal-marka tal-infrastruttura.

## SFIDI EWLENIN

- Dewmien fil-proġett ta' implimentazzjoni tas-CSI/CSS u servizzi fil-katalogu rilevanti li ma jkunux disponibbli fil-ħin opportun sabiex ikun jista' jsir l-ippjanar xieraq;
- Id-disponibbiltà tar-riżorsi li jista' jkollha impatt fuq l-ippjanar u l-implimentazzjoni xierqa tal-attivitajiet meħtieġa għal dan il-proġett;
- Limitazzjonijiet tal-ispazju fiċ-Ċentru tad-*Data* jista' jkollhom impatt fuq l-implimentazzjoni tas-CSI/CSS, u dan idewwem l-attivitajiet rilevanti previsti għall-konformità tal-Eurodac;
- Limitazzjonijiet tekniċi tal-arkitettura tal-Eurodac jistgħu joħolqu diffikultajiet ta' konformità f'ċerti servizzi komuni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-allinjament mal-Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI) u mas-Servizzi Kondiviżi Komuni permezz tal-użu ta' softwre u ta' infrastruttura armonizzati, imfassla ċentralment fil-livell tal-eu-LISA | L-Eurodac qed tuża l-Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI) u s-Servizzi Kondiviżi Komuni (CSS) disponibbli. Outputs indikattivi (skont ikunux lesti s-CSS-CSI): l-użu ta' servizzi ta' ħażna, ta' għodod u servizzi ta' monitoraġġ, ta' servizzi ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni, ta' konterituri, eċċ. | Is-sistema Ċentrali tal-Eurodac tikkonforma mar-rekwiżiti tas-CSI u tisfrutta s-CSS offruti, filwaqt li tippermetti l-armonizzazzjoni bejn l-applikazzjonijiet, il-ħolqien ta' sinerġiji u l-iffaċilitar tat-tmexxija operattiva, l-ekonomiji ta' skala, it-tnaqqis ta' TCO | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.2.1.12. *Emendi tar-Regolament VIS (tħejjija għall-implimentazzjoni)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi s-CS-VIS u l-NS-VIS immodifikati f'konformità mal-bażi ġuridika emendata tal-VIS[45].

**VALUR MIŻJUD**

Is-sistema se tkun lesta sabiex tiġi aġġornata kif meħtieġ mill-bażi ġuridika emendata tal-VIS.

**SFIDI EWLENIN**

Dewmien fl-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Abbozzi ta' speċifikazzjonijiet, akkwist, disinn, ittestjar, integrazzjoni tat-tibdiliet meħtieġa fil-VIS sabiex ikun hemm fis-seħħ funzjonalitajiet ġodda tal-VIS | CS-VIS u NS-VIS immodifikati f'konformità mal-bażi ġuridika emendata tal-VIS | CS-VIS u NS-VIS immodifikati jaħdmu kif meħtieġ mill-bażi ġuridika emendata tal-VIS | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

### 2.2.1.13. *Implimentazzjoni tal-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Twettiq ta' testijiet ta' integrazzjoni interni u tal-SM;
- Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sistemi nazzjonali u tas-sistemi ċentrali;
- Komunikazzjoni u segwitu regolari mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

- Il-validazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda tal-marki tas-swaba' li jirriżultaw mill-qafas legali l-ġdid tas-SIS flimkien mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni;

[45] Aktar dettalji ser ikunu disponibbli wara l-adozzjoni tal-emendi għall-bażi ġuridika tal-VIS.

- L-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema tal-AFIS tas-SIS;
- It-titjib tal-arkitettura tas-sistema tal-AFIS imwassla fil-Fażi 1 sabiex tlaħħaq mar-rekwiżiti l-ġodda.

**VALUR MIŻJUD**

Il-kontrolli fil-fruntiera tal-ewwel linja ser ikunu attivati mal-Fażi 2 tal-AFIS. Il-funzjonalità tal-marki tas-swaba' latenti se tkun attivata wkoll għal persuni mfittxija mhux magħrufa.

**SFIDI EWLENIN**

- Se tkun meħtieġa koordinazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha f'kull stadju ta' dan il-proġett;
- L-Istati Membri ser ikollhom jilħqu l-istadji importanti partikolari tal-implimentazzjoni tal-ICD fiż-żmien stabbilit sabiex jippermettu l-operazzjonijiet tal-ittestjar, billi dan huwa pass ewlieni fit-twettiq tal-proġett;
- L-Istati Membri ser ikollhom ikunu lesti għad-data tat-twettiq fil-mira tal-proġett;
- Evoluzzjoni fil-hardware/fis-software u kwistjonijiet ta' konsistenza ser ikollhom jiġu indirizzati fuq bażi individwali, jekk jinqalgħu. Dawn il-kwistjonijiet mhux magħrufa jistgħu jwasslu għal dewmien addizzjonali.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-għoti ta' ħin ta' rispons aħjar dwar it-tfittxijiet bijometriċi.<br>Iż-żieda fil-kapaċità u fit-throughput tal-bażi ta' *data* tal-AFIS.<br>L-appoġġ għall-funzjonijiet bijometriċi addizzjonali u l-għoti ta' livelli addizzjonali ta' preċiżjoni. | Dan il-proġett se jipprovdi titjib fil-funzjonalitajiet diġà stabbiliti fil-Fażi 1 tal-AFIS tas-SIS. | Dan il-proġett se jipprovdi kapaċitajiet bijometriċi addizzjonali għall-Istati Membri | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.14. *Implimentazzjoni tal-ABIS għas-SIS (rikonoxximent tal-wiċċ)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Il-validazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda relatati mar-rikonoxximent tal-wiċċ (mir-Riformulazzjoni tas-SIS) flimkien mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni;
- L-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema tal-AFIS tas-SIS;
- It-titjib tal-arkitettura tas-sistema tal-AFIS imwassla fil-Fażi 1 sabiex tlaħħaq mar-rekwiżiti l-ġodda;

- It-twettiq ta' kampanji ta' ttestjar tal-integrazzjoni interni u tal-Istati Membri;
- Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sistemi nazzjonali u ċentrali;
- Komunikazzjoni u segwitu regolari mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.

**VALUR MIŻJUD**

L-Istati Membri ser ikunu jistgħu jużaw ritratti u immaġnijiet tal-wiċċ sabiex jidentifikaw persuna f'punti standard ta' qsim tal-fruntiera.

**SFIDI EWLENIN**

- Se tkun meħtieġa koordinazzjoni mill-qrib tal-partijiet ikkonċernati kollha f'kull stadju ta' dan il-proġett;
- L-Istati Membri ser ikollhom jilħqu l-istadji importanti partikolari tal-implimentazzjoni tal-ICD fiż-żmien stabbilit sabiex jippermettu l-operazzjonijiet tal-ittestjar, billi dan huwa pass ewlieni fit-twettiq tal-proġett;
- L-Istati Membri ser ikollhom ikunu lesti għad-data tat-twettiq fil-mira tal-proġett;
- Evoluzzjoni fil-hardware/fis-software u kwistjonijiet ta' konsistenza ser ikollhom jiġu indirizzati fuq bażi individwali, jekk jinqalgħu. Dawn il-kwistjonijiet mhux magħrufa jistgħu jwasslu għal dewmien addizzjonali.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Il-provvista ta' funzjonijiet bijometriċi addizzjonali skont il-qafas legali l-ġdid tas-SIS u jiġu indirizzati r-rekwiżiti l-ġodda li jiġu mill-Istati Membri | Dan il-proġett se jipprovdi kapaċitajiet dattiloskopiċi ġodda għall-ħżin u għat-tiftix fis-SIS. It-titjib tal-funzjonalitajiet diġà stabbiliti fil-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS | Dan il-proġett se jipprovdi kapaċitajiet bijometriċi addizzjonali għall-Istati Membri (eż. tiftix u ħżin ta' marki latenti). | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.15. *Kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' riorganizzazzjoni taċ-ċentru tad-data (DC)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi l-implimentazzjoni ta':

- Soluzzjoni standard ta' xkaffar għas-CBS eżistenti u ġodda kollha;
- Tray tal-cables, pre-cabling u standardizzazzjoni tal-konteniment;
- Implimentazzjoni adegwata ta' provvista tal-elettriku u ta' soluzzjoni ta' tkessiħ.

**VALUR MIŻJUD**

- L-indirizzar tar-rekwiżiti eżistenti u ġodda tad-DCs u tal-infrastruttura;
- It-tnaqqis tal-kostijiet permezz tal-istandardizzazzjoni.

**SFIDI EWLENIN**

Il-kapaċità kurrenti taċ-Ċentri tad-*Data* ma tistax tospita sistemi ġodda.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Organizzazzjoni mill-ġdid taċ-ċentri tad-*data* sabiex jissodisfaw rekwiżiti ġodda ta' ġestjoni tal-kapaċità (kapaċità, potenza, tkessiħ) | Ċentri tad-*data* riorganizzati (xkafef, komputazzjoni u potenza) | Id-DCs se jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda f'termini ta' densità għolja sabiex jiksbu kapaċità ta' ospitar akbar u jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-negozju | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | IMU |

## 2.2.1.16. *Integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, b'mod li jkunu koperti s-sistemi kollha li qed jitħaddmu*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tikkonsisti f'approċċ bi tliet fażijiet:

1. Qbil tal-kuntratturi kollha tal-eu-LISA sabiex jikkontribwixxu għall-ġestjoni standardizzati tal-avvenimenti – fl-2020.

   Dan se jinkludi studju bl-għanijiet li ġejjin:
   - Sabiex jintlaħaq qbil mal-kuntratturi kollha tal-eu-LISA li huma se jikkontribwixxu għal din id-definizzjoni tal-proċess;
   - Sabiex tiġi riċevuta l-lista eżistenti bl-allarmi uniċi kollha mill-kuntratturi, bl-attributi rispettivi tagħhom – is-sitwazzjoni tal-AS-IS;
   - Il-listi għandhom jiġu analizzati mill-esperti tal-eu-LISA bl-assistenza tal-kuntratturi;
   - Sabiex tiġi abbozzata proposta, valida għas-sistemi kollha, li jkun fiha t-tipi ta' allert ta' appoġġ L1 u L2, il-grupp u l-attributi ta' allert li huma meħtieġa mill-eu-LISA – sitwazzjoni TO-BE.
2. Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' ġestjoni tal-Avvenimenti tal-eu-LISA – ippjanata għall-2020-2021:
   - Id-definizzjoni tal-politika ta' ġestjoni tal-avvenimenti, billi jiġi indirizzat l-eżitu mill-punt 3 ta' hawn taħt;
   - Id-definizzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-politika.
3. L-integrazzjoni tas-soluzzjoni unika ta' monitoraġġ mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti – għall-2021-2022, filwaqt li jiżdiedu s-sistemi l-ġodda kollha.

**SFIDI EWLENIN**

- L-iskeda ta' żmien jaf ma tintlaħaqx, minħabba dewmien possibbli fl-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-avvenimenti;
- Limitazzjonijiet fis-sigurtà;
- L-akkwist jieħu sostanzjalment aktar żmien minn dak mistenni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Titjib sinifikanti tal-monitoraġġ għas-sistemi kummerċjali ewlenin kollha, filwaqt li jittieħdu l-benefiċċji mis-soluzzjoni unika ta' monitoraġġ diġà implimentata kif ukoll mill-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti tal-ITSM stabbilit fl-2020 | Abbażi ta' proċess standardizzat ta' monitoraġġ tal-avvenimenti fis-sistemi kollha sabiex l-allarmi riċevuti jiġu strutturati b'mod ferm aħjar, bl-attributi neċessarji obbligatorji | Fuq il-bażi ta' proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti fis-sistemi kollha u tal-kwalità mtejba tal-ġenerazzjoni tal-allarmi, l-integrazzjoni neċessarja b'soluzzjoni waħda ta' monitoraġġ se ttejjeb b'mod sostanzjali l-effiċjenza u l-effettività tal-monitoraġġ | Sodisfazzjoni akbar għall-appoġġ tal-Livell 1 u tal-Livell 2 tal-eu-LISA;<br><br>Il-minimizzazzjoni tar-riskju potenzjali ta' ommissjoni ta' allerti kritiċi; | Is-sodisfazzjoni tal-uffiċċju ta' servizz ogħla minn 90 %<br><br>Allerti kritiċi segwiti għal 95 % | Għodod ta' monitoraġġ u għodda ta' ġestjoni tal-inċidenti;<br><br>Ġenerazzjonijiet tal-avvenimenti skont il-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti | SOU |

*It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

## *2.2.1.17. Perimetru tan-network unifikat fuq żona wiesgħa – studju u disinn (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Il-proġett se jikkonsisti f'diversi fażijiet:

- L-eżekuzzjoni tal-istudju (2019-2020) – ġbir tar-rekwiżiti, identifikazzjoni tas-soluzzjoni l-aktar xierqa u deskrizzjoni tal-arkitettura ta' livell għoli;
- Disinn (2020-2021);
- L-integrazzjoni ta' soluzzjoni ta' statistika avvanzata tan-networks u l-implimentazzjoni tal-analitika tan-networks (2020-2021).

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

It-twettiq tar-rapport ta' studju wara l-implimentazzjoni tal-attività fl-2019.

## VALUR MIŻJUD

L-identifikazzjoni u t-tfassil ta' modi sabiex jinkisbu:

- L-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' attakki li għodod oħra ta' sigurtà (jiġifieri firewalls) ma jistgħux jipprovdu, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ġenerali li jaffaċċjaw is-sistemi tan-negozju;
- It-tnaqqis tal-ammont ta' traffiku ta' network suspettuż li jilħaq kontrolli tas-sigurtà oħrajn (jiġifieri firewalls), li jbaxxi l-ammont ta' xogħol għal dawn il-kontrolli u jipproteġihom minn attakki diretti;
- Funzjonalità aktar mgħaġġla ta' switch-over/-back bejn CU/BCU għas-sistemi tan-negozju differenti permezz tal-integrazzjoni tal-iswitch-over/-back tan-network fil-proċeduri tal-iswitch-over/-back tal-applikazzjoni;
- It-tnaqqis fil-kost tal-funzjonalità ta' switch-over/-back fil-kuntratt ta' TESTA-ng;
- Iż-żieda fil-viżibbiltà għall-interfaċċa nazzjonali/lokali tal-Istati Membri u backup tad-disponibbiltà tal-interfaċċa nazzjonali/lokali;
- Il-limitazzjoni tan-numru ta' networks;
- Integrazzjoni aktar mgħaġġla u aktar faċli tas-sistemi ewlenin tan-negozju ġodda.

## SFIDI EWLENIN

- Il-kumplessità tal-kompitu li jiġu koperti s-sistemi ewlenin tan-negozju kollha, il-ħtiġijiet għal disponibbiltà għolja, is-sistemi li ġejjin, eċċ.;
- Sitwazzjonijiet kuntrattwali kumplessi (l-involviment tal-bosta kuntratturi differenti);
- Id-disponibbiltà ta' riżorsi speċifiċi (ambjent ta' ttestjar, riżorsi umani).

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | L-identifikazzjoni u l-wiri ta' kif tista' titjieb il-konnessjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà, l-iskalabbiltà, il-flessibbiltà, id-disponibbiltà u l-akkomodazzjoni ta' rekwiżiti ġodda tan-negozju | Id-disinn tal-perimetru Unifikat preżenti tad-WAN li jiddeskrivi pjattaforma sigura standardizzata għall-konnessjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni | Is-sistemi ewlenin tan-negozju u l-Istati Membri jirċievu servizz ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni u sistemi ta' komunikazzjoni relatati aktar affidabbli, li jippermettu integrazzjoni aktar rapida u faċli tas-sistemi ewlenin il-ġodda tan-negozju | - Kuntratt iffirmat għad-disinn<br>- Preżenza tal-abbozz tad-dokumentazzjoni tad-disinn | Ir-riżultati tanġibbli kollha ppreżentati f'konformità mal-iskeda tal-proġett | Dokumentazzjoni tal-proġett | IMU |

### 2.2.1.18. *Tmexxija tal-konnessjonijiet tad-WAN tas-sistemi ċentrali*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Il-proġett jikkonsisti f'diversi kompiti:

- Xogħol tal-inġinerija sabiex jinħolqu żewġ punti ta' dħul fiżikament separati fil-kamra tat-telekomunikazzjoni taċ-ċentru tad-*data*;
- L-installazzjoni ta' linji fiżiċi ġodda (ram u fibra) mill-operatur tat-telekomunikazzjoni u l-attivar tal-linji wara l-ittestjar;
- Il-migrazzjoni tal-konnessjonijiet eżistenti (TESTA-ng SIS/VIS/Eurodac, EASO, Frontex, servizzi kondiviżi komuni, kuntrattur tal-internet) għal-linji l-ġodda fiżikament separati.

**VALUR MIŻJUD**

- Ir-reżiljenza tal-konnessjonijiet tan-network imtejba permezz ta' separazzjoni fiżika aħjar tal-konnessjonijiet tan-network;
- Spazju rilaxxat fiċ-ċentru tad-*data* permezz tal-fużjoni tat-tagħmir li bħalissa huwa mifrux fuq diversi xkafef.

**SFIDI EWLENIN**

Is-sejbien ta' vettura kuntrattwali sabiex tilħaq l-objettiv.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Tmexxija tal-punti tat-terminazzjoni tad-WAN fiċ-ċentru tad-*data* tas-CU għall-kmamar tal-komunikazzjoni l-ġodda fis-CU | Punti tat-terminazzjoni tad-WAN implimentati permezz tal-kmamar tekniċi l-ġodda fiċ-ċentri tad-*data* tas-CU | Titjib fil-kapaċità taċ-ċentri tad-*data* u żieda fir-reżiljenza fiżika tan-network | FLS relatat mal-kuntratt tan-network (bħal TESTA-ng) | Ir-rapport tal-indikaturi tal-prestazzjoni tan-network juri konnessjoni sigura u stabbli wara l-implimentazzjoni | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistemi u l-FLS | IMU |

### 2.2.1.19. *ETIAS - interkonnessjoni mal-Interpol u mal-Frontex*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Il-proġett se jikkonsisti f'diversi fażijiet:

- Akkwist;
- Disinn;
- L-ittestjar u l-aċċettazzjoni fil-preproduzzjoni;
- Il-possibbiltà ta' attivazzjoni tal-konnessjoni fil-produzzjoni.

**VALUR MIŻJUD**

Infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura u affidabbli għall-applikazzjoni tal-ETIAS.

**SFIDI EWLENIN**

Is-sejbiien ta' vettura kuntrattwali sabiex tiġi pprovduta din il-konnessjoni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Il-provvista ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u affidabbli bejn is-sistema ċentrali tal-ETIAS u l-Interpol/Frontex | Konnessjoni bejn is-sistema ċentrali tal-ETIAS u l-Interpol/Frontex implimentata skont il-bażi ġuridika | Konnessjoni operazzjonali bejn is-sistema ċentrali tal-ETIAS u l-Interpol/Frontex sabiex l-Interpol/Frontex ikunu jistgħu jużaw is-sistema ċentrali tal-ETIAS skont il-bażi ġuridika | Rapport tat-test għall-konnessjoni<br>Indikatur tal-Prestazzjoni tan-Network għall-konnessjoni | Ir-rapport tat-test juri li t-testijiet twettqu b'suċċess<br>Ir-rapport tal-indikaturi tal-prestazzjoni tan-network juri konnessjoni sigura u stabbli | Dokumentazzjoni tal-Proġett | IMU |

## 2.2.1.20. *Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- It-tħejjija tal-pjan ta' migrazzjoni filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tan-negozju, il-mudell ta' Kuntratt Qafas, is-sitwazzjoni attwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni eżistenti u elementi rilevanti oħra;
- It-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA, f'konformità mar-Regolamenti rilevanti;
- In-negozjar u l-arranġament tal-kuntratti speċifiċi bbażati fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mħejjija;
- L-iffirmar tal-kuntratt(i) speċifiku/speċifiċi għad-disinn u għall-implimentazzjoni tas-servizzi ewlenin tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni li huma meħtieġa mis-sistemi taħt il-ġestjoni tal-Aġenzija, għall-migrazzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni waħda f'konformità mal-pjan ta' migrazzjoni u mal-perjodu inizjali tal-operat ta' dan in-network;
- Attivitajiet inizjali għall-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni u t-tranżizzjoni għal din l-infrastruttura (stħarriġ fuq il-post, tħejjijiet ta' pjanijiet ta' ttestjar, ippjanar, eċċ.).

**VALUR MIŻJUD**

L-attività se tippermetti l-implimentazzjoni u l-bidu tal-migrazzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-perjodu li ġej minn TESTA-ng għan-network TESTA/pan-Ewropew il-ġdid.

**SFIDI EWLENIN**

- In-negozjati tal-kuntratti speċifiċi jistgħu jieħdu aktar fit-tul, speċjalment jekk ikun hemm tibdil fil-kamp ta' applikazzjoni meta mqabbel mal-kamp ta' applikazzjoni ddefinit fil-kuntratt qafas;
- L-attività tiddependi mit-tlestija b'suċċess tal-proċedura ta' sejħa għall-offerti tad-DIGIT għan-network pan-Ewropew futur;
- Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskeda ta' tranżizzjoni jiddependu mir-riżultat tal-proċedura nnegozjata għall-estensjoni tas-servizzi ta' TESTA-ng II.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Il-possibbiltà li jinbdew l-implimentazzjoni u l-migrazzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju taħt ir-responsabbiltà tal-eu-LISA għan-network TESTA l-ġdid | Kuntratti speċifiċi ffirmati għall-implimentazzjoni tan-networks TESTA l-ġodda għas-sistemi ewlenin tan-negozju taħt ir-responsabbiltà tal-eu-LISA u l-migrazzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju għal dawn in-networks | Komunikazzjoni IP sigura u affidabbli bejn is-sistemi nazzjonali u s-sistemi ċentrali hija disponibbli; komunikazzjoni IP sigura u affidabbli bejn is-siti tas-sistemi ċentrali hija possibbli | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | IMU |

## 2.2.1.21. *Implimentazzjoni tad-WAN tal-ETIAS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Il-proġett se jikkonsisti f'diversi fażijiet:

- Akkwist;
- Disinn;
- Pilota b'diversi Stati Membri sabiex jiġu ttestjati u vvalidati d-disinn u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-ETIAS;
- L-implimentazzjoni sħiħa tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS u tal-EES se tintuża mill-ġdid sabiex tiġi akkomodata l-applikazzjoni tal-ETIAS. Matul il-fażi tad-disinn, se tingħata attenzjoni speċjali sabiex id-*data* tiġi sseparata mill-applikazzjoni tal-EES u tal-VIS. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-konnessjoni tad-WAN tkun konformi mar-rekwiżiti dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*. L-implimentazzjoni sħiħa se tikkonsisti fl-aġġornament tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-Istati Membri u għall-aġenziji kollha, bħall-Europol,

li teħtieġ konnessjoni mas-sistema ċentrali tal-ETIAS. Dan jinkludi wkoll l-installazzjoni ta' punti ġodda ta' konnessjoni (TAPs) għal dawk l-aġenziji li bħalissa mhumiex konnessi mas-sistema tal-VIS jew tal-EES, f'konformità mal-pjan ta' implimentazzjoni tal-ETIAS.

**VALUR MIŻJUD**

Infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura u affidabbli għall-applikazzjoni tal-ETIAS.

**SFIDI EWLENIN**

- Sitwazzjonijiet kuntrattwali kumplessi mal-fornitur tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS attwali (TESTA-ng);
- Struttura teknika kumplessa u numru kbir ta' partijiet ikkonċernati involuti minħabba l-ħtieġa li jintużaw mill-ġdid elementi ta' software u ta' hardware tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS/EES (sa fejn dan ikun teknikament fattibbli).
- Dewmien minħabba nuqqas ta' rispons mill-Istati Membri;
- Dewmien minħabba talbiet speċjali mill-Istati Membri (jiġifieri nuqqas ta' spazju għall-ospitar tan-network, jeħtieġ li jiġu ordnati xkafef speċjali eċċ.).

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet u ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat | Il-provvista ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u affidabbli skont ir-rekwiżiti tal-applikazzjoni tal-ETIAS | L-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-ETIAS li hija konnessa mal-NUI fl-Istati Membri u mas-sistema ċentrali fil-bini tal-eu-LISA | Infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-ETIAS operazzjonali fis-seħħ li tippermetti lill-Istati Membri jaqbdu mas-sistema ċentrali tal-ETIAS u jużawha | Rapport tat-test għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni<br>Rapport tal-Indikaturi tal-Prestazzjoni tan-Network għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-ETIAS | Ir-rapport tat-test juri li t-testijiet twettqu b'suċċess<br>Ir-rapport tal-indikaturi tal-prestazzjoni tan-network juri network sigur u stabbli | Dokumentazzjoni tal-proġett | IMU |

*L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda*

## 2.2.1.22. Sistema Awtomatizzata ta' Dublin (kontinwazzjoni mill-2019)

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Il-ħolqien tal-ICD għas-sistema l-ġdida f'kooperazzjoni mal-Istati Membri;
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-qafas tal-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-implimentazzjoni u tal-ippjanar tal-proġetti ċentrali u nazzjonali;
- L-iżvilupp tas-sistema l-ġdida soġġetta għall-adozzjoni tal-qafas legali li qiegħed jiġi nnegozjat u għall-eżiti tal-istudju mwettaq mill-Kummissjoni Ewropea;

- Il-konfigurazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa;
- Ittestjar u kwalifika tas-sistema l-ġdida fil-PPE;
- It-twettiq ta’ testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjerament għall-produzzjoni;
- L-għoti ta’ Aċċettazzjoni tas-Sistema Finali;
- L-evalwazzjoni tal-funzjonament tas-sistema skont il-bażi ġuridika sabiex jiġi propost titjib.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

Skont l-iskeda ta’ żmien tal-approvazzjoni tal-proposta legali.

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b’għodda li tippermettilhom jallinjaw ruħhom mal-proposta ta’ Dublin IV.

**SFIDI EWLENIN**

- Id-dewmien fil-proċess tal-akkwist (is-snin preċedenti) jista’ jwassal għal dewmien fl-implimentazzjoni ġenerali;
- Il-kumplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar bejn is-sistema ċentrali u l-proġetti tas-sistemi nazzjonali;
- Il-fehmiet konfliġġenti possibbli dwar l-implimentazzjoni (sistema ċentrali u sistema nazzjonali) jistgħu jintroduċu dewmien;
- Il-kwistjonijiet tad-disponibbiltà tal-ispazju fiċ-ċentru tad-*data* jistgħu jħallu impatt serju fuq il-proġett (sejrin ikunu meħtieġa ambjenti/xkafef ġodda);
- In-nuqqas ta’ disponibbiltà tar-riżorsi jista’ jħalli impatt fuq il-proġett b’mod negattiv;
- Id-duplikazzjoni tal-isforzi mal-iżviluppi tal-Eurodac, minkejja l-miri relatati ma’ xulxin (skont id-dispożizzjonijiet finali tal-bażi ġuridika li għandha tiġi adottata).

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta’ verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | L-allinjament mar-rekwiżiti stabbiliti fil-proposta ta’ Dublin IV | L-iffinalizzar tal-implimentazzjoni ta’ Sistema ta’ Awtomatizzazzjoni ġdida ta’ Dublin sabiex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-proposta ġdida ta’ Dublin IV | Hemm fis-seħħ is-sistema l-ġdida li hija konformi mad-dispożizzjonijiet legali ġodda, li tippermetti lill-Istati Membri jimplimentaw il-politiki tal-asil Ewropej | Kost, skeda u kamp ta’ applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## 2.2.1.23. *Implimentazzjoni tal-EES (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

L-Aġenzija hija responsabbli mill-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha relatati mal-iżvilupp, mal-implimentazzjoni u mat-tmexxija operattiva tal-EES, u għall-konnessjoni

tal-infrastrutturi tal-fruntieri tal-Istati Membri mal-EES. Dan ser isir permezz tal-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI), li hija identika fl-Istati Membri kollha peress li hija bbażata fuq speċifikazzjonijiet tekniċi komuni. L-eu-LISA mhux biss se tiżviluppa din l-interfaċċa, iżda se tikkoordina wkoll l-integrazzjoni tal-NUI mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha tospita l-interfaċċa esterna l-oħra tal-EES – is-Servizz tal-Web (WS) – li għandu jipprovdi servizzi lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jivverifikaw it-tul tas-soġġorn awtorizzat tagħhom. Id-WS se jaħdem ukoll bħala portal għat-trasportaturi sabiex jivverifikaw jekk ċittadin ta' pajjiż terz b'viża għal perjodu qasir maħruġa għal dħul wieħed jew għal dħul darbtejn ikunx diġà laħaq in-numru ta' drabi ta' dħul awtorizzati bil-viża.

L-implimentazzjoni tas-sistema ġdida ser tinkludi t-twaqqif ta':

- Sistema ċentrali ġdida tal-EES;
- Sistema ta' informazzjoni bijometrika;
- Interfaċċa uniformi nazzjonali;
- Infrastruttura tal-komunikazzjoni;
- Servizz tal-web għall-vjaġġaturi u għat-trasportaturi;
- Repożitorju ċentrali tad-*data* għar-rapportar u għall-istatistika.
- Barra minn hekk, l-evoluzzjonijiet tekniċi tal-VIS u tas-SIS jistgħu jkunu parti mill-pakkett ta' implimentazzjoni. Dan se jinkludi l-modulu/interfaċċa ewlenin ta' interkonnessjoni ġenerika tal-EES u tal-VIS li jippermettu l-konnessjonijiet tal-EES u tal-VIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-konnessjoni tal-ETIAS.

Bħala parti mill-akkwist tal-BMS tal-EES (sBMS), l-eu-LISA se tibda tipprovdi gradwalment is-sett il-ġdid ta' għodod tas-software għall-utent (USK), li ser ikollu jiġi integrat fis-sistemi nazzjonali tal-EES u li se jieħu post il-varjetà ta' settijiet ta' għodod mhux standardizzati li bħalissa jintużaw fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VIS u tas-SIS.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

Fl-2019, l-Aġenzija nediet il-kuntratt qafas għall-iżvilupp tal-EES. L-Aġenzija tippjana li tiffirma l-kuntratt qafas għall-iżvilupp tal-iżvilupp tal-BMS tal-EES (inkluża l-sBMS) sa tmiem l-2019.

**VALUR MIŻJUD**

L-għan tal-proġett huwa li jiġu implimentati s-sistemi ewlenin tan-negozju f'konformità mar-Regolament dwar l-EES

L-istabbiliment ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE huwa meqjus bħala neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin:

- Dewmien fil-kontrolli fil-fruntieri u t-titjib tal-kwalità tal-kontrolli fil-fruntieri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi;
- L-iżgurar ta' identifikazzjoni sistematika u affidabbli tal-"persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta";
- It-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja.

**SFIDI EWLENIN**

L-interdipendenzi ma' attivitajiet oħra li jagħtu servizz għall-implimentazzjoni tal-EES, bħall-eżistenza ta' Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI). Kollaborazzjoni u kooperazzjoni xierqa mal-Istati Membri, hekk kif l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali trid tkun sinkronizzata wkoll. Impatt possibbli fuq l-implimentazzjoni ta' inizjattivi oħra jew ta' attivitajiet tal-istatus quo minħabba restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi interni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | Id-disinn u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali, tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, tal-infrastruttura uniformi nazzjonali u tal-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn | Id-dħul fis-seħħ tas-sistema ċentrali tal-EES sad-data ta' skadenza legali | L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex jiksbu ġestjoni tal-fruntieri aktar sigura u aktar intelliġenti | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PPU |

## *2.2.1.24. L-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- It-tħejjija, il-pubblikazzjoni u l-ġestjoni tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp u l-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS;
- Definizzjoni ta' disinji ta' livell għoli u dettaljati minn tarf sa tarf;
- Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà tal-ETIAS;
- It-twaqqif tal-infrastruttura teknika;
- It-tħejjija tal-istrateġija ta' ttestjar, inkluż il-pjan ta' ttestjar ġenerali u l-iskedar tal-attivitajiet ta' kwalifika.

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

Il-leġiżlazzjoni rilevanti ġiet adottata f'Settembru 2018 u l-atti ta' implimentazzjoni ser ikunu ġew approvati fl-2019. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema se jiġu abbozzati fl-2019 u l-akkwist se jibda fl-istess sena. Se jiġi reklutat ukoll persunal ġdid u se tinbeda wkoll il-valutazzjoni tal-impatt.

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija se tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri, lill-Frontex u lill-Europol b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.

**SFIDI EWLENIN**

- L-Istati Membri jistgħu jitolbu sabiex l-iżvilupp tal-EES u tal-ETIAS jinqasam f'fażijiet, minflok jadottaw approċċ parallel;
- Għadd ta' komponenti tal-ETIAS mistennija jiġu kondiviżi mal-EES. L-introduzzjoni ta' dipendenzi bejn tali proġetti kbar tista' tintroduċi dewmien mhux mistenni;
- Is-sena ppjanata għad-dħul fis-seħħ titqies li ġġib magħha sfida kbira;

- L-ammont ta' riżorsi umani ppjanati li jiġu involuti fil-proġett jista' jkun insuffiċjenti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | Id-disinn, l-implimentazzjoni u l-kwalifika tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni. L-adattament tal-ambjent u l-miżuri ta' sigurtà sabiex jikkonformaw ma' tipi ġodda ta' servizzi. L-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn. It-tħejjijiet tal-operazzjonijiet. | L-ETIAS issir operattiva sad-data ta' skadenza mistennija | L-ETIAS tiġi żviluppata skont ir-regolament rilevanti u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema ġdida mmirata lejn il-valutazzjoni tar-riskji qabel ma ċ-ċittadini minn pajjiżi terzi eżentati mill-viża jidħlu fiż-żona Schengen | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## *2.2.1.25. Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Ir-Regolament (UE) 2019/816 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li daħal fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019. Skont dan ir-regolament, l-eu-LISA hija responsabbli mill-iżvilupp u mit-tmexxija operattiva tal-ECRIS-TCN.

Din l-attività tinkludi:

- It-tħejjija, il-pubblikazzjoni u l-ġestjoni tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp u l-bidu tal-operazzjonijiet tal-ECRIS-TCN;
- Definizzjoni ta' disinji ta' livell għoli u dettaljati minn tarf sa tarf;
- Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà tal-ECRIS-TCN;
- It-twaqqif tal-infrastruttura teknika;
- L-implimentazzjoni teknika u funzjonali;
- Il-kwalifika funzjonali, teknika u tas-sigurtà minn tarf sa tarf;
- Id-definizzjoni, l-istabbiliment u l-ittestjar tal-proċessi u tal-proċeduri tan-negozju mal-partijiet ikkonċernati (l-Istati Membri, l-Eurojust, l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew);

**KISBIET TAS-SNIN PREĊEDENTI**

It-tħejjija tal-akkwist u tar-reklutaġġ tat-tim tal-proġetti u l-appoġġ għat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni u tal-atti delegati.

**VALUR MIŻJUD**

Din is-sistema ċentralizzata sejra tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jidentifikaw liema Stati Membri oħrajn għandhom rekords kriminali dwar it-TCN ikkonċernat, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jużaw is-sistema ECRIS eżistenti bil-għan li jibagħtu t-talbiet għal informazzjoni dwar kundanni lil dawn l-Istati Membri biss.

**SFIDI EWLENIN**

Kuntrattur estern ser ikun responsabbli mill-iżvilupp tas-sistema ċentrali, li se titwettaq f'sinkronizzazzjoni mal-implimentazzjoni tas-sistemi nazzjonali, taħt il-koordinazzjoni tal-eu-LISA. Fattur kritiku fl-eżekuzzjoni b'suċċess – f'termini tal-kwalità u taż-żmien – ser ikun l-istabbiliment ta' forum ta' ġestjoni tal-proġetti bil-maniġers ta' proġetti nazzjonali ppresedut mill-eu-LISA, bl-għan li jantiċipa u jtaffi r-riskji, jiġġestixxi l-kwistjonijiet komuni fil-pront u jrawwem komunikazzjoni bejn il-proġetti.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | Id-disinn u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali, tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, tal-infrastruttura uniformi nazzjonali u tal-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn | Is-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN issir operattiva | L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex jiksbu ġestjoni tal-fruntieri aktar sigura u aktar intelliġenti | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

## *2.2.1.26. L-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- It-titjib fl-interoperabilità tas-sistemi tal-eu-LISA;
- It-titjib kontinwu tal-offerta tas-servizz u tal-kapaċitajiet lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-ĠAI;
- L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti;
- Il-ġestjoni tal-programmi ta' interoperabbiltà (2019-2023);
- L-implimentazzjoni tal-valutazzjoni(jiet) tal-impatt sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-interoperabbiltà fuq is-sistemi eżistenti u s-sistemi li qed jiġu żviluppati, filwaqt

li jitqiesu l-eżiti tal-istudju dwar id-DWH u l-valutazzjoni tal-impatt li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-ETIAS (2020);

- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-Repożitorju Komuni tar-Rapportar u tal-Istatistika - CRRS (mibdija fl-2020 u jitlestew fl-2021);
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija – ESP (2020–2023);
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità – CIR (2020-2022);
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-BMS Kondiviża – sBMS (2021-2023);
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-MID (2021-2023);
- L-introduzzjoni u l-espansjoni tal-użu ta' format universali ta' messaġġ fis-sistemi kollha (UMF) (2020-2022);
- Il-kontinwazzjoni u/jew il-manutenzjoni tar-repożitorju komuni għar-rapportar u għall-istatistika;
- Il-kontinwazzjoni u/jew il-manutenzjoni ta' mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* (2018-2022);
- L-estensjoni tal-kapaċità tas-SIS f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni tal-interoperabilità (2021-2022);
- Il-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-ĠAI dwar l-iżvilupp u l-użu tal-arkitettura tal-interoperabbiltà u dwar ir-Repożitorju Komuni tar-Rapportar u tal-Istatistika, f'konformità mal-istrumenti legali.

## VALUR MIŻJUD

- L-utilizzabilità akbar, il-kontroll imtejjeb tal-aċċess u kapaċitajiet ġodda għas-sistemi;
- It-titjib tat-TCO tas-sistemi;
- It-titjib fil-kapaċitajiet ta' tiftix u ta' ġestjoni tal-identitajiet tas-sistema;
- It-titjib fil-ġestjoni tal-kapaċità, fil-prestazzjoni u fl-iskalabbiltà;
- It-tnaqqis fil-Kost Totali tas-Sjieda tas-sistemi, servizzi aħjar għall-partijiet ikkonċernati.

## SFIDI EWLENIN

- L-adozzjoni tardiva tal-leġiżlazzjoni;
- Proġetti multipli simultanji li jikkompetu għar-riżorsi (EES, ECRIS-TCN, eċċ.);
- Skedi ta' żmien interdipendenti bejn proġetti differenti (Interoperabbiltà u EES, ETIAS, eċċ.).

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati | Objettivi speċifiċi: it-tfassil, it-twettiq, l-implimentazzjoni u t-tmexxija operattiva ta' komponenti tekniċi ta' kwalità għolja li jippermettu | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-Repożitorju Komuni tar-Rapportar u tal-Istatistika – CRRS (mibdija fl-2019 u jitlestew fl-2020) | L-ESP, is-CIR, l-sBMS, l-MID u s-CRRS se jiġu żviluppati u se jiġu implimentati b'mod sħiħ skont il-pjan, flimkien mal-interfaċċi kollha għas-sistemi | Proġetti ta' implimentazzjoni għall-komponenti tal-interoperabbiltà huma eżegwiti skont il-kamp ta' applikazzjoni, il- | Konformità sħiħa mad-dokumentazzjoni maqbula tal-ippjanar<br><br>Konnettività ta' 100 % tas-sistema | Id-dokumentazzjoni dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-proġetti<br><br>Dokumentazzjoni tas-sistema | PSU |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-IT fuq skala kbira, u b'hekk jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tan-negozju kollha msemmija hawn fuq | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija – ESP (2020-2021);<br>L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità – CIR (2020-2022);<br>L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-BMS Kondiviża – sBMS (2021-2023);<br>L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-MID (2020 (possibilment) 2021-2023) | eżistenti. Interfaċċi għal sistemi futuri se jiġu kkunsidrati wkoll. | baġit u l-iskeda ta' żmien predefiniti<br>Is-sistemi eżistenti kollha tal-eu-LISA huma konnessi mal-komponenti tal-interoperabbiltà | | | |

## 2.2.1.27. *Repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-manutenzjoni tal-istatistika u l-allinjament mar-rekwiżiti legali għall-interoperabbiltà*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

L-attività tikkonsisti f'żewġ partijiet:

1. Repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-manutenzjoni tal-istatistika;
2. Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-evoluzzjoni tal-istatistika sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-bażi ġuridika tal-interoperabbiltà. Dan jinkludi:
   - Valutazzjoni tal-evoluzzjoni meħtieġa;
   - L-abbozzar ta' rekwiżiti tekniċi u tal-kuntrattar;
   - L-implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet;
   - L-ittestjar u l-aċċettazzjoni;
   - Ir-rilaxx għall-bidu tal-operat;

- It-taħriġ, l-ikkowċjar u l-appoġġ lill-partijiet ikkonċernati.

**VALUR MIŻJUD**

Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika ser ikun allinjat mar-rekwiżiti tal-bażi ġuridika tal-interoperabbiltà.

**SFIDI EWLENIN**

- Riżorsi insuffiċjenti;
- Bażi ġuridika mhix fis-seħħ.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-mixja minn analiżi tad-*data* ex-post (statistika) għall-analitika (jekk tkun permessa mill-bażi ġuridika) | Iż-żamma tal-awtomatizzazzjoni tar-rapportar statistiku u tal-kwalità tad-*data* eżistenti. Iż-żamma tar-rapportar tal-kwalità tad-*data* eżistenti u l-iżvilupp tar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-interoperabbiltà. Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika ser ikun allinjat mar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà | Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika jaħdem kif mistenni | Il-maniġment tal-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati tagħha se jirċievu informazzjoni statistika u dwar il-kwalità tad-*data* suffiċjenti u f'waqtha sabiex ikun jista' jsir it-teħid ta' deċiżjonijiet u sabiex dan jiġi ffaċilitat. | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | PSU |

*Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju*

## *2.2.1.28. Eżerċizzju kombinat ta' rkupru minn diżastri għas-SIS, għall-VIS u għall-Eurodac*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- L-eu-LISA u l-Istati Membri parteċipanti jwettqu t-tħejjija, l-eżekuzzjoni u l-evalwazzjoni tal-eżerċizzju;

- Bħala parti mit-tħejjijiet, se jiġu organizzati 4 jew 5 laqgħat mal-parteċipanti kollha; l-ambjent tal-eżerċizzju se jitħejja kemm fil-livelli tal-eu-LISA kif ukoll f'dak tal-Istati Membri;
- L-ENISA se tkun involuta billi tappoġġa t-tħejjijiet u tipprovdi l-pjattaforma bbażata fuq l-internet għall-ġestjoni tal-eżerċizzju u għall-eżekuzzjoni tal-injetti;
- Għall-fażi tal-eżekuzzjoni, il-parteċipanti kollha ser iħaddmu x-xenarju tal-eżerċizzju taħt il-koordinazzjoni tal-eu-LISA;
- L-informazzjoni miġbura matul il-fażi ta' tħejjija u ta' eżekuzzjoni se tiġi vvalutata mill-parteċipanti kollha u se tiġi inkluża f'rapport (flimkien ma' azzjonijiet rakkomandati speċifiċi) ippreżentati lill-AGs għall-opinjoni tagħhom u lill-MB għall-adozzjoni.

### VALUR MIŻJUD

L-iżgurar li jkun hemm il-possibbiltà li tiġi ttestjata s-sigurtà speċifika, il-kontinwità tan-negozju, l-irkupru minn diżastri, il-proċessi ta' ġestjoni tal-inċidenti, il-proċeduri u l-kontrolli fis-seħħ, u li fl-istess ħin ikun hemm l-opportunità li jiġu identifikati kwalunkwe lakuna eżistenti u t-tagħlimiet meħuda.

### SFIDI EWLENIN

- Nuqqas ta' biżżejjed parteċipanti fl-eżerċizzju minħabba nuqqas ta' riżorsi, prijoritajiet jew raġunijiet oħra, jista' jbaxxi r-rilevanza tas-sejbiet tal-eżerċizzju;
- Nuqqas ta' biżżejjed riżorsi allokati mill-eu-LISA u minn parteċipanti oħra matul it-tħejjijiet u l-eżekuzzjoni tal-eżerċizzju jaf ma jġibx il-valur miżjud mistenni mit-twettiq ta' tali eżerċizzju;
- L-aspettattivi differenti tal-parteċipanti jistgħu jagħmluha diffiċli sabiex jintlaħqu fehim u qbil komuni rigward l-attivitajiet, id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-eżerċizzju.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | Il-proċessi u l-proċeduri ta' kontinwità tan-negozju, ta' rkupru minn diżastri, ta' sigurtà, ta' ġestjoni tal-inċidenti u ta' eskalazzjoni huma ttestjati mill-eu-LISA u mill-Istati Membri. L-azzjonijiet rakkomandati relatati mas-sejbiet speċifiċi huma ppreżentati għall-adozzjoni | L-implimentazzjoni ta' eżerċizzju ta' Kontinwità tan-Negozju u l-Irkupru minn Diżastri għall-VIS u għas-sistemi ewlenin l-oħra tan-negozju taħt il-ġestjoni operazzjonali tal-eu-LISA | L-iżgurar tal-konformità mal-kontinwità tan-negozju, l-irkupru minn diżastri u l-ġestjoni tal-inċidenti f'każ ta' inċident li jfixkel is-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA | Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni | Aħdar | Dashboard tal-proġetti | SEC |

### 2.2.1.29. Implimentazzjoni tal-Fażi 4 tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni tas-Sigurtà: disinn u implimentazzjoni tal-awtentikazzjoni b'fatturi multipli għan-network tal-EUWS

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett huwa li jiġi implimentat mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni b'saħħtu fuq in-network tal-EUWS permezz tal-użu ta' tokens ibbażati fuq PKIs. Il-kompiti ewlenin jinkludu l-iżvilupp tat-tfassil tas-soluzzjoni, id-definizzjoni tal-lista ta' materjali, l-iżvilupp ta' disinn ta' livell għoli u dettaljat tas-soluzzjoni, l-akkwist tal-hardware u tas-software tas-servizzi ta' implimentazzjoni u l-implimentazzjoni u l-integrazzjoni ta' mekkaniżmi u ta' tokens ta' awtentikazzjoni b'saħħithom. Ladarba l-implimentazzjoni tkun kompluta, is-soluzzjoni tgħaddi minn ittestjar minn perspettiva ta' sigurtà u funzjonali u jiġi pprovdut taħriġ lill-amministraturi u lill-utenti tas-sistema.

**VALUR MIŻJUD**

- L-Aġenzija se tirrispetta l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-awtentikazzjoni billi tuża metodu aktar sigur jew awtentikazzjoni b'żewġ fatturi sabiex tiżgura aċċess xieraq għal informazzjoni jew għal sistemi aktar sensittivi jew kritiċi (aktar minn LIMITI BAŻIĊI);
- Assigurazzjoni b'saħħitha tal-kontroll tal-aċċess għall-EUWS;
- Impatt imnaqqas minn kompromess tal-kredenzjali tal-password tal-utenti.

**SFIDI EWLENIN**

- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi indiretti għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-soluzzjoni;
- In-nuqqas ta' kapaċità mill-kuntrattur li jforni r-riżorsi għall-implimentazzjoni.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija | L-implimentazzjoni ta' awtentikazzjoni b'saħħitha fl-EUWS sabiex jiġi evitat b'mod effettiv l-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' ppproċessar tad-*data* minn persuni mhux awtorizzati, li ser ikunu awtorizzati bl-użu ta' | Studju, disinn ta' livell għoli u dettaljat, akkwist ta' hardware u ta' software u ta' servizzi ta' implimentazzjoni, kontrolli ta' awtentikazzjoni b'saħħithom implimentati | L-Aġenzija se tirrispetta l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-awtentikazzjoni billi tuża metodu aktar sigur jew awtentikazzjoni b'żewġ fatturi sabiex tiżgura aċċess xieraq għal informazzjoni jew | % ta' rekwiżiti funzjonali u mhux funzjonali ssodisfati versus dawk ippjanati | 75 % | Rapporti ta' aċċettazzjoni | SEC |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | identitajiet individwali u uniċi tal-utenti | | għal sistemi aktar sensittivi jew kritiċi (aktar minn LIMITI BAŻIĊI) | | | | |

## 2.2.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi eżistenti*

### *2.2.2.1. Integrazzjoni tal-Ġestjoni tal-Assi mal-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni (kontinwazzjoni mill-2019)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Armonizzazzjoni tad-*data* bejn dawn iż-żewġ proċessi;
- L-identifikazzjoni tas-sorsi tad-*data* affidabbli għall-proċessi bħala bażi għall-integrazzjoni;
- Ħarsa waħda integrata lejn il-proċess, bl-użu tal-aħjar prattiki kemm tal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni tal-ITIL kif ukoll tal-ġestjoni tal-assi.

**VALUR MIŻJUD**

- L-ispiża totali effiċjenti tas-sjieda;
- Estensjoni tal-benefiċċji tanġibbli għal persuni f'kuntratti, għal akkwisti u għal finanzjament, u b'hekk allinjament ma' persuni u ma' proċessi transorganizzazzjonali;
- Il-kost, il-benefiċċji, l-impatt tas-servizz u l-benefiċċji tal-mitigazzjoni tar-riskji huma soġġetti għal ingranaġġ għoli fl-organizzazzjoni kollha.

**SFIDI EWLENIN**

- L-impenn tas-sidien tal-proċess;
- Il-koordinazzjoni bejn l-IT u s-sidien tal-proċess;
- It-tħaddin ta' approċċ tal-proġett bi stadji importanti għad-definizzjoni tal-proċess, għall-implimentazzjoni tas-software, għall-integrazzjonijiet, għat-taħriġ, għall-ittestjar u għat-tnedija;
- Limitazzjonijiet possibbli tas-sigurtà.

| Objettiv strateġiku | Objettiv tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżitu tal-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-allinjament kontinwu tal-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, mal-proċessi u mal-allokazzjoni tar-riżorsi għall-qadi tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod | L-istabbiliment ta' proċessi li jottimizzaw il-kost u l-użu ta' kull ass; il-kost totali effiċjenti tas-sjieda | Sistema li tippermetti ħarsa ġenerali kompleta lejn il-punti ta' konfigurazzjoni b'karatteristiċi tekniċi, ġestjoni finanzjarja, tal-liċenzjar, tal-akkwist u tat-talbiet; l-armonizzazzjoni tad-*data* bejn dawn iż-żewġ proċessi | Repożitorju uniku, ċentralizzat u relazzjonali għall-istatus kuntrattwali, finanzjarju u operattiv tal-komponenti u l-assi tal-IT | 1. Perċentwal tal-assi u l-punti ta' konfigurazzjoni koperti mill-mudell ta' integrazzjoni<br>2. L-għadd ta' inċidenti rrapportati, fejn il-kawża sottostanti tal-inċident tkun ir-riżultat ta' informazzjoni mhux preċiża dwar il-ġestjoni tal-konfigurazzjoni<br>3. L-għadd ta' tibdiliet mhux awtorizzati misjuba b'mod awtomatiku<br>4. L-għadd ta' tibdiliet mhux awtorizzati identifikati bħala riżultat tal-verifiki mwettqa bl-użu ta' software għall-aġġornament tal-konfigurazzjoni awtomatika | 1. 80 %<br>2. < 5<br>3. <5<br>4. < 5 | Dokumentazzjoni tal-proġett<br>Il-Bażi ta' *Data* tal-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni Universali | SOU |

### 2.2.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3

*Mhux applikabbli. Ma hemmx proġetti operattivi għall-Għan Strateġiku 3 previsti fl-2020*

### 2.2.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4

*Mhux applikabbli. Ma hemmx proġetti operattivi għall-Għan Strateġiku 4 previsti fl-2020*

## 2.3. Attivitajiet orizzontali

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet transorganizzazzjonali kollha mwettqa fuq bażi ta' kuljum u l-proġetti maħsuba sabiex jappoġġjaw l-eżekuzzjoni tan-negozju operattiv ewlieni tal-Aġenzija. L-attivitajiet jinkludu eżerċizzji ta' ppjanar u rapportar annwali, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati esterni bħall-Istati Membri, il-Kummissjoni jew aġenziji u korpi oħrajn, l-isforzi ta' komunikazzjoni esterna u interna jew il-ġestjoni tar-riskji korporattivi u l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern. Huma jkopru wkoll il-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tal-akkwisti, kif ukoll ir-reklutaġġ, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-persunal, l-amministrazzjoni tal-persunal u l-pagi. L-awditi interni u l-attivitajiet ta' protezzjoni tad-*data* tal-istatus quo huma wkoll parti minn din it-taqsima u t-taqsima tipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sigurtà ta' kuljum relatati mas-sigurtà fiżika u tal-informazzjoni.

### 2.3.1. Governanza korporattiva u bini ta' kapaċità

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Ippjanar u rapportar korporattivi;
- L-għoti ta' kapaċitajiet ta' governanza u ta' ġestjoni tal-konformità;
- L-abbozzar ta' rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistema u tal-istatistiki aggregati;
- L-eżekuzzjoni tal-pjan direzzjonali annwali għall-monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija għall-2020 u l-istrateġija ta' monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija;
- L-integrazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fi proġetti interni u fl-amministrazzjoni tal-librerija tal-eu-LISA;
- Kontribut bħala osservatur għall-evalwazzjonijiet tax-Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viżi (inkluża l-VIS) u l-iżgurar ta' użu aħjar tas-SIS u tal-VIS mill-Istati Membri;
- Implimentazzjoni tal-pjan ta' taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija;
- L-implimentazzjoni ta' eżerċizzju ta' ġestjoni tal-kwalità tal-intrapriża;
- Ir-reviżjoni tal-istrateġija fit-tul u tal-KPIs korporattivi tal-eu-LISA.

**VALUR MIŻJUD**

- L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha għall-ippjanar u għar-rapportar inkluż ir-rapportar dwar il-prestazzjoni tas-sistemi, u, fl-istess ħin, tiġġestixxi l-ħidma tagħha b'mod prevedibbli u strutturat, filwaqt li se taġixxi f'konformità mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha;
- Il-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA se jirċievu informazzjoni f'waqtha u suffiċjenti dwar l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija u l-kisba tal-objettivi tagħha. Il-

maniġment tal-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati ser ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet strateġiċi u operazzjonali bbażati fuq *data* verifikabbli oġġettivament;

- L-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-istandards ta' kontroll intern ġestiti mill-eu-LISA se jikkontribwixxu sabiex tiġi ffaċilitata l-governanza tajba tal-Aġenzija;
- L-appoġġ tal-eżekuzzjoni u tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija fir-rigward tal-governanza tal-Aġenzija;
- Is-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA dwar teknoloġiji rilevanti, b'hekk it-teħid imtejjeb ta' deċiżjonijiet u l-ħila u l-kapaċitajiet imtejba jaħdmu ma' esperti tal-Aġenzija fuq proġetti ġodda u dawk li għaddejjin bħalissa;
- Il-viżjoni mtejba tal-Aġenzija bħala ċentru ta' għarfien u ċentru għall-iskambju ta' informazzjoni ta' kwalità għolja;
- L-Istati Membri tal-UE jużaw is-sistemi taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA u jsegwu wkoll l-aħjar prattiki sabiex isostnu l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni ta' Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u tal-Politika Komuni dwar il-Viżi;
- Jiżdied l-għarfien tekniku tal-Istati Membri dwar is-sistemi, li jwassal għal prestazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri jirċievu taħriġ imfassal apposta dwar l-użu tekniku tas-sistemi;
- Tinżamm u tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tal-Aġenzija;
- Il-maniġment tal-Aġenzija se jiġi pprovdut b'informazzjoni usa' u aktar preċiża sabiex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet strateġiċi u operattivi;
- L-Aġenzija għandha strateġija fit-tul, KPIs korporattivi u programm pluriennali aġġornati u allinjati mal-QFP, inkluż l-ippjanar tar-riżorsi.

## SFIDI EWLENIN

- Nuqqas ta' għodod disponibbli sabiex jitwettqu xi kompiti ta' monitoraġġ tat-teknoloġija (eż. għodod ta' monitoraġġ ta' pubblikazzjoni ddedikati) u sabiex jiġi żgurat li l-materjali rilevanti tal-librerija jkunu disponibbli fis-siti differenti tal-Aġenzija, imtaffi, fejn possibbli, permezz tax-xiri ta' riżorsi online;
- Id-disponibbiltà tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA sabiex jipprovdu taħriġ, kif ukoll dik tal-kuntratturi sabiex iħejju u jagħtu korsijiet ta' taħriġ speċifiċi;
- Proġetti paralleli multipli li jinvolvu żviluppi ta' sistema ġdida jimponu esiġenzi eċċessivi taż-żmien fuq l-esperti tal-Istati Membri li jindirizzaw sistemi ta' eu-LISA, li jfisser li jkollhom żmien limitat sabiex jipparteċipaw f'korsijiet ta' taħriġ rilevanti u li jirriżultaw fi tnaqqis gradwali fil-kompetenzi fil-livell tal-Istati Membri.

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti mill-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|
| GCU | 1. L-issodisfar tar-rekwiżiti ta' ppjanar tar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA u tar-Regolament Finanzjarju Qafas. Li tiġi pprovduta informazzjoni lill-MB dwar it-twettiq tal-attivitajiet, il-kisba tal-objettivi annwali u l-prestazzjoni f'oqsma ewlenin;<br>2. L-iffaċilitar tal-governanza tajba permezz tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' qafas ta' standards ta' kontroll intern fl-eu-LISA;<br>3. Il-provvista ta' rapportar u ta' statistika dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi u l-użu tagħhom u l-issodisfar tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija; | 1. PD 2020-2022 adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA. PD 2021-2023 ippjanat, abbozzat u sottomess għad-diskussjonijiet lill-AGs u lill-MB. L-implimentazzjoni u r-rapporti annwali adottati mill-MB;<br>2. L-aġġornament u l-implimentazzjoni tar-reġistru tal-kontroll intern għall-2020, inklużi miżuri definiti għall-iżgurar ta' governanza tajba;<br>3. Ir-rapporti tekniċi, l-istatistika annwali u l-lista ta' awtoritajiet jiġu sottomessi lill-istituzzjonijiet tal-UE jew ippubblikati fil-ĠU tal-UE kif mitlub mir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija u l-bażi ġuridika ta' kull sistema li topera l-Aġenzija; | 1. L-eu-LISA tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tagħha b'informazzjoni suffiċjenti dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti fdati lill-Aġenzija u l-prestazzjoni tagħha, sabiex b'hekk tiżgura livell għoli ta' fiduċja u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali;<br>2. L-Aġenzija tapplika b'mod adegwat l-elementi ta' governanza tajba fil-prattiki tal-ġestjoni tal-konformità tagħha;<br>3. Issodisfar tal-obbligi ta' rapportar kif deskritt fir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija u l-bażijiet ġuridiċi għas-sistemi taħt ġestjoni;<br>4. Id-disseminazzjoni tar-rapporti ta' riċerka ssaħħaħ l- |

4. Il-monitoraġġ tar-riċerka u r-rapportar regolari u tal-anqas darba fis-sena lill-PE, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u (fejn rilevanti) lill-EDPS dwar l-iżviluppi fir-riċerka. Ir-rapporti biennali huma ddettati fil-MtQ mal-Kummissjoni Ewropea. Il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-partijiet tal-Programm Qafas għar-Riċerka u għall-Innovazzjoni li huma relatati ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, meta s-setgħat xierqa jkunu ġew iddelegati mill-Kummissjoni;
5. It-titjib tal-għarfien intern tal-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti riċenti, sabiex il-materjal ta' riċerka jsir faċilment disponibbli u sabiex b'hekk jiġi żgurat li tintuża l-aħjar teknoloġija disponibbli, soġġetta għal analiżi kost-benefiċċji;
6. L-iżgurar ta' implimentazzjoni tajba tal-acquis tax-Schengen fil-qasam ta' SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viża mill-Istati Membri evalwati kif ukoll l-iżgurar ta' użu aħjar tas-SIS u tal-VIS;
7. L-iżgurar li jitjiebu u jiġu applikati l-għarfien tal-Istati Membri dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistemi;
8. L-għoti ta' appoġġ u t-titjib tal-kwalità għolja tas-servizzi u tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA;
9. Sabiex jiġu analizzati, riveduti u aġġornati l-istrateġija fit-tul u l-KPIs korporattivi tal-Aġenzija.

4. Rapporti ta' riċerka ppubblikati online. L-organizzazzjoni ta' avvenimenti tal-industrija u tal-kontenut fil-konferenza annwali 2020 tal-eu-LISA. Proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE li jirnexxu;
5. Rapporti qosra ffokati dwar ir-riċerka u t-teknoloġiji ġodda għall-maniġment, input għal proġetti bbażat fuq monitoraġġ tar-riċerka, inklużi proġetti pilota, attivitajiet ta' ttestjar, attivitajiet ta' appoġġ skont l-Artikoli 14/15 tar-Regolament dwar l-eu-LISA bħala parti mir-rwol ta' riċerka fl-Uffiċċju ta' Appoġġ Teknoloġiku kunċettwali, librerija mgħammra sew b'materjali komprensivi, aġġornati u rilevanti hija disponibbli sabiex tappoġġa l-ħidma interna;
6. Il-parteċipazzjoni fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen fis-SIS/SIRENE u f'oqsma tal-Politika Komuni dwar il-Viża (inkluża l-VIS) bħala osservatur u l-kontribut għar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri tal-UE;
7. L-issodisfar tal-kompitu ewlieni tal-Aġenzija skont ir-Regolament li jistabbilixxiha u l-għoti ta' taħriġ tekniku dwar il-funzjonament u l-użu tas-sistemi lill-Istati Membri;
8. L-attivitajiet kollha relatati mal-eżerċizzju tal-kwalità implimentat f'konformità mal-pjan direzzjonali ddedikat għall-eżerċizzju;
9. Analiżi u reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA. Proposti għal emendi ppreżentati, inkluż programm/pjan ta' implimentazzjoni pluriennali. Sett aġġornat ta' KPIs korporattivi.

għarfien fost il-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet tekniċi, li jwassal għal possibbiltajiet akbar ta' kollaborazzjoni; l-involviment tal-funzjoni ta' monitoraġġ tar-riċerka f'ħidma xierqa fuq proġetti jtejjeb l-eżitu tat-tali ħidma. Tkabbir tal-profil tal-Aġenzija bħala ċentru ta' għarfien u tisħiħ tal-immaġini tagħha;
5. Is-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-eu-LISA huma miżmuma u żviluppati b'mod effettiv. L-ippjanar minn qabel għall-evoluzzjoni tas-sistemi jsir b'għarfien sħiħ tax-xejriet u tal-possibbiltajiet futuri probabbli, b'mod li jippermetti aktar effiċjenza;
6. L-Istati Membri tal-UE japplikaw b'mod korrett il-leġiżlazzjoni tax-Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u tal-Politika Komuni dwar il-Viża u jiżguraw l-użu aħjar tas-SIS u tal-VIS;
7. Ikun fis-seħħ programm ta' taħriġ dwar is-sistemi mfassal apposta u risponsiv li jissodisfa b'mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati;
8. Il-Mudell ta' Governanza Korporattiva, li jikkonsisti f'ġestjoni tar-riskji, ġestjoni tal-kontroll intern u ġestjoni tal-kwalità, huwa implimentat u mħaddem fl-Aġenzija skont id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tagħha;
9. L-Aġenzija għandha strateġija fit-tul, KPIs u programm/pjan pluriennali aġġornati sabiex taqdi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tagħha.

## 2.3.2. Appoġġ eżekuttiv u relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Bord tat-Tmexxija;
- Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Gruppi Konsultattivi;
- L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Komunikazzjoni Esterna u l-Informazzjoni sabiex jiġu pprovduti trasparenza, viżibbiltà u sensibilizzazzjoni;
- L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Komunikazzjoni Interna tal-eu-LISA sabiex jitrawmu s-sensibilizzazzjoni u l-involviment tal-impjegati;
- Il-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati, il-koordinazzjoni tal-politika, l-analiżi u l-monitoraġġ tal-iżviluppi fil-qasam tal-ĠAI;
- Is-segwitu tal-iżviluppi ta' politika u tal-proposti leġiżlattivi marbuta direttament mal-mandat tal-eu-LISA;

## VALUR MIŻJUD

- Il-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA se jirċievu informazzjoni f'waqtha u suffiċjenti dwar l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet u l-kisba tal-objettivi tal-Aġenzija. Il-maniġment tal-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati ser ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet strateġiċi u operazzjonali bbażati fuq *data* verifikabbli oġġettivament;
- L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna jiffaċilitaw it-tisħiħ tal-kultura korporattiva tal-Aġenzija bħala organizzazzjoni moderna u li tiffunzjona sewwa;
- Il-maniġment tal-Aġenzija sejjer jiġi pprovdut b'informazzjoni usa' u aktar preċiża sabiex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet operattivi u strateġiċi.

## SFIDI EWLENIN

- Komunikazzjoni insuffiċjenti bejn l-operazzjonijiet u l-funzjonijiet ta' koordinazzjoni ġenerali sabiex titmexxa l-prijoritizzazzjoni tas-suġġett, li ssir aktar probabbli permezz tad-diviżjoni bejn l-unitajiet;
- L-informazzjoni sensittiva għaż-żmien ma tilħaqx udjenzi fil-mira f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi minħabba n-nuqqas ta' webmaster/assistent ta' informazzjoni online fuq bażi full-time għall-kontinwità tan-negozju fil-qasam tal-komunikazzjoni online;
- Nuqqas ta' persunal awtorizzat fis-sit operattiv tal-Aġenzija sabiex jipprovdi kontinwità tan-negozju, iwettaq kompiti interni ta' ġestjoni tar-reputazzjoni u jirreaġixxi malajr f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew ta' kriżi;
- Limitazzjonijiet fuq il-ġestjoni ta' inċidenti matul kriżi potenzjali, li jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni ta' kriżi mmirata lejn partijiet ikkonċernati interni, li tikkostitwixxi wieħed mill-elementi ewlenin għall-ġestjoni tal-kriżijiet;

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti mill-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|
| ESU | 1. L-appoġġ b'mod effettiv tal-operazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija;<br>2. L-appoġġ b'mod effettiv tal-operazzjonijiet tal-Gruppi Konsultattivi<br>3. L-għoti ta' informazzjoni aġġornata, iż-żieda tal-għarfien u l-għoti malajr ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li tinftiehem faċilment lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati;<br>4. It-titjib tal-kondiviżjoni ta' għarfien u informazzjoni bejn l-aġenziji u l-kontribut għall-involviment tal-impjegati;<br>5. L-iżgurar ta' relazzjonijiet ta' kwalità għolja mal-partijiet ikkonċernati (l-Istati Membri, istituzzjonijiet u korpi tal-UE, rappreżentanti tal-industrija, akkademiċi) u analiżi u koordinazzjoni komprensivi tal-politika interna, flimkien ma' sensibilizzazzjoni xierqa għall-partijiet ikkonċernati. | 1. Iż-żamma f'livell għoli tal-appoġġ amministrattiv u loġistiku lill-Bord tat-Tmexxija;<br>2. Iż-żamma f'livell għoli tal-appoġġ amministrattiv u loġistiku lill-Gruppi Konsultattivi;<br>3. It-twettiq ta' kompiti ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni esterni f'konformità mar-rekwiżiti legali u mal-istandards tal-kwalità stabbiliti għall-istituzzjonijiet u għall-korpi tal-UE u skont il-prinċipji tal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni u ta' Informazzjoni tal-eu-LISA 2017-2020.<br>4. L-attivitajiet kollha fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna annwali huma implimentati b'mod sħiħ;<br>5. L-implimentazzjoni tal-Arranġamenti ta' Ħidma u ta' MtQ ma' istituzzjonijiet u ma' aġenziji tal-UE; l-involviment tal-partijiet ikkonċernati permezz ta' avvenimenti u attivitajiet konġunti; l-intitolament, l-iżvilupp u ż-żamma ta' relazzjonijiet tax-xogħol u l-iskambju regolari ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. | 1. Il-Bord tat-Tmexxija huwa appoġġat b'mod suffiċjenti sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod effettiv;<br>2. Il-Gruppi Konsultattivi huma appoġġati b'mod suffiċjenti sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod effettiv;<br>3. Għarfien aħjar u sensibilizzazzjoni mtejba tal-partijiet ikkonċernati primarji dwar ir-rwol u l-kompiti tal-Aġenzija fil-provvista ta' valur miżjud għall-benefiċċju taċ-ċittadini;<br>4. Il-membri tal-persunal fis-siti kollha tal-Aġenzija huma informati u involuti fil-livell korporattiv, li jippermettilhom li jieħdu deċiżjonijiet informati rigward il-kompiti professjonali tagħhom u għandhom aċċess għal għodod ta' komunikazzjoni interna għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għall-feedback;<br>5. Kooperazzjoni sistematika u li taħdem kif suppost mal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA; analiżi dettaljata tal-politika, sensibilizzazzjoni dwar suġġetti, xejriet u prijoritajiet partikolari; koordinazzjoni interna u komunikazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rispettivi. |

## 2.3.3. Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- L-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Akkwist u ta' Akkwiżizzjoni;
- It-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja;
- Iż-żamma tal-kontijiet tal-Aġenzija;
- Il-kontroll intern, il-proċeduri u l-awditi relatati mal-finanzi u mal-akkwist;
- Appoġġ għall-mudell ta' Ġestjoni Ibbażata fuq l-Attività.

**VALUR MIŻJUD**

- L-operazzjonijiet tal-Aġenzija jinżammu u jiġu ffaċilitati billi jiġi żgurat li l-akkwiżizzjonijiet ikunu konformi ma' ġestjoni finanzjarja tajba;
- L-appoġġ għall-eżekuzzjoni bla xkiel tal-objettivi operazzjonali u korporattivi tal-Aġenzija;
- Ir-rapportar u l-preżentazzjoni koerenti u kredibbli tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Aġenzija;
- Il-konformità ma' ġestjoni finanzjarja tajba;
- L-implimentazzjoni kif suppost tal-pagamenti u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti stabbiliti bħala riċevibbli;
- Il-prerekwiżit legali għall-proċedura ta' kwittanza;
- L-Aġenzija tissodisfa r-rekwiżiti statutorji ta' korp tal-UE;
- Il-monitoraġġ b'mod oġġettiv tal-prestazzjoni billi tinkiseb previżjoni baġitarja aktar preċiża u trasparenza fil-proċess tal-baġit.

**SFIDI EWLENIN**

- Ippjanar u skedar;
- Riskji legali (kawżi l-qorti);
- Il-kwalità tal-ippjanar u tal-kontroll intern mhijiex adegwata;
- L-espansjoni tan-negozju tirriżulta f'kumplessità dejjem tikber b'numri dejjem jiżdiedu ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu kkontrollati u rrapportati;
- Nuqqas fil-kontrolli interni jista' jirriżulta f'nefqa mhux ġustifikata, fi frodi u f'ċaħda ta' kwittanza mill-awtorità baġitarja;
- Il-mudell ABB evolut ma jippermettix li jsir kalkolu sħiħ jew preċiż tal-kostijiet skont l-attivitajiet operazzjonali/mandati.

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti mill-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|
| FPU / AO | 1. L-għoti ta' appoġġ għall-attivitajiet korporattivi u ewlenin tal-Aġenzija billi jiġu pprovduti l-akkwist u l-akkwiżizzjoni b'mod puntwali;<br>2. L-iżgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba u ta' kapaċitajiet | 1. Il-provvista ta' servizzi ta' akkwist f'waqthom u ta' kwalità għolja bħala sostenn għall-Aġenzija matul is-sena;<br>2. Il-provvista ta' servizzi interni u ta' kwalità relatati mal-baġit, mal-assi u mal-finanzi, li jippermettu li jinkisbu l- | 1. Il-ħtiġijiet ta' akkwiżizzjoni tal-Aġenzija jiġu indirizzati f'konformità mal-obbligi statutorji u fi ħdan il-qafas baġitarju;<br>2. Jiġu pprovduti servizzi f'waqthom u ta' kwalità għolja tas- |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | għall-ippjanar preċiż tal-baġit, għall-monitoraġġ u għall-eżekuzzjoni bħala sostenn għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija;<br>3. L-iżgurar tal-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija, filwaqt li jiġu salvagwardjati l-assi tal-Aġenzija u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti dovuti;<br>4. L-iżgurar li l-attivitajiet fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja u tal-akkwisti jkunu konformi mal-istandards applikabbli, u jkunu ddokumentati, riveduti u aġġornati;<br>5. L-iżgurar ta' ppjanar baġitarju u rapportar finanzjarju aktar preċiżi relatati mal-kostijiet imġarrba għal attivitajiet tan-negozju speċifiċi u, b'mod partikolari, l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi taħt ġestjoni. | objettivi operattivi u korporattivi;<br>3. Kontijiet annwali kkonsolidati u individwali provviżorji u finali;<br>4. L-iżvilupp u r-reviżjoni ta' proċeduri u ta' kontrolli; it-twettiq ta' verifiki interni u esterni fil-qasam finanzjarju u tal-akkwisti;<br>5. Kapaċitajiet aħjar sabiex l-attivitajiet jiġu allinjati mal-objettivi, jiġu ssimplifikati l-kostijiet u jittejbu l-prattiki tan-negozju bl-għan li jkun hemm trasparenza akbar fil-proċess tal-baġit. | servizzi baġitarji, tal-akkwist u finanzjarji matul is-sena. Il-proċessi jiġu riveduti kontinwament sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività, kull fejn possibbli permezz ta' dematerjalizzazzjoni;<br>3. Il-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali sabiex jirrappreżentaw il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija b'mod ġust, trasparenti u li jiffaċilita l-proċedura ta' kwittanza;<br>4. L-Aġenzija tikseb sett komprensiv ta' proċeduri u ta' kontrolli li huma xierqa għall-iskop tagħhom sabiex tippromwovi l-ġestjoni finanzjarja tajba u l-kontroll intern;<br>5. L-Aġenzija tista' tkejjel b'mod preċiż il-prestazzjoni tagħha fl-eżekuzzjoni tal-proċessi tan-negozju ewlenin tagħha. Il-proġett huwa evoluzzjoni tal-mudell inizjali tal-ABB imfassal fl-2018, li kapaċi jintegra aħjar mad-*data* dwar il-ġestjoni tal-proġetti. |

## 2.3.4. Ġestjoni tar-riżorsi umani

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- L-attivitajiet standard (status quo) ta' HR fir-rigward tal-istruttura, tal-proċessi u tal-prattiki organizzazzjonali mwettqa f'konformità mar-regoli u mad-deċiżjonijiet rilevanti;
- Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal) u ġestjoni tal-għarfien;
- L-iżvilupp ulterjuri tal-kultura tat-tagħlim, l-iżvilupp tar-rwol tal-HR fis-sħubija tan-negozju u t-tisħiħ tal-iżvilupp u taż-żamma tal-persunal;
- Il-konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara l-bidla, it-tkabbir u t-trasformazzjoni;
- Kontinwazzjoni tal-iżvilupp ulterjuri u tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kompetenza sabiex jiġi żgurat li "n-nies it-tajba jkunu fil-kariga t-tajba".

**VALUR MIŻJUD**

- L-eu-LISA ser ittejjeb l-effettività tal-proċessi tal-HRM u l-istruttura organizzazzjonali ta' ambjent li dejjem qed jinbidel;
- L-eu-LISA se tissodisfa l-obbligi legali u finanzjarji tagħha lejn il-persunal u se tikkonforma mar-Regolamenti tal-Persunal u mas-CEOS, mar-Regoli ta' Implimentazzjoni u ma' regoli oħra li jirregolaw il-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-eu-LISA;
- Il-membri tal-persunal operattivi tal-eu-LISA ser ikunu jistgħu jwettqu aħjar u joffru servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija;
- Iż-żieda kontinwa tal-valur miżjud tas-sistemi, tad-*data* u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati;
- It-teħid tar-rwol ta' konsulent fdat u ta' faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija;

- L-iżvilupp u ż-żamma ta' immaġni pożittiva lejn partijiet ikkonċernati interni u esterni;
- L-eu-LISA tibqa' impjegatur attraenti, billi żżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal;
- Il-membri ġodda u l-partijiet ikkonċernati huma ssodisfati bit-tkabbir tal-organizzazzjoni u jistgħu jadattaw għat-tibdiliet marbuta mat-tkabbir;
- Aktar trasparenza tal-kanali ta' mobilità interna.

## SFIDI EWLENIN

- L-iżgurar li l-ippjanar tal-istruttura organizzazzjonali huwa konformi mal-proposti legali għall-kompiti l-ġodda, filwaqt li l-bażi ġuridika għadha ma ġietx adottata;
- L-iżgurar tad-disponibbiltà tal-persunal fl-HRU bl-għarfien neċessarju u t-trasferiment tal-għarfien fil-każ ta' dawran tal-persunal tal-HR;
- L-iżgurar ta' rapportar f'waqtu fl-oqsma varji tal-HR u l-preċiżjoni tar-rekords, billi jiġi limitat l-għadd ta' żbalji umani għall-minimu fil-każ ta' dawran tal-persunal;
- Riżorsi umani u għarfien espert insuffiċjenti disponibbli;
- Numru dejjem akbar ta' parteċipanti ġodda li jgħaddu mill-programm ta' orjentazzjoni teknika;
- Membri tal-persunal eżistenti li mhumiex jgħaddu mill-proċess ta' ċertifikazzjoni;
- Sjieda tal-azzjonijiet;
- L-involviment limitat tal-Maniġment tal-Aġenzija;
- L-implimentazzjoni ta' din l-attività u s-suċċess tagħha jiddependu mill-implimentazzjoni f'waqtha tal-attivitajiet ippjanati għall-2019;
- L-adozzjoni formali tal-Qafas ta' Kompetenza mingħajr ma tiġi integrata b'mod sħiħ fl-proċessi u ftit benefiċċji b'valur miżjud.

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti mill-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|
| HRU | 1. L-ippjanar tar-riżorsi tal-Aġenzija u tal-HRU sabiex jinkisbu l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija u sabiex tinżamm konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u mas-CEOS;<br>2. It-tweġib għall-ħtiġijiet ta' taħriġ tekniku;<br>3. It-tkabbir bħala ċentru ta' għarfien u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva;<br>4. L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda għall-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju; l-iżgurar li l-għarfien jiġi ppreservat;<br>5. L-organizzazzjoni tal-attivitajiet wara l-analiżi;<br>6. L-evalwazzjoni tal-impatt fuq in-negozju;<br>7. L-HR twieġeb għall-ħtiġijiet tan-negozju;<br>8. It-titjib tas-servizzi tal-HR;<br>9. L-amministrazzjoni u r-rapportar aktar effiċjenti;<br>10. It-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-ambjent fiżiku;<br>11. It-tmexxija tal-eu-LISA tapprova u tagħti spinta lill- | 1. L-istruttura organizzazzjonali tirrifletti l-iżvilupp tal-eu-LISA; l-għoti tal-intitolamenti tal-persunal, l-eżekuzzjoni tal-paga u ta' pagamenti oħra, it-tiġdid tal-kuntratti, il-ġestjoni tal-karrieri u tat-talenti implimentata f'waqtha; l-adozzjoni u/jew l-implimentazzjoni tar-Regoli ta' Implimentazzjoni;<br>2. Korsijiet tekniċi pprovduti lill-persunal;<br>3. Il-ħolqien ta' laboratorju ta' taħriġ;<br>4. L-implimentazzjoni tal-Politika ta' Ġestjoni tal-Għarfien;<br>5. L-orjentazzjoni teknika;<br>6. Il-ħolqien ta' proċess ta' ċertifikazzjoni qabel l-aċċess għal sistemi ewlenin;<br>7. L-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju fl-Istati Membri għall-persunal;<br>8. L-iżvilupp ta' dokument ta' proposta dwar sħubija kummerċjali tal-HR;<br>9. L-implimentazzjoni ulterjuri tal-mudell tas-CAF; | 1. L-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija u tal-HRU se tirrifletti l-iżvilupp organizzazzjonali u se takkomoda t-tkabbir futur;<br>2. L-eu-LISA se tissodisfa l-obbligi tagħha lejn il-persunal f'konformità mal-qafas regolatorju;<br>3. Il-persunal tal-eu-LISA ser ikun jista' jaħdem aħjar;<br>4. L-eu-LISA se tiġi rikonoxxuta bħala ċentru ta' għarfien espert u ta' għarfien;<br>5. Il-persunal tal-eu-LISA jieħu rwol aktar attiv fil-kondiviżjoni tal-għarfien tiegħu, filwaqt li jipprovdi rispons kostruttiv lill-kollegi u jiddiskuti b'mod miftuħ l-iżbalji u l-kisbiet;<br>6. L-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija u tal-HRU se tirrifletti l-iżviluppi organizzazzjonali;<br>7. Il-persunal il-ġdid jiġi integrat fl-organizzazzjoni;<br>8. L-implimentazzjoni tal-ġestjoni tat-tibdiliet relatati mat-tkabbir rapidu; |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | kultura ta' tagħlim billi tistabbilixxi mudell eżemplari;<br>12. L-ippjanar u l-użu tar-riżorsi disponibbli fl-Aġenzija u fl-HRU sabiex jinkisbu l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija u ż-żamma tal-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u mas-CEOS;<br>13. L-integrazzjoni tal-Qafas ta' Kompetenza fl-oqsma kollha tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani. | 10. L-iżvilupp ulterjuri ta' għodod tal-IT tal-HR;<br>11. Attivitajiet ta' tagħlim informali msaħħa aktar billi jinħoloq spazju għall-uffiċċji sabiex tiġi appoġġata kultura ta' tagħlim;<br>12. Persunal addizzjonali reklutat skont il-pjan ta' reklutaġġ tal-2020;<br>13. Il-kodifikazzjoni ta' *data* ġdida dwar il-persunal f'SYSPER u l-għoti ta' segwitu għal proċess ta' għoti ta' intitolamenti;<br>14. L-implimentazzjoni tal-programm ta' orjentazzjoni għall-ġodda;<br>15. L-aġġustament tal-organizzazzjoni tas-servizz tal-HRU għall-Aġenzija li qed tikber;<br>16. L-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-applikazzjoni tal-Qafas ta' Kompetenza għar-reklutaġġ, għall-iżvilupp u għat-taħriġ tal-persunal;<br>17. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-programm ta' tmexxija. | 9. Kontinwazzjoni tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kompetenza sabiex jiġi żgurat li "n-nies it-tajba jkunu fil-kariga t-tajba". |

## 2.3.5. *Protezzjoni tad-data*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- L-abbozzar tar-Rapport ta' Ħidma Annwali tal-2019 u r-rapportar tal-istatus intermedju tal-konformità mal-protezzjoni tad-*data* lill-Bord tat-Tmexxija;
- Is-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*;
- Il-konsolidazzjoni tal-kunċetti imposti mir-Regolament 2018/1725 li jħassar ir-Regolament 45/2001;
- It-twettiq tal-Istħarriġ annwali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

**VALUR MIŻJUD**

- Il-provvista tal-informazzjoni dwar id-DP lill-partijiet ikkonċernati rilevanti;
- Huwa mistenni livell għoli ta' impenn tal-persunal għad-DP;
- Il-konformità mal-qafas legali dwar id-DP applikabbli għall-eu-LISA;
- It-titjib fil-konformità mal-protezzjoni tad-*data* u l-identifikazzjoni ta' prattiki riskjużi possibbli dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-*data*.

**SFIDI EWLENIN**

- Il-konformità mar-Regolament tal-UE dwar id-DPR tibbaża fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà, u għalhekk in-nuqqas ta' konformità ma' dawk il-prinċipji jista' jwassal għal responsabbilta kbira għall-Aġenzija, li tista' tiġi mmultata direttament mill-EDPS;

- L-iżvilupp tas-sistema l-ġdida jiġġenera aktar xogħol għall-UPD, li jista' jwassal għal prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-kompiti tal-UPD.

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti mill-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|
| UPD | 1. Il-pubbliku, l-MB u l-EDPS jiġu informati dwar il-livell ta' konformità fir-rigward tad-DP;<br>2. L-aġġornament kontinwu tal-għarfien tal-persunal dwar il-prinċipji tad-DP applikabbli;<br>3. L-allinjament u l-infurzar tar-Regolament il-ġdid dwar l-ipproċessar ta' *data* personali applikabbli għall-istituzzjonijiet u għall-korpi tal-Komunità;<br>4. L-awditu dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-*data* f'unità speċifika tal-eu-LISA | 1. Il-preżentazzjoni u tar-Rapport ta' Ħidma Annwali 2019 għall-approvazzjoni lill-MB tal-eu-LISA u l-pubblikazzjoni tiegħu. Il-preżentazzjoni tar-rapport dwar l-istatus intermedju dwar id-DP lill-MB;<br>2. Iż-żieda/żamma tal-fehim mill-persunal tal-kunċetti u tad-drittijiet ta' protezzjoni tad-*data*;<br>3. L-implimentazzjoni tad-deċiżjoni l-ġdida tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA dwar ir-Regoli ta' implimentazzjoni relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali fl-eu-LISA;<br>4. Il-preżentazzjoni tar-rapport tal-awditjar b'eżiti/sejbiet u b'rakkomandazzjonijiet ippreżentati lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA. | 1. Informar lill-MB dwar il-livell ta' konformità fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*;<br>2. Il-konformità tal-persunal mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*;<br>3. L-iżgurar tal-konformità tar-regoli interni mal-qafas legali applikabbli;<br>4. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-*data* sabiex tiżdied il-konformità tal-Aġenzija mal-protezzjoni tad-*data* jekk ikun meħtieġ. |

## 2.3.6. *Servizzi korporattivi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Is-servizzi korporattivi jinkludu: il-komputazzjoni tal-utent aħħari, il-manutenzjoni taċ-ċentru tad-*data* tal-IT korporattiva, il-manutenzjoni tan-network tal-IT korporattiva, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IT korporattiva, it-telefons ċellulari, it-telefonija bil-linja tat-telefon u t-telefonija IP, il-ġestjoni tal-faċilitajiet, is-servizzi ta' loġistika u tal-imħażen, il-provvista ta' uffiċċji, il-ġestjoni tal-missjonijiet u l-ġestjoni tad-dokumenti.

Dawn jinkludu b'mod speċifiku:

- Il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni ta' arkitettura tan-network korporattiv;
- L-attivitajiet ta' manutenzjoni tat-tagħmir u tal-assi kollha fis-sit operattiv;
- Arkitettura tas-Sistema Evoluttiva għall-IT Korporattiva;
- L-evoluzzjoni tal-applikazzjonijiet korporattivi;
- It-titjib fil-kapaċità tal-organizzazzjoni ta' konferenzi u fil-kapaċitajiet ta' xandir;
- Operazzjonijiet ta' faċilitajiet għal użu sħiħ u effettiv tal-bini tal-Aġenzija f'Tallinn, fi Strasburgu u fi Brussell;
- L-implimentazzjoni tas-servizzi ta' loġistika u ta' provvista fl-Aġenzija;
- Il-portafoll tal-missjoni u l-użu tal-għodda tal-missjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea;
- Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u tas-servizzi ma' Aġenziji oħrajn fil-qasam tal-ICT;
- Il-ġestjoni ta' Dokumenti / Rekords / Arkivji;

- L-għoti ta' pariri legali lill-eu-LISA[46].

**VALUR MIŻJUD**

- Integrazzjoni aħjar tal-pjattaforma tan-network, titjib fil-kontinwità tan-negozju u fl-irkupru minn diżastri, sigurtà aħjar, servizzi tan-network aħjar, servizzi tal-IT korporattiva aħjar;
- Faċilitajiet adegwati li jappoġġaw l-operazzjonijiet;
- Servizzi ta' riżerva tal-email, tad-direttorju u tal-ġestjoni tal-identitajiet flimkien ma' pjattaforma ta' kollaborazzjoni u ma' periferali relatati;
- Żieda fis-sikurezza u fir-reżiljenza fil-proċessi ta' backup u ta' restawr;
- It-titjib tas-servizzi ta' konferenzi fuq il-web u VC u l-introduzzjoni tax-xandir fil-livell tal-Aġenzija;
- Il-benessri sostenibbli aktar fit-tul tal-persunal b'kundizzjonijiet tax-xogħol suffiċjenti f'konformità mal-istandards u mal-politiki rilevanti fil-qasam tal-faċilitajiet u tas-saħħa u sikurezza;
- It-tranżizzjoni bla xkiel tas-servizzi tan-negozju tal-IT u mhux tal-IT fir-rigward tal-missjonijiet;
- L-esplorazzjoni tal-allinjament u tas-sinerġiji tal-aġenziji, it-tmexxija ta' sforzi u t-tisħiħ tal-mandat tal-Aġenzija;
- L-akkwist aktar effiċjenti;
- It-titjib tal-FLS dwar is-servizzi tal-IT korporattiva;
- Il-mitigazzjoni tar-riskji ta' nuqqas ta' konformità u ta' kawżi l-qorti.

**SFIDI EWLENIN**

- Sigurtà vs utilizzabilità. Aktar ma t-tqassim ikun sigur, aktar ikunu kbar il-piżijiet fuq il-flussi tan-network;
- Nuqqas ta' riżorsi;
- Skedi ta' żmien twal meħtieġa għal servizzi tal-akkwist li jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha;
- Il-preservazzjoni tal-għarfien intern b'membru tal-persunal wieħed biss fis-CSU, li bħalissa jissodisfa biss parzjalment ir-rwol u l-qsim bejn l-appoġġ tal-ewwel u tat-tieni linja.
- It-twettiq ta' kontinwità tan-negozju effettiva mingħajr il-preżenza tal-persunal fiż-żewġ siti għal appoġġ ta' stennija u għal intervent fiżiku għall-ġestjoni fil-pront tal-inċidenti;
- Id-dipendenza fuq sidien ta' proċessi u kuntratturi/fornituri ta' servizzi u riżorsi umani esterni;
- L-ebda sfida kbira ma hija prevista f'dan il-punt għall-2020.

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti mill-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|

[46] L-Uffiċjal Legali jinsab fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi fl-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| CSU | 1. It-titjib tal-arkitettura tan-network tal-Aġenzija għal użu korporattiv sabiex jiġu pprovduti flessibbiltà, disponibbiltà aħjar u affidabbiltà, kif ukoll integrazzjoni tal-pjattaformi;<br>2. It-tħejjija u l-kontinwità tal-faċilitajiet kollha;<br>3. Ir-ridondanza ġeografika u l-evoluzzjoni tal-pjattaformi tas-sistemi eżistenti, inklużi l-email, il-bażijiet ta' *data*, il-ġestjoni tal-identitajiet, is-servizzi tad-direttorju, il-virtwalizzazzjoni, il-ħżin u l-backup, l-uffiċċju ta' servizz, il-monitoraġġ, il-ħruġ ta' biljetti u integrazzjoni aħjar tal-pjattaformi;<br>4. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-applikazzjonijiet korporattivi tal-Aġenzija, it-titjib tal-kapaċitajiet ta' kollaborazzjoni u tal-flussi tax-xogħol;<br>5. Iż-żamma u t-tisħiħ tal-funzjoni ta' konferenzi fuq il-web tal-Aġenzija għal kapaċità ta' aktar minn 80 utent simultanju u l-provvista ta' arkitettura li tipprovdi flessibbiltà, disponibbiltà aħjar, affidabbiltà u integrazzjoni ma' bejjiegħa terzi;<br>6. Il-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilitajiet fil-Kwartieri Ġenerali;<br>7. Il-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-loġistika u tal-provvisti f'Tallinn, fi Strasburgu u fi Brussell;<br>8. It-titjib tal-effettività tal-portafoll tal-missjonijiet, inkluż l-istabbiliment ta' għodda tal-missjonijiet;<br>9. Il-promozzjoni tal-kollaborazzjoni interaġenzjali permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-esperjenza u l-iskambju ta' prattiki tajba;<br>10. Il-kisba ta' funzjonijiet ta' ġestjoni tas-servizzi komuni kif ukoll ta' interfaċċi ta' integrazzjoni tas-servizzi ma' fornituri oħra involuti f'diversi kuntratti;<br>11. Il-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilitajiet fl-uffiċċju ta' kollegament;<br>12. L-appoġġ tal-konformità tal-eu-LISA mar-regolamenti applikabbli (taħt is-CSD). | 1. L-implimentazzjoni tat-titjib fl-Arkitettura tan-Network Korporattiv;<br>2. Il-faċilitajiet tal-Aġenzija joperaw kif meħtieġ;<br>3. L-implimentazzjoni tat-titjib fl-Arkitettura tas-Sistemi u tal-Ħżin Korporattivi;<br>4. Migrazzjoni tal-Intranet/Extranet għal verżjoni tal-2016, effett ta' sinerġija mas-Server tal-Proġetti u ma' spazji relatati mal-proġetti li jinkludu l-Intelligence Kummerċjali;<br>5. L-evoluzzjoni tal-kapaċità ta' vidjokonferenzi u ta' konferenzi fuq il-web u tal-kapaċitajiet ta' xandir tal-Aġenzija. Is-sostituzzjoni tas-soluzzjoni WebEx ma' Server ta' Laqgħat aktar avvanzat u li jipprovdi funzjonalitajiet ta' xandir b'mod komplimentari;<br>6. L-impriżi meħtieġa sabiex jiġu ppreservati s-servizzi effettivi għall-Kwartieri Ġenerali fir-rigward tal-ġestjoni tal-faċilitajiet;<br>7. Is-siti kollha tal-Aġenzija jippreservaw is-servizzi ta' loġistika u ta' provvista ta' kwalità għolja;<br>8. Operazzjonijiet organizzazzjonali għat-titjib tal-effettività tal-portafoll tal-missjonijiet;<br>9. Il-bini u l-applikazzjoni ta' sett ta' prinċipji ta' gwida sabiex tinkiseb l-aħjar provvista ta' servizzi tal-IT;<br>10. Il-bini u l-applikazzjoni ta' sett ta' prinċipji ta' gwida sabiex jinkiseb l-aqwa raggruppar possibbli ta' diversi torrijiet ta' servizz;<br>11. L-impriżi meħtieġa sabiex jiġu ppreservati s-servizzi effettivi għall-uffiċċju ta' kollegament fir-rigward tal-ġestjoni tal-faċilitajiet;<br>12. L-għoti ta' pariri legali u ta' opinjonijiet lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni u lir-rappreżentanza tal-eu-LISA fil-qrati nazzjonali jew tal-UE jekk ikunu meħtieġa (taħt is-CSD). | 1. Il-provvista ta' servizzi tan-network fil-qasam tal-IT Korporattiva;<br>2. L-Aġenzija tista' tuża l-faċilitajiet tagħha b'mod sħiħ;<br>3. Il-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-IT korporattiva;<br>4. It-titjib tal-kapaċitajiet tal-pjattaformi ta' SharePoint u tas-Server tal-Proġetti tal-Aġenzija;<br>5. Titjib tal-kapaċità ta' vidjokonferenzi u ta' konferenzi fuq il-web tal-Aġenzija, l-integrazzjoni aħjar ma' bejjiegħa terzi u mal-kapaċitajiet ta' xandir, sabiex b'hekk il-persunal tal-eu-LISA jkollu titjib fil-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni;<br>6. It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal u tal-kapaċità ta' użu effettiv tal-Kwartieri Ġenerali u tal-faċilitajiet fil-postijiet kollha tal-Aġenzija;<br>7. L-għodda tal-missjoni hija implimentata u użata ħafna mill-persunal;<br>8. Il-verifika li r-rekwiżiti kritiċi huma miġbura u kkummentati;<br>9. Il-verifika li r-rekwiżiti kritiċi jinġabru mill-intrapriża riċevitriċi u, għalhekk, ikun jistħoqqilhom li jitkejlu bħala livelli ta' servizz;<br>10. Kundizzjonijiet tax-xogħol u operattivi adegwati, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tekniċi, loġistiċi u operazzjonali |

## 2.3.7. *L-estensjoni tal-bini operattiv fi Strasburgu sabiex jospita l-proġetti attwali u futuri*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Wara diskussjoni komprensiva f'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA rrikonoxxa l-ħtieġa għal estensjoni ulterjuri tal-ispazju għall-uffiċċji u l-ħtieġa għal espansjoni taċ-ċentru tad-*data* fis-sit tekniku fi Strasburgu[47].

Il-motivazzjonijiet għal din l-estensjoni ulterjuri huma kif ġej:

- Il-mandat estiż tal-eu-LISA fir-rigward tas-sistemi l-ġodda li se jiġu fdati lill-Aġenzija u s-servizzi ġodda li ser ikunu disponibbli għall-Istati Membri jeħtieġu kapaċità taċ-ċentru tad-*data* akbar minn dik li teżisti llum jew li setgħet kienet prevista fl-2015, meta tfassal l-ewwel proġett ta' bini;
- Is-sistemi eżistenti ġestiti mill-Aġenzija diġà għaddejjin – jew se jgħaddu minn – evoluzzjonijiet sostanzjali.
- Iż-żieda sinifikanti fil-persunal (kemm intern kif ukoll estern) relatat mas-sistemi u mal-kompiti l-ġodda assenjati lill-Aġenzija. Stima ta' livell għoli twassal għall-konklużjoni li l-eu-LISA jenħtieġ li tiżgura li jkun hemm sa 443- 463 stazzjon tax-xogħol fis-sit tekniku fi Strasburgu.

L-attività tinkludi analiżi tas-sitwazzjoni kurrenti b'paragun mal-konfigurazzjoni u mal-kapaċità l-ġodda fil-mira tal-eu-LISA, skont ir-rekwiżiti tan-negozju kurrenti u l-mandat estiż aġġornat tagħha. Għalhekk, il-proġett se jinkludi t-tfassil u l-implimentazzjoni tat-tibdiliet/tal-isforzi ta' kostruzzjoni meħtieġa sabiex jiġu estiżi l-faċilitajiet preżenti.

L-Aġenzija introduċiet il-baġit għal dan il-proġett fil-proposta tal-QFP ikkomunikata lid-DĠ HOME fil-5 ta' April 2018. Abbażi tal-esperjenza miksuba fl-ewwel proġett ta' estensjoni, l-Aġenzija tkun teħtieġ għadd ta' karigi temporanji fil-pjan ta' stabbiliment sabiex tiżgura ġestjoni effiċjenti tal-proġetti u tissodisfa l-obbligi legali Franċiżi fuq l-awtorità kontraenti.

Meta jitqiesu d-dati ta' skadenza amministrattivi obbligatorji u l-qafas regolatorju, u b'applikazzjoni ta' approċċ tal-perkors kritiku għall-iskeda ta' żmien prevista għal dan il-proġett, id-dati ewlenin li għandhom jiġu assenjati huma dawk indikati hawn taħt. It-twettiq tal-proġett issir rilevanti għall-baġit tal-2021, kif deskritt fl-iskeda ta' żmien proviżorja hawn taħt.

---

47 Deċiżjoni tal-MB 2017-185, il-punt 10

Passi ewlenin:

| Stadju importanti | Status[48] |
|---|---|
| Adozzjoni tal-każ tan-negozju mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA | Imwettaq |
| Informazzjoni preliminari lill-Awtorità Baġitarja | Imwettaq |
| Bidu tat-tfassil tar-rekwiżiti funzjonali | Pendenti |
| Iffirmar tal-kuntratt tar-rekwiżiti funzjonali | Pendenti |
| Konklużjoni tar-rekwiżiti funzjonali | Pendenti |
| Valutazzjoni(jiet) tal-Impatt għal Attiv-Attiv adottata/i mill-Bord tat-Tmexxija | Pendenti |
| Konklużjoni tad-disinn tekniku | Pendenti |
| Tnedija tal-offerta għal eżekuzzjoni tax-xogħlijiet | Pendenti |
| Għoti tal-kuntratt ta' eżekuzzjoni għax-xogħlijiet | Pendenti |
| Approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-proġett ta' bini | Pendenti |
| Talba tal-Bord tat-Tmexxija lill-Awtorità Baġitarja | Pendenti |
| Approvazzjoni tal-firma tal-kuntratt mill-Awtorità Baġitarja | Pendenti |
| Iffirmar tal-kuntratt ta' eżekuzzjoni | Pendenti |
| Bidu tal-eżekuzzjoni | Pendenti |
| Eżekuzzjoni finali tal-bini | Pendenti |
| Aċċettazzjoni tal-bini | Pendenti |

**VALUR MIŻJUD**

L-Aġenzija ser ikollha biżżejjed spazju sabiex takkomoda u tospita s-sistemi u l-operazzjonijiet kollha taħt il-mandat tagħha. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal fiż-żoni kkonċernati se jirrispettaw l-istandards ambjentali tax-xogħol kollha, filwaqt li jappoġġaw il-benessri u l-prestazzjoni tal-persunal sabiex jappoġġaw aħjar lill-SM fir-

[48] Sal-25.10.2019

rekwiżiti tagħhom fir-rigward tal-Aġenzija. Ser ikunu ssodisfati l-ogħla standards ta' sigurtà għaċ-ċentri tad-*data* u se tkun implimentata s-soluzzjoni attiva-attiva taċ-ċentru tad-*data*[49].

**SFIDI EWLENIN**

It-tibdiliet fit-teknoloġija jistgħu jfissru li ċ-ċentru l-ġdid tad-*data* jkun għadda żmienu sakemm titlesta l-kostruzzjoni. Kumpanija tal-enerġija lokali jaf ma tkunx tista' tipprovdi l-enerġija elettrika meħtieġa għall-estensjoni. Il-kost tal-estensjoni huwa stima bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli bħalissa. Il-kost reali jiddependi mid-disinn dettaljat, il-kundizzjonijiet tas-suq fiż-żmien tal-offerta, eċċ. Hemm ukoll xi inċertezza dwar it-tfassil tal-ħtiġijiet, fir-rigward ta' żviluppi ġodda u l-adozzjoni futura ta' strumenti legali ġodda.

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti mill-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|
| CSU | L-objettiv tal-proġett huwa li jestendi s-sit addizzjonali ta' Strasburgu (kif tlesta fl-2018) sabiex jipprovdi kundizzjonijiet operattivi u tax-xogħol adegwati. | Bħala r-riżultat ewlieni, l-Aġenzija ser ikollha l-ispazju tax-xogħol meħtieġ sabiex takkomoda u tiġġestixxi s-sistemi fdati lilha skont il-mandat ġdid u usa' tagħha kif ukoll sabiex tipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-persunal tagħha. Barra minn hekk, l-arkitettura taċ-ċentru tad-*data* attiv-attiv b'replikazzjoni sinkronika se tgħin lill-eu-LISA tagħmel migrazzjoni bla xkiel ta' volumi ta' xogħol bejn iċ-ċentri tad-*data* u tippermetti li jiġu mmitigati r-riskji varji tan-negozju, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju u tkun meħtieġa reżiljenza għolja. | Kundizzjonijiet tax-xogħol u operattivi adegwati, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tekniċi, loġistiċi u operazzjonali. |

## 2.3.8. *Attivitajiet ta' sigurtà orizzontali*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- L-iżvilupp, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-partijiet ta' Kontinwità tan-Negozju/Rkupru minn Diżastri/Reazzjoni għal Emerġenza tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà u tal-Kontinwità;
- It-tħaddim, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-elementi protettivi tal-Istrateġija ta' Ġestjoni tas-Sigurtà u tal-Kontinwità;
- L-eżerċizzju tas-Sigurtà u tal-Kontinwità tan-Negozju għas-servizzi tal-IT Korporattiva;
- Ir-rinnovazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà fiżika tal-perimetru għas-sit fi Strasburgu;
- It-twassil ta' Operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà u ta' Assigurazzjoni għall-Infrastruttura Korporattiva.

49 Soġġetta għall-Valutazzjonijiet ta' impatt li għandhom isiru fl-2019.

## VALUR MIŻJUD

- L-implimentazzjoni ta' livell adegwat ta' kontinwità tan-negozju fil-livell tal-Aġenzija sabiex tinkiseb ir-reżiljenza meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet ewlenin;
- L-implimentazzjoni ta' livell adegwat ta' sigurtà protettiva fil-livell tal-Aġenzija sabiex jingħata appoġġ għall-attivitajiet u għall-proċessi mwettqa mill-eu-LISA;
- Il-possibbiltà tal-ittestjar tas-sigurtà speċifika, tal-kontinwità tan-negozju, tal-proċessi ta' rkupru minn diżastri, tal-proċeduri u tal-kontrolli fl-eu-LISA għas-servizzi tal-IT korporattiva tagħha hija żgurata, bl-opportunità li jiġu identifikati l-lakuni eżistenti u t-tagħlimiet meħuda;
- Is-sigurtà fiżika ġenerali mtejba tal-perimetri esterni tas-sit ta' Strasburgu hija żgurata f'konformità mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju;
- Aċċess aktar faċli u veloċi għall-persunal tal-eu-LISA, għall-kuntratturi u għall-viżitaturi fuq il-post;
- Riskji tas-sigurtà ġestiti għal livell aċċettabbli;
- Konformità mar-rekwiżiti legali u kummerċjali;
- Fiduċja akbar tal-partijiet ikkonċernati;
- Żieda fir-reputazzjoni tal-Aġenzija bħala gwardjan affidabbli u sigur ta' informazzjoni sensittiva dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna tal-UE.

## SFIDI EWLENIN

- L-impenn tal-partijiet ikkonċernati esterni fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-BCMS u tal-kontrolli speċifiċi tas-sigurtà protettiva, kif meħtieġ;
- Ir-riżorsi insuffiċjenti allokati mill-eu-LISA matul it-tħejjijiet u l-eżekuzzjoni tal-eżerċizzju jafu ma jġibux il-valur miżjud mistenni ta' tali eżerċizzju;
- L-aspettattivi differenti tal-parteċipanti jistgħu jagħmluha diffiċli sabiex jintlaħqu fehim u qbil komuni rigward l-attivitajiet, id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-eżerċizzju;
- Jenħtieġ li l-attività tqis pjanijiet futuri għall-estensjoni tas-sit ta' Strasburgu;
- Nuqqas ta' prijorità fir-rigward ta' kompiti oħrajn;
- Żieda fil-kumplessità tal-attività li taqbeż il-kapaċità tar-riżorsi;
- In-nuqqas ta' kapaċità ta' infrastruttura korporattiva li ssostni l-attivitajiet ta' ġestjoni tas-sigurtà.

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti mill-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|
| SEC | 1. Il-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-familja ta' standards tal-ISO 22300;<br>2. Il-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-familja ta' standards tal-ISO 27000;<br>3. L-implimentazzjoni ta' eżerċizzju ta' kontinwità tan-negozju u ta' rkupru minn diżastri għall-infrastruttura tal-IT korporattiva tal-eu-LISA;<br>4. It-titjib tal-protezzjoni taċ-ċint il-qadim tal-perimetru fi Strasburgu (mis-sit l-antik) billi tiġi implimentata reżiljenza simili għal dik fil-bini l-ġdid; l-iżgurar tas- | 1. Il-politiki u l-pjanijiet għall-kontinwità tan-negozju għas-sistemi u għall-Aġenzija huma aġġornat;<br>2. Il-kontrolli speċifiċi ta' kontinwità tan-negozju/ l-irkupru minn diżastri/ir-rispons f'każ ta' emerġenza huma implimentati kif meħtieġ;<br>3. L-Aġenzija tadotta miżuri ta' sigurtà xierqa bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskji, il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-aħjar prattiki;<br>4. L-iżgurar tal-konformità mal-kontinwità tan-negozju, l-irkupru minn diżastri u l-ġestjoni tal-inċidenti f'każ ta' | 1. L-Aġenzija ttejjeb ir-reżiljenza fit-tmexxija operattiva tagħha;<br>2. L-Aġenzija tiżgura l-livell xieraq ta' sikurezza u ta' sigurtà tan-nies u tal-assi fil-bini tagħha;<br>3. Il-proċessi u l-proċeduri ta' kontinwità tan-negozju, ta' rkupru minn diżastri, ta' sigurtà, ta' ġestjoni tal-inċidenti u ta' eskalazzjoni huma ttestjati mill-eu-LISA għas-servizzi tal-IT korporattiva tagħha. L-azzjonijiet rakkomandati relatati mas-sejbiet speċifiċi huma ppreżentati għall-adozzjoni; |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | sigurtà effettiva għall-kanċell ewlieni kif ukoll għal dak ta' aċċess ta' emerġenza għall-vetturi;<br>5. It-twettiq tal-Operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà u tal-Assigurazzjoni skont COM 2017/46. | inċident li jfixkel is-sistemi tal-IT korporattiva tal-eu-LISA;<br>5. L-iżgurar tal-issodisfar tar-rekwiżiti legali u tan-negozju speċifiċi għas-sigurtà fiżika fis-sit ta' Strasburgu tal-eu-LISA bi qbil mal-valutazzjoni tar-riskju kurrenti;<br>6. Il-politika tas-sigurtà; ġestjoni tar-riskji tas-sigurtà; pjanijiet tas-sigurtà; sensibilizzazzjoni tas-sigurtà u taħriġ fis-sigurtà, arkitettura tas-sigurtà, valutazzjonijiet u verifiki tas-sigurtà; liċenzji tas-software; ittestjar tas-sigurtà, monitoraġġ tas-sigurtà, ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà, gwida dwar is-sigurtà. | 4. Ir-rinnovazzjoni taċ-ċint l-antik tal-perimetru estern tas-sit u l-protezzjoni msaħħa kemm tal-kanċell ewlieni kif ukoll għal dak ta' aċċess ta' emerġenza għall-vetturi;<br>5. L-iżgurar li r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni se jiġu ġestiti għal livell aċċettabbli. |

## *2.3.9. Attivitajiet tal-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Din l-attività tinkludi:

- Evalwazzjoni uffiċjali bbażata fuq mudell tas-CMMI (Integrazzjoni tal-Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità);
- Il-kapaċità ta' ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti;
- Ġestjoni tar-riskji korporattivi;
- L-iżvilupp u l-użu ta' proċessi u ta' programmi ta' taħriġ, l-evalwazzjoni ta' proġetti, it-twettiq ta' rieżamijiet ta' garanzija tal-kwalità tal-proġetti, ir-rieżami tal-proċessi u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-proġetti.

**VALUR MIŻJUD**

- Il-provvista lill-maniġment tal-Aġenzija b'għarfien oġġettiv dwar il-progress reali li jkun sar fil-kisba tal-objettivi ta' maturità fil-qasam tal-ġestjoni tal-proġetti;
- Il-minimizzazzjoni tar-riskju globali assoċjat mal-ġestjoni ta' proġetti kumplessi mwettqa mill-Aġenzija;
- Id-definizzjoni ta' perkors ċar għall-kisba tal-istatus ta' Ċentru ta' Eċċellenza tal-ICT;
- L-għoti tal-possibbiltà lill-Aġenzija li timplimenta bis-sħiħ il-qafas ta' eżekuzzjoni tal-istrateġija billi tintegra kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-proġetti, tal-programmi u tal-portafolli;
- Il-prijoritizzazzjoni mtejba tal-portafoll u l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn proġetti, programmi u portafolli;
- Is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni tar-riskju korporattiv;
- L-integrazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni tar-riskju korporattiv ma' proċessi ta' ġestjoni tar-riskju tal-proġetti/programmi/portafolli;
- L-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni tar-riskju korporattiv permezz ta' għodod tal-IT xierqa;
- L-allinjament aħjar bejn l-istrateġija u l-ambjent ta' eżekuzzjoni tal-proġetti;
- It-titjib tal-KPIs relatati mal-ġestjoni tal-proġetti u tal-programmi.

**SFIDI EWLENIN**

- L-għarfien tal-Aġenzija dwar l-approċċ tas-CMMI;
- Jenħtieġ li jiġi reklutat sieħeb iċċertifikat tal-Istitut tas-CMMI sabiex iwettaq ir-rieżami;
- Inizjattivi kurrenti ta' titjib tal-proċess li jaffettwaw proġetti u oqsma ta' servizz se jeħtieġu li l-ippjanar ikun armonizzat;
- Il-maturità tal-Aġenzija fir-rigward tal-ġestjoni tal-portafolli;
- It-twettiq ta' kontroll intern ta' tħejjija tal-proċessi ta' ġestjoni tal-proġetti u tal-programmi qabel ma jinbeda l-proġett;
- Dipendenzi fuq inizjattivi kurrenti ta' titjib tal-proċessi fil-qasam tal-ġestjoni tal-proġetti;
- Il-maturità tal-Aġenzija fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskji organizzazzjonali;
- Il-mudell aġġornat tal-proċessi se jiġi allinjat mal-proċess ġenerali tal-ġestjoni tar-riskji fil-livell tal-proġetti u tal-programmi;
- Riżorsi insuffiċjenti fi ħdan l-EPMO.

| Unità | Objettivi tal-attività | Riżultat tal-attività | Eżiti tal-attività/attivitajiet |
|---|---|---|---|
| Kategorija u grad | Persunal attiv fl-1.01.2017 | | Numru ta' persunal promoss jew riklassifikat fl-2018 | | Numru medju ta' snin fil-grad ta' persunal promoss/riklassifikat |
|---|---|---|---|---|---|
| | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT | |
| AST 6 | M/A | 7 | | 3 | 2.3 |
| AST 5 | M/A | 9 | | 1 | 2.6 |
| AST 4 | M/A | 15 | | 4 | 2.3 |
| AST 3 | M/A | 9 | | 1 | 5.3 |
| AST 2 | M/A | 0 | | | |
| AST 1 | M/A | 0 | | | |
| Total ta' AST | M/A | 43 | | 9 | 3.1 |
| AST/SC1 | M/A | 0 | | | |
| AST/SC2 | M/A | 0 | | | |
| AST/SC3 | M/A | 0 | | | |
| AST/SC4 | M/A | 0 | | | |
| AST/SC5 | M/A | 0 | | | |
| AST/SC6 | M/A | 0 | | | |
| Total ta' AST/SC | | 0 | | 0 | 0 |
| Total | | 114 | | 26 | 2.95 |

Tabella 20 – Riklassifikazzjoni tal-aġenti kuntrattwali

Fl-2018, saret it-tielet riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt, bl-eżitu li ġej.

| Grupp ta' funzjonijiet | Grad | Persunal attiv fl-1.01.2017 | Numru ta' persunal riklassifikat fl-2018 | Numru medju ta' snin fil-grad ta' persunal riklassifikat |
|---|---|---|---|---|
| AK IV | 18 | 0 | | |
| | 17 | 1 | 1 | 2 |
| | 16 | 2 | | |

| Grupp ta' funzjonijiet | Grad | Persunal attiv fl-1.01.2017 | Numru ta' persunal riklassifikat fl-2018 | Numru medju ta' snin fil-grad ta' persunal riklassifikat |
|---|---|---|---|---|
| | 15 | 4 | 1 | 2 |
| | 14 | 11 | 2 | 2 |
| | 13 | 4 | 2 | 2 |
| AK III | 12 | 0 | | |
| | 11 | 0 | | |
| | 10 | 1 | 1 | 2 |
| | 9 | 2 | | |
| | 8 | 0 | | |
| AK II | 7 | 0 | | |
| | 6 | 0 | | |
| | 5 | 0 | | |
| | 4 | 0 | | |
| AK I | | 0 | | |
| | | | | |
| | | | | |
| Total | | **25** | 7 | 2 |

# C. Politika dwar il-mobilità

L-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' persunal temporanju (AT 2f) fl-aġenziji fir-Regolamenti ġodda dwar il-Persunal ta' Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, tiffaċilita l-mobilità fi ħdan l-eu-LISA u bejn l-aġenziji.

Fl-2015, l-eu-LISA adottat deċiżjoni ta' referenza[84] dwar l-ingaġġ u l-użu ta' aġenti temporanji (AT 2f). Minħabba l-istruttura organizzazzjonali u l-iżvilupp tal-eu-LISA, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tal-mobbiltà interna jiġu vvalutati ma' kull post vakanti jew kariga ġdida li jinħolqu.

[84] Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2015-166 tal-11 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ġenerali dwar il-proċedura li tirregola l-ingaġġar u l-użu ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

Fl-2018 saru seba' trasferimenti interni u tibdiliet fid-dazji:

- il-Kap tal-Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet u l-Unità tal-Manutenzjoni ġew assenjati temporanjament għad-dmirijiet bħala Kap tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet, b'effett mill-10 ta' Jannar 2018;
- l-Amministratur tan-Network ġie assenjat mill-ġdid għall-kariga ta' Maniġer tal-Proġett, b'effett mis-16 ta' Jannar 2018;
- l-Operatur tal-Helpdesk ġie assenjat mill-ġdid għall-kariga ta' Maniġer tat-Testijiet, b'effett mis-16 ta' Jannar 2018;
- il-Kap temporanju tal-Unità tas-Sigurtà kien temporanjament assenjat għal dmirijiet bħala Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet u tal-Infrastruttura, b'effett mill-20 ta' Marzu 2018;
- l-Uffiċjal tal-Baġit (il-Kap tas-Settur) ġie assenjat mill-ġdid għall-kariga ta' Uffiċjal tal-Finanzi u tal-Baġit (il-Kap tas-Settur), b'effett mill-1 ta' Ġunju 2018;
- l-Uffiċjal tal-Akkwist ġie assenjat mill-ġdid għall-kariga ta' Uffiċjal tal-Akkwist (grad, kompiti u responsabbiltajiet differenti), b'effett mis-16 ta' Awwissu 2018;
- l-Uffiċjal tal-Komunikazzjoni u tal-Informazzjoni (il-Kap tas-Settur tal-Komunikazzjoni Interna u Esterna) kien temporanjament assenjat għal dmirijiet bħala Kap tal-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali, b'effett mill-1 ta' Novembru 2018.

Il-mobbiltà interistituzzjonali hija realtà fl-eu-LISA wkoll. Fl-2018 kien hemm tliet persuni li telqu mill-eu-LISA sabiex jaħdmu għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Parlament Ewropew jew għal aġenzija Ewropea oħra; minn fost is-17-il membru tal-persunal reklutati ġodda, ħames persuni ġew minn Istituzzjoni, aġenzija jew entità Ewropea oħra.

# D. Il-bilanċ bejn is-sessi u l-bilanċ ġeografiku

Id-distribuzzjoni tas-sessi skont it-tip ta' rwol u l-livell hija ppreżentata fit-Tabella 21.

Table 21 – Persunal tal-eu-LISA maqsum skont is-sess

| Sess | Amministraturi | | | Assistenti | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AT | AK | ENS | AT | AK | |
| Raġel | 65 | 18 | 8 | 29 | 6 | 126 |
| Mara | 15 | 7 | 1 | 13 | 0 | 36 |
| Persunal totali | 80 | 25 | 9 | 42 | 6 | 162 |

L-iżbilanċ viżibbli bejn is-sessi fl-eu-LISA huwa dovut għall-fatt li l-ambjent tal-IT huwa fil-biċċa l-kbira ppopolat mill-irġiel fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Aġenzija fi Strasburgu. L-interess akbar mill-irġiel fl-impjiegi tal-eu-LISA huwa viżibbli wkoll fl-għadd ta' applikazzjonijiet li jiġu riċevuti mill-avviżi dwar ir-reklutaġġ. Madankollu, ta' min jinnota li t-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet jiffaċċjaw l-istess sfida fil-qasam tal-IT, li hija dovuta għal xejriet ta' edukazzjoni[85] għall-istudji tal-ICT. Is-soluzzjonijiet implimentati mill-eu-LISA sabiex jiġi ffaċilitat bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja għall-persunal tagħha (ħin flessibbli, telexogħol) ma wasslux għal tibdiliet notevoli f'din is-sitwazzjoni.

**Il-bilanċ ġeografiku**

Fost il-membri tal-persunal tal-eu-LISA, huma rappreżentati 21 nazzjonalità tal-UE.

[85] Fil-Konferenza ta' Gartner "Reimagine HR" li saret fl-5-6 ta' Settembru 2018, ġie ppreżentat li fl-istudji tal-IT jew tal-ICT, il-perċentwal ta' nisa huwa anqas minn 50 % u 15 % biss tal-gradwati nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol fil-qasam tal-ICT.

Ir-reklutaġġ ta' firxa ġeografika wiesgħa ta' persunal jikkontribwixxi għal diversità ta' kultura u għal skambju reċiproku. Peress li l-karigi ewlenin tagħha huma f'Tallinn u fi Strasburgu, l-eu-LISA tqis li r-rappreżentazzjoni żejda tal-persunal Estonjan u Franċiż, li jammontaw għal 30 % tal-għadd totali ta' impjegati fil-postijiet rispettivi, hija tendenza naturali u ma tikkostitwixxix żbilanċ ġeografiku maġġuri. Il-persunal Franċiż huwa l-akbar grupp, u dan jista' jiġi attribwit għall-fatt li xi wħud mill-membri tal-persunal li jaħdmu għall-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi fuq proġetti tal-IT li ġew ittrasferiti għall-Aġenzija meta twaqqfet l-Aġenzija, issieħbu mal-eu-LISA wara li ħadu sehem fil-proċeduri ta' kompetizzjoni għal dawn il-karigi speċjalizzati ħafna.

In-nazzjonalitajiet tal-persunal tal-eu-LISA (aġenti temporanji) għal kull grupp ta' funzjoni huma murija fit-Tabella 22.

Table 22 – Persunal tal-eu-LISA maqsum skont in-nazzjonalità

| **eu-LISA – għadd ta' membri tal-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti impjegati fil-31.12.2018** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Nazzjonalità** | **AD** | **AST** | **Total ta' AD + AST** | **Perċentwal** |
| L-Awstrija (AT) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Belġju (BE) | 2 | 4 | 6 | 4.9 |
| Il-Bulgarija (BG) | 3 | 0 | 3 | 2.6 |
| Il-Kroazja (HR) | 1 | 0 | 1 | 0.8 |
| Ċipru (CY) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | 1 | 0 | 1 | 0.8 |
| Id-Danimarka (DK) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Estonja (EE) | 4 | 6 | 10 | 8.2 |
| Il-Finlandja (FI) | 0 | 1 | 1 | 0.82 |
| Franza (FR) | 21 | 8 | 29 | 23.8 |
| Il-Ġermanja (DE) | 4 | 1 | 5 | 4.1 |
| Il-Greċja (EL) | 12 | 1 | 13 | 10.7 |
| L-Ungerija (HU) | 4 | 2 | 6 | 4.9 |
| L-Irlanda (IE) | 2 | 0 | 2 | 1.6 |
| L-Italja (IT) | 9 | 1 | 10 | 8.12 |
| Il-Latvja (LV) | 0 | 3 | 3 | 2.5 |
| Il-Litwanja (LT) | 1 | 3 | 4 | 3.3 |
| Il-Lussemburgu (LU) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Malta (MT) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| In-Netherlands (NL) | 0 | 1 | 1 | 0.83 |
| Il-Polonja (PL) | 4 | 2 | 6 | 4.93 |
| Il-Portugall (PT) | 1 | 2 | 3 | 2.5 |
| Ir-Rumanija (RO) | 8 | 4 | 12 | 9.8 |

| eu-LISA – għadd ta' membri tal-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti impjegati fil-31.12.2018 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Nazzjonalità | AD | AST | Total ta' AD + AST | Perċentwal |
| Is-Slovakkja (SK) | 2 | 0 | 2 | 1.6 |
| Is-Slovenja (SI) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Spanja (ES) | 2 | 1 | 3 | 2.5 |
| L-Iżvezja (SE) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Renju Unit (UK) | 0 | 1 | 1 | 0.8 |
| Persunal totali | **81** | **41** | **122** | **100** |

Sabiex tinkiseb rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet b'perċentwali simili għar-rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet fil-popolazzjoni tal-UE fis-sħuħija tagħha, minn Ottubru 2014, l-Aġenzija bdiet iżżid messaġġi speċifiċi mal-avviżi tal-postijiet tax-xogħol battala kollha tagħha, fejn bdiet tħeġġeġ lill-kandidati mill-pajjiżi sottorappreżentati fl-eu-LISA sabiex japplikaw.

In-nazzjonalitajiet tal-gruppi l-oħrajn li jsawru l-persunal tal-eu-LISA (l-aġenti kuntrattwali u l-esperti nazzjonali sekondati) huma ppreżentati fit-Tabella 23.

Tabella 23 – L-aġenti kuntrattwali u l-ENS tal-eu-LISA maqsuma skont in-nazzjonalità

| Nazzjonalità | eu-LISA - status fil-31.12.2018 | | |
|---|---|---|---|
| | AK FG IV | AK FG III | ENS |
| L-Awstrija (AT) | 0 | 0 | 0 |
| Il-Belġju (BE) | 1 | 0 | 0 |
| Il-Bulgarija (BG) | 0 | 0 | 0 |
| Il-Kroazja (HR) | 1 | 0 | 1 |
| Ċipru (CY) | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | 0 | 0 | 0 |
| Id-Danimarka (DK) | 0 | 0 | 0 |
| L-Estonja (EE) | 1 | 2 | 0 |
| Il-Finlandja (FI) | 0 | 0 | 0 |
| Franza (FR) | 9 | 3 | 0 |
| Il-Ġermanja (DE) | 1 | 0 | 2 |
| Il-Greċja (EL) | 3 | 1 | 2 |
| L-Ungerija (HU) | 0 | 0 | 0 |
| L-Irlanda (IE) | 0 | 0 | 0 |
| L-Italja (IT) | 1 | 0 | 2 |
| Il-Latvja (LV) | 0 | 0 | 0 |
| Il-Litwanja (LT) | 0 | 0 | 0 |

| Nazzjonalità | eu-LISA - status fil-31.12.2018 | | |
|---|---|---|---|
| | AK FG IV | AK FG III | ENS |
| Il-Lussemburgu (LU) | 0 | 0 | 0 |
| Malta (MT) | 0 | 0 | 0 |
| In-Netherlands (NL) | 0 | 0 | 0 |
| Il-Polonja (PL) | 1 | 0 | 1 |
| Il-Portugall (PT) | 1 | 0 | 0 |
| Ir-Rumanija (RO) | 4 | 0 | 0 |
| Is-Slovakkja (SK) | 0 | 0 | 0 |
| Is-Slovenja (SI) | 0 | 0 | 0 |
| Spanja (ES) | 2 | 0 | 1 |
| L-Iżvezja (SE) | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Renju Unit (UK) | 0 | 0 | 0 |
| Persunal totali | 25 | 6 | 9 |

Hemm diffikultà inerenti sabiex jiġu attirati applikanti minn xi pajjiżi minħabba taħlita ta' diversi fatturi li għandhom impatt negattiv fuq ir-reklutaġġ tal-kandidati mill-pajjiżi, fejn tali kundizzjonijiet ma jseħħux, pereżempju l-Iżvezja, ir-Renju Unit jew il-Ġermanja (il-kostijiet relattivament għolja tal-akkomodazzjoni għall-persuni barranin, id-distanza twila mill-postijiet ta' oriġini ta' ħafna mill-membri tal-persunal tal-Aġenzija u l-kostijiet għolja tal-ivvjaġġar bejniethom, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġenerali li jagħmluha diffiċli għall-membri familjari tal-persunal tal-eu-LISA sabiex isibu impjieg fil-postijiet tal-assenjazzjoni u koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx f'Tallinn).

Il-kwistjoni tal-iżbilanċ ġeografiku se tkompli tiġi indirizzata billi tingħata attenzjoni lil dan l-aspett matul il-proċessi tar-reklutaġġ fil-ġejjieni. L-attenzjoni prinċipali tal-proċedura tal-għażla se tinżamm fuq il-mertu tal-kandidati. Madankollu, fil-każijiet fejn żewġ kandidati jiksbu l-istess numru ta' punti matul l-evalwazzjoni, iċ-ċittadini tal-pajjiżi li ma laħqux il-miri ta' reklutaġġ se jiġu rrakkomandati għar-reklutaġġ sabiex iġibu aktar bilanċ u jżommu d-diversità diġà miksuba.

# E. L-iskejjel

F'konformità mar-Regolament tat-twaqqif, l-Istati Membri tal-UE li jospitaw l-eu-LISA jipprovdu l-aqwa kundizzjonijiet possibbli sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Aġenzija, inkluża l-edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea. Ftehim iffirmat fl-2014 mal-Kummissjoni Ewropea għal kontribuzzjoni finanzjarja lill-Iskejjel Ewropej f'Tallinn u fi Strasburgu jiddeskrivi l-kontribuzzjoni annwali li jenħtieġ li tagħmel l-Aġenzija għall-istudenti li l-ġenturi tagħhom huma membri tal-persunal tal-eu-LISA.

Fl-2018, dsatax-il tifel u tifla tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA attendew l-Iskola Ewropea f'Tallinn u 54 tifel u tifla tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA attendew l-Iskola Ewropea fi Strasburgu.

Fiż-żewġ postijiet, hemm ukoll alternattivi oħrajn tal-edukazzjoni, inklużi dawk abbażi ta' kurrikulu internazzjonali jew kurrikulu nazzjonali rikonoxxut sewwa fit-taqsimiet internazzjonali tal-iskejjel sekondarji u tal-kulleġġi internazzjonali tal-ibliet.

Sabiex tingħata għajnuna lill-membri tal-persunal li t-tfal tagħhom ikunu taħt l-erba’ snin u, għalhekk, ma jkunux jistgħu jattendu l-Iskejjel Ewropej, fl-2014 l-eu-LISA introduċiet indennizz għall-iskola preprimarja għar-rimborż tal-kostijiet tal-kura tat-tfal f’kindergartens jew fl-iskejjel preprimarji, li ffirmaw kuntratti ta’ servizz mal-eu-LISA. Din l-inizjattiva se tkompli fil-futur peress li kellha impatt pożittiv fuq l-aċċettazzjoni tal-offerti ta’ xogħol, speċjalment f’Tallinn, fejn is-sejbien ta’ dan it-tip ta’ assistenza għall-ommijiet li jaħdmu huwa relattivament diffiċli. L-għadd ta’ membri tal-persunal li jibbenefikaw minn dan is-servizz naqas peress li xi tfal diġà laħqu l-età tal-iskola. Fl-2018, tlettax-il membru tal-persunal kienu qed jużaw servizzi tal-iskejjel preprimarji għal ħmistax-il tifel u tifla.

# Anness V: Binjiet

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kumment ieħor |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini | eu-LISA,<br>Vesilennuki 5, Tallinn, l-Estonja | |
| Erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 4397.3 m²<br>1161.4 m²<br>3235.9 m² | |
| Kera annwali (f'EUR) | M/A | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | M/A | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | L-EE bniet u ttrasferixxiet kwartieri ġenerali (HQ) ġodda għall-Aġenzija fi tranżazzjoni mhux ta' skambju | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Il-valur tas-suq ġust tal-art ittrasferita fil-ħin tat-trasferiment: EUR 3.16 M<br>Il-valur tal-kostruzzjoni tal-proprjetà tal-bini ttrasferita: EUR 8.5 M | |

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kumment ieħor |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini | 18 Rue de la Faisanderie<br>67100 Strasbourg, France | mhux applikabbli |
| Erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 7842 m²<br>2155 m²<br>5687 m² | |
| Kera annwali (f'EUR) | | Fit-3 ta' Frar 2017, l-Aġenzija xtrat il-kontejners tal-uffiċċji modulari preċedentement mikrija għal EUR 60 k (netti) |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | M/A | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | FR tat il-bini sħiħ għal EUR 1 fid-29 ta' Mejju 2013 | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Il-valur tal-bini: EUR 653 093 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2017) | |

| | | |
|---|---|---|
| | Il-valur tal-art: EUR 1 665 315 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2017)<br>Bini taħt kostruzzjoni: EUR 18 987 421.94 (il-valur kontabilistiku fit-30/09/2018) | |

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kumment ieħor |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | Iċ-Ċentru ta' Riżerva Federali u Ċentrali Awstrijakk f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija | Faċilità ta' backup |
| Erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 626 m²<br>223 m²<br>403 m² | |
| Kera annwali (f'EUR) | EUR 591 328 | Nefqa operazzjonali |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Ftehim Operattiv Indefinit mar-Repubblika tal-Awstrija | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | M/A | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Ma hemmx *data* disponibbli | |

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kumment ieħor |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | L-Uffiċċju ta' Kollegament tal-eu-LISA,<br>20 avenue d'Auderghem, 1040 Brussell.<br>98 m² (erba' uffiċċji fit-tieni sular) | |
| Erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>Li minnha, spazju ta' uffiċċji | 98 m²<br>98 m² | |
| Kera annwali (f'EUR) | EUR 20,433 | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Il-ftehim tal-kera | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | M/A | |
| Il-valur preżenti tal-bini | M/A | |

Proġett ta' bini fi Strasburgu

Dan il-proġett ta' bini, li nbeda fl-2014, jinsab fil-fażi tal-aċċettazzjoni.

Proġett ta' bini ġdid fi Strasburgu

Wara diskussjoni komprensiva f'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA rrikonoxxa l-ħtieġa għal estensjoni ulterjuri tal-ispazju għall-uffiċċji u l-ħtieġa għal espansjoni taċ-ċentru tad-*data* fis-sit operazzjonali fi Strasburgu.

Informazzjoni dettaljata dwar il-proġett ta' bini l-ġdid fi Strasburgu tinsab fil-Programm pluriennali, fit-taqsima 2.1.9 "Faċilitajiet u servizzi korporattivi" u fil-Programm ta' ħidma 2020, fit-taqsima 2.3.7 "L-estensjoni tal-bini operattiv fi Strasburgu sabiex jospita l-proġetti attwali u futuri".

# Anness VI: Privileġġi u immunitajiet

| Privileġġi tal-aġenzija | Privileġġi mogħtija lill-persunal | |
|---|---|---|
| | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku | Edukazzjoni/kura ta' matul il-jum |
| Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn, sakemm ma kinux residenti permanenti tal-Estonja qabel jibdew jassumu l-ħatra tagħhom fl-Aġenzija, jingħataw rimborż mill-gvern Estonjan ta' somma ugwali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul perjodu ta' sena minn meta jibdew jassumu d-doveri tagħhom fl-Aġenzija f'Tallinn, bl-għan li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tad-djar tagħhom fl-Estonja.<br>Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn u l-membri tal-familja li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Estonjana, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u għal aġenti oħrajn tal-UE | Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-Repubblika tal-Estonja, l-Artikolu 12 | Fil-Ħarifa tal-2013 ġiet stabbilita Skola Ewropea akkreditata f'Tallinn.<br>L-Iskola Ewropea tipprovdi l-kurrikulu tat-tip II kemm fil-livell tal-iskola preprimarja, primarja u sekondarja.<br>Fl-Iskola Ewropea jistgħu jiddaħħlu tfal minn 4 snin 'il fuq |
| Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-membri tal-familja li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u għal aġenti oħrajn tal-UE. Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà | Ftehim dwar is-sit tekniku tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja bejn l-eu-LISA u l-Gvern ta' Franza, l-Artikolu 13 | Il-Gvern Franċiż impenja ruħu li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-Aġenzija u lill-membri tal-familji li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom u li joffrilhom edukazzjoni primarja u sekondarja mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, kif ukoll jipprovdilhom l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Barra minn hekk, il-gvern impenja ruħu li jiżgura li l-aċċess għall-Iskola Ewropea fi Strasburgu, li toffri bakkalawrjat rikonoxxut mill-Istati Membri kollha tal-UE, ikun garantit għat-tfal kollha tal-persunal tal-Aġenzija u għall-membri tal-unità domestika tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u |

| Privileġġi tal-aġenzija | Privileġġi mogħtija lill-persunal | |
|---|---|---|
| | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku | Edukazzjoni/kura ta' matul il-jum |
| soċjali tal-Istat tal-oriġini tagħhom, l-esperti sekondati jkunu eżentati wkoll mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża | | l-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li kien iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2011. |

# Anness VII: Evalwazzjonijiet

## *Evalwazzjonijiet "ex ante"*

F'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija adotta politika ta' evalwazzjoni ex-ante u l-kriterji (inkluż il-limitu finanzjarju) għall-għażla ta' proġetti għall-evalwazzjoni ex-ante kif iddikjarat fid-dokument tal-Aġenzija 2017-173. Dan id-dokument għandu l-għan li jivvaluta l-opportunità u l-fattibbiltà ta' proġetti ġodda proposti, f'konformità mal-għanijiet u mal-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija, u jifforma parti miċ-ċiklu ta' ppjanar tal-eu-LISA. Huwa jaġixxi wkoll bħala mekkaniżmu ta' kontroll tal-kwalità billi jipprovdi, minn stadju bikri, il-mezzi sabiex tiġi vvalutata t-tħejjija tad-*data* billi jidentifika lakuni u inkonsistenzi kif ukoll billi jiskopri kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-kriterji tal-kwalità tal-kontenut tad-dokumentazzjoni.

Ir-rieżami annwali tal-Politika ta' Evalwazzjoni "Ex ante" tal-2018 enfasizzat li ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni "ex ante", li jkopri perjodu ta' sentejn, ikun jibbenefika minn approċċ ta' evalwazzjoni rivedut li jfassal ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni skont il-passi tal-proċess ta' evalwazzjoni "ex ante". Bħala riżultat ta' dan, ġie implimentat approċċ ottimizzat b'żewġ stadji mill-2019, li jinkludi valutazzjoni tal-opportunità (stadju 1) segwita minn valutazzjoni tal-fattibbiltà (stadju 2) fis-sena ta' wara.
Wara d-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija msemmija hawn fuq, il-proġetti li ġejjin, inklużi fil-PD 2020-2022 diġà għaddew minn evalwazzjoni "ex ante":

- 2.2.1.20. Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid

## *Evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sistemi*

Sabiex jevalwa u jimmonitorja l-prestazzjoni tas-sistemi ġestiti mill-eu-LISA u sabiex jappoġġja l-eżekuzzjoni tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 19(1)(t) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 għat-twettiq tar-rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS u tal-VIS, il-Bord tat-Tmexxija approva ftehim standard fil-livell tas-servizzi bid-dokument 2013-084.

## *Qafas ta' Kontroll Intern (ICF)*

Il-kontroll intern japplika għall-attivitajiet kollha, kemm finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji. Huwa proċess li jgħin lil organizzazzjoni tilħaq l-objettivi tagħha u ssostni l-prestazzjoni operattiva u finanzjarja, filwaqt li tirrispetta r-regoli u r-regolamenti. Huwa jagħti appoġġ fit-teħid ta' deċiżjonijiet tajba, filwaqt li jieħu kont tar-riskji għall-kisba tal-objettivi u jnaqqashom għal livelli aċċettabbli permezz ta' kontrolli kosteffettivi. Sistema ta' kontroll intern tippermetti li l-maniġment jibqa' ffokat fuq l-insegwiment mill-Aġenzija tal-objettivi operattivi u finanzjarji tagħha.

Qafas tas-17-il prinċipju ta' kontroll intern, kif adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA permezz tad-deċiżjoni 2019-042 tiegħu tad-19 ta' Marzu 2019, huwa l-qafas applikat għas-sistema ta' kontroll intern fl-eu-LISA. L-ICF huwa bbażat fuq standards stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għad-dipartimenti tagħha stess, u qies ir-riskji assoċjati mal-ambjent tal-ġestjoni u n-natura tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA. Id-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija kkonfermat il-validità tal-qafas għall-Aġenzija u fdat lid-Direttur Eżekuttiv bl-implimentazzjoni tiegħu.

L-ICF huwa mfassal sabiex jipprovdi aċċertament raġonevoli rigward il-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA: "(1) l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet; (2) l-affidabbiltà tar-rappurtar; (3) is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni; (4) il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu għal frodi u irregolaritajiet, u (5) il-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, b'kunsiderazzjoni tal-karattru pluriennali tal-programmi kif ukoll tan-natura tal-pagamenti kkonċernati".

Fl-ewwel parti tas-sena, il-maniġer tal-Aġenzija responsabbli mill-ġestjoni tar-riskju u mill-kontroll intern se jaħdem mal-maniġers fuq valutazzjoni ġenerali tal-preżenza u tal-funzjonament tal-komponenti kollha ta'

kontroll intern sabiex jipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa lid-Direttur Eżekuttiv li l-kontrolli fis-seħħ huma mfassla tajjeb u qed jaħdmu kif maħsub.

It-tabella li ġejja turi l-ICF tal-eu-LISA bil-ħames komponenti ta' kontroll intern u bis-17-il prinċpiju tiegħu:

| **Komponenti** | **Prinċipji** |
|---|---|
| AMBJENT TA' KONTROLL | 1. Il-wiri ta' impenn favur l-integrità u l-valuri etiċi<br>2. L-eżerċitar tar-responsabbiltà ta' sorveljanza<br>3. L-istabbiliment ta' struttura, ta' awtorità u ta' responsabbiltà<br>4. Il-wiri tal-impenn favur il-kompetenza<br>5. It-tisħiħ tal-obbligu ta' rendikont |
| VALUTAZZJONI TAR-RISKJU | 6. L-ispeċifikazzjoni ta' objettivi xierqa<br>7. L-identifikazzjoni u l-analiżi tar-riskju<br>8. Il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi<br>9. L-identifikazzjoni u l-analiżi ta' tibdil sinifikanti |
| ATTIVITAJIET TA' KONTROLL | 10. L-għażla u l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kontroll<br>11. L-għażla u l-iżvilupp ta' kontroll ġenerali fuq it-teknoloġija<br>12. It-tnedija permezz ta' politiki u ta' proċeduri |
| INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI | 13. L-użu ta' informazzjoni rilevanti<br>14. L-ikkomunikar internament<br>15. L-ikkomunikar esternament |
| ATTIVITAJIET TA' MONITORAĠĠ | 16. It-twettiq ta valutazzjonijiet kontinwi u/jew separati<br>17. Il-valutazzjoni u l-komunikazzjoni tan-nuqqasijiet |

# Anness VIII: Riskji fl-2020[86]

| | |
|---|---|
| RISKJU 1 | Il-miżuri li diġà ttieħdu jistgħu ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw li d-daqs tal-kapaċità taċ-ċentru tad-*data* jippermetti lill-Aġenzija tospita sistemi futuri |
| RISKJU 2 | Theddida ta' żieda sinifikanti fil-kost tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni |
| RISKJU 3 | Telf temporanju potenzjali ta' xi funzjonijiet ta' appoġġ estern minħabba t-tranżizzjoni għal kuntratt qafas ġdid |
| RISKJU 4 | Ksur tal-kunfidenzjalità: esponiment aċċidentali pubbliku ta' informazzjoni sensittiva dwar l-akkwist |
| RISKJU 5 | L-inkapaċità tal-Aġenzija li tikkombina x-xogħol orjentat lejn il-futur u x-xogħol kurrenti ta' manutenzjoni tas-sistema mal-istrutturi u l-proċeduri diġà fis-seħħ (tagħlim, orjentazzjoni, eċċ) |
| RISKJU 6 | Esternalizzazzjoni tal-IT Korporattiva |

| Riskju[87] | Rispons u pjan ta' azzjoni | Proprjetarju tar-riskju |
|---|---|---|
| RISKJU 1 | Mitigazzjoni<br><br><u>Pjan ta' azzjoni:</u><br>1. Il-ħtiġijiet futuri taċ-ċentru tad-*data* tal-Aġenzija se jiġu akkomodati permezz tal-kostruzzjoni taċ-Ċentru tad-*Data* 2 fi Strasburgu flimkien mal-faċilitajiet amministrattivi addizzjonali tal-uffiċċju wara l-2020. Sabiex tiġi pprovduta l-kapaċità meħtieġa tad-DC sabiex dan jospita pjattaformi addizzjonali, sadanittant, filwaqt li jkun qed jinbena d-DC2 u sakemm isir operattiv, huwa meħtieġ li l-kapaċità tad-DC eżistenti tiġi estiża bl-użu ta' approċċ flessibbli/modulari. Għal dan l-għan, il-kuntrattur tas-CSI ġie inkarigat b'approċċ imqassam fuq żewġ fażijiet. L-ewwel nett ser isir studju ta' fattibbiltà qasir dwar id-diversi għażliet modulari, li r-riżultat tiegħu se jiddetermina t-tieni fażi – l-akkwist u t-tnedija tas-soluzzjoni;<br>2. Il-kapaċità estiża tad-DC1 hija mistennija li tkun disponibbli fir-raba' trimestru tal-2019, bl-istudju tal-fattibilità mwettaq sal-aħħar ta' Marzu 2019. Ladarba jkun fis-seħħ, il-marka estiża se tippermetti li d-DC1 jiġi organizzat b'mod aktar effiċjenti sabiex jiġu ffaċilitati l-ħtiġijiet addizzjonali antiċipati tas-sistemi ewlenin tan-negozju għall-2019 u għall-2020. | Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet u tal-Infrastruttura<br><br>Kap tat-Taqsima tas-Servizzi Korporattivi |
| RISKJU 2 | Mitigazzjoni<br><br><u>Pjan ta' azzjoni:</u><br>1. Il-kollaborazzjoni mill-qrib mad-DĠ DIGIT fit-tħejjija tas-sejħa għall-offerti għas-suċċessur ta' TESTA-ng (Network pan-Ewropew Futur); | Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet u tal-Infrastruttura |

86 Li jirriżultaw mill-Attivitajiet tar-Riskju (Ġbir u Valutazzjoni tar-Riskju, Workshop Annwali) imwettqa fir-raba' trimestru tal-2018.
87 Il-klassifikazzjoni tar-riskji ssegwi l-eżitu tal-isforzi tal-valutazzjoni tar-riskji tal-2018.

<table>
<tr><td></td><td>2. Il-parteċipazzjoni fin-negozjati tal-kuntratt qafas għall-estensjoni tas-servizzi ta' TESTA-ng II, li jenħtieġ li jitmexxew mid-DĠ DIGIT u l-iżgurar li l-ħtiġijiet magħrufa tal-eu-LISA jkunu koperti;<br>3. Il-previżjoni taż-żieda fil-kostijiet għat-twassil kontinwu tas-servizzi tal-VIS u tas-SIS II u l-integrazzjoni ta' dawn fl-2020 u fil-baġits annwali sussegwenti;<br>4. L-iffirmar u l-implimentazzjoni tal-kuntratti għall-aġġornament tan-network tal-VIS sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-EES qabel tmiem (30/06/2020) l-FwC estiż ta' TESTA-ng II;<br>5. L-investigazzjoni tal-alternattivi ta' riżerva li jippermettu li titnaqqas id-dipendenza tal-eu-LISA fuq sistemi T (TAPs tal-eu-LISA stess, SD-WAN, diversi fornituri) f'konformità mar-riżultati tal-istudju dwar il-UWAN mistennija fi tmiem Ġunju 2019.</td><td></td></tr>
<tr><td>RISKJU 3</td><td>Mitigazzjoni<br><br><u>Pjan ta' azzjoni</u><br>1. L-istabbiliment ta' klawsoli ta' estinzjoni li jippermettu l-possibbiltà li jiġu estiżi l-kuntratti speċifiċi (SCs) kurrenti wara t-tmiem tal-lott rispettiv tal-FWC;<br>2. L-informar lill-kuntratturi u lill-persunal estern kif xieraq;<br>3. L-estensjoni tal-SCs kif xieraq;<br>4. L-iffinalizzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-FWC il-ġdid: Inizjaturi Operattivi.</td><td>Kap tal-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwist</td></tr>
<tr><td>RISKJU 4</td><td>Mitigazzjoni<br><br><u>Pjan ta' azzjoni</u><br>Il-konsolidazzjoni u l-użu sistematiku tal-miżuri diġà mnedija għas-sejħa għall-offerti tal-EES, fl-oqsma li ġejjin:<br>1. Il-ħolqien ta' siti speċifiċi tal-intranet għal kull proċedura ta' akkwist maġġuri sabiex jaġixxu bħala repożitorju tad-dokumenti, il-ġestjoni u t-traċċar tal-kompiti, u l-editjar kollaborattiv tad-dokumenti, b'kontroll speċifiku tal-aċċess ibbażat fuq il-prinċipji tal-ħtieġa ta' għarfien u tal-anqas privileġġjati. L-illoggjar u r-rapportar tal-awditjar għandhom ikunu attivati għall-aċċess kollu għall-informazzjoni. Jenħtieġ li dan id-disinn ikun iddokumentat bħala proċedura;<br>2. L-iżgurar li l-arranġamenti kuntrattwali applikabbli jkunu fis-seħħ kif xieraq fir-rigward tal-kunfidenzjalità;<br>3. L-implimentazzjoni ta' prattiki tal-iġjene ċibernetika fl-indirizzar ta' informazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti, eż. l-informazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti tintbagħat biss bħala links għas-sit ta' Sharepoint u mhux bħala hemżiet bl-email; l-iżgurar li d-dokumenti mehmuża jkunu kriptati jekk iridu jintbagħtu dokumenti;<br>4. Kamra speċifika sigura li għandha tiġi allokata għall-ħażna u għall-konsultazzjoni ta' informazzjoni u ta' dokumenti fiżiċi dwar is-sejħa għall-offerti (diġà saret). Idealment il-laqgħat ta' evalwazzjoni jkunu jistgħu jsiru hemmhekk ukoll;<br>5. Arranġamenti speċifiċi li għandhom jiġu żgurati għat-twassil tal-informazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti fis-sit (diġà saru);</td><td>Kap tal-Unità tas-Sigurtà<br><br>Kap tal-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwist</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td></td><td>6. Il-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' ġestjoni tad-drittijiet tal-informazzjoni sabiex tkun protetta teknikament l-informazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti;<br>7. Ir-rieżami tal-istruttura organizzazzjonali tas-settur tal-akkwist b'rigward partikolari għar-razzjonalizzazzjoni u għat-titjib tal-effettività tal-postijiet allokati lill-persunal.</td><td></td></tr>
<tr><td>RISKJU 5</td><td>Mitigazzjoni<br><br><u>Pjan ta' azzjoni:</u><br><br>L-organizzazzjoni u t-tfassil tal-pjan ta' trasformazzjoni, b'kont meħud tar-riskju deskritt hawn fuq, bl-azzjonijiet identifikati li ġejjin:<br>1. Id-definizzjoni ta' mudell operattiv ġdid għall-aġenzija;<br>2. L-iżvilupp ta' programmi ta' orjentazzjoni (skont il-pjan tal-proġett ta' trasformazzjoni);<br>3. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet u tal-ħiliet (skont il-pjan tal-proġett ta' trasformazzjoni, l-analiżi, it-tfassil, l-implimentazzjoni).</td><td>Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani</td></tr>
<tr><td>RISKJU 6</td><td>Mitigazzjoni<br><br><u>Pjan ta' azzjoni</u><br><br>1. Kuntrattur sabiex jopera prinċipalment fl-ambjent ta' ttestjar (u tal-preproduzzjoni, meta jkun stabbilit).<br>a. Id-drittijiet amministrattivi għandhom jingħataw lill-kuntrattur għal perjodu limitat ta' żmien biss, malli titlesta l-proċedura ta' tibdil regolari (permezz tal-OCAB).<br>b. Mat-tlestija tat-tibdil, il-persunal iddedikat tal-eu-LISA mis-settur tal-ICT bid-drittijiet amministrattivi (jiġifieri Inġinier tas-Sistema, Inġinier tan-Network, Inġinier tal-Applikazzjonijiet Anzjan) jipproċedi bl-awditu rilevanti sabiex tiġi kkonfermata l-korrettezza tal-implimentazzjoni tat-tibdil;<br>2. It-tlestija tar-reklutaġġ tal-persunal imsemmi hawn fuq malajr kemm jista' jkun;<br>3. It-tisħiħ tas-settur tal-IT Korporattiva b'AK addizzjonali, li jista' jkollhom rwol amministrattiv għoli fl-ambjent tal-IT korporattiva tagħna.</td><td>Kap tat-Taqsima tas-Servizzi Korporattivi</td></tr>
</table>

# Anness IX: Pjan ta' akkwist għall-2020

It-tabella li ġejja tinkludi s-sejħiet għall-offerta ppjanati għas-sena b'appoġġ dirett tal-attivitajiet operattivi inklużi fid-dokument uniku ta' programmar jew fir-rapport finanzjarju, b'valur stmat ta' aktar minn EUR 144 000. Meta tkun disponibbli, l-informazzjoni tiġi pprovduta wkoll għal offerti mhux operattivi.

Il-pjan ma jinkludix kuntratti speċifiċi maħruġa permezz ta' kuntratti qafas (FwC) mogħtija mill-Aġenzija, mill-Kummissjoni Ewropea jew minn istituzzjonijiet oħrajn tal-UE.

| Nru | Referenza tal-PD | Titolu tal-attività annwali | Kamp ta' applikazzjoni | Proċedura tal-akkwist | Perjodu ta' żmien indikattiv tat-tnedija tal-akkwist | Stima tal-kostijiet tal-proġett (EUR) | Tip ta' kuntratt | Tul tal-kuntratt (snin) | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2.2.1.5 | Implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac (kontinwazzjoni mill-2019) | Attivitajiet operattivi | Innegozjat mingħajr avviż dwar kuntratt | Kundizzjonali għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni | Konferma pendenti | FwC | mhux applikabbli | Il-limitu massimu tal-baġit tal-kuntratt eżistenti jeħtieġ li jiżdied sabiex ikopri r-riformulazzjoni (Proċedura nnegozjata) |
| 2 | 2.2.1.22 | Sistema Awtomatizzata ta' Dublin | Attivitajiet operattivi | Miftuħa | Kundizzjonali għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni | Konferma pendenti | FwC | 4 | |
| 3 | 2.2.1.23 | sBMS taħt l-implimentazzjoni tal-EES (kontinwazzjoni mill-2019) | Attivitajiet operattivi | Ristretta | L-ewwel trimestru tal-2020 | 301 M | FwC | 4+2 | Akkwist imniedi fl-2019 |
| 4 | 2.2.1.16 | Integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' Monitoraġġ Integrat Uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, b'mod li jkunu | Attivitajiet operattivi | Ristretta | Ir-raba' trimestru tal-2020 | 450 k | FwC | 4 | Tista' tkun parti mill-Akkwist Trażversali, mhux ikkonfermata sa Ottubru 2019. |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | koperti s-sistemi kollha li qed jitħaddmu | | | | | | | |
| 5 | 2.2.1.25 | Implimentazzjon i tal-ECRIS-TCN | Attivitajiet operattivi | Ristretta | It-tieni trimestru tal-2020 | 3.77 M | FwC | 4 | Tista' tkun parti mill-Akkwist Trażversali, mhux ikkonfermata sa Ottubru 2019 |
| 6 | 2.2.1.24 u diversi | Qafas tal-inġinerija trażversali | Attivitajiet operattivi | Miftuħa/Ristretta | 2020 | Lott 1 - 175 M<br>Lott 2 - 175 M<br>Lott 3 - 440 M<br>Lott 4 - 180 M | FwC | 4+1+1 | 4 lottijiet separati. Servizzi ta' disinn, ta' kwalità, ta' żvilupp, ta' infrastruttura, ta' pjattaformi u ta' ttestjar. Il-kamp ta' applikazzjoni jinkludi l-iżvilupp tal-ETIAS u l-ħtiġijiet addizzjonali tas-sistema. |
| 7 | multipla | Qafas tal-operazzjonijiet trażversali | Attivitajiet operattivi | Miftuħa/Ristretta | 2020 | Konferma pendenti | FwC | 4+1+1 | Operazzjonijiet ta' kuljum u manutenzjoni korrettiva |
| 8 | 2.3.7 | Ufficċju Interim ta' Strasburgu | Akkwist relatat mal-attivitajiet tas-Servizzi Korporattivi | Innegozjat mingħajr avviż dwar kuntratt | L-ewwel trimestru tal-2020 | 5.4 M | Lokazzjoni | 9 | |

# Anness X: Organigramma 2018-2020

Fl-2018, saru t-tibdiliet li ġejjin fl-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA, li affettwaw l-għadd ta' ħaddiema.

- Id-Dipartiment tar-Riżorsi u tal-Amministrazzjoni biddel ismu għad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi u s-Settur tas-Servizzi Korporattivi sar unità fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi;
- L-isem tal-funzjoni tal-Awditur Intern inbidel għal Kap tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern;
- L-Unità għar-Riżorsi Umani u għat-Taħriġ biddlet isimha għall-Unità tar-Riżorsi Umani;
- L-Uffiċċju ta' Kollegament beda jirrapporta direttament mal-ED;
- Il-kariga ta' Uffiċjal Legali ġiet ittrasferita mill-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali għad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi.

L-organigramma (Illustrazzjoni 1) turi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2018. Għal kull entità organizzazzjonali tal-eu-LISA, hija tippreżenta l-għadd ta' karigi fil-parentesi ( ) u l-għadd ta' pożizzjoni vakanti f'parentesi kwadri [ ].

Fl-2019, l-eu-LISA biddlet l-istruttura organizzazzjonali tagħha sabiex tadatta għall-mandat estiż tagħha u għall-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet il-ġodda tagħha, kif ukoll sabiex takkomoda l-persunal addizzjonali li ngħatat fl-2018-2020.

Bħala riżultat tal-eżerċizzju ta' riorganizzazzjoni, inħoloq dipartiment ġdid (Dipartiment tal-Governanza Korporattiva), li jikkonsisti f'żewġ unitajiet: l-Unità tal-Appoġġ Eżekuttiv u tar-Relazzjonijiet mal-Partijiet Ikkonċernati u l-Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet. Inħolqu tliet unitajiet ġodda fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet u l-unitajiet eżistenti ngħataw isem ġdid li jirrifletti l-funzjonijiet il-ġodda tagħhom.

L-organigramma (Illustrazzjoni 2) turi s-sitwazzjoni fl-20 ta' Ottubru 2019. Tabella taħt l-organigramma turi l-għadd ta' karigi mimlija s'issa u l-għadd ta' pożizzjonijiet vakanti f'kull entità organizzazzjonali tal-eu-LISA.

Illustrazzjoni 1: l-istruttura organizzazzjonali u l-għadd ta' persunal tal-eu-LISA fil-31 ta' Diċembru 2018.



Illustrazzjoni 2: l-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA fl-1 ta' Settembru 2019.



Tabella 24 – L-għadd ta' persunal skont l-istruttura organizzazzjonali tal-1 ta' Settembru, bl-istatus fl-20 ta' Ottubru 2019.

| Dipartiment | Unità | Numru ta' karigi | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | AT | | AK | | ENS | | Total |
| | | Okkupati[88] | Vakanti | Okkupati | Vakanti | Okkupati | Vakanti | |
| ED | ED | 7 | 2 | 6 | 1 | 1 | 0 | 17 |
| M/A | Sigurtà | 9 | 1 | 7 | 0 | 2 | 0 | 19 |
| Dipartiment tal-Governanza Korporattiva | M/A | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Dipartiment tal-Governanza Korporattiva | Unità tal-Appoġġ Eżekuttiv u tar-Relazzjonijiet mal-Partijiet Ikkonċernati | 7 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 11 |
| Dipartiment tal-Governanza Korporattiva | Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet | 5 | 2 | 2 | 0 | 3 | 0 | 12 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | M/A | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 4 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | Unità tar-Riżorsi Umani | 7 | 1 | 7 | 0 | 0 | 0 | 15 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti | 18 | 2 | 6 | 2 | 0 | 0 | 28 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | Unità tas-Servizzi Korporattivi | 9 | 0 | 8 | 0 | 1 | 0 | 18 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | M/A | 2 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità tal-Ippjanar u tal-Istandards | 20 | 4 | 4 | 2 | 1 | 0 | 31 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità għat-Twettiq tal-Programmi u tal-Proġetti | 12 | 1 | 6 | 6 | 1 | 0 | 26 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità tat-Testijiet u tat-Tranżizzjoni | 11 | 0 | 2 | 5 | 0 | 0 | 18 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità ta' Ġestjoni tal-Infrastruttura | 18 | 5 | 4 | 8 | 1 | 1 | 37 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | Unità tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi | 24 | 0 | 7 | 0 | 0 | 0 | 31 |
| **Total** | | **151** | **21** | **64** | **24** | **10** | **1** | **271** |

[88] Il-karigi okkupati f'din it-tabella jinkludu l-offerti ta' xogħol li saru.

# Anness XI: FLS standard

Fl-2013, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta d-dokument **2013-084 FLS Standard għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA**, li jiddefinixxi s-servizzi pprovduti mill-eu-LISA lill-Istati Membri, bħala parti mill-mandat tagħha.

# Anness XII: Indikaturi tal-livell ta' servizz komuni

L-indikaturi tal-livell ta' servizz komuni applikabbli għas-sistemi tal-IT kollha fuq skala kbira huma deskritti fil-**Politika dwar il-Ġestjoni tal-Livell ta' Servizz tal-eu-LISA, l-Anness 2 dwar ir-rekwiżiti tar-rapport dwar il-FLS.**